ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 188 E

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

28 ta' Ġunju 2012

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

SESSJONI 2010–2011

Dati tas-seduti: 15–17 ta' Frar 2011

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 164 E, 2.6.2011.

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

2012/C 188 E/01 L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi (2006/123/KE)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi 2006/123/KE (2010/2053(INI)) . . . 1

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

2012/C 188 E/02 Aspetti prattiċi rigward ir-reviżjoni tal-istrumenti tal-UE biex jappoġġjaw lill-SMEs fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-aspetti prattiċi rigward ir-reviżjoni tal-istrumenti tal-UE maħsuba biex jingħata appoġġ finanzjarju għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss . . . 7

2012/C 188 E/03 Lejn sistemi ta' pensjonijiet Ewropej adegwati, sostenibbli u siguri

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 dwar "Lejn sistemi ta' pensjonijiet Ewropej adegwati, sostenibbli u siguri" (2010/2239(INI)) . . . 9

2012/C 188 E/04 Ir-rapport ta' progress 2010 dwar il-Kroazja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 dwar ir-rapport ta' progress tal-2010 dwar il-Kroazja 19

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Il-Ħamis 17 ta’ Frar 2011**


2012/C 188 E/05 — Is-sitwazzjoni fl-Eġittu

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Frar 2011 dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu ....... 26

2012/C 188 E/06 — Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Frar 2011 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju ....... 30

2012/C 188 E/07 — L-istat tad-dritt fir-Russja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Frar 2011 dwar l-istat tad-dritt fir-Russja ....... 37

2012/C 188 E/08 — L-Istrateġija Enerġetika tal-Bank Dinji

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Frar 2011 dwar l-istrateġija enerġetika tal-Bank Dinji għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw ....... 40

2012/C 188 E/09 — Ewropa 2020 (Kunsill tar-Rebbiegħa 2011)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Frar 2011 dwar l-Istrateġija Ewropa 2020 ....... 42

2012/C 188 E/10 — L-implimentazzjoni tal-linji gwida għall-politiki dwar l-impjieg tal-Istati Membri

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Frar 2011 dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri ....... 47

2012/C 188 E/11 — Żieda fil-prezzijiet tal-ikel

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Frar 2011 dwar iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel ....... 51

2012/C 188 E/12 — Ġlied fil-fruntiera bejn it-Tajlandja u l-Kambodja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Frar 2011 dwar il-ġlied fuq il-fruntiera bejn it-Tajlandja u l-Kambodja ....... 57

2012/C 188 E/13 — Jemen: il-piena tal-mewt lil minorenni li jwettqu reati, partikolarment il-każ ta’ Muhammed Taher Thabet Samoum

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Frar 2011 dwar il-Jemen: il-persekuzzjoni tat-trasgressuri minorenni, b’mod partikulari l-każ ta’ Muhammed Taher Thabet Samoum ....... 59

2012/C 188 E/14 — Uganda: l-omiċidju ta’ David Kato

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Frar 2011 dwar l-Uganda: il-qtil ta’ David Kato ....... 62


MT

*(Ikompli fuq paġna 115)*

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi (2006/123/KE)

P7_TA(2011)0051

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi 2006/123/KE (2010/2053(INI))**

(2012/C 188 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9, 49 u 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2010 lill-Kunsill "Kompetittività" dwar is-sitwazzjoni fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn Att dwar is-Suq Uniku" (COM(2010)0608),

— wara li kkunsidra r-rapport lill-President tal-Kummissjoni Ewropea bit-titlu "Strateġija ġdida għas-Suq Uniku",

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 "Ir-realizzazzjoni tas-suq uniku għall-konsumaturi u ċ-ċittadini" ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 48 u 119(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-Kumitat għall-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0012/2011),

([1]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0186.

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

A. billi d-Direttiva dwar is-Servizzi timmira sabiex is-suq intern tas-servizzi jiġi kkompletat filwaqt li jkun iggarantit livell għoli ta' kwalità u ta' koeżjoni soċjali,

B. billi d-Direttiva dwar is-Servizzi tikkostitwixxi strument għat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-implimentazzjoni tagħha għandha tiġi integrata fil-qafas tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-Att dwar is-Suq Uniku,

C. billi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi hi stipulata fit-Trattati,

D. billi t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tikkostitwixxi sfida kbira għall-Istati Membri, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-awtoritajiet lokali minħabba d-dispożizzjonijiet tagħha rigward id-dritt ta' stabbiliment u l-forniment ta' servizzi u bl-istabbiliment ta' punti waħdiena ta' kuntatt biex jassistu fl-għoti ta' servizzi, b'mod partikolari lill-SMEs,

E. billi l-impatt tad-Direttiva fuq l-ekonomija, l-intrapriżi u ċ-ċittadini jista' jiġi vvalutat biss wara li tkun ġiet trasposta b'mod komplet u kif suppost fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni,

F. billi l-kwalità tal-implimentazzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri hija essenzjali bħalma huwa r-rispett tat-termini ta' skadenza stipulati għaliha,

G. billi bid-Direttiva dwar is-Servizzi sar ferm eħfef, l-iżjed għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, li jsegwu l-attivitajiet tagħhom, jiżviluppaw oqsma ġodda ta' negozju u wkoll li jirreklutaw persunal ġdid fi Stati Membri oħra,

H. billi l-attivitajiet koperti mid-Direttiva dwar is-Servizzi jirrappreżentaw 40 % tal-PGD u tal-impjiegi fl-UE u għalhekk jirrappreżentaw settur ewlieni ta' tkabbir ekonomiku u fil-ġlieda kontra l-qgħad; billi l-għan tad-Direttiva dwar is-Servizzi hu li tillibera l-potenzjal ekonomiku u ta' ħolqien ta' impjiegi enormi tas-suq intern tal-Unjoni Ewropea fis-settur tas-servizzi, li hu stmat fil-livell ta' bejn 0,6 - 1,5 % tal-PGD tal-UE; billi, barra minn hekk, id-Direttiva dwar is-Servizzi għandha l-għan li tikseb l-għanijiet elenkati fl-Artikolu 3 TFUE,

I. billi settur tas-servizzi aktar dinamiku b'intensità għolja ta' mano d'opera jista' jgħin biex jiġi sostnut it-tkabbir,

1. Ifakkar fid-dibattitu pubbliku u l-politika mingħajr preċedent li d-Direttiva dwar is-Servizzi kienet l-oġġett tagħhom u fir-rwol ewlieni tal-Parlament Ewropew f'dawn in-negozjati; iqis konsegwentement li l-Parlament Ewropew għandu jipprovdi monitoraġġ effettiv tal-proċess ta' implimentazzjoni tad-Direttiva min-naħa tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tinforma regolarment lill-Parlament dwar is-sitwazzjoni tat-traspożizzjoni;

2. Jenfasizza li d-Direttiva dwar is-Servizzi hi pass essenzjali lejn suq intern għas-servizzi reali, li għandu jippermetti lill-intrapriżi, u b'mod partikolari lill-SMEs, jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom b'servizzi aħjar bi prezz kompetittiv fis-suq intern; iqis madankollu, li hu essenzjali li wara traspożizzjoni sħiħa titwettaq valutazzjoni komprensiva tal-impatt tad-Direttiva dwar is-Servizzi;

3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi toħloq dinamika ta' modernizzazzjoni mingħajr preċedent fl-Istati Membri kollha, li tirrizulta f'metodi ġodda ta' xogħol u ta' valutazzjoni. jenfasizza l-irwol ewlieni tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet professjonali fil-proċess ta' traspożizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni ġġib flimkien b'mod formali lil dawn tal-aħħar fil-fażi ta' valutazzjoni reċiproka;

4. Jinnota li l-parti l-kbira tal-Istati Membri ppreferew traspożizzjoni permezz ta' leġiżlazzjoni "orizzontali"; josserva, madankollu, li l-metodu ta' traspożizzjoni jiddependi mill-organizzazzjoni interna speċifika tal-Istati Membri; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri kkonċernati jiżguraw trasparenza akbar, partikolarment permezz ta' involviment akbar tal-parlamenti nazzjonali fit-tħejjija tat-tabelli ta' korrelazzjoni;

5. Ifakkar li l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi m'għandhiex titqies mill-maġġoranza tal-Istati Membri bħala sempliċi proċedura ta' eżekuzzjoni li tikkonsisti fl-abolizzjoni, b'mod mekkaniku u orizzontali, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet speċjali, iżda għall-kuntrarju għandha titqies bħala okkażjoni li fiha tiġi aġġornata u ssimplifikata l-leġiżlazzjoni u rristrutturata b'mod sostanzjali l-ekonomija tas-servizzi, billi jiġu kkunsidrati l-objettivi ta' salvagwardja tal-interess pubbliku, bħalma dan, wara kollox, qed jiġi definit anki fid-Direttiva stess;

6. Jikkunsidra li biex il-fornituri tas-servizzi jibbenifikaw kif suppost mid-Direttiva dwar is-Servizzi, l-implimentazzjoni kompleta u fil-ħin tagħha, kemm f'livell legali u kemm f'dak operazzjonali, għandha tiġi żgurata fl-Istati Membri kollha;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-applikazzjoni tad-Direttiva fl-Istati Membri kollha u biex toħroġ rapport regolari dwar l-implimentazzjoni. iqis li dawn ir-rapporti għandhom iqisu l-effetti reali fi żmien medju u fit-tul tad-Direttiva dwar l-impjiegi fl-UE;

8. Jittama li d-Direttiva dwar is-Servizzi jkollha ġenwinament impatt pożittiv bil-ħolqien ta' impjiegi sostenibbli, deċenti u ta' kwalità u bit-titjib fil-kwalità u fis-sikurezza tas-servizzi pprovduti;

9. Jagħraf il-potenzjal tad-Direttiva tas-Servizzi għal iktar integrazzjoni tal-ekonomija tal-UE u t-tnedija mill-ġdid tas-suq uniku, billi jitkattru l-benessri ekonomiku u l-kompetittività u jingħata kontribut għall-impjiegi u l-ħolqien tal-impjiegi, peress li s-servizzi għandhom sehem sinifikanti fil-PGD u l-impjiegi fl-UE; iqis li l-implimentazzjoni korretta u rapida tad-Direttiva fl-Istati Membri kollha hija kundizzjoni importanti għall-ilħiq tal-miri tal-politika ta' koeżjoni u l-politika reġjonali u li tista' ssaħħaħ ir-relazzjoni ta' rinforz reċiproku bejn is-suq intern u l-politika ta' koeżjoni u tikkontribwixxi għall-ilħiq tal-miri tal-Istrateġija UE 2020, filwaqt li sservi biex tiġi eliminata r-retiċenza eżistenti dwar is-suq uniku fis-settur tal-forniment tas-servizzi;

10. Jispera li l-għanijiet tad-Direttiva jistgħu jibdew jintlaħqu fil-ġejjieni qarib u li l-UE kollha u r-reġjuni tagħha jistgħu jibbenefikaw, biex b'hekk jingħata kontribut għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali reali;

11. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissorvelja b'mod effikaċi, u tivvaluta mill-bidu, l-impatt tad-Direttiva fuq ir-reġjuni, u biex tiżgura l-koordinazzjoni effikaċi tal-politiki kollha konnessi mal-implimentazzjoni tad-Direttiva; jitlob lill-Kummmissjoni tappoġġa t-twettiq ta' kampanji ta' informazzjoni għall-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva, sabiex jintlaħqu l-miri tagħha;

12. Jistenna li d-Direttiva tista' fil-fatt iġġib magħha tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi kif ukoll f'każijiet ta' nuqqas ta' ċertezza legali, partikolarment dawk li jaffettwaw lill-SMEs, li jippredominaw fil-qasam tas-servizzi; jikkunsidra li t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi ser jiffaċilita l-iżvilupp ta' servizzi addizzjonali f'żoni rurali, remoti u dawk l-aktar imbiegħda;

13. Jirrakkomanda l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali ta' appoġġ għall-SMEs innovattivi, li l-aktar li huma milquta mill-kriżi ekonomika u finanzjarja;

### *Proċedura ta' valutazzjoni*

14. Iqis li l-proċess ta' skrining tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li jirregola l-libertà ta' stabbiliment u ta' forniment ħieles ta' servizzi jikkostitwixxi pilastru tad-Direttiva; jinnota li dan il-proċess għandu jippermetti l-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti tal-libertà ta' stabbiliment u ta' forniment ta' servizzi bil-għan li jiffaċilita l-għoti ta' servizzi transkonfinali;

15. Jemmen li l-valutazzjoni reċiproka tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kwalità u l-effikaċja tar-regolazzjoni tas-suq intern peress li l-valutazzjoni sistematika u l-kontroll tat-traspożizzjoni marbut magħha jistimolaw lill-awtoritajiet nazzjonali biex jagħtu l-attenzjoni tagħhom lill-eżiġenzi tal-Unjoni u li jaraw li l-implimentazzjoni tal-imsemmija eżiġenzi titwettaq fil-livell nazzjonali;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkoperaw biex ikomplu jippromwovu l-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi abbażi tal-proċedura ta' valutazzjoni reċiproka proposta fid-Direttiva tas-Servizzi, li bħalissa qed tiġi trasposta mill-Istati Membri;

17. Ifakkar li l-Istati Membri jistgħu jżommu s-sistemi tagħhom ta' awtorizzazzjoni u ċerti rekwiżiti biss f'każijiet fejn dawn evidentement ma jkunux diskriminatorji u jekk ikunu neċessarji u proporzjonati; jenfasizza li, f'dan il-kuntest, l-Istati Membri żammew ċertu ammont ta' sistemi ta' awtorizzazzjoni billi rrendewhom aktar aċċessibbli u aktar trasparenti għall-fornituri tas-servizzi; jiddispjaċih li xi wħud mill-Istati Membri ma kinux aktar ambizzjużi u ma użawx kompletament il-potenzjal tad-Direttiva dwar is-Servizzi fir-rigward tas-simplifikazzjoni amministrattiva u regolatorja;

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

18. Jenfasizza d-diffikultajiet li rriżultaw fir-rigward tar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, b'mod partikolari għall-karigi mediċi; ifakkar li d-Direttiva dwar is-Servizzi ma tistax tapplika għad-dispożizzjonijiet diġà koperti minn direttivi settorjali; jistieden lill-Kummissjoni tikkjarifika din is-sitwazzjoni fil-qafas ta' reviżjoni tad-Direttiva dwar il-kwalifiki professjonali;

19. Ifakkar fid-dispożizzjonijiet speċifiċi relattivi għad-dritt tal-istabbiliment u dawk rigward il-forniment temporanju ta' servizzi fi Stat Membru ieħor; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra bis-sħiħ din l-ispeċifiċità fil-valutazzjoni tagħha;

20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iwaqqfu darba għal dejjem id-diskriminazzjoni mhux ġustifikata kontra l-konsumaturi abbażi tan-nazzjonalità jew tar-residenza billi jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-Artikolu 20(2) tad-Direttiva dwar is-Servizzi, kif ukoll l-infurzar adegwat, mill-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali, tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw din ir-regola ta' nondiskriminazzjoni fis-sistemi legali tal-Istati Membri; ifakkar li l-Artikolu 20(2) m'għandux l-intenzjoni li jipprevjeni differenzi fit-trattament tal-kondizzjonijiet ġenerali bbażati fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi, bħal pereżempju d-distanza involuta jew l-ispejjeż ogħla li jirriżultaw mill-forniment tas-servizzi lir-riċevituri fi Stati Membri oħra;

21. Jenfasizza li l-proċess ta' skrining li jsir fil-qafas tad-Direttiva jikkostitwixxi ħidma importanti għall-amministrazzjonijiet nazzjonali u li dan il-kompitu għandu jitqies fil-valutazzjoni tat-traspożizzjoni;

22. Jinnota l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw il-proċess ta' valutazzjoni reċiproka; iqis li li l-proċedura ta' valutazzjoni hija strument importanti biex jitkejjel il-progress tal-implimentazzjoni tad-Direttiva fi ħdan l-Istati Membri; jikkunsidra li l-istat ta' avvanz tal-proċess għadu ma jippermettix li tiġi vvalutata l-effikaċità tagħha; jenfasizza li l-proċedura inkwestjoni għandha tkun ta' għajnuna biex jiġi vverifikat jekk ir-regoli fis-seħħ fl-Istati Membri jissodisfawx ir-rekwiżiti tas-suq intern u li dawn ma joħolqux ostakoli ġodda; jesprimi x-xewqa tiegħu li l-Kummissjoni tipproċedi għal eżami profond tal-potenzjalitajiet ta' dan il-metodu ġdid fil-kuntest tal-Att dwar is-Suq Uniku;

23. Jiddispjaċih li l-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali mhumiex iżjed involuti fil-proċess ta' valutazzjoni reċiproka;

24. Jistieden lill-Kummissjoni biex tidentifika ċerti professjonijiet u setturi problematiċi fir-rigward tal-forniment tas-servizzi transkonfinali u biex twettaq valutazzjoni dettaljata tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli u tal-kawżi tal-funzjonament ħażin;

### *Punti waħdiena ta' kuntatt (PSCs)*

25. Iqis li l-ħolqien ta' punti waħdiena ta' kuntatt huwa element essenzjali għal implimentazzjoni effikaċi tad-Direttiva; jammetti li dan jeħtieġ sforz sostanzjali min-naħa tal-Istati Membri fil-livell finanzjarju, tekniku u organizzattiv; jenfasizza l-bżonn li s-sħab soċjali u l-assoċjazzjonijiet kummerċjali jkunu involuti fil-proċess;

26. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw il-punti waħdiena ta' kuntatt f'portali komprensivi tal-Gvern-e għall-fornituri ta' servizzi li jixtiequ jwaqqfu negozju jew jipprovdu servizzi transkonfinali; jistieden lill-Istati Membri jkomplu jtejbu l-aċċessibilità tal-punti waħdiena ta' kuntatt, inkluża l-possibilità li jitwettqu l-akkwisti b'mod elettroniku, mingħajr il-bżonn li dak li jkun imur f'wieħed minn dawn il-punti waħdiena ta' kuntatt, kif ukoll il-kwalità u l-pertinenza tal-informazzjoni u l-proċeduri disponibbli għall-utenti, b'mod partikolari l-SMEs, inkluż l-inklużjoni u t-temma tal-proċeduri skont il-liġi tax-xogħol u fiskali li tinsab fis-seħħ fl-Istat Membru rilevanti għall-fornituri tas-servizz, bħall-proċeduri marbutin mal-VAT u mar-reġistrazzjoni għas-sigurtà soċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li t-tagħrif kollu pprovdut mill-punti waħdiena ta' kuntatt ikun disponibbli wkoll b'lingwi oħra barra minn dawk nazzjonali, b'kunsiderazzjoni speċjali tal-lingwi tal-pajjiżi ġirien;

27. Jistieden lill-Istati Membri biex itejbu d-disponibilità ta' proċeduri elettroniċi – fost l-oħrajn, bis-saħħa tat-traduzzjoni tal-formoli rilevanti kollha; jistieden lill-Istati Membri biex joffru faċilitajiet ta' rintraċċar għall-utenti tal-PSC, li bihom dawn l-utenti jkunu jistgħu jsegwu l-progress tal-proċeduri li jkunu għaddejjin;

28. Jirrikonoxxi l-problemi ffaċċjati fil-proċess tal-funzjonament tal-punt waħdieni ta' kuntatt fir-rigward tal-prova tal-identità, l-użu ta' firem elettroniċi, il-preżentazzjoni ta' dokumenti oriġinali jew kopji ċċertifikati, speċjalment fil-kuntest transkonfinali; jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri biex tinstab soluzzjoni għal din il-kwestjoni biex l-SMEs ikunu jistgħu jibbenifikaw mis-suq uniku u jevitaw kwalunkwe inċertezza legali u teknika;

29. Jenfasizza li huwa partikolarment importanti, bl-għan li jkun faċli għal min jużahom, li jiġi ċċarat liema rekwiżiti japplikaw għall-istabbiliment permanenti ta' negozju meta mqabbel mal-forniment ta' servizzi transkonfinali fuq bażi temporanja;

30. Jiddispjaċih li l-parir offrut mill-punti waħdiena ta' kuntatt għadu ma jilħaqx il-fornituri tas-servizzi prospettivi u l-informazzjoni dwar kif wieħed jista' jikkuntattja lill-punti waħdiena ta' kuntatt għadha mhix magħrufa minn kulħadd; jistieden lill-Kummissjoni talloka fondi xierqa fl-abbozz tal-baġit 2012 biex tniedi promozzjoni ta' punti waħdiena ta' kuntatt fil-livell Ewropew biex wieħed ikun konxju tal-possibilitajiet li dawn jistgħu joffru lill-fornituri tas-servizzi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-parteċipanti interessati, jagħtu bidu kemm jista' jkun malajr għal kampanji ta' promozzjoni, informazzjoni u ta' taħriġ b'mira speċifika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu l-viżibilità u r-rikonoxxibilità tad-dominju eu-go u li jkunu jinkludu studji ta' każijiet ta' negozji li qed jużaw il-punti waħdiena ta' kuntatt u l-benefiċċji li rriżultawlhom minnhom;

31. Iqis li d-djalogu u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri jiffurmaw elementi importanti ħafna għat-titjib u l-iżvilupp tal-punti waħdiena ta' kuntatt inkwestjoni; jenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni urġenti fl-Istati fejn il-punti waħdiena ta' kuntatt jew għadhom ma jeżistux jew ma joperawx b'mod sodisfaċenti; jistieden il-parti l-kbira tal-Istati Membri biex jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex il-proċessi u l-proċeduri meħtieġa jkunu jistgħu jitwettqu permezz tal-punti waħdiena ta' kuntatt;

32. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-websajts nazzjonali tal-punti waħdiena ta' kuntatt iqiegħdu għad-disponibilità tal-utenti l-obbligi ta' informazzjoni ġodda li huma meħtieġa mill-fornituri ta' servizzi għall-benefiċċju tal-konsumaturi;

33. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni statistika paragunabbli meħtieġa għall-valutazzjoni tal-funzjonament tal-punti waħdiena ta' kuntatt u l-impatt ta' dawn tal-aħħar fil-livell nazzjonali u Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tal-forniment ta' servizzi transkonfinali; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi kriterji ċari għall-valutazzjoni tal-punti waħdiena ta' kuntatt. iqis li dawn il-kriterji għandhom jibbażaw ruħhom fuq indikaturi kemm kwantitattivi u kemm kwalitattivi;

34. Jinnota li xi wħud mill-Istati Membri jeħtieġu jindirizzaw numru ta' kwestjonijiet legali u tekniċi biex jippermettu l-użu transkonfinali tal-punti waħdiena ta' kuntatt; jistieden lil dawk l-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri meħtieġa, b'attenzjoni partikolari għar-rikonoxximent tal-firem elettroniċi; jistieden lill-Kummissjoni biex tibqa' sejra bl-isforzi kontinwi tagħha biex ittejjeb l-interoperabilità u r-rikonoxximent reċiproku tal-proċeduri elettroniċi u tieħu l-miżuri ta' appoġġ meħtieġa biex tħaffef l-użu transkonfinali tal-punti waħdiena ta' kuntatt; jirrakkomanda li l-Kummissjoni toffri lill-fornituri tas-servizzi, bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, link elettroniku dirett għall-punti waħdiena ta' kuntatt tal-Istati Membri;

35. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex iżidu l-isforzi biex jiżguraw l-interoperabilità elettronika sħiħa tal-punti waħdiena ta' kuntatt; jenfasizza r-rabta mal-proposta 22 tal-Att dwar is-Suq Uniku dwar il-firem elettroniċi, l-awtentifikazzjoni elettronika u l-identifikazzjoni elettronika;

36. Ifakkar li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jwettqu valutazzjoni tar-riskju biex jiżguraw li n-negozji ma jiffaċċjawx piżijiet eċċessivi meta jkunu jridu jikkompletaw il-proċeduri tagħhom elettronikament; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-possibilitajiet li l-intrapriżi jużaw il-mezzi nazzjonali tagħhom ta' identifikazzjoni/awtentikar elettroniku jekk huma jużaw il-punt waħdieni ta' kuntatt fi Stati Membri oħrajn;

37. Iqis li, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni kumplessa, iċ-ċittadini kollha għandhom ikunu jistgħu jikkonsultaw mal-awtoritajiet fl-oqsma rispettivi tar-responsabbiltà tagħhom, sabiex jingħataw tweġiba preċiża għall-mistoqsijiet tagħhom; jikkunsidra li l-kunċett ta' deċiżjonijiet amministrattivi bil-quddiem għandu għalhekk ikun żviluppat fil-qasam tal-liġi tax-xogħol u fil-qasam tas-sigurtà soċjali sabiex tiġi missielta l-inċertezza legali; iqis, barra minn hekk, li sabiex tiġi żgurata t-trasparenza, għandhom jiġu ppubblikati d-deċiżjonijiet mehuda;

***Kooperazzjoni amministrattiva***

38. Ifakkar fl-importanza tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kooperazzjoni amministrattiva u l-assistenza reċiproka; jikkunsidra li l-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija l-kundizzjoni biex jiġi żgurat kontroll effettiv tal-fornituri tas-servizzi u livell għoli ta' kwalità u ta' sigurtà tas-servizzi fi ħdan l-Unjoni Ewropea;

39. Jilqa' b'sodisfazzjon l-ammont li qed jiżdied tal-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-kontroll tas-servizzi fi ħdan is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) li tippermetti skambju ta' informazzjoni dirett, rapidu u effikaċi; iqis li l-IMI tista' tintuża għal direttivi rilevanti oħra;

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

40. Jemmen li s-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u l-punti ta' kuntatt uniku – peress li dawn jeħtieġu sforz kbir ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kollha involuti – jistgħu jwittu t-triq għal iktar interoperabbiltà u netwerking fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali fl-UE kollha; jikkunsidra li, meta jkunu qed jiġu definiti r-regoli u l-proċeduri biex jiżguraw il-funzjonament tagħha, għandu jkun hemm ċerta flessibilità skont dak li tirrikjedi d-diversità reġjonali fil-livell tal-UE u li, għal dan l-għan, kull miżura għandha tiġi adottata bi sħab u wara dibattitu veru fil-livell lokali u reġjonali;

41. Iqis li huwa utli li tiġi stabbilita kooperazzjoni fil-kuntest ta' netwerk Ewropew magħmul mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri u li jiġi stabbilit skambju ta' informazzjoni fuq l-affidabbiltà tal-fornituri tas-servizzi, biex b'hekk jiġu eliminati kontrolli addizzjonali li jseħħu fuq l-attivitajiet transkonfinali;

42. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati azzjonijiet ta' taħriġ ta' uffiċjali fl-amministrazzjonijiet nazzjonali u reġjonali inkarigati mill-kontroll tas-servizzi; jirrikonoxxi l-isforzi li l-Istati Membri diġà għamlu f'dan ir-rigward u jistieden lill-Istati Membri biex ikomplu jikkonsolidaw in-netwerks nazzjonali tal-IMI permezz ta' monitoraġġ kontinwu tax-xogħol prattiku tagħhom u billi jiġi żgurat li jkun hemm taħriġ adegwat; ifakkar li s-suċċess sostenibbli tal-IMI jiddependi fuq investiment adegwat fil-livell Komunitarju; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tintroduċi programm multiannwali għal dan l-iskop u timmobilizza r-riżorsi kollha meħtieġa biex dan il-programm ikun ta' suċċess;

43. huwa tal-fehma li l-proċeduri amministrattivi jeħtiġilhom isiru aktar effiċjenti; jikkunsidra li jkun utli f'dan il-kuntest li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib bejn il-punti ta' kuntatt uniku, sabiex huma jkunu jistgħu jaqsmu l-esperjenzi fil-qasam ta' servizzi transkonfinali fir-reġjuni differenti tal-Ewropa;

***Ambitu***

44. Ifakkar li d-Direttiva eskludiet għadd ta' oqsma mill-ambitu ta' applikazzjoni tagħha, inklużi s-servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali, is-servizzi tal-kura tas-saħħa u l-biċċa l-kbira tas-servizzi soċjali; jinnota li d-Direttiva ma tapplikax għal-liġi tax-xogħol u lanqas ma taffettwa l-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri;

45. Jinnota d-diskussjonijiet f'xi wħud mill-Istati Membri dwar is-servizzi li ġew esklużi mill-ambitu tad-Direttiva; jinnota li l-maġġoranza tal-Istati Membri ma ltaqgħux ma' problemi sinifikanti matul l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi fir-rigward tal-ambitu tagħha; ifakkar li dawn is-servizzi ġew esklużi minħabba n-natura speċifika tagħhom u l-fatt li, f'xi każijiet, jirrikjedu qafas leġiżlattiv Komunitarju settorjali; jinnota li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msejħa "Lejn Att dwar is-Suq Uniku" timpenja ruħha biex fl-2011 tressaq ġabra ta' miżuri marbutin ma' servizzi ta' interess ġenerali;

46. Jitlob għal monitoraġġ xieraq u komprensiv għall-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva rigward is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, filwaqt li jiġi rrispettat it-taqsim tal-kompetenzi mal-Istati Membri; jinnota li din id-Direttiva ma taffettwax il-libertà tal-Istati Membri li, bi qbil mar-regoli Komunitarji, jistabbilixxu liema servizzi jqisuhom ta' interess ekonomiku ġenerali, kif dawn is-servizzi għandhom ikunu organizzati u ffinanzjati b'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat u għal liema obbligi speċifiċi għandhom ikunu suġġetti;

47. Jitlob kunsiderazzjoni akbar tal-prinċipju bażiku tal-awtogovernanza lokali fl-implimentazzjoni tad-Direttiva, u li jiġu evitati kemm jista' jkun piżijiet amministrattivi burokratiċi u restrizzjonijiet tal-libertà deċiżjonali fil-livell lokali rigward servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali;

48. Iqis li l-miżuri addizzjonali meħtieġa biex jiġi kkompletat is-suq intern tas-servizzi għandhom ikunu integrati kompletament fid-diskussjoni dwar l-Att dwar is-Suq Uniku;

*

* *

49. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

# Aspetti prattiċi rigward ir-reviżjoni tal-istrumenti tal-UE biex jappoġġjaw lill-SMEs fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss

P7_TA(2011)0057

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-aspetti prattiċi rigward ir-reviżjoni tal-istrumenti tal-UE maħsuba biex jingħata appoġġ finanzjarju għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss**

(2012/C 188 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi t-23 miljun intrapriża żgħira u ta' daqs medju fl-UE, li jirrappreżentaw madwar 99 % tal-intrapriżi kollha u li jipprovdu iktar minn 100 miljun impjieg, jagħtu kontribut fundamentali għat-tkabbir ekonomiku, il-koeżjoni soċjali u l-ħolqien tal-impjiegi, huma sors ewlieni ta' innovazzjoni u jiżvolġu rwol vitali għaż-żamma u ż-żieda tal-impjiegi,

B. billi l-kapaċità limitata tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jaċċessaw finanzjamenti hi xkiel ewlieni għall-ħolqien u t-tkabbir tagħhom, u billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali intenstifikat din il-problema,

C. billi, f'ħafna oqsma, is-swieq finanzjarji Ewropej mhumiex attwalment kapaċi jipprovdu lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju b'biżżejjed finanzjament għal diversi raġunijiet, anke jekk il-forom tradizzjonali ta' self għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju baqgħu pjuttost stabbli matul il-kriżi attwali; billi hemm bżonn ta' sforzi biex tiġi eliminata il-possibilità li fil-futur tonqos ir-rieda tal-banek li jiffinanzjaw lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, bħala riżultat tar-riformi li qed isiru għar-regolamenti bankarji internazzjonali u l-implimentazzjoni tagħhom fl-Ewropa,

D. billi s-settur Ewropew tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju hu eteroġenju ħafna u jinvolvi għadd enormi ta' mikrointrapriżi u negozji tal-familja li qed joperaw b'suċċess fis-setturi tradizzjonali u għadd dejjem jikber ta' intrapriżi ġodda u intrapriżi ta' teknoloġija avvanzata u altament innovattivi li qed jiżdiedu malajr; billi dawn il-mudelli kummerċjali differenti kollha għandhom problemi differenti u, għaldaqstant, ħtiġijiet differenti fir-rigward tal-aċċess għall-finanzjament; billi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju bi proporzjon għoli ta' lieva finanzjarja (grad għoli ta' finanzjament bid-dejn) huma ħafna iktar vulnerabbli fil-każ ta' kriżi jew jekk il-proġetti aktar riskjużi tagħhom jiltaqgħu ma' diffikultajiet,

E. billi s-settur bankarju, li hu dejjem iżjed sensibbli għall-kapital u għar-riskji, qed jimponi kundizzjonijiet aktar stretti fuq il-finanzjament tas-self, inklużi rekwiżiti ta' garanzija u primjums għar-riskju ogħla, u billi l-banek qed joqogħdu dejjem aktar lura milli jiffinanzjaw proġetti kummerċjali aktar riskjużi, li jkunu jinvolu kumpaniji għadhom jibdew, prodotti innovattivi u saħansitra trasferimenti kummerċjali, billi jagħtu self tradizzjonali,

F. billi l-kumpaniji altament innovattivi u li qed jikbru malajr huma kruċjali għall-kompetittività futura tal-ekonomija tal-Ewropa u għall-ħolqien tal-impjiegi, speċjalment f'dawk is-swieq li qed jimbuttaw għat-tranżizzjoni lejn ekonomija li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti,

G. billi l-istatistika tindika li għad hemm anqas probabilità li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju Ewropej jikkunsidraw l-għażla ta' finanzjament bl-ekwità minn, pereżempju, l-intrapriżi ekwivalenti fl-Istati Uniti,

H. billi ħafna intermedjarji finanzjarji fil-livell Ewropew u dak nazzjonali huma mgerrxa mill-piżijiet amministrattivi maħluqa minn regolamenti finanzjarji Ewropej kumplessi u mil-linji gwida politiċi u operattivi għall-programmi Ewropej ta' finanzjament,

I. billi l-istituzzjonijiet Ewropej issa se jkollhom jivvalutaw u jeżaminaw mill-ġdid l-istrumenti attwali għall-appoġġ finanzjarju tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, fil-prospettiva tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss,

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

*Jissaħħaħ il-funzjonament tal-iskemi ta' finanzjament għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju*

1. Jinnota li għadd kbir ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju se jkompli jiddependi prinċipalment fuq il-krediti u s-self f'dak li jirrigwarda l-finanzjament estern; jinsab imħasseb li s-settur bankarju, dejjem iżjed sensibbli għall-kapital u għar-riskji, qed jitlob aktar garanziji u primjums għar-riskju ogħla, u dawn iż-żewġ rekwiżiti qed jirriżultaw f'finanzjamenti insuffiċjenti u opportunitajiet għal negozju u impjiegi li qed jintilfu f'dan is-settur kbir ħafna tal-ekonomija; iqis, għaldaqstant, li d-disponibilità ta' skemi ta' garanzija għall-kreditu u għas-self huma kruċjali biex jiġi sfruttat il-potenzjal għal tkabbir u impjiegi li joffru l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; jara l-ħtieġa li l-programmi eżistenti fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE jiġu ssupplimentati bl-effett ta' lieva finanzjarja u japprova r-rwol importanti li jiżvolġi s-self tal-BEI għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

2. Jindika li l-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' kapital ta' ekwità ogħla għall-banek, kif propost mill-Kumitat ta' Basel, għandu jqis l-interessi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

3. Jilqa' favorevolment il-ħolqien ta' faċilità ta' mikrofinanzjament ġdida tal-UE (Faċilità ta' Mikrofinanzjament għall-Progress), li żżid l-opportunitajiet għal dawk li jixtiequ jifthu impriża fl-UE; josserva li teżisti lakuna potenzjali fis-suq f'termini ta' offerta u domanda għall-mikrofinanzjament fl-UE; jirrikonoxxi l-bżonn ta' finanzjamenti tal-fornituri tal-mikrokreditu, billi s-sostenn finanzjarju jkun jgħin lil din l-attività ssir sostenibbli u jippermetti lill-faċilità tirrispondi għad-domanda dejjem akbar min-naħa ta' min jissellef mikrokrediti; jenfasizza li l-Unjoni għandha tinkoraġġixxi l-investiment fuq skala żgħira, tagħti lill-mikroimpriżi l-opportunità li jikbru u, partikolarment, tagħti sostenn lil dawk il-gruppi – pereżempju lill-imprenditturi żgħażagħ – li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex isibu opportunitajiet ta' self għall-ideat imprenditorjali tagħhom;

4. Jappoġġa bis-saħħa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' garanzija fil-qafas tal-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, il-Faċilità għall-Kondiviżjoni tar-Riskji u l-Finanzjament taħt is-Seba' Programm Qafas u l-Fondi Strutturali (JEREMIE), bil-għan li jissaħħaħ is-self għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u taħt l-inizjattiva JASMINE għall-appoġġ tal-istituzzjonijiet ta' mikrofinanzjament; jindika li l-implimentazzjoni tagħhom kif suppost qiegħda attwalment tixxekkel minħabba proċeduri amministrattivi kumplessi żżejjed; jitlob lill-Kummissjoni tagħmilha aktar faċli li l-Fondi Strutturali jintużaw f'rabta mal-istrumenti ta' finanzjament għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, b'mod partikulari għall-finanzjament tal-fondi rotatorji għall-iskemi ta' garanzija, waqt li tevita li jinħolqu strutturi li jidduplikaw l-iskemi eżistenti, eż. fil-livell nazzjonali;

5. Hu tal-fehma li l-finanzjament għall-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni b'mod partikulari mhuwiex biżżejjed u li l-programm għandu jiġi vvalutat f'dak li jirrigwarda l-kopertura tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovedu għal finanzjament aktar effikaċi għal strumenti finanzjarji innovattivi taħt il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;

6. Jitlob li jkun hemm żieda sinifikattiva fil-finanzjament għall-istrumenti finanzjarji innovattivi taħt il-baġit tal-UE li tkun tista' tkopri l-bżonnijiet għal finanzjament tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u, fid-dawl tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattivi emblematiċi transsettorjali, jinkoraġġixxi l-implimentazzjoni ta' strumenti konġunti mal-Grupp tal-BEI, b'mod partikulari permezz ta' skemi għall-kondiviżjoni tar-riskji; jitlob li l-programmi futuri jiġu mogħnija bil-flessibilità meħtieġa biex jevitaw li jkollhom jirrikorru għal soluzzjonijiet universali inadegwati;

*Jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq*

7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-intrapriżi li għadhom jibdew u l-intrapriżi innovattivi jkollhom aċċess għal strumenti finanzjarji bbażati fuq l-ekwità u l-kważi-ekwità, li s-suq għadu ma jipprovdix biżżejjed minnhom; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-ġenerazzjoni ta' programmi li jmiss tqiegħed enfasi aktar qawwija fuq l-istrumenti finanzjarji mezzanini u tappoġġahom b'fondi u faċilitajiet għall-kondiviżjoni tar-riskji;

8. Jinnota li l-kumpaniji altament innovattivi u li qed jikbru malajr jeħtieġu aċċess għal swieq Ewropej akbar ta' kapital ta' riskju u bonds; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu l-inizjattiva fit-tneħħija tax-xkiel għall-iżvilupp tas-swieq Ewropej ta' kapital ta' riskju u bonds, tespandi l-faċilitajiet għall-kondiviżjoni tar-riskji għall-investimenti fl-ekwità, tappoġġa l-ħruġ ta' bonds korporattivi raggruppati u tħeġġeġ lill-Istati Membri jappoġġaw l-attivitajiet tal-investituri privati informali billi jipprovdu inċentivi fiskali għall-investituri;

9. Jinnota li l-istruttura attwali tal-finanzjamenti għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju f'ħafna pajjiżi Ewropej, kemm min-naħa tad-domanda, kif ukoll min-naħa tal-provvista, hi influwenzata b'mod qawwi missistemi ta' tassazzjoni u appoġġ, li jipprovdu inċentivi b'saħħithom għall-finanzjament bid-dejn u diżinċentivi għall-finanzjament bl-ekwità; jistieden lill-Kummissjoni tieħu inizjattivi biex iżżid l-għarfien tal-problemi maħluqa mill-inċentivi ħżiena li jipprovdi l-qafas regolatorju u tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jwettqu r-riformi meħtieġa;

***Jitneħħa x-xkiel amministrattiv***

10. Jinsab imħasseb dwar il-kumplessità tar-regolamenti u l-linji gwida finanzjarji tal-UE għall-istrumenti finanzjarji Ewropej, b'mod partikulari meta l-fondi u l-programmi Ewropej jintużaw bħala appoġġ għall-intrapriżi individwali permezz tal-provvediment ta' ammonti relattivament żgħar ta' finanzjament; jikkunsidra li n-nefqa involuta f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħin u l-flus biex wieħed jikkonforma ma' dawn ir-regolamenti hi kompletament sproporzjonata mal-benefiċċji għal min finalment jirċievi l-fondi; jitlob li jkun hemm ġestjoni razzjonalizzata, effiċjenza amministrattiva u tar-rapportaġġ u kost-effettività fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji innovattivi; jinsisti li l-banek, l-intermedjarji u l-benefiċjarji ma jridux jiġu skoraġġuti jew imgerrxa milli jużaw il-programmi u l-fondi minħabba l-piżijiet amministrattivi involuti; jitlob lill-Kummissjoni tipproponi regolamenti u linji gwida ssemplifikati u anqas għaljin, speċjalment għall-programmi maħsuba bħala appoġġ għal finanzjament ta' volum baxx għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fil-forma ta' garanziji u strumenti mezzanini jew ta' ekwità;

11. Jilqa' l-fatt li, fl-2010, twaqqaf il-Forum ta' Finanzjament għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb il-koperazzjoni mal-banek ta' żvilupp u l-banek kummerċjali nazzjonali sabiex tiġbor flimkien l-esperjenza, tiskambja l-aħjar prattiki, tiżviluppa sinerġiji u tidentifika modi kif il-programmi tal-UE għall-finanzjament tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jistgħu jiġu ssemplfikati u razzjonalizzati;

12. Jindika li, attwalment, il-miżuri għall-appoġġ finanzjarju tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jifformaw parti minn ħafna programmi differenti tal-UE, bħall-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, il-Fondi Strutturali (JEREMIE), is-Seba' Programm Qafas u oħrajn, u jinnota nuqqas ta' koerenza bejn dawn il-programmi; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi aktar koerenza bejn id-diversi programmi li jipprovdu garanziji u bilanċ tajjeb bejn l-iskemi nazzjonali u dawk tal-UE li jappoġġaw il-finanzjament tal-innovazzjoni jew il-forniment ta' kapital ta' riskju lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħloq "one-stop shop" għad-diversi strumenti ta' finanzjament tal-UE mmirati lejn l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju;

*

* *

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## Lejn sistemi ta' pensjonijiet Ewropej adegwati, sostenibbli u siguri

P7_TA(2011)0058

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 dwar "Lejn sistemi ta' pensjonijiet Ewropej adegwati, sostenibbli u siguri" (2010/2239(INI))**

(2012/C 188 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-klawsola soċjali orizzontali fl-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Lulju 2010, "Green Paper, lejn sistemi ta' pensjonijiet Ewropej adegwati, sostenibbli u siguri" (COM(2010)0365),

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-11 ta' Novembru 2010 dwar l-Isfida Demografika u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Lulju 2010, "Green Paper, lejn sistemi ta' pensjonijiet Ewropej adegwati, sostenibbli u siguri" ([2]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għal politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri: It-Tieni Parti tal-Linji Gwida Integrati tal-Istrateġija Ewropa 2020 (COM(2010)0193), u l-pożizzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2010 dwarha ([3]),

— wara li kkunsidra l-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2009 dwar "Kif għandna nittrattaw l-impatt tat-tixjiħ tal-popolazzjoni fl-UE (Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2009)" (COM(2009)0180) u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-aġenda soċjali mġedda ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-futur tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-pensjonijiet: il-finanzjament tagħhom u x-xejra lejn l-individwalizzazzjoni ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar, inkluż il-faqar fost it-tfal, fl-UE ([8]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0507 u l-pożizzjoni tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2007 ([9]),

— wara li kkunsidra l-istrateġija tal-Kunsill Ewropew ta' Stokkolma tal-2001 li tikkonsisti fir-riforma tas-sistemi tal-pensjonijiet fl-Ewropa,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Laeken tal-2001 dwar objettivi komuni għall-pensjonjiet, b'enfasi fuq il-ħtieġa li dawn isiru adegwati, sostenibbli u adattabbli,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0025/2011),

A. billi n-nies daż-żmien qed jidħlu ta' età akbar fil-forza tax-xogħol minħabba rati ta' qgħad li jaffettwaw b'mod partikulari liż-żgħażagħ mingħajr kwalifiki għoljin, jew minħabba edukazzjoni aktar fit-tul u, għal uħud, ogħla, u, bħala medja, in-nies qed jitilqu mis-suq tax-xogħol aktar kmieni mill-età legali tal-pensjoni, il-ħajja tax-xogħol tagħhom interrotta minn perjodi li fihom ma jaħdmux, u qed jgħixu aktar,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0400.
([2]) KESE/SOC/386, 20 ta' Jannar 2011.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2010)0309.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2010)0306.
([5]) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 23.
([6]) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 11.
([7]) ĠU C 16 E, 22.1.2010, p. 35.
([8]) ĠU C 9 E, 15.1.2010, p. 11.
([9]) ĠU C 146 E, 12.6.2008, p. 216.

B. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika żiedet bil-kbir l-isfida demografika sottostanti li qed tiffaċċja l-UE,

C. billi d-data attwali turi li l-għadd ta' nies li qed jidħol fis-suq tax-xogħol qed jonqos (il-popolazzjoni tal-UE li hi tal-età tax-xogħol se tibda tonqos mill-2012) u li l-għadd ta' pensjonanti qed jogħla (fl-2008 kien hemm erba' ċittadini tal-UE li huma tal-età tax-xogħol għal kull persuna ta' 65 sena jew aktar, sal-2020 din iċ-ċifra se tkun ħamsa għal kull wieħed, u sal-2060 se tkun tnejn għal kull wieħed); billi din it-tendenza tvarja skont id-differenzi demografici bejn l-Istati Membri,

D. billi l-provvediment ta' pensjonijiet adegwati, sostenibbli u siguri huwa marbut b'mod li ma jistax jinħall ma' livelli ogħla ta' impjiegi, produttività akbar u tkabbir ekonomiku,

E. billi l-governanza ekonomika tal-Unjoni Ewropea għandha tqis l-approċċ olisitku kif ippreżentat fil-Green Paper,

F. billi l-kriżi finanzjarja wasslet għal żieda fil-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali, defiċits baġitarji li kulma jmur qed jiżdiedu f'ħafna Stati Membri u problemi fil-finanzjament tal-pensjonijiet (kemm jekk huma ffinanzjati mit-taxxi u kemm jekk b'mod ieħor), u wriet il-fraġilità ta' ċerti sistemi ta' fondi tal-pensjonijiet,

G. billi l-għan tar-rata ta' 75 % ta' impjiegi stipulata fl-Istrateġija UE 2020 għandha tgħin biex tiġi assigurata s-sostenibilità tas-sistemi tal-pensjonijiet,

H. billi l-prevalenza dejjem tikber ta' impjiegi interim u prekarji qed tnaqqas il-kontribuzzjonijiet lis-sistemi tal-pensjonijiet u qed tagħmel ħsara lill-istabilità ta' dawk is-sistemi u l-adegwatezza tal-pensjonijiet futuri,

I. billi hemm bżonn li jitqiesu l-mitigazzjoni tar-riskji u l-assorbiment tax-xokkijiet fit-tfassil tal-fondi tal-pensjonijiet,

J. billi l-persuni li jiddedikaw ħinhom u l-ħiliet tagħhom biex irabbu t-tfal jew biex jieħdu ħsieb l-anzjani għandhom jirċievu rikonoxximent soċċjali, u billi dan jista' jsir billi dawn il-persuni jingħataw drittijiet individwali, b'mod partikolari fir-rigward tal-pensjonijiet,

K. billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irgel hija valur, objettiv u dritt fundamentali fl-Unjoni, u l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom id-dmir li jinkludu l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-azzjonijiet kollha tagħhom,

L. billi n-nisa jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni diretta u indiretta f'aspetti differenti marbutin mal-pensjonijiet fl-Unjoni Ewropea,

M. billi l-impatt maħsub tar-riformi tal-pensjonijiet normalment ikun ibbażat fuq profil ta' raġel li jaħdem full time, b'karriera sħiħa u bi qligħ medju u billi t-tabelli attwarjali tal-ħajja abbażu tas-sessi għandhom impatt negattiv fuq il-kalkoli tal-pensjonijiet tan-nisa u jagħtu rata ta' sostituzzjoni aktar baxxa għan-nisa,

N. billi n-nisa ta' età akbar jinsabu f'pożizzjoni partikolarment prekarja meta d-dritt tagħhom għal pensjoni jkun ġej mill-istatus konjugali tagħhom (benefiċċji tal-konjugi jew ta' superstiti) u meta ma jkollhomx drittijiet adegwati proprji għall-pensjoni tagħhom minħabba interruzzjonijiet fil-karriera,

***Ġenerali***

*Il-livell tal-UE u l-Istati Membri*

1. Jilqa' l-approċċ olistiku adottat mill-Green Paper, li hu intenzjonat biex jagħti impetu ġdida fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE, bl-objettiv li jiġu stabbiliti sistemi pensjonistiċi robusti, adegwati fuq żmien twil, sostenibbli u siguri, waqt li jiġi ssalvagwardjat il-prinċipju tas-sussidjarjetà; jindika li t-tradizzjonijiet, is-sitwazzjonijiet ekonomiċi u demografiċi u karatteristiki speċifiċi tas-suq tax-xogħol huma differenti minn Stat Membru għal ieħor u li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u s-solidarjetà, skont liema l-Istati Membri jżommu r-responsabilità sħiħa għall-istabbiliment organizzattiv tas-sistemi pensjonistiċi tagħhom, għandu jiġi rrispettat;

2. Jisħaq fuq il-fatt li kull Stat Membru qed jiffaċċja sfidi enormi fl-iżgurar li l-aspettattivi taċ-ċittadini għal pensjonijiet adegwati u sostenibbli jintlaħqu, fi żmien meta ċ-ċirkustanzi soċjali u ekonomiċi huma ġeneralment diffiċli u saħansitra jvarjaw skont l-Istat Membru u s-sistema legali;

3. Jenfasizza li l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju, li huma waħda mill-għejun prinċipali ta' impjiegi u tkabbir fl-UE u jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti għas-sostenibilità u l-adegwatezza tas-sistemi tal-pensjonijiet fl-Istati Membri; jixtieq jara għaldaqstant l-iżvilupp ta' fondi settorjali, intersettorjali u/jew territorjali biex tiżdied l-affiljazzjoni tal-ħaddiema fl-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ma' sistemi pensjonistiċi, li jista' jservi bħala eżempju tal-aħjar prattika;

4. Josserva li, għat-tlestija tas-suq intern, politiki ekonomiċi u soċjali sodi, li jqisu l-isfidi tas-solidarjetà interġenerazzjonali, jagħtu kontribut importanti għall-politiki ta' impjieg sostenibbli, it-tkabbir u l-istabilità, speċifikament billi jippreżervaw il-koeżjoni soċjali; jindika li f'dan ir-rigward għandhom irwol deċiżiv x'jiżvolġu s-sħab soċjali;

5. Jikkunsidra li l-investiment u t-tfaddil fit-tul għas-sostenibilità tas-sistemi pensjonistiċi għall-ġejjieni huma ta' importanza ewlenija u għandhom jitqiesu fil-qafas tas-sorveljanza makroekonomika;

6. Jinnota li kemm il-Linji Gwida Ġenerali għall-Politika Ekonomika u kemm il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jirreferu għal infiq pubbliku relatat mal-età; jemmen li l-inklużjoni preċiża jemmen li l-inklużjoni preċiża tal-obbligazzjonijiet pubbliċi diretti tal-pensjonijiet fil-kalkolu tad-dejn pubbliku u tad-deficit pubbliku hija waħda mill-ħafna kundizzjonijiet għas-sostenibilità; jitlob li r-riforma tal-governanza ekonomika tqis din id-dimensjoni billi tiżgura t-trattament xieraq tad-diversi pilastri tas-sistema tal-pensjonijiet u tiffoka fuq is-sostenibilità tagħhom;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw – minħabba l-fatt li sistema tal-pensjonijiet sostenibbli u li taħdem kif suppost hi estremament importanti għaċ-ċittadini u għall-istabilità tal-finanzi pubbliċi – li l-ispejjeż tar-riforma pensjonistika jkomplu jitqiesu meta jkun qed jiġi vvalutat jekk Stat Membru għandux ikun soġġett għall-proċedura ta' deficit eċċessiv, u jirrakkomanda li l-attenzjoni tingħata lis-sostenibilità tas-sistema ta' finanzjament aktar milli xi tip speċifiku ta' riforma pensjonistika; jinnota li r-riformi pensjonistiċi sistemiċi jinvolvu spejjeż kbar ta' transformazzjoni, li jridu jitqiesu għall-iskop tal-kalkolu tad-dejn tal-gvern u tad-deficit baġitarju;

8. Jenfasizza li s-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi tirrikjedi li t-total tad-dejn pubbliku u privat jiġi inkluż fil-valutazzjoni; jindika li t-tfaddil pensjonistiku jikkostitwixxi xi ħaġa aktar minn sempliċiment tfaddil allokat bħala pensjoni; jitlob li l-iskala sħiħa tar-responsabilitajiet għall-pensjonijijiet tas-settur pubbliku diretti li ma jkunux iffinanzjati jriru trasparenti u żvelati b'mod espliċitu, bil-ħsieb li l-finanzi pubbliċi jkunu sostenibbli fuq perjodu ta' żmien twil;

9. Jenfasizza li l-pensjonijiet u s-sistemi tal-pensjonijiet huma r-responsabilità tal-Istati Membri; jirrikonoxxi li l-ekonomiji tal-Istati Membri huma interdipendenti, u għaldaqstant jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jikkoordinaw kif suppost il-politiki differenti tagħhom dwar il-pensjonijiet u billi jużaw il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni jiggarantixxu l-adegwatezza, is-sikurezza u s-sostenibilità tas-sistemi tal-pensjonijiet;

10. Josserva li l-iskemi pensjonistiċi abbażi tal-ewwel, it-tieni u t-tielet pilastru fl-Istati Membri jvarjaw b'mod sinifikanti minn wieħed għall-ieħor, li l-UE jonqosha sett ta' kriterji u definizzjonijiet komuni u analiżi fil-fond li tispjega bir-reqqa d-diversi sistemi tal-pensjonijiet u l-kapaċità tagħhom li jissodisfaw il-ħtiġijiet taċ-ċittadin u li għalhekk hemm nuqqas ta' superviżjoni trasparenti applikabbli għas-sistemi kollha; jenfasizza li l-UE għandha prinċipalment issaħħaħ il-komparabilità tal-iskemi tal-pensjonijiet u tippromwovi l-iskambju ta' prattiki tajbin; hu tal-fehma li hemm bżonn li l-Kummissjoni tagħmel l-isforzi meħtieġa biex toħloq tipoloġija tas-sistemi pensjonistiċi fl-Istati Membri, kif ukoll sett komuni ta' definizzjonijiet sabiex is-sistemi jsiru komparabbli;

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

*Sess*

11. Jiddispjaċih li l-Green Paper ma tiddedikax biżżejjed attenzjoni lill-kwistjoni tas-sessi, jikkunsidra li d-distakki attwali fl-adegwatezza tal-pensjonijiet bejn l-irġiel u n-nisa huma r-riżultat ta' inugwaljanzi persistenti fis-suq tax-xogħol, bħal perjodi ta' qgħad, mard, dmirijiet ta' kura, id-distakk fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa, ir-rappreżentanza żejda tan-nisa f'xogħlijiet prekarji u part-time u x-xkiel għar-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja privata; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jkomplu bl-isforzi tagħhom biex jeqirdu dawn l-inugwaljanzi u jiżguraw trattament ugwali fit-tul għan-nisa u l-irġiel fir-rigward tal-pensjonijiet, pereżempju permezz tal-inklużjoni tal-liv tal-maternità u l-kura ta' qraba anzjani bħala xogħol ta' vera li jirriżulta fi dritt għall-benefiċċji tal-irtirar għall-irġiel u n-nisa;

12. Jisħaq fuq l-importanza tal-individwalizzazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni u jitlob li, għall-kalkolu tal-pensjonijiet tan-nisa, jintużaw kriterji b'tali mod li tiġi ggarantita l-indipendenza ekonomika kemm tal-irġiel, kif ukoll tan-nisa; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkunsidraw ukoll approċċ għall-kors tal-ħajja lejn il-pensjonijiet, sabiex jinstabu tweġibiet għall-isfidi taċ-ċiklu tal-ħajja tax-xogħol moderna;

13. Jinnota li l-ġustizzja interġenerazzjonali u l-interessi tal-ġenerazzjoni żagħżugħa jridu jkunu l-aspetti ċentrali ta' metodu ta' koordinament imsaħħaħ għall-iżvilupp ulterjuri tal-politiki pensjonistiċi nazzjonali abbażi tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri;

14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jobbligaw lill-fornituri tal-pensjonijiet tax-xogħol u pensjonijiet supplimentari oħrajn jużaw tabelli ta' mortalità li ma jiddistingwux bejn is-sessi meta jikkalkulaw il-benefiċċji tal-pensjonijiet biex jiġi evitat li n-nisa jiġu kkastigati għal għomor itwal;

***Adegwatezza***

15. Ma jidhirlux li huwa possibbli għall-UE tistabbilixxi livelli ta' pensjoni adegwati, għax l-ammont meħtieġ jiddependi ħafna miċ-ċirkostanzi speċifiċi fl-Istati Membri; jistieden madankollu lill-Kummissjoni tipproduċi gwida li tippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu l-kriterji għal livell minimu ta' pensjoni; jikkunsidra li l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-adegwatezza bħala l-kundizzjoni rikjesti biex l-anzjani jgħixu ħajja deċenti;

16. Iqis li l-Istati Membri huma responsabbli huma stess li jagħmlu provvedimenti għal pensjoni adegwata għac-ċittadini tagħhom bħala parti mill-politiki soċjali u ekonomiċi tagħhom; iħeġġiġhom jimplimentaw sistema li tkun l-aktar waħda xierqa biex jiġi ggarantit standard deċenti ta' għajxien għal kulħadd, b'attenzjoni partikulari għall-gruppi l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà;

17. Jenfasizza li, fi ħdan il-firxa tas-sistemi tal-pensjonijiet, id-diversifikazzjoni tad-dħul mill-pensjoni minn taħlita ta' skemi pubbliċi (l-ewwel pilastru) u relatati max-xogħol (fil-biċċa l-kbira t-tieni pilastru), jistgħu jipprovdu garanzija għall-provvediment ta' pensjoni adegwata;

18. Jinnota li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, l-ewwel pilastru hu dak l-aktar importanti u hu bbażat fuq il-prinċipju ta' solidarjetà u li l-finanzjament tal-ewwel pilastru se jkun taħt anqas pressjoni jekk aktar nies ikunu qed jaħdmu u jekk jiġi indirizzat ix-xogħol illegali u mhux iddikjarat, waqt li anke forom alternattivi oħra ta' finanzjament għall-ewwel pilastru jistgħu jiġu diskussi bejn l-Istati Membri fil-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni; Jenfasizza li l-iskemi statutorji "pay-as-you-go" taw prova tal-istabilità u l-affidabilità tagħhom fit-test ippreżentat mill-kriżi finanzjarja u ekonomika; jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-livell tal-pensjonijiet tal-ewwel pilastru jkun ogħla mil-linja tal-faqar;

19. Jisħaq fuq il-fatt li, fir-rigward tas-sostenibilità u l-adegwatezza tas-sistemi pensjonistiċi, f'xi Stati Membri jiżvolġu rwol il-provvedimenti għal tfaddil fuq it-tielet pilastru; jenfasizza, madankollu, li din l-għażla hija disponibbli biss għall-persuni li għandhom dħul adegwat li jippermettilhom jikkontribwixxu għal sistemi ta' dan it-tip u għaldaqstant jista' jkollha biss rwol limitat fil-provvediment ta' dħul deċenti;

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

20. Jemmen li qsim aħjar ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-ispejjeż u l-effikaċja ta' forom ta' ħelsien mit-taxxa fuq pensjonijiet privati tkun utli ħafna;

21. Jikkunsidra li, minħabba l-pressjoni baġitarja, l-effiċjenza fl-infiq soċjali hi ta' imporanza kbira; jikkunsidra li, minħabba l-pressjoni baġitarja attwali, l-infiq soċjali żvolġa rwol ekonomiku u soċjali sinifikattiv fit-taffiment tal-effetti tal-kriżi; jikkunsidra li l-iskemi "pay-as-you-go" wrew ir-rwol fundamentali tagħhom fil-ħolqien tas-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet; jikkunsidra wkoll li t-tieni u t-tielet pilastri għandhom rwol supplimentari x'jiżvolġu fit-tnaqqis tal-pressjoni; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-aħjar taħlita possibbli ta' forom ta' provvediment tal-pensjonijiet biex jissalvagwardjaw il-pensjonijiet fil-ġejjieni; jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess taċ-ċittadini għal skemi ta' tfaddil privati; jirrimarka li, minħabba l-kriżi finanzjarja, diversi Stati Membri qegħdin jippjanaw li jintroduċu bidliet fis-sistemi pensjonistiċi tagħhom; iħeġġiġhom, madankollu, jiżguraw li s-sistemi pensjonistiċi jibqgħu stabbli, affidabbli u sostenibbli, u li l-bidliet kollha jsiru wara djalogu soċjali adegwat u abbażi tal-forniment ta' informazzjoni suffiċjenti; jirrakkomanda li, jekk l-impjegati jkunu jistgħu jagħżlu, għandu jingħatalhom żmien biżżejjed biex jagħmlu deċiżjonijiet infurmati u maħsuba sewwa;

22. Jenfasizza li t-tkabbir ekonomiku u rata għolja ta' impjiegi jżidu s-sostenibilità u l-adegwatezza tas-sistemi pensjonistiċi, waqt li l-inflazzjoni għolja tagħmilhom ħsara;

23. Iqis li l-evażjoni tat-taxxa saret fenomenu inkwetanti u trid tiġi miġġielda bl-aktar mod effikaċi possibbli, għaliex iddgħajjef l-adegwatezza u l-istabilità futuri tas-sistemi pensjonistiċi;

### *Età tal-irtirar*

24. Jikkunsidra li, minħabba t-tendenzi demografiċi u l-ħtieġa li jiġi żgurat li jkun jista' jsir il-ħlas għall-pensjonijiet, hemm bżonn li aktar nies jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u li jagħmlu hekk għal żmien itwal, imma josserva li l-għomor qed jitwal u li saħħa okkupazzjonali aħjar hi prekundizzjoni għall-ħajjiet tax-xogħol itwal; jistieden lill-Istati Membri biex jippermettu li dawk li jridu jkomplu jaħdmu jkunu jistgħu; jistieden lill-Istati Membri li jżiedu l-età statutorja tal-irtirar jew li se jagħmlu hekk jinkoraġġixxu x-xogħol minn ħaddiema anzjani permezz ta' eżenzjonijiet fiskali u tas-sigurtà soċjali; jistieden ukoll lill-Istati Membri joħolqu kuntratti ta' impjiegi adattati u flessibbli u skemi ta' rtirar għall-anzjani u sabiex jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw il-possibilità li x-xogħol jiġi kkumbinat mal-irtirar u jistabbilixxu miżuri dissważivi sabiex il-kumpaniji jsibuha aktar diffiċli biex jagħtu s-sensja lill-anzjani; jistieden lill-Kummissjoni tħejji studju li janalizza l-mod kif id-distribuzzjoni tal-ġid qed tinfluwenza l-għomor fl-Istati Membri;

25. Jinnota li hemm disparitajiet maġġuri fl-età tal-irtirar statutorja u fl-età meta l-persuni ta' età akbar fil-fatt jieqfu jkunu impjegati u jirrakkomanda li għandha tingħata prijorità biex jiġi assigurat li l-impjegati jistgħu jaħdmu sal-età tal-irtirar statutorja; josserva li dawn id-disparitajiet huma speċjalment saljenti għall-impjegati fil-kategoriji ta' xogħol l-aktar iebes; jistieden għalhekk, lill-Istati Membri u l-imsieħba soċjali jiskambjaw informazzjoni dwar prattiki tajba; jistidinhom ukoll jikkonkludu ftehimiet li jħallu impatt pożittiv fuq pensjonijiet sostenibbli u jwasslu, b'mod flessibbli, għat-titwil tal-ħajja tax-xogħol sal-età tal-irtirar statutorja, pereżempju billi jiġu żviluppati strateġiji komprensivi ta' ġestjoni tal-età f'livell nazzjonali u ta' kumpanija, jiġu żviluppati forom ġodda ta' provvedimenti fir-rigward tal-bilanċ bejn il-ħajja privata u dik professjonali adattati għall-esiġenzi speċifiċi tal-ħaddiema anzjani u billi jiġu rikumpensati l-persuni li jdumu jaħdmu iktar;

26. Jenfasizza li forza tax-xogħol anzjana u ħajja tax-xogħol itwal jistgħu jagħtu kontribut pożittiv għall-irkupru u t-tkabbir futur; iqis li, għall-impjegati (anzjani) li jwettqu xogħol esiġenti mil-lat fiżiku u/jew mentali, suq tax-xogħol dinamiku jeħtieġ joffri soluzzjonijiet kreattivi bħal flessibbiltà akbar fl-età tal-irtirar statutorja, pensjonijiet part-time, kundizzjonijiet tax-xogħol adattati, tħeġġiġ ta' tagħlim tul il-ħajja, titjib tas-servizzi ta' tiftix ta' xogħol jew mobilità bejn impjieg u ieħor, ħalli jinstab bilanċ dewwiemi bejn ir-rekwiżiti tal-impjiegi u l-kapaċitajiet tal-ħaddiema; iqis li teżisti ħtieġa ta' politika attiva biex issir prevenzjoni tad-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' età billi tiġi sorveljata l-implimentazzjoni korretta tad-Direttivi 2000/78/KE u 2006/54/KE u permezz tal-promozzjoni ta' kultura Ewropea ta' proċess ta' tixjiħ attiv li tiggarantixxi li l-anzjani jkollhom ħajja ta' vitalità u dinjità; jistieden lill-Istati Membri jikkumbinaw il-penali għad-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol mal-inċentivi għal min iħaddem biex jinħoloq suq tax-xogħol integrat; jistieden lill-Istati Membri, fil-kuntest tar-riformi u tal-estensjoni tal-ħajja tax-xogħol u bl-assistenza tal-Kummissjoni, jimplimentaw b'mod aktar effikaċi d-direttivi dwar is-saħħa u s-sikurezza fil-post tax-xogħol;

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

***Strateġija UE 2020***

27. Jilqa' r-riferiment fl-Istrateġija 2020 għall-inklużjoni ta' ħaddiema anzjani fis-suq tax-xogħol; jiddispjaċih li l-Istrateġija 2020 ma tiddedika l-ebda attenzjoni espliċita għal sistemi sostenibbli u adegwati tal-pensjonijiet, għalkemm il-kisba ta' wħud mill-objettivi ppreżentati fl-Istrateġija 2020 tiddependi fuqhom; jissuġġerixxi għalhekk li l-objettivi tal-Green Paper dwar l-Istrateġija 2020 jiġu inkorporati;

28. Iqis li, f'każ li tirnexxi l-Istrateġija 2020, dan se jissarraf fil-ħolqien ta' impjiegi aktar siguri u ta' kwalità u f'aktar nies jaħdmu b'pagi u b'kundizzjonijiet ta' impjieg xierqa, li jinvolvi żieda fil-pagamenti tal-kontribuzzjonijiet obbligatorji tas-sigurtà soċjali u li t-tkabbir ekonomiku se jibbenefika minn dan b'hekk jiżdiedu kemm is-sostenibbiltà kif ukoll l-adegwatezza tas-sistemi pensjonistiċi;

29. Jappoġġa, skont l-Istrateġija 2020, politika tas-suq tax-xogħol li jkollha mira partikolari u li tkun attiva li se twassal għal parteċipazzjoni akbar fl-impjiegi minn dawk li attwalment mhumiex rappreżentati biżżejjed fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli; iqis li l-UE għandha tiżviluppa indikaturi ġodda biex tissorvelja l-impatt tar-riformi pensjonistiċi fuq gruppi vulnerabbli; jisħaq fuq il-fatt li fi ħdan l-Unjoni Ewropea, ix-xogħol illegali għadu mifrux u li dan idgħajjef l-għażliet fil-qasam tal-politika soċjali; jistieden lill-korpi kompetenti fl-Istati Membri jippromwovu l-inkluzjoni socjali u jikkumbattu x-xogħol mhux iddikjarat biex jittejjeb il-bilanċ tas-sistemi pensjonistiċi;

***Direttiva IORP***

30. Josserva li, ġeneralment, l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORP) mill-Istati Membri ddewmet; jistieden lill-Kummissjoni, jekk meħtieġ, tieħu azzjoni kontra l-Istati Membri sabiex tassigura l-implimentazzjoni korretta u fil-ħin tad-Direttiva IORP;

31. Jaqbel li l-mira għandha tkun il-livell għoli ta' sigurtà għal pensjonanti futuri, bi spiża raġonevoli biex jiġu sponsorizzati impriżi u fil-kuntest ta' sistemi pensjonistiċi sostenibbli,

32. Jinnota li l-Artikolu 15(6) tad-Direttiva IORP rigward il-kalkolu tad-dispożizzjonijiet tekniċi jiddikjara li 'l-Kummissjoni għandha tipproponi kull miżura meħtieġa għall-prevenzjoni ta' tgħawwiġ possibbli kkawżat minn livelli differenti ta' rati ta' imgħax u biex jiġu protetti l-interessi tal-benefiċjari u l-membri ta' xi skema'; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt qabel ma tirrevedi d-Direttiva IORP u biex tikkunsidra x-xejra lejn skemi ta' kontribuzzjonijiet aktar definiti u skemi ta' benefiċċji anqas definiti;

33. Ifakkar l-istqarrijiet tad-Direttiva IORP li 'suq intern ġenwin għal servizzi finanzjarji huwa kruċjali għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fil-Komunità' u 'din id-Direttiva għalhekk tirrappreżenta l-ewwel pass għat-triq lejn suq intern għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali organizzata fuq skala Ewropea';

34. Jenfasizza li l-awtorità superviżorja Ewropea l-ġdida (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) għandha tisfrutta bis-sħiħ il-kompetenzi tagħha u tiżvolġi rwol importanti fil-proċess ta' preparazzjoni għar-rieżami tad-Direttiva IORP kif ukoll fl-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet ġuridiċi, bħal abbozzi ta' standards tekniċi, linji gwida u rakkomandazzjoni għar-reġim ta' solvenza; ifakkar li d-Direttiva IORP ma għandha tapplika għall-ebda obbligazzjoni tal-pensjoni pubblika jew għall-ebda sistema pensjonistika relatata max-xogħol fl-ewwel pilastru;

35. Jikkunsidra li l-elementi kwalitattivi ta' Solvenza II jikkostitwixxu punt ta' tluq siewi għaż-żieda tas-superviżjoni tal-IORPs; jinnota li dan japplika, b'mod partikolari, għar-rekwiżit f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġestjoni tajba tar-riskji;

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

*Mobilità u trasferimenti*

36. Jisħaq li l-mobilità fis-suq tax-xogħol se tkun kruċjali fis-snin li ġejjin għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku; iqis, għaldaqstant, li l-fiduċja taċ-ċittadini se titjieb meta jitneħħew l-ostakli għall-mobilità interna u transkonfinali; jinnota li kwistjonijiet bħan-nuqqas ta' trasferibilità, il-perjodi twal ta' maturazzjoni, il-konservazzjoni ta' drittijiet inattivi, in-nuqqas ta' regressjoni u d-differenzi fit-trattament fiskali u l-prinċipji attwarjali jridu jiġu indirizzati fid-dawl tal-konsegwenzi tagħhom fuq is-sistemi tal-pensjonijiet; jenfasizza l-impatt pożittiv li suq tax-xogħol iktar dinamiku jaf ikollu fuq is-sistema pensjonistika;

37. Jinnota li, fl-ewwel pilastru, id-drittijiet għall-pensjoni huma regolati mir-Regolament ta' koordinament rilevanti, imma li, għall-pensjonijiet ta' pilastri oħrajn, jeħtieġ li jkun hemm arranġamenti semplifikati;

38. Josserva li hemm tendenza lejn skemi ta' kontribuzzjoni aktar definiti u skemi ta' benefiċċji anqas definiti; jinnota li, bħala riżultat, fornituri tal-pensjoni jittrasferixxu r-riskju assoċjat mal-investiment lil dawk li jfaddlu l-pensjoni; iqis li, minħabba d-diversità u l-kumplessità tad-diversi sistemi ta' pensjonijiet tax-xogħol ibbażati fuq il-kapital, jeħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet rigward il-portabilità tad-drittijiet għall-pensjoni li jkunu ġew akkwistati fis-sens li l-portabilità tibda meta jiġu konklużi kuntratti ġodda, filwaqt li applikazzjoni għal trasferiment tiġi approvata biss jekk is-somma attwarja ttrasferita għandha titqiegħed f'fond li l-għan tiegħu hu l-ħlas ta' pensjonijiet tax-xjuħija; jitlob għal studju dettaljat dwar kwistjonijiet fiskali relatati ma' sistemi ta' pensjonijiet tax-xogħol ibbażati fuq il-kapital u sistemi kapitali tal-assigurazzjoni tal-ħajja iqis li, rigward il-kwistjonijiet transkonfinali, l-enfasi ċara tal-attività tal-UE għandha tkun fuq l-iżvilupp ta' standards minimi għall-akkwist u l-konservazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni u fuq il-faċilità li jiġu stabbiliti sistemi ta' rintraċċament nazzjonali għal dawk id-drittijiet;

39. Jilqa' b'sodisfazzjon l-istabbiliment ta' sistemi nazzjonali ta' rintraċċament għal drittijiet għal pensjoni minn sorsi differenti fl-Istati Membri kollha, u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti għal sistema Ewropea ta' rintraċċament;

*Rieżami tal-leġiżlazzjoni tal-UE*

40. Jinnota li f'ħafna Stati Membri ġiet rikonoxxuta l-importanza tas-sistemi pensjonistiċi tax-xogħol, u li l-UE tista' żżid il-valur billi tipprovdi koordinament bejn id-diversi skemi u tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiggarantixxu - f'termini soċjali, ġuridiċi u ekonomiċi - li jkun stabbilit qafas ġustifikabbli li jipproteġi adegwatament lill-membri bi skema ta' pensjoni u jiggarantixxi l-aċċess għall-informazzjoni li tinftiehem dwar il-pensjonijiet; jisħaq fuq il-fatt li f'każijiet fejn l-Istati Membri għandhom fondi pensjonistiċi obbligatorji ġestiti minn istituzzjonijiet privati, skemi bħal dawn għandhom ukoll jiġu valutati mil-lat tal-konformità mal-kundizzjonijiet u l-kriterji Ewropej rigward is-sigurtà, l-investiment u l-klassifikazzjoni tal-assi; jenfasizza bħala prinċipju li l-impatti tal-proposti kollha dwar is-sistemi pensjonistiċi tax-xogħol jeħtieġ li jkunu valutati partikolarment bil-għan li jiġu kwantifikati l-ispejjeż addizzjonali u l-piż amministrattiv;

41. Iqis li f'dawk l-Istati Membri li fihom huma stabbiliti sistemi pensjonistiċi obbligatorji relatati max-xogħol u li mhumiex prinċipalment inklużi fl-ewwel pilastru, dawn id-dispożizzjonijiet tat-tieni pilastru għandhom ikunu disponibbli għall-ħaddiema kollha bi dritt, mingħajr l-ebda diskriminazzjoni fuq raġunijiet ta' età, sess, settur u/jew kuntratt tax-xogħol;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jeżaminaw kif id-dritt li l-impjegati jipparteċipaw fit-tieni pilastru jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' djalogu soċjali msaħħaħ u jagħmlu proposti għall-promozzjoni ta' pilastru bħal dan fejn għadu ma jeżistix; jistidihom jiżviluppaw metodu ta' governanza biex jiġi assigurat li dan il-fond jitmexxa b'mod konġunt, partikolarment rigward l-istrateġija għall-investiment tat-tfaddil tiegħu;

43. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw l-iżvilupp ta' djalogu soċjali u ċiviku fil-qasam tal-pensjonijiet tax-xjuħija u jikkunsidraw ir-riżultati ta' dan id-djalogu;

44. Iqis li r-regoli tal-UE rigward it-tielet pilastru u l-funzjonament transkonfinali tiegħu mingħajr xkiel iridu jiġu eżaminati fid-dawl tal-funzjonament korrett tas-suq intern, partikolarment għall-prodotti finanzjarji, u li kundizzjonijiet ta' parità għandhom jinħolqu; jenfasizza li dan ir-rieżami tar-regoli irid jikkunsidra l-interessi tal-imsieħba fit-tali skemi;

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

45. Jemmen li, sabiex tinkiseb il-konsistenza ta' skemi prudenzjali fost il-fornituri ta' servizzi finanzjarji differenti, il-prinċipju 'l-istess riskji – l-istess regoli – l-istess kapital' irid japplika, billi jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi ta' kull prodott jew skema tal-pensjonijiet;

46. Jirrikonoxxi l-fatt li għad fadal ostakli fir-rigward tal-assigurazzjonijiet pensjonistiċi individwali (tat-tielet pilastru) li jiġu offruti transkonfinalment; jitlob suġġerimenti min-naħa tal-Kummissjoni dwar il-mod kif jistgħu jingħelbu dawn l-ostakli, kif ukoll qafas ġenerali għar-regolamentazzjoni ta' dawn l-attivitajiet.

47. Josserva li, fejn l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza fil-qasam pensjonistiku, ir-regoli normattivi Ewropej huma frammentati ħafna; jistieden lill-Kummissjoni teżamina jekk ikunx xieraq li jiġi razzjonalizzat dan il-qafas normattiv bħala parti mir-regolamentazzjoni aħjar;

***Leġiżlazzjoni ewropea/prattika tajba***

48. Ifakkar l-istabbiliment diġà deċiż tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (AEAPX); jisħaq fuq il-ħtieġa li din tiġi mgħammra bil-għan li tkun tista' twettaq b'mod effikaċi l-kompiti fdati lilha u b'mod partikolari tkun tista' tqis ukoll b'mod adegwat il-karatteristiċi u l-partikolaritajiet tal-pensjonijiet tax-xogħol;

49. Josserva li l-fondi pensjonistiċi, inklużi l-IORPs, għadhom regolati u sorveljati bħala entitajiet finanzjarji indipendenti, għalkemm, fil-prattika, dawn l-attivitajiet jitwettqu minn konglomerati;

***Rekwiżiti tal-kapital***

50. Iqis li l-proposti għal reġim ta' solvenza għall-IORPs għandhom jirrikonoxxu l-ispeċifiċitajiet tal-pensjonijiet filwaqt li jqis il-fatt li r-riskji fis-settur tal-assigurazzjoni huma differenti minn dawk li jħabbtu wiċċhom l-IORPs, partikolarment fir-rigward tal-kundizzjonalità tad-drittijiet għal pensjoni, it-tul ta' żmien tal-portafolji tal-pensjonijiet u l-fatt li l-IORPs huma entitajiet ad hoc li jħaddmu portafoll omoġenju ta' prodotti; jenfasizza li l-objettiv ewlieni ta' skema ta' dan it-tip tkun biex tipprovdi protezzjoni msaħħa lill-pensjonanti attwali u futuri; jemmen li l-impatt tat-tali proposti jeħtieġ jiġi valutat totalment, partikolarment bil-għan li jiġu kwantifikati l-ispejjeż addizzjonali u l-piż amministrattiv; jemmen li kwalunkwe reviżjoni tar-reġim ta' solvenza għall-IORPs għandha titwettaq fi ħdan il-kuntest tad-Direttiva IORP fis-seħħ; jisħaq fuq il-fatt li l-mistoqsijiet relatati ma' skema ta' rekwiżiti tal-kapital għall-fondi pensjonistiċi huma marbutin mill-qrib ma' riżoluzzjoni adegwata tal-kwistjonijiet relatati mal-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar l-Insolvenza;

51. Jenfasizza li, konformement mad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fil-Green Paper, id-Direttiva IORP hija bbażata fuq approċċ ta' armonizzazzjoni minima ta' Solvenza I filwaqt li, fil-futur qrib, l-impriżi tal-assigurazzjoni se japplikaw l-iskema ta' Solvenza II ibbażata fuq ir-riskju saħansitra għall-attività tal-pensjoni tax-xogħol tagħhom;

52. Jenfasizza li s-swieq finanzjarji jistgħu jiffunzjonaw b'mod effiċjenti biss meta jkun hemm fiduċja u jqis li dik il-fiduċja teħtieġ regoli prudenzjali sodi għall-istituzzjonijiet finanzjarji, u li l-IORPs ma għandhomx ikunu eċċezzjoni għal dan;

53. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa proposti dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tar-reġim ta' solvenza tal-IORPs u partikolarment – konformement mal-intenzjoni ddikjarata tagħha fil-Green Paper – tniedi studju tal-impatt dwar l-applikazzjoni tar-reġim ta' solvenza ta' Solvenza II mill-aktar fis possibbli;

***Leġiżlazzjoni tal-ue dwar l-insolvenza***

54. Jieħu nota sew tal-varjetà wiesgħa fl-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Insolvenza; josserva li, filwaqt li d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi rilevanti aktarx huma biżżejjed adegwati, ir-riżultati jafu ma jkunux adegwati u għaldaqstant ma jaqblux mal-għan tad-Direttiva; jirreferi għall-konklużjoni tal-Kummissjoni li, f'ċerti każijiet, dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi imposti mill-Artikolu 8 tad-Direttiva, jistgħu jitqajmu kwistjonijiet fir-rigward tal-punt sa fejn uħud minn dawn il-miżuri huma suffiċjenti biex iħarsu l-interessi tal-impjegati u l-persuni rtirati fil-każ ta' insolvenza ta' min iħaddem u li hemm bżonn jiġu indirizzati għadd ta' kwistjonijiet;

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

55. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi mill-qrib l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, tieħu azzjoni kontra l-Istati Membri fejn tkun ġustifikata u, fl-okkażjoni ta' kwalunkwe rieżami ta' din id-Direttiva, tqis is-sitwazzjoni speċifika dwar l-obbligi ta' finanzjament ta' min iħaddem fil-konfront tal-impjegati jew il-fond pensjonistiku tiegħu;

56. Iqis li hemm il-ħtieġa biex tissaħħaħ il-leġiżlazzjoni tal-UE relatata mal-insolvenza ta' min iħaddem sabiex tiġi offruta protezzjoni ugwali tat-tfaddil għall-ħaddiema kollha, indipendentement min-natura tas-sistema pensjonistika ta' min iħaddimhom;

57. Jappella għal eżami dwar jekk assoċjazzjonijiet ta' assigurazzjoni pensjonistika, bħal dawk li jeżistu fil-Lussemburgu u fil-Ġermanja biex jipproteġu l-iskemi tat-tieni pilastru bbażati fuq ir-riservi tal-baġit, jistgħux jiġu rakkomandati lil Stati Membri oħra biex jipproteġu l-mekkaniżmu ta' sigurtà;

***Informazzjoni / parteċipazzjoni u investiment***

58. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' informazzjoni pprovduta lill-pubbliku mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-korpi li jamministraw il-pensjonijiet rigward ir-rekwiżiti, l-għażliet, il-possibilitajiet, id-drittijiet akkumulati, ir-riżultati mistennija u l-qagħda tal-affarijiet fir-rigward tal-pensjonijiet tax-xjuħija; jenfasizza li ċ-ċittadini għandhom ikunu pprovduti bl-informazzjoni rigward l-ispejjeż u l-ħlasijiet effettivi meta jikkonkludu kuntratti ta' skemi pensjonistiċi addizzjonali u b'informazzjoni ottimali dwar il-qagħda tal-pensjonijiet tagħhom; jenfasizza wkoll l-importanza ta' edukazzjoni finanzjarja soda minn fażi bikrija;

59. Jinnota li hemm il-ħtieġa għal trasparenza u żvelar akbar tal-ħlasijiet imposti fuq il-ġestjoni tal-assi u speċjalment mis-saffi kollha tal-investimenti minn dawk li jipprovdu l-pensjoni privata; iqis li l-informazzjoni pprovduta liċ-ċittadini mill-Istati Membri u mill-fondi dwar id-drittijiet akkumulati għandha tkun integrata f'sistema operattiva, trasparenti u aċċessibbli f'livell Ewropew;

60. Iqis li l-membri tal-pubbliku għandhom jiġu mgħarrfa fil-pront u għalkollox dwar il-konsegwenzi fit-tul ta' kwalunkwe riforma fid-dispożizzjoni fil-qasam pensjonistiku, b'mod partikolari rigward l-ammont tal-pensjoni tagħhom stess u l-għadd totali tas-snin ta' kontribuzzjonijiet pensjonistiċi dovuti; jinnota li r-riformi għandhom jipprevedu reġim effikaċi u bla intoppi ta' tranżizzjoni; jistieden lill-Istati Membri jniedu kampanji li jippermettu li jinkoraġġixxu liċ-ċittadini biex jinfurmaw ruħhom dwar ir-riperkussjonijiet fuq id-deċiżjonijiet tagħhom rigward il-pensjoni kif ukoll biex jiggarantixxu pensjoni adegwata għalihom stess;

***Koordinament tal-politiki***

61. Iqis li, fid-dibattitu ulterjuri dwar sistema pensjonistika adegwata, sigura u sostenibbli, ikun ta' għajnuna li tiġi stabbilita pjattaforma pensjonistika Ewropea li tinvolvi r-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE, l-imsieħba soċjali u l-partijiet interessati rilevanti li jiskambjaw informazzjoni dwar l-aħjar prattiki u jgħinu biex jitħejjew l-inizjattivi politiċi, dan kollu b'rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà; iqis li sabiex jiġi evitat l-irduppjar f'dan il-kuntest, għandu jingħata kont tal-kumitat konsultattiv eżistenti fuq il-pensjonijiet supplimentari (il-'Forum tal-Pensjonijiet');

62. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsdira tistabbilixxi task force speċjali dwar il-pensjonijiet, bl-involviment tad-DĠ rilevanti kollha b'kompetenzi relatati mal-kwistjonijiet pensjonistiċi;

*

* *

63. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

# Ir-rapport ta' progress 2010 dwar il-Kroazja

P7_TA(2011)0059

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 dwar ir-rapport ta' progress tal-2010 dwar il-Kroazja**

(2012/C 188 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni adottata mill-Kunsill fit-3 ta' Ottubru 2005 sabiex jinfetħu n-negozjati għall-adeżjoni mal-Kroazja,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2010 dwar ir-rapport ta' progress tal-2009 dwar il-Kroazja ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport ta' progress tal-2010 dwar il-Kroazja, ippubblikat mill-Kummissjoni fid-9 ta' Novembru 2010 (SEC(2010)1326),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Ħdax-il Kumitat Parlamentari Konġunt UE-Kroazja, adottati fis-29 ta' Marzu 2010 f'Żagreb u tat-12-il Kumitat Parlamentari Konġunt, adottati fit-30 ta' Novembru 2010 fi Brussell,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Parlament Ewropew għadu qed ikun impenjat għalkollox biex jippromwovi lill-Kroazja biex issir membru tal-Unjoni Ewropea u jinsab deċiż li jgħin biex iwassal il-proċess tal-adeżjoni tagħha għal konklużjoni rapida u ta' suċċess,

B. billi n-negozjati tal-adeżjoni mal-Kroazja mxew 'il quddiem b'mod sinifikanti u daħlu fil-fażi finali tagħhom; billi ġie nnutat progress ġenerali sostanzjali partikolarment fis-sodisfar tal-punti ta' referenza stabbiliti fil-kapitoli tan-negozjar,

C. billi n-negozjati tal-adeżjoni mal-Kroazja jistgħu jitlestew fl-ewwel nofs tal-2011 kemm-il darba r-riformi meħtieġa jkomplu jiġu segwiti b'mod determinat, b'mod partikolari billi jiġu msaħħa l-amministrazzjoni pubblika u l-ġudikatura, tkompli tiġi miġġielda l-korruzzjoni, tiġi żgurata s-sostenibilità tar-ritorn tar-refuġjati u l-kooperazzjoni sħiħa mat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li kienet il-Jugoslavja (ICTY) u jitkompla l-proċess ta' privatizzazzjoni u l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' ristrutturar tat-tarzni li jinsabu f'diffikultà,

D. billi l-isforzi ta' riforma jeħtieġ li jiġu sostnuti wkoll lilhinn mit-tlestija tan-negozjati tal-adeżjoni bil-għan li l-pajjiż u ċ-ċittadini tiegħu jibbenefikaw għalkollox mill-vantaġġi tas-sħubija mal-UE,

E. billi l-prospett tas-sħubija mal-UE huwa inċentiv qawwi għall-pajjiżi l-oħra tar-reġjun tal-Balkani tal-Punent fi triqithom lejn l-integrazzjoni Ewropea biex iwettqu r-riformi politiċi, ekonomiċi u leġiżlattivi u għat-tisħiħ tal-paċi, l-istabbilità u l-koeżistenza rikonċiljatorja fir-reġjun abbażi ta' relazzjonijiet tajba mal-ġirien; billi l-UE għandha ssaħħaħ il-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi ġirien tal-Kroazja li huma parti mill-proċess ta' Tessaloniki,

***Kummenti ġenerali***

1. Ifaħħar lill-Kroazja għall-progress sostanzjali li sar fl-issodisfar tal-punti ta' referenza meħtieġa għall-konklużjonijiet tan-negozjati tal-adeżjoni; jitlob lill-Kroazja twettaq b'determinazzjoni r-riformi neċessarji ħalli tkun tista' tissodisfa l-punti ta' referenza tal-għeluq u tikkonkludi n-negozjati; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-kapaċitajiet tagħha kollha biex tappoġġja l-isforzi tal-Kroazja biex tissodisfa l-punti ta' referenza;

2. Jilqa' l-intenzjoni tal-Presidenza Ungeriża li tlesti n-negozjati fl-ewwel nofs tal-2011 jekk jintlaħqu l-kriterji u l-punti ta' referenza kollha;

([1]) ĠU C 341 E, 16.12.2010, p. 48.

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

3. Jemmen bis-saħħa kollha li adeżjoni ta' malajr tal-Kroazja tinvolvi kemm dimensjoni Ewropea u kemm dimensjoni reġjonali u tkun ta' inkoraġġiment ulterjuri għall-bqija tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent biex iniedu u jimplimentaw b'determinazzjoni r-riformi relatati mal-adeżjoni;

4. Għadu jinsab imħasseb minħabba l-fatt li, kif inhu rrivelat mill-aħħar stħarriġ tal-Ewrobarometru, il-maġġoranza taċ-ċittadini Kroati jaħsbu li sħubija tal-Kroazja mal-UE mhux se jkun ta' benefiċċju għall-pajjiż; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Kroati u lis-soċjetà ċivili jimmobilizzaw, bil-għajnuna tal-Kummissjoni, l-azzjonijiet tagħhom bil-għan li l-Kroati jħossu li l-proġett Ewropew huwa tagħhom ukoll; jitlob lill-gvern Kroat biex jagħti ħafna aktar appoġġ politiku lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed ifittxu li jippromwovu s-sħubija tal-pajjiż fl-UE u biex jinvolvi aktar lil dawn l-atturi mhux statali fil-proċess tal-adeżjoni; hu tal-fehma li hu importanti ħafna li ċ-ċittadini jingħataw informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE li tkun ċara u bbażata fuq il-fatti;

***Kriterji politiċi***

5. Jilqa' l-fatt li f'Ġunju 2010 maġġoranza kbira ħafna tal-Parlament Kroat adottat emendi sostanzjali għall-Kostituzzjoni mitluba mill-adeżjoni mal-UE; jemmen li l-bidliet Kostituzzjonali li ġew adottati se jwittu t-triq biex titgħadda l-leġiżlazzjoni li fadal; jiddispjaċih għall-fatt li l-Parlament u l-Gvern tilfu l-opportunità li jinkludu protezzjoni aħjar għall-gruppi ta' minoranza fil-Kummissjoni, bħal pereżempju l-lesbjani, l-omosesswali, il-bisesswali u t-transesswali, u l-prinċipju tas-sostenibilità ekoloġika;

6. Jenfasizza li, filwaqt li ttieħdu passi ulterjuri biex tissaħħaħ l-amministrazzjoni pubblika, għad fadal dgħufijiet maġġuri fil-proċeduri amministrattivi u l-kapaċitajiet amministrattivi għadhom mhumiex biżżejjed partikolarment meta wieħed iqis il-kumplessità tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika; jistiedem lill-Gvern Kroat jindirizza d-diversi każi ta' dewmien fil-proċess ta' deċentralizzazzjoni wkoll billi jelabora u jimplimenta strateġija ta' deċentralizzazzjoni u billi jkompli jieħu aktar passi fid-depolitiċizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u billi jkompli jtejjeb aktar il-professjonaliżmu u l-etika tiegħu; hu tal-fehma li kemm il-konklużjoni ta' strateġija għall-promozzjoni ċara bbażata fuq il-meritu kif ukoll il-politika ta' rimunerazzjoni reveduta huma l-qofol f'dan ir-rigward;

7. Jinnota li l-korruzzjoni donnha nfirxet fil-Kroazja u għadha problema gravi li tolqot kollox; jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-gvern Kroat biex jieħu pożizzjoni soda ħafna kontra kull sura ta' korruzzjoni; jenfasizza li l-Gvern ta attenzjoni speċjali lill-qafas legali u istituzzjonali tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inklużi l-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjoni, u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u internazzjonali; jieħu nota tal-każijiet bi profil għoli ta' kontra l-korruzzjoni li għaddejjin bħalissa li jinvolvu ex Prim Ministru, żewġ ex-ministri, impjegati taċ-ċivil bi profil għoli u għadd kbir ta' maniġers ġenerali ta' ditti kummerċjali tal-istat; jistenna li jsiru proċessi kriminali trasparenti u ġusti u jfakkar lill-awtoritajiet Kroati l-importanza li l-proċess ta' investigazzjoni tal-korruzzjoni jkun protett mill-interferenza politika; jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien ta' dipartimenti speċjali ta' kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata fl-akbar erba' qrati fil-pajjiż, fejn l-imħallfin jiġu mgħarbla u jirċievu taħriġ addizzjonali; jitlob lill-OLAF jikkopera mill-qrib mal-awtoritajiet Kroati ħalli jsir id-dawl fuq il-konsegwenzi potenzjali tal-ġenerazzjoni tal-korruzzjoni sekondarja fl-istituzzjonijiet tal-UE;

8. Jinnota li, filwaqt li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni għadha waħda mill-prijoritajiet prinċipali tal-Gvern, huma ftit il-każijiet ta' korruzzjoni li tressqu quddiem il-qrati u l-parti l-kbira tagħhom għadhom fl-istadju tal-prosekuzzjoni/investigazzjoni; jistieden lill-awtoritajiet Kroati jkomplu jsaħħu aktar il-kapaċitajiet amministrattivi tal-korpi ta' kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari dik tal-Uffiċċju għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata (USKOK), u jkomplu jseddqu kultura ta' responsabilità politika; jinnota l-isforzi li għamlu l-awtoritajiet Kroati biex jipprevienu l-korruzzjoni permezz tal-istruzzjoni tal-imħallfin u ta' uffiċjali pubbliċi oħra u permezz ta' informazzjoni mogħtija lis-soċjetà kollha; isostni li għandhom jiġu ssodisfati aktar ħtiġijiet f'dan ir-rigward, partikolarment billi tissaħħaħ it-trasparenza tan-nefqa pubblika; jilqa' l-isforzi tal-Gvern biex jiġu eliminati n-nuqqasijiet fil-qasam tal-finanzjament tal-attivitajiet politiċi u l-kampanji elettorali;

9. Sabiex ikun hemm ġudikatura indipendenti u imparzjali hu jinsab kuntent bl-isforzi sostanzjali biex tkompli tiġi rriformata l-ġudikatura, b'mod partikolari bl-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni rivedut tar-riforma ġudizzjarja; jilqa' b'sodisfazzjon il-progress fit-tnaqqis li kompla jsir fil-għadd ta' każijiet li kien hemm jistennew, speċjalment f'dawk fejn il-proċeduri jdumu aktar minn tliet snin, u fir-razzjonalizzazzjoni tas-sistema tal-qorti billi ġew stabbiliti qrati akbar, qrati tal-kontei u qrati kummerċjali kif ukoll fl-ispeċjalizzazzjoni tal-imħallfin; jinnota l-passi pożittivi, inkluż fir-rigward tal-Kunsill Ġudizzjarju tal-Istat, l-indipendenza tal-Akkademja Ġudizzjarja u l-istabbiliment tal-iskola tal-uffiċjali ġudizzjarji, biex tiġi msaħħa l-indipendenza tal-ħatriet ġudizzjarji, biex jissaħħu l-iżvilupp tal-karriera u r-responsabilità dixxiplinarja tal-prim imħallfin kif ukoll l-adozzjoni ta' salvagwardji ġenerali għal indipendenza aktar imseddqa tal-ġudikatura;

10. Jisħaq li, għalkemm il-qrati naqqsu l-għadd tal-każijiet mhux riżolti li kienu qed jistennew proċess, l-istat tad-dritt u l-fiduċja taċ-ċittadini fil-ġudikatura għadhom qed isofru mill-għadd immens ta' każijiet li għadhom qed jistennew u t-tul eċċessiv tal-proċeduri tal-qorti; jinnota b'dispjaċir li filwaqt li l-għadd tal-imħallfin huwa għoli hemm nuqqas ta' persunal ta' sostenn għall-qorti u għalhekk jistieden lill-awtoritajiet Kroati jindirizzaw din id-diskrepanza; jenfasizza li l-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti għadu problema;

11. Jinnota li l-Kummissjoni osservat li għadu ma sarx biżżejjed progress fir-rigward tal-infrastruttura u t-tagħmir tal-qrati, l-aktar minħabba n-nuqqas ta' finanzjament xieraq; jistenna li din is-sistema tkun tista' taħdem mill-aktar fis possibbli sabiex jiġu trattati l-każijiet pendenti fil-Kroazja u biex jiġi żgurat li ma ddumx ma ssir ġustizzja b'mod effikaċi u f'waqtha; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kroati jissoktaw itejbu l-indipendenza, l-effiċjenza u r-riżorsi tal-ġudikatura; jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li r-riformi tal-amministrazzjoni pubblika u tal-ġudikatura jiġu implimentati b'suċċess qabel l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt u r-riżultati miksubin permezz tal-allokazzjoni tal-fondi tal-UE fir-riforma tal-ġudikatura u fit-taqbida kontra l-korruzzjoni;

12. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni li saret mill-Prosekutur tal-ICTY quddiem il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSC) fis-6 ta' Diċembru 2010; jilqa' l-fatt li l-awtoritajiet Kroati huma ġeneralment responsivi għat-talbiet tal-Prosekutur għal assistenza, li t-talbiet jintwieġbu adegwatament u li jingħata aċċess għax-xhieda u l-provi; jistieden lill-gvern Kroat, iżda, jintensifika l-investigazzjoni amministrattiva tiegħu rigward id-dokumenti militari rikjesti u jiċċara l-inkonsistenzi li hemm fir-rapporti tiegħu lill-Uffiċċju tal-Prosekutur imsemmija fl-aħħar stqarrija tal-Prosekutur lill-UNSC u li għadhom ma ġewx riżolti;

13. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Grupp ta' Ħidma ta' Bejn l-Aġenziji Kroat biex jagħti dettalji sħaħ dwar fejn jinsabu d-dokumenti mitluba; min-naħa l-oħra, jistieden lill-Kunsill jikkunsidra l-pożizzjoni tal-Awla tal-Ewwel Grad tal-ICTY, b'mod notevoli li ma setax jiġi determinat b'ċertezza suffiċjenti jekk ir-reġistri tal-artillerija mitluba jeżistux;

14. Jinsab kuntent li l-Kroazja għadha attiva fil-ħidma tat-tressiq il-qorti tal-każijiet tad-delitti tal-gwerra fuq inizjattiva tagħha stess u li l-prosekuturi baqgħu jirrevedu l-każijiet tad-delitti tal-gwerra li kienu għadhom pendenti u kundanni in absentia, u japplikaw miżuri standard biex jiżguraw prattiki uniformi mingħajr ma joqogħdu jaraw l-oriġini nazzjonali tal-konvenut; jinnota, madankollu, li jeħtieġ li jsir aktar titjib fit-tmexxija tal-proċessi tad-delitti tal-gwerra, bil-għan li jkun żgurat li l-proċessi jitmexxew b'mod imparzjali għalkollox u li ma jxaqleb lejn l-ebda naħa kif ukoll li jinsab tarf tal-impunità u jittejjeb il-ħarsien tax-xhieda; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Kroati jkomplu jtejbu aktar id-djalogu u l-kooperazzjoni f'dan il-qasam mal-pajjiżi ġirien; ifaħħar lill-gvern Kroat għall-programm tiegħu biex jiġu eliminati l-mini tal-art li għad fadal mill-ostilitajiet tad-disgħinijiet u jħeġġeġ lill-awtoritajiet isegwu l-programm b'attenzjoni partikolari fuq it-territorji fil-Lvant tal-pajjiż li huma l-aktar milquta ħażin;

15. Sabiex jindirizza in-nuqqasijiet li fadal f'dik li hija l-prosekuzzjoni ta' reati tal-gwerra, jissottolinja l-ħtieġa tal-ħeffa li biha għandhom isiru l-rosekuzzjonijiet għal reati tal-gwerra; jitlob li l-Kodiċi Kriminali jiġi aġġornat skont l-ogħla standards tal-Liġi Internazzjonali, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mad-definizzjoni tar-reati kontra l-umanità, id-dispożizzjonijiet tar-responsabilità tal-kmand u l-liġijiet li jiddefinixxu r-reati ta' vjolenza sesswali; jitlob, barra minn hekk, li jkun hemm titjib fil-provvedimenti għall-ħarsien tax-xhieda;

16. Jilqa' l-progress globali fil-qasam tar-ritorn tar-refuġjati u huwa kompjaċut jinnota li l-ostilità pubblika lejn is-Serbi li qed jirritornaw naqset f'ħafna mill-pajjiż; jinnota, madankollu, li għad hemm il-problemi għar-refuġjati u l-persuni li qed jirritornaw u jistieden lill-awtoritajiet Kroati jiffaċilitaw il-proċess ta' reintegrazzjoni ta' dawk li qed jirritornaw billi jkomplu jneħħu l-ostakli għall-ksib tal-istatus ta' residenza permanenti, billi jiffinanzjaw b'mod xieraq u jaċċelleraw il-programm tar-rikostruzzjoni tad-djar, kif ukoll billi jniedu proġetti ta' rkupru soċjali u ekonomiku; jistieden lill-awtoritajiet Kroati jindirizzaw b'mod ferm l-applikazzjonijiet li fadal u jipprijoritizzaw ir-rieżami tal-appelli u jagħmlu kull sforz għar-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji taz-zoni żvantaġġati milqutin mill-gwerra, għat-titjib ulterjuri tas-sostenibilità tal-introjti u ħalli jissoktaw isawru r-rikonċiljazzjoni interetnika fi klima ta' tolleranza etnika u ta' tħaddin tad-diversità etnika u kulturali;

**L-Erbgħa 16 ta’ Frar 2011**

17. Jinnota li l-libertà tal-espressjoni, inklużi l-libertà u l-pluraliżmu tal-mezzi tax-xandir, hemm dispost għaliha fid-Dritt Kroat u li ġeneralment hija osservata fil-pajjiż; jistieden lill-awtoritajiet Kroati, iżda, jieħdu aktar passi ħalli jiżguraw l-indipendenza tal-mezzi tax-xandir u l-ħolqien tal-kondizzjonijiet għall-professjonalizzazzjoni tagħhom kif ukoll li jissoktaw juru l-impenn tagħhom ħalli jiżguraw li s-settur tal-mezzi tax-xandir jopera mingħajr indħil politiku u li tkun iggarantita l-indipendenza tal-korpi regolatorji; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kroati jinvestigaw aktar vigorożament il-każijiet ta’ intimidazzjoni u pressjoni politika fuq il-ġurnalisti kif ukoll l-influwenza kummerċjali, u li jsaħħu l-investigazzjoni tat-theddid kontra l-ġurnalisti li jaħdmu fuq każijiet ta’ korruzzjoni, kriminalità organizzata u attivitajiet illegali oħrajn; f’dan ir-rigward jilqa’ b’sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-qorti tad-distrett ta’ Żagreb fil-każ tal-qtil ta’ editur tal-gazzetta ta’ kull ġimgħa;

18. Jinnota, barra minn hekk, li x-xandir pubbliku tar-Radju u t-Televiżjoni Kroati (HRT) qed ikompli jaffaċċja diffikultajiet maniġerjali wara diversi tentattivi bla suċċess min-naħa tal-Kunsill tal-Programmi tal-HRT sabiex jiġi elett direttur ġdid tal-HRT u dan qed jaffettwa l-operat tal-HRT; jilqa’ d-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida dwar ir-radju u t-televiżjoni u jistenna d-depoliticizzazzjoni tal-istruttura maniġerjali tal-HRT u li tkun żgurata l-indipendenza editorjali;

19. Jilqa’ b’sodisfazzjon il-progress relattiv li sar fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi; jinnota li madwar ħamsa u għoxrin fil-mija tas-siġġijiet parlamentari, u kważi nofs il-pożizzjonijiet amministrattivi fis-settur pubbliku huma meħudin min-nisa, u dan juri li l-progress li qed isir lejn ugwaljanza bejn is-sessi; filwaqt li l-proporzjon fl-impjiegi bejn is-sessi huwa aspett pożittiv tal-ekonomija tal-Kroazja, jaċċentwa, iżda, li l-perċentwal ta’ nisa f’pożizzjonijiet ta’ tmexxija imprenditorjali għadu baxx u għad hemm differenzi fil-pagi bejn is-sessi; jitlob għalhekk aktar promozzjoni attiva tal-parteċipazzjoni tan-nisa f’korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet ekonomiċi u politiċi u implimentazzjoni malajr tal-Liġi għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi inkluż il-prinċipju tal-pagi ndaqs; iqis li attwalment il-protezzjoni soċjali tan-nisa hi avvanzata meta mqabbla ma’ dik tal-ġirien tagħha; jistieden lill-awtoritajiet Kroati jagħtu aktar attenzjoni għat-taqbida kontra l-vjolenza domestika;

20. Jilqa’ b’sodisfazzjon il-fatt li l-Kroazja kienet fost l-ewwel pajjiżi li qablu li jintrabtu bil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabbiltajiet; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kroati jimplimentaw il-miżuri eżistenti u jfasslu pjanijiet addizzjonali, konkreti u trasparenti għar-riforma tal-istituzzjonalizzazzjoni u l-kapaċità ġuridika kif ukoll għall-indirizz ta’ għadd kulma jmur qed jikber ta’ persuni b’diżabilità mentali f’istituzzjonijiet ffullati ż-żejjed aktar milli f’komunitajiet, ħalli jiġi żgurati għalkollox il-jeddijiet ġuridiċi u tal-bniedem ta’ min hu b’diżabilità; billi l-Konvenzjoni espliċitament tagħraf il-jedd bażiku tal-persuni b’diżabilità mentali li jgħixu f’komunità, tirrakkomanda lill-awtoritajiet Kroati jagħmlu r-riformi li huma konsistenti ma’ din id-dispożizzjoni billi jagħtu għażliet alternattivi ta’ kura; jinkoraġġixxi lill-Kroazja tkompli ssaħħaħ aktar id-dispożizzjonijiet legali relevanti dwar l-aċċess għall-bini pubbliku għall-persuni b’diżabilità;

21. Jinnota li sar progress sostanzjali fir-rigward tar-rispett u l-protezzjoni tal-minoranzi, b’attenzjoni akbar mogħtija lill-kwistjonijiet tal-minoranzi fil-kuntest tar-relazzjonijiet imtejba fir-reġjun; jilqa’ t-tisħiħ tad-dispożizzjonijiet kostituzzjonali dwar il-minoranzi u l-fatt li minkejja l-miżuri ta’ awsterità finanzjarja, il-livell ta’ finanzjament disponibbli għall-organizzazzjonijiet tal-minoranzi tnaqqas marġinalment; b’danakollu, jisħaq dwar il-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-minoranza Roma;

22. Jenfasizza l-importanza tad-djalogu mas-soċjeta ċivili u jsostni r-rwol importanti ta’ dawn l-organizzazzjonijiet fid-definizzjoni tal-prijoritajiet tal-politika; jirrikonoxxi l-isforzi tal-gvern Kroat biex jikkonsulta mas-soċjetà ċivili; jitlob lill-awtoritajiet biex jieħdu aktar passi sabiex jifformalizzaw u jżidu l-parteċipazzjoni tal-atturi tas-soċjetà ċivili fit-tfassil tal-politika u fil-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-awtoritajiet; jenfasizza r-rwol kruċjali tas-soċjetà ċivili fil-kontribuzzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali msaħħa fir-rigward tal-aspetti soċjali u politiċi;

23. Jilqa’ b’sodisfazzjon il-progress li sar fir-rigward tas-sistema tal-ħabs, partikolarment il-bidu tal-kostruzzjoni ta’ faċilitajiet tal-ħabs ġodda kif ukoll l-implimentazzjoni ta’ sistema ġdida ta’ probazzjoni; Jinnota li, madankollu, il-ħtiġijiet tal-priġunieri għall-kura tas-saħħa, l-iġjene, l-ispazju u l-arja friska, u għall-aċċess għall-opportunitajiet ta’ xogħol minħabba l-problema tal-iffullar żejjed għadhom iridu jintlaħqu għalkollox;

24. Jilqa’ t-titjib li sar mill-awtoritajiet rilevanti fir-rigward tal-prosekuzzjoni tal-hekk imsemmija reati ta’ mibgħeda; iħeġġeġ lill-awtoritajiet biex jimxu pass ’il quddiem billi jistabbilixxu klassifikazzjoni u definizzjoni adegwati tar-reati ta’ mibgħeda, partikolarment fir-rigward ta’ reati li jkunu saru abbażi tal-orjentazzjoni sesswali tal-vittma, tal-isfond kulturali jew inkella tal-etniċità;

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

25. Jilqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar ir-reati ta' mibegħda; madankollu, jinnota li l-awtoritajiet għandhom jindirizzaw b'mod aktar riżolut il-każijiet ta' theddid razzjali u ta' intolleranza kontra minoranzi sesswali;

*Kriterji ekonomiċi*

26. Jinnota li għalkemm it-tnaqqis ekonomiku qed ibatti, l-ekonomija Kroata baqgħet titnaqqas bi tnaqqis fil-PGD reali; filwaqt li jilqa' b'sodisfazzjon il-pjanijiet ta' rkupru ekonomiku, jistieden lill-Gvern isarraf ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu f'politiki vigorużi;

27. Jistieden lill-gvern Kroat jindirizza d-dgħufijiet strutturali tal-ekonomija, inaqqas ir-rwol ridistributtiv tagħha permezz ta' riforma strutturali biex tingħata spinta lill-kompetittività; jenfasizza li hemm il-ħtieġa li ssir razzjonalizzazzjoni tas-settur pubbliku u aktar konsolidazzjoni/riformi fiskali mmirati biex jitnaqqas l-infiq pubbliku; jinnota barra minn hekk li jeħtieġ li jsiru sforzi serji biex jiġu rriformati s-settur tas-saħħa, is-sistemi soċjali u l-politiki tal-għajnuna tal-istat tal-Kroazja biex tintlaħaq l-effettività fl-ispejjeż u livell stabbli ta' nfiq pubbliku taħt qafas ta' politika fiskali soda;

28. Jistieden lill-gvern Kroat jindirizza r-rati baxxi ħafna tal-impjiegi, jagħmel aktar sforzi biex iżid il-parteċipazzjoni fix-xogħol billi jindirizza r-regolamenti inflessibbli tas-suq tax-xogħol u d-diżinċentivi għall-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol, permezz tal-edukazzjoni vokazzjonali, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja kollha;

*L-abilità li tassumi l-obbligazzjonijiet tas-sħubija*

29. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Kroazja kompliet ittejjeb il-kapaċità tagħha li tassumi l-obbligi ta' sħubija mal-UE, b'livell tajjeb ta' allinjament mal-*acquis communautaire* fil-maġġoranza tas-setturi; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Kroati, madankollu, jiddedikaw attenzjoni partikolari lill-kapaċitajiet amministrattivi filwaqt li jiżguraw implimentazzjoni xierqa ħalli l-pajjiż ikun jista' jimmassimizza l-benefiċċji tas-sħubija mal-UE wara l-adeżjoni;

30. Jieħu nota tal-proċedura tat-tfigħ tal-offerti għat-tarzni li jinsabu f'diffikultà f'Mejju 2010; jistieden lill-Gvern Kroat jikkonkludi mill-aktar fis possibbli l-proċess tar-ristrutturar f'dan ir-rigward bil-għan li jissodisfa punt ta' riferiment importanti tan-negozjati tal-adeżjoni meħtieġ għall-għeluq provviżorju tal-kapitolu dwar il-kompetizzjoni;

31. Jilqa' l-isforzi sostanzjali fl-infurzar tal-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali u t-tisħiħ tas-sistema tal-ġestjoni ġenerali tal-għajnuna ta' qabel l-adeżjoni biex issir tħejjija xierqa għall-implimentazzjoni tal-politiki ta' koeżjoni u rurali hekk kif il-Kroazja tingħaqad mal-UE;

32. Iħeġġeġ lill-Gvern Kroat biex itejjeb il-koordinazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-gvern ċentrali responsabbli għall-immaniġġjar tal-ambjent, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw l-ippjanar tal-ispazju, l-immaniġġjar tal-iskart u tal-ilma u l-arja, bil-għan li jkun jista' jiġi ppriservat b'mod suffiċjenti l-ambjent uniku u jiġi sostnut livell għoli ta' bijodiversità; jitlob lill-Gvern, b'mod partikolari, biex iwettaq, bħala l-ewwel pass u b'mod urġenti, evalwazzjoni dettaljata tal-arkitettura attwali tiegħu fl-oqsma tat-tfassil tal-politika favur l-ambjent u l-immaniġġjar ambjentali;

33. Jinnota b'sodisfazzjon li l-pożizzjoni ġeografika tal-Kroazja u t-tliet Kurituri Ewropej tat-Trasport li jaqsmu l-pajjiż joffru aċċess li hu effiċjenti f'dik li hi nefqa għas-swieq tal-Ewropa Ċentrali għat-tagħbijiet ta' merkanzija maħsuba għal-Lvant u għal-Lvant Imbiegħed u dawk li joriġinaw minn hemmhekk u jisħaq fuq il-ħtieġa ta' żvilupp integrat tal-konnessjonijiet tal-portijiet, il-linji tal-ferrovija u t-toroq mal-kurituri Ewropej meħtieġa biex tiġi sostnuta pożizzjoni ġeografika attraenti għas-servizzi tat-trasport;

34. Jinnota li l-Kroazja għamlet progress kbir billi kkonformat il-politika, il-leġiżlazzjoni u r-regolamenti tagħha mal-*acquis* dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u jħeġġeġ lill-awtoritajiet Kroati jippromwovu l-aċċess għall-internet kemm jista' jkun possibbli b'mod wiesa'; jilqa' b'sodisfazzjon is-suċċess fil-bidla għal xandir tat-televiżjoni diġitali; madankollu, jiddispjaċih li minkejja r-regolamenti inkwistjoni, il-kompetizzjoni fis-suq tal-broadband fiss għadha limitata;

35. Jinnota li l-isfidi strutturali fl-agrikoltura għadhom hemm u li l-impriżi tal-biedja privati għadhom qed joperaw fuq artijiet żgħar ifframmentati b'kapaċità limitata għall-ilħuq ta' ekonomiji ta' skala;

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

36. Jilqa' l-parteċipazzjoni tal-Kroazja fl-operazzjonijiet u l-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (CSDP), partikolarment l-operazzjoni militari NAVFOR Atalanta tal-UE u l-missjonijiet ċivili tal-UE, l-EUPOL Afganistan u l-EULEX Kosovo, kif ukoll il-kontribut tal-Kroazja lill-Gruppi ta' Battalja tal-UE permezz ta' parteċipazzjoni attiva fil-Grupp ta' Battalja Nordiku u fil-Grupp ta' Battalja mmexxi mill-Ġermanja; barra minn hekk, jinnota b'sodisfazzjon il-konformità regolari u sistematika tal-Kroazja mad-dikjarazzjonijiet, il-pożizzjonijiet komuni u l-istqarrijiet tal-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni (CFSP) kull meta tiġi mistiedna tissieħeb, kemm fi Brussell u kemm fil-livell ta' organizzazzjonijiet internazzjonali;

*Kooperazzjoni reġjonali*

37. Jinkoraġġixxi lill-Kroazja tkompli bl-isforzi tagħha biex iżżomm għaddejjin relazzjonijiet tajba bħala ġara u biex tkompli tiżviluppahom u biex tibqa' promotura importanti u proattiva tal-kooperazzjoni reġjonali fil-livelli kollha; jifraħ lill-President Kroat li wera rispett profond għall-vittmi tal-Bosnja tad-delitti tal-gwerra waqt iż-żjara uffiċjali tiegħu f'Sarajevo f'April 2010; iqis li inizjattiva u ġest bħal dawn juru l-impenn tal-Kroazja biex issolvi l-kwistjonijiet storiċi mal-ġirien tagħha b'manjiera ġusta, sinċiera u dinjituża; jilqa' wkoll l-istqarrija konġunta tal-President u l-Prim Ministru tal-Kroazja dwar l-appoġġ għall-integrità territorjali u għas-sovranità tal-Bosnja-Ħerzegovina u d-dħul tagħha fl-UE u fin-NATO; jinnota li l-progress reġjonali f'dan ir-rigward ma kienx dejjem l-istess u għalhekk iheġġeġ lill-Gvern Kroat u lill-gvernijiet tal-pajjiżi ġirien jintensifikaw id-djalogu tagħhom immirat lejn ir-rikonċiljazzjoni fost iċ-ċittadini tar-reġjun u jilħqu soluzzjonijiet definittivi u li jkunu aċċettabbli minn kull naħa għall-kwistjonijiet bilaterali kollha li għadhom ma ġewx riżolti, partikolarment fir-rigward tal-ftehimiet finali dwar il-fruntieri tal-istat, il-persuni li ġew nieqsa, ir-restituzzjoni tal-proprjetà u r-ritorn tar-rifuġjati kif ukoll l-estradizzjoni ta' ċittadini fil-każijiet ta' delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità;

38. Jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-ftehim tal-arbitraġġ bejn il-Kroazja u s-Slovenja li jirrigwarda l-kwistjoni dwar il-fruntiera fid-29 ta' Novembru 2010; iqis li s-soluzzjoni tat-tilwim dwar il-fruntiera li ilu għaddej ħafna bejn il-pajjiżi ġirien huwa sinjal importanti għar-reġjun kollu kemm hu biex iheġġeġ il-kultura tad-djalogu u l-kompromess; ifakkar fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10 tal-ftehim tal-arbitraġġ li jipprevedu li ż-żewġ partijiet għandhom jastjenu minn kwalunkwe azzjoni jew stqarrija li tista' tintensifika t-tilwim jew tipperikola l-ħidma tat-tribunal arbitrarju;

39. Jitlob li jsir progress fis-soluzzjoni tat-tilwim bilaterali ma' pajjiżi ġirien, bħal pereżempju t-tilwimiet dwar il-fruntiera mas-Serbja, il-Montenegro u l-Bosnja-Ħerzegovina, sabiex dawn it-tilwimiet ma jostakolawx aktar tkabbir tal-UE ladarba tingħaqad il-Kroazja;

40. Ifaħħar lill-Kroazja u lis-Serbja għall-ambizzjoni u l-isforzi tagħhom biex isaħħu r-rikonċiljazzjoni fost iċ-ċittadini tagħhom f'atmosfera ta' fiduċja reċiproka; jilqa' ż-żjara tal-President Serb Tadić flimkien mal-President Kroat f'Vukovar, fejn il-President tas-Serbja wera r-rispett tiegħu u fisser l-apoloġija tiegħu għad-delitti kommessi f'Ovčara ħdejn Vukovar, kif ukoll l-impenn komuni għall-investigazzjoni tad-destin tal-persuni li għabu u għas-sejbien ta' soluzzjonijiet għall-kwestjonijiet tar-refuġjati u r-ritorn tagħhom bħala passi importanti lejn ir-rikonċiljazzjoni; jilqa' li l-President Kroat Josipovic ta ġieħ lill-vittmi tal-gwerra Serbi fil-Kroazja; jilqa' l-iffirmar tal-ftehima dwar l-estradizzjoni ta' persuni suspettati jew ikkundannati ta' delitti marbuta mal-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni bejn il-Kroazja u s-Serbja fid-29 ta' Ġunju 2010, kif ukoll il-konklużjoni tal-ftehim ta' estradizzjoni bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u l-Montenegro fl-1 ta' Ottubru 2010 bħala pass sinifikanti fit-tkabbir tal-effettività tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata u fit-tnaqqis tal-impunità fir-reġjun;

41. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva reġjonali "il-proċess ta' Brdo", li tnediet mill-Kroazja u s-Slovenja f'Marzu 2010, partikolarment il-ftehima bejn il-Kroazja, is-Slovenja u s-Serbja dwar l-iffurmar ta' kumpanija ta' ferroviji tal-ġarr tal-merkanzija biex jittejjeb it-trasport tal-merkanzija minn u lejn l-Ewropa tal-Punent u t-Turkija u l-Greċja minn ġot-tliet pajjiżi; jemmen li dan mhux biss se jnaqqas b'mod sinifikanti l-ispejjeż tat-trasport u se jnaqqas il-ħinijiet tat-trasport permezz ta' kontrolli ssimplifikati tal-fruntieri u tad-dwana imma wkoll jirrifletti l-impenn li l-isforzi għar-rikonċiljazzjoni jiġu tradotti f'passi prattiċi li jkunu ta' benefiċċju ekonomiku għal kulħadd;

42. Hu tal-fehma li l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun jista' jitħaffef permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib tal-Kroazja u s-Serbja fil-qafas tal-Istrateġija tad-Danubju billi din tista' tipprovdi opportunità biex dawn iż-żewġ pajjiżi jkomplu jiġu konnessi mal-UE permezz ta' diversi forom ta' kooperazzjoni fil-qasam tat-trasport, l-ambjent u l-iżvilupp ekonomiku fi ħdan il-qafas tal-makroreġjun tad-Danubju;

43. Jenfasizza l-ħtieġa li l-bini tal-impjant tal-enerġija u l-miżuri ta' regolazzjoni tul id-Danubju jitwettqu bl-akbar attenzjoni u skont it-teknoloġija ambjentali l-aktar avvanzata; jitlob, f'dan ir-rigward, li l-pajsaġġ uniku fl-Ewropa jiġi rispettat u li mill-bidu jiġu applikati r-regoli għall-permessi fis-seħħ fil-UE; huwa tal-fehma li dawn il-prinċipji fundamentali għandhom japplikaw ukoll għal modifiki fil-bini korrispondenti ta' flussi oħra tax-xmajjar;

*

* *

44. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Kroazja.

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

## Is-sitwazzjoni fl-Eġittu

P7_TA(2011)0064

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu**

(2012/C 188 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Eġittu,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, irratifikat mill-Egittu fl-1982,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011 dwar l-Eġittu u r-reġjun,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eġittu tal-31 ta' Jannar 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-11 ta' Frar 2011 ta' Herman Van Rompuy, President tal-Kunsill Ewropew, ta' José Manuel Barroso, President tal-Kummissjoni Ewropea u ta' Catherine Ashton, Rappreżentant Għoli tal-UE, dwar l-iżviluppi reċenti fl-Eġittu,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tal-Parlament Ewropew Jerzy Buzek dwar ir-riżenja tal-President Hosni Mubarak tal-11 ta' Frar 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tal-Kunsill Ewropew, Herman Van Rompuy, dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu tad-29 ta' Jannar 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-4 ta' Frar, tat-3 ta' Frar, tat-28 ta' Jannar, tas-27 ta' Jannar 2011 ta' Catherine Ashton, Rappreżentant Għoli tal-UE, dwar l-Eġittu kif ukoll id-dikjarazzjoni tas-6 ta' Diċembru 2010 dwar l-elezzjonijiet tal-Assemblea tal-Poplu tal-Eġittu,

— wara li kkunsidra l-Ħames Dikjarazzjoni tat-13 ta' Frar 2011 tal-Kunsill Suprem tal-Forzi Armati Eġizzjani,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Analiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat fl-2009: rapport ta' progress tal-Eġittu" (COM(2010)0207 - SEC(2010)0517),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni konġunta adottata mill-Eġittu u mill-UE f'April 2009 biex jaħdmu favur it-titjib tar-relazzjonijiet ta' bejniethom, kif propost mill-Eġittu fl-2008,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Eġittu tal-2004 u l-Pjan ta' Azzjoni, li sar qbil dwaru fl-2007,

— wara li kkunsidra l-iżvilupp tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) mill-2004 'l hawn, u b'mod partikolari r-rapporti ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tagħha,

— wara li kkunsidra l-Linji gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-2004, aġġornati fl-2008,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi d-dimostrazzjonijiet reċenti f'bosta pajjiżi Għarab fl-Afrika ta' Fuq u fil-Lvant Nofsani talbu riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali u esprimew talba popolari qawwija għal-libertà, id-demokrazija awtentika u kundizzjonijiet ta' ħajja aħjar għaċ-ċittadini,

B. billi l-President Eġizzjan Hosni Mubarak irriżenja fil-11 ta' Frar 2011; billi s-setgħat tiegħu għaddew lill-Kunsill Suprem tal-Forzi Armati; billi dan tal-aħħar talab lill-gvern maħtur reċentement mill-President Mubarak biex ikompli jiffunzjona sakemm jiġi ffurmat il-gvern il-ġdid, li ntrabat jgħaddi l-poter lil gvern ċivili elett u jieħu deċiżjonijiet importanti kif ħabbar fil-Ħames Dikjarazzjoni tiegħu tat-13 ta' Frar 2011,

C. billi biex wieħed jilqa' t-talba popolari għal-libertà, demokrazija awtentika u l-ġustizzja soċjali fl-Eġittu hemm bżonn ta' djalogu serju u miftuħ bil-parteċipazzjoni tal-forzi politiċi u soċjali kollha li jirrispettaw id-demokrazija, iżommu l-istat tad-dritt u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, liema djalogu għandu jissarraf f'riformi reali u sinifikanti,

D. billi l-protesti paċifiċi kontra r-reġim Eġizzjan ġew milqugħa b'repressjoni vjolenti min-naħa tal-pulizija bl-użu ta' gass tad-dmugħ, kanuni li jisparaw l-ilma, balal tal-lastiku kif ukoll balal ta' veru kif ukoll b'attakki fuq id-dimostranti min-naħa ta' persuni armati u milizji favur il-gvern, li rriżultaw fil-mewt ta' mijiet ta' nies, billi mijiet ta' nies, fosthom difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti u avukati, ġew arrestati u miżmuma,

E. billi l-Gvern Eġizzjan ħa l-miżura bla preċedent li jagħlaq l-aċċess għall-internet biex isikket lid-dimostranti u jillimita l-libertà tal-espressjoni tal-poplu; billi l-pulizija militari għalqet ċentri medjatiċi u ġuridiċi, bħal Al Jazeera u l-Hisham Mubarak Law Centre,

F. billi l-promozzjoni tar-rispett għad-demokrazija, għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet ċivili huma prinċipju u għan fundamentali tal-UE u jikkostitwixxu bażi komuni għall-iżvilupp taż-żona Ewro-Mediterranja; billi s-Sħubija Ewro-Mediterranja kkonċentrat l-aktar fuq ir-riformi ekonomiċi u ma setgħetx twassal biex jitwettqu r-riformi politiċi u istituzzjonali meħtieġa; billi l-Unjoni għall-Mediterran, li kellha ttejjeb il-politika tal-UE fir-reġjun, ma kinitx effikaċi biex tirreaġixxi għan-nuqqas ta' fiduċja li kien qed jiżdied u biex tissodisfa l-bżonnijiet bażiċi tal-popolazzjoni kkonċernata,

G. billi kemm-il darba fl-aħħar snin it-tfittxija għall-istabilità ngħatat prevalenza fuq il-valuri tad-demokrazija, il-ġustizzja soċjali u d-drittijiet tal-bniedem fir-relazzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha mal-ġirien tan-Nofsinhar tagħha; billi l-klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni għandhom ikunu sistematikament imsaħħin minn mekkaniżmu biex dawn il-klawsoli jiġu implimentati; billi qed jikkunsidra f'dan il-kuntest ir-rieżami kontinwu u neċessarju tal-PEV,

H. billi l-Parlament Ewropew kemm-il darba talab li jitneħħa l-istat ta' emerġenza, li ilu jeżisti mill-1981, li tissaħħaħ id-demokrazija, u li jitħarsu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fl-Eġittu,

I. billi l-Eġittu huwa sieħeb fundamentali tal-UE fil-Lvant Nofsani; billi l-UE għandha tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' Eġittu demokratiku, prosperu u stabbli billi tinkoraġġixxi u tappoġġa t-tiġdid tal-pajjiż,

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

J. billi l-Eġittu qiegħed jiżvolġi rwol attiv u kruċjali b'appoġġ għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u fir-rikonċiljazzjoni inter-Palestinjana; billi l-Kunsill Suprem tal-Forzi Armati kkonferma l-impenn tal-Eġittu fir-rigward tal-implimentazzjoni tat-trattati u l-patti internazzjonali li tagħhom huwa firmatarju,

1. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-poplu Eġizzjan, ifaħħar il-qlubija u d-determinazzjoni tiegħu, speċjalment fir-rigward tal-ġenerazzjoni żagħżugħa, u jappoġġa bil-qawwa l-aspirazzjonijiet demokratiċi leġittimi tagħhom;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza u l-forza sproporzjonata użata kontra d-dimostranti u jiddispjaċih b'mod profond dwar it-telf ta' ħajja kunsiderevoli u l-ammont kbir ta' korrimenti li rriżultaw; iwassal il-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi; jitlob għal inkjesta indipendenti dwar l-avvenimenti li wasslu għall-mewt, il-korrimenti u l-arresti, biex dawk responsabbli jiġu proċessati;

3. Jitlob li jinħelsu minnufih u bla kundizzjonijiet id-dimostranti paċifiċi, il-priġunieri ta' kuxjenza, id-difensuri Eġizzjani u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u l-avukati kollha; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-awtoritajiet Eġizzjani jiżvelaw minnufih fejn jinsabu l-persuni detenuti u jiżguraw li dawn jitħarsu mill-forom kollha ta' tortura jew ta' trattament ħażin ieħor;

4. Iqis li r-riżenja tal-President Hosni Mubarak fetħet fażi ġdida fit-tranżizzjoni politika tal-Eġittu; jappella għat-tnedija immedjata ta' djalogu politiku nazzjonali awtentiku u miftuħ bil-parteċipazzjoni tal-atturi politiċi u tas-soċjetà ċivili ewlenin kollha bl-għan li titwitta t-triq għat-tneħħija tal-istat ta' emerġenza, għar-rieżami tal-Kostituzzjoni u tal-liġi elettorali, għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti u għal gvern ċivili elett demokratikament u għal demokrazija awtentika fl-Eġittu;

5. Jistieden lill-forzi armati Eġizzjani jiżvolġu rwol kostruttiv billi jevitaw aktar vjolenza u biex jiffaċilitaw il-proċess politiku; jieħu nota tad-deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill Suprem tal-Forzi Armati rigward is-sospensjoni tal-Kostituzzjoni, ix-xoljiment tal-parlament, it-twaqqif ta' kumitat, li għandu jinkludi membri indipendenti, maħsub biex jemenda l-artikoli tal-Kostituzzjoni, l-organizzazzjoni ta' referendum popolari dwar dawn l-emendi, u l-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali; jerġa' jappella għal proċess demokratiku li fih l-atturi politiċi u tas-soċjetà ċivili kollha għandhom ikunu involuti bil-għan li jintlaħaq kunsens nazzjonali;

6. Jisħaq fuq l-importanza li jerġgħu jiġu stabbiliti n-netwerks ta' komunikazzjoni kollha, fosthom l-Internet, u dan mill-aktar fis possibbli u bir-rispett totali tal-libertà ta' informazzjoni, espressjoni u assoċjazzjoni fl-Eġittu;

7. Jesprimi l-appoġġ qawwi tiegħu għal riformi li jwasslu għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-ġustizzja soċjali fl-Eġittu; itenni t-talba tiegħu għat-tneħħija tal-istat ta' emerġenza; jenfasizza mill-ġdid l-importanza tal-governanza tajba, tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fl-Eġittu, b'rispett speċjali għal-libertà tal-kuxjenza, reliġjon, ħsieb, il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-istampa u tal-midja, il-libertà tal-assoċjazzjoni, id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-ħarsien tal-minoranzi u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentament sesswali;

8. Jenfasizza kemm hu importanti li jitħaffu konsiderevolment ir-riformi ekonomiċi u soċjali fl-Eġittu ladarba l-libertà, l-iżvilupp ekonomiku u standard ogħla tal-ħajja huma essenzjali għall-istabilità politika u soċjali fil-pajjiż;

9. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jappoġġaw attivament tranżizzjoni rapida lejn Eġittu paċifiku, pluralista u ġust; jappoġġa, f'kuntest usa', il-fehma tal-Kunsill Ewropew li l-UE għandha tagħti s-sostenn totali tagħha favur proċessi ta' tranżizzjoni fir-reġjun bil-għan li jinħolqu governanza demokratika, pluraliżmu u opportunitajiet imtejba għall-prosperità ekonomika u inklużjoni soċjali u għat-tisħiħ tal-istabilità reġjonali;

10. Jistieden lill-UE, lill-Istati Membri u lill-partiti politiċi u l-fundazzjonijiet jgħinu l-forzi politiċi demokratiċi u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Eġittu jorganizzaw ruħhom aħjar sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fit-tranżizzjoni għad-demokrazija; jistieden lill-awtoritajiet Eġizzjani jiggarantixxu li l-komunitajiet Insara Kopti ma jisfawx vittmi tal-ġrajjiet li għaddejjin u li l-komunitajiet reliġjużi kollha jkunu jistgħu jgħixu fil-paċi u jfissru t-twemmin tagħhom fil-pajjiż kollu;

11. Jistieden lir-Rappreżentant Għoli tippromwovi t-twaqqif ta' task force li tinvolvi l-Parlament Ewropew li tista' tissodisfa l-bżonn għal sostenn għall-proċess ta' tranżizzjoni demokratika kif esprimew dawk li jaħdmu għal bidla demokratika, partikolarment fir-rigward ta' elezzjonijiet ħielsa u demokratiċi u l-konsolidament tal-istituzzjonijiet, inkluż l-iżvilupp ta' ġudikatura indipendenti; jitlob lir-Rappreżentant Għoli biex tappoġġa t-trasformazzjoni demokratika wkoll billi tibgħat missjoni ta' osservazzjoni elettorali għall-elezzjonijiet li ġejjin;

12. Jilqa' d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/79/PESK u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 tal-4 ta' Frar 2011 ([1]) li jimponi l-iffriżar tal-assi li huma l-proprjetà ta', jew ikkontrollati minn, persuni li jitqiesu responsabbli għall-approprjazzjoni indebita ta' fondi statali fit-Tuneżija u minn persuni assoċjati magħhom, u jistieden lill-Kunsill jadotta l-istess miżuri fir-rigward tal-Eġittu;

13. Jenfasizza li l-avvenimenti fl-Eġittu, u f'pajjiżi oħra fir-reġjun, jaċċentwaw mill-ġdid il-ħtieġa urġenti tal-iżvilupp ta' politiki u strumenti aktar ambizzjużi u effiċjenti kif ukoll tat-tisħiħ tal-appoġġ baġitarju għalihom bl-għan tal-inkoraġġiment u tas-sostenn favur riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi ġirien tan-Nofsinhar tal-UE; jenfasizza li r-Rieżami Strateġiku kontinwu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat għandu jirrifletti żviluppi attwali fir-reġjun u għandu joħroġ b'metodi ġodda mtejba biex jissodisfa l-ħtiġijiet u l-aspirazzjonijiet tal-popli; jitlob għal koordinament aħjar mal-politiki l-oħra tal-UE fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi;

14. Itenni t-talba tiegħu biex l-UE tirrivedi l-politika tagħha ta' appoġġ demokratiku u favur id-drittijiet tal-bniedem sabiex toħloq mekkaniżmu ta' implimentazzjoni għall-klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet kollha ma' pajjiżi terzi; jinsisti li l-eżami mill-ġdid tal-PEV għandu jagħti prijorità lill-kriterji marbuta mal-indipendenza tal-ġudikatura, mar-rispett tal-libertajiet fundamentali, mal-pluraliżmu u l-libertà tal-istampa u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, li l-Pjanijiet ta' Azzjoni attwali għandhom jiġu riveduti radikalment bl-inklużjoni ta' prijoritajiet ċari akkumpanjati b'inċentivi għal riformi politiċi; jistieden lill-Kunsill jiddefinixxi ġabra ta' kriterji politiċi li l-pajjiżi tal-PEV iridu jissodisfaw sabiex jingħataw 'status avvanzat';

15. Iqis ir-rwol kruċjali li l-istrumenti finanzjarji tal-UE għal azzjoni esterna għar-reġjun, partikolarment l-ENPI, l-EIDHR kif ukoll l-Istrument għall-Istabbiltà, jista' jkollhom f'dan ir-rigward u jitlob li jissaħħu sabiex ikunu jistgħu jintużaw b'mod effikaċi u konsistenti f'dawn iċ-ċirkostanzi straordinarji; jitlob lir-Rappreżentant Għoli tisfrutta kemm jista' jkun l-istrumenti finanzjarji esterni kollha rilevanti tal-UE, inkluż l-EIDHR; jenfasizza li għandu jiġi garantit kontroll demokratiku min-naħa tal-Parlament Ewropew ta' dawn l-istrumenti finanzjarji; jisħaq ukoll fuq l-importanza li tiġi indirizzata urġentement il-kwistjoni tal-prezzijiet tal-ikel li qed jogħlew u b'mod ġenerali tas-sigurtà tal-ikel u l-iżvilupp rurali;

16. Jistieden lill-Unjoni għall-Mediterran tirrifletti u taġixxi urġentement dwar il-ġrajjiet reċenti sabiex tressaq proposti dwar kif l-aħjar tippromwovi d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fl-istati membri tagħha u fir-reġjun u dwar ir-riformi possibbli sabiex isaħħaħ ir-rwol tagħha stess u tagħmlu aktar effiċjenti; jistieden lill-Fundazzjoni Ewro-Mediterranja Anna Lindh tiżvolġi rwol urġenti u attiv fil-mobilitazzjoni tas-soċjetà ċivili fir-reġjun Ewro-Mediterranju għall-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-parteċipazzjoni;

17. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-Eġittu fid-dinja Għarbija u fil-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u l-importanza tal-Ftehim ta' Paċi mal-Iżrael; jistieden lill-Eġittu jżomm l-impenn tiegħu li jiżvolġi rwol attiv u kostruttiv biex tinstab paċi dejjiema fil-Lvant Nofsani b'enfasi partikolari fuq il-kunflitt bejn l-Iżrael u l-Palestinjani u r-rikonċiljazzjoni Palestinjana u jitlob li jinżamm it-trattat ta' paċi bejn l-Eġittu u l-Iżrael; jilqa' favorevolment id-dikjarazzjoni tal-Kunsill Suprem tal-Forzi Armati li l-Eġittu huwa impenjat li jimplimenta t-trattati u l-patti internazzjonali kollha li tagħhom huwa firmatarju;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni, lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-awtoritajiet Eġizzjani.

([1]) ĠU L 31, 5.2.2011, p. 40 u 1.

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

# Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju

P7_TA(2011)0065

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju**

(2012/C 188 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 192 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-mistoqsijiet orali lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju (O-00014/2011 - B7-0011/2011 - O-00029/2011 - B7-0013/2011),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Jannar 2010 dwar Strateġija Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju (1),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2010 dwar Strateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju (COM(2010)0715) u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha (SEC(2010)1489),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku (COM(2009)0248),

— wara li kkunsidra l-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2009, li talab lill-Kummissjoni biex sal-2010 tfassal strateġija Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009 dwar Green Paper dwar il-koeżjoni territorjali u l-qagħda tad-diskussjonijiet dwar ir-riforma futura tal-politika għall-koeżjoni (2),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2006 dwar il-promozzjoni tat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni NAIADES, Programm ta' Azzjoni Ewropew integrat għat-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni (3),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' Ottubru 2009 dwar "Strateġija tal-UE għaż-Żona tad-Danubju",

— wara li kkunsidra l-Opinjoni fuq inizjattiva tal-Kumitat tar-Reġjuni bit-titlu "White Paper tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Governanza f'Diversi Livelli", (CdR 89/2009),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-kooperazzjoni makro-reġjonali. L-applikazzjoni tal-Istrateġija għall-Baħar Baltiku għal makroreġjuni oħra fl-Ewropa" (ECO/251),

— wara li kkunsidra l-programm ta' ħidma tal-Kunsill għat-18-il xahar li ġejjin, imfassal mill-presidenzi ta' Spanja, il-Belġju u l-Ungerija,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjonijiet ta' Espoo, Aarhus, u Berna dwar il-ħarsien tal-ambjent,

— wara li kkunsidra d-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma u l-Konvenzjoni ta' Ħelsinki,

(1) ĠU C 305 E, 11.11.2010, p. 14.
(2) ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 65.
(3) ĠU C 313 E, 20.12.2006, p. 443.

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Belgrad li tirregola n-navigazzjoni tul id-Danubju,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi t-Trattat ta' Lisbona jirrikonoxxi l-koeżjoni territorjali bħala objettiv tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 3 tat-Trattat tal-UE),

B. billi l-istrateġiji makroreġjonali huma mmirati sabiex jagħmlu użu aħjar mir-riżorsi eżistenti biex jitrattaw kwistjonijiet ta' żvilupp territorjali u jidentifikaw rispons konġunt għal sfidi komuni,

C. billi sabiex tiżdied l-effettività tal-politika reġjonali l-idea ta' approċċ integrat għandha tkun appoġġjata u żviluppata, inkluż il-ħolqien ta' strateġiji għal makro-reġjuni li huma strateġiji fuq livell tal-UE,

D. billi l-Istrateġija tal-Baħar Baltiku diġà tipprovdi mudell għall-koordinazzjoni tal-politiki u l-finanzjament tal-UE f'unitajiet territorjali ġeopolitiċi - makroreġjuni - iddefiniti fuq il-bażi ta' kriterji speċifiċi,

E. billi r-reġjun tad-Danubju, li jiġbor fih 14-il pajjiż Ewropew, u 115 miljun persuna kemm fi ħdan l-UE kif ukoll 'il barra minnha - il-Ġermanja, l-Awstrija, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenja, l-Ungerija, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Kroazja, is-Serbja, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Montenegro, il-Moldova u l-Ukraina - hu żona fejn is-sinerġiji mtejba bejn il-politiki differenti tal-UE – il-politika tal-koeżjoni, tat-trasport, tal-ekonomija, tal-enerġija, tal-ambjent, tal-kultura, tal-edukazzjoni, tal-agrikultura, tas-sajd, tat-tkabbir u tal-viċinat – jistgħu jiġu żviluppati,

F. billi l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju għandha għaldaqstant tgħaqqad l-elementi ekonomiċi, ambjentali, soċjali u kulturali,

G. billi din l-istrateġija tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-titjib tal-governanza fuq diversi livelli u l-involviment ta' sħab, organizzazzjonijiet u NGOs li joperaw fir-reġjun tad-Danubju u twassal għall-ġid, l-iżvilupp sostenibbli, il-ħolqien tal-impjiegi u s-sigurtà fiż-żona,

H. billi r-reġjun tad-Danubju jirrappreżenta fetħa storika sinifikanti li tgħaqqad flimkien il-Punent u l-Lvant tal-Ewropa,

I. billi x-Xmara Danubju għoddha saret passaġġ intern navigabbli tal-Unjoni Ewropea wara t-tkabbir tal-2007 u r-Reġjun tad-Danubju jista' jagħti kontribut sostanzjali biex jirrifletti l-bidliet li seħħew mit-tkabbir 'l hawn,

J. billi r-reġjun tad-Danubju jikkostitwixxi makroreġjun interkonness b'kapaċitajiet ekonomiċi eteroġeni,

K. billi l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun tad-Danubju se jżid b'mod sinifikanti l-ġid ekonomiku ta' dan il-makroreġjun u se jistimula l-impjiegi,

L. billi jekk iż-żona tad-Danubju titqies bħala makroreġjun wieħed, dan jista' jgħin biex jingħelbu d-differenzi reġjonali fil-prestazzjoni ekonomika u jsostni żvilupp integrat,

M. billi d-Delta tad-Danubju ilha Sit ta' Wirt Dinji tal-UNESCO sa mill-1991, u r-reġjun tad-Danubju jinkludi bosta Żoni ta' Protezzjoni Speċjali u Żoni Speċjali għall-Konservazzjoni skont il-qafas Natura 2000; billi d-Danubju u d-Delta tad-Danubju għandhom ekosistema unika u fraġli, li fiha jgħixu speċijiet ta' pjanti rari li jinsabu mhedda minħabba t-tniġġis,

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

1. Jilqa' l-approvazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-Istrateġija għar-Reġjun tad-Danubju u jsostni l-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanjaha, iffukata fuq erba pilastri (l-interkonnessjoni tar-Reġjun tad-Danubju, il-ħarsien tal-Ambjent, it-tkattir tal-prosperit u t-tisħiħ tar-Reġjun tad-Danubju) u li tagħti tweġiba għall-ħtieġa ta' mobbiltà mtejba, is-sigurtà fl-enerġija, il-ħarsien ambjentali, l-iżvilupp soċjali u ekonomiku, is-sigurtà u l-protezzjoni ċvili fir-Reġjun tad-Danubju;

2. Ifakkar li l-Parlament Ewropew ilu jitlob għal din l-istrateġija mill-2008 u jitlob lill-Presidenza Ungeriza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u fuq il-Kunsill Ewropew biex japprovaw l-Istrateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju sal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju u biex l-implimentazzjoni tagħha tibda mill-iżjed fis possibbli;

3. Jilqa', b'mod partikolari, il-fatt li l-Istrateġija hija riżultat ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati, inklużi awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali iżda wkoll mal-komunitajiet tan-negozju u akademiċi kif ukoll mal-NGOs, filwaqt li jenfasizza li dan huwa fattur importanti għas-suċċess tiegħu; f'dan ir-rigward jitlob għat-twaqqif ta' forum tas-soċjetà ċivili fir-reġjun, li jlaqqgħu flimkien atturi pubbliċi u privati u jippermettulhom ikunu aktar involuti fl-iżvilupp ta' strateġiji makroreġjonali;

4. Iqis li d-dimensjoni territorjali tal-istrateġija għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp konkret tal-idea ta' koeżjoni territorjali, li t-Trattat ta' Lisbona jqiegħed fuq l-istess livell tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, u filwaqt li jikkunsidra dan, jappella lill-Kummissjoni biex tinvolvi ruħha fi djalogu attiv dwar ir-rwol u l-effett tal-politiki makroreġjonali tal-UE wara l-2013;

5. Jenfasizza li l-valur miżjud ta' strateġiji makroreġjonali tal-UE qiegħed f'kooperazzjoni u f'koordinazzjoni fuq diversi livelli u investimenti strateġiċi aħjar bl-użu ta' finanzjament disponibbli, u mhux fl-allokazzjoni addizzjonali ta' riżorsi; jenfasizza l-konklużjonijiet tal-Presidenza Svediża dwar ebda istituzzjoni ġdida, ebda leġiżlazzjoni ġdidam ebda baġit ġdid;

6. Jitlob lill-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom biex jużaw il-Fondi Strutturali disponibbli għall-2007-2013 sabiex jingħata appoġġ kemm jista' jkun kbir għall-Istrateġija, b'mod partikolari biex jippromwovu opportunitajiet ta' impjieg u t-tkabbir ekonomiku fiż-żoni l-aktar milquta mill-kriżi ekonomika, filwaqt li fl-istess ħin jirrakkomanda, fejn ikun ġustifikat, li jkun hemm dispożizzjonijiet għal bidliet fil-Programmi Operattivi fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali; jenfasizza li l-esplojtazzjoni ta' karatteristiċi partikolari tar-reġjuni tista' twassal għal użu aktar effettiv tal-Fondi Strutturali u għall-ħolqien ta' valur miżjud fil-livell reġjonali; jenfasizza li riżorsi finanzjarji mhux assorbiti wkoll jistgħu jkunu riżorsa ta' finanzjamrnt għall-proġetti makroreġjonali;

7. Jikkunsidra li t-tkabbir tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-isfidi maġġuri transnazzjonali bħall-kriżi ekonomika, tehdid ambjentali, trasport sostenibbli, il-konnettività fl-enerġija, is-sotenibbiltà tar-riżorsi, l-użu ekoloġiku tar-riżorsi tal-ilma, juru li l-interdipendenza ta' stati individwali qiegħda tiżdied, li linja ta' ħsieb settorali ma għadhiex xieraqa u li f'dan il-kuntest l-istabbiliment ta' makroreġjuni jiftaħ perspettivi ġodda u aktar effiċjenti għall- kooperazzjoni billi juża approċċ integrat u koordinat għall-iżvilupp sostenibbli fuq livell reġjonali territorjali usa' u billi jistupla użu aktar effikaċi tal-potenzjal enormi tar-Reġjun tad-Danubju għall-iżvilupp u l-prevenzjoni tad-diżastri naturali;

8. Jenfasizza għalhekk li din l-istrateġija għandha tkun stabbilita fi ħdan l-objettiv tal-politika ta' koeżjoni tal-kooperazzjoni territorjali (objettiv 3), u tkun ibbażata fuq approċċ territorjali integrat u mifrux fuq diversi oqsma, immirata biex tikkoordina aħjar il-politiki bejn id-diversi livelli tal-governanza fuq territorju partikolari, b'attenzjoni kkonċentrata fuq kwistjonijiet relevanti;

9. Jenfasizza li l-Istrateġija tad-danubju hija konformi mal-objettivi tal-UE 2020, li tiżgura li hija konformi mat-tendenzi Ewropej ta' żvilupp u l-impenn tal-UE għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv;

10. Jenfasizza l-karattru integrattiv u unifikanti tal-istrateġija, jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li l-Istrateġija għad-Danubju, jekk tiġi appoġġata minn impenn politiku qawwi tal-Istati Membri, kif ukoll tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, tista' tirrappreżenta kontribut sinifikanti biex jingħelbu diviżjonijiet tal-imgħoddi fl-Ewropa u b'hekk tissodosfa l-viżjoni ta' integrazzjoni tal-UE u għas-suċċess ġenerali u l-effiċjenza tal-istrateġija ta' rkupru Ewropea wara dawn l-aħħar snin ta' kriżi ekonomika u finanzjarja, billi tagħti impetu ġdid għat-tkabbir sostenibbli fil-livell reġjonali, nazzjonali u Ewropew, mhux biss fil-limiti tal-Ewropa Ċentrali u tan-Nofsinhar, imma wkoll f'kuntest ġeografiku ħafna aktar wiesa';

11. Jinnota l-impatt qawwi li kellha l-kriżi dinjija finanzjarja u ekonomika fuq il-pajjiżi kollha fir-reġjun, b'mod partikolari fl-istati Baltiċi; jistieden lill-partijiet interessati kollha biex ma jnaqqsux l-impenn tagħhom lejn l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku minħabba l-kriżi;

12. Jenfasizza li r-Reġjun tad-Danubju jirrappreżenta l-feħta tal-Ewropa għall-Balkani tal-Punent u għalhekk l-Istrateġija Ewropea għar-Reġjun tan-Danubu mhux talli twassal għat-titjib fir-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi ġirien fl-Ewropa Ċentrali iżda tipprovdi valur miżjud importanti għal-polotika tal-UE għall-Lvant tal-Ewropa, u b'hekk tirrappreżenta opportunità eċċellenti għall-Unjoni kollha biex issaħħaħ l-kooperazzjoni ekonomika u politika tagħha mal-Balkani, u, għaldaqstant, tikkontribwixxi għall-espansjoni u l-konsolidazzjoni tal-proċess għall-integrazzjoni Ewropea fir-reġjun;

13. Jenfasizza li l-Istrateġija tad-Danubju, flimkiem mad-diversi forom ta' kooperazzjoni transkonfinali li timplika, tista' faċilment issir fattur ewlieni għat-tkattir tal-benessri, għal titjib fil-kwalità tal-ħajja u għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali, fejn tikkatalizza sforzi lokali u reġjonali u bżonnijiet għall-iżvilupp, tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' interrelazzjonijiet transkonfinali b'saħħithom inklużi proġetti fuq skala żgħira (programmi bejn il-persuni) f'diversi oqsma bħalma huma l-kultura, l-edukazzjoni, l-impjieg, l-ambjent, il-ħarsien, il-katini tal-fornitura industrijali, il-proġetti ta' kooperazzjoni muniċipali, u inizjattivi transnazzjonali għall-modernizzazzjoni tat-trasport;

14. Jemmen li l-iżvilupp ta' strateġiji fuq skala kbira, bħal strateġiji makroreġjonali, għandu jikkontribwixxi biex jikber ir-rwol tal-livell lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-politika tal-UE b'mod aktar ġenerali;

15. fil-qafas ta' dan il-mudell ġdid ta' kooperazzjoni ġie żgurat li l-iżvantaġġi naturali ta' żewġ reġjuni perferali issa saru patrimonji u opportunitajiet, u li l-iżvilupp ta' dawn ir-reġjuni ġie stimulat;

16. Jenfasizza l-ħtieġa li jkunu involuti l-partijiet interessati lokali u reġjonali rilevanti u is-soċjetà ċivili tar-reġjun tad-Dunubu fl-istadji kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet (il-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, is-sorveljanza, il-valutazzjoni) sabiex jinstabu soluzzjonijiet għal sfidi komuni, biex jintagħżlu u jiġu implimentati b'mod effikaċi proġetti konkreti u biex jinkiseb mekkaniżmu għal governanza tajba; iħeġġeġ il-gvernijiet biex isostnu u jaffċilitaw miżuri biex l-NGOs, l-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ u s-soċjetà ċivili ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mo proattiv, fejn se jitqiesu n-netwerk tan-nisa u l-gruppi ta' monoranza;

17. Jirrakkomanda f'dan il-kuntest li jiżdied l-involviment ta' komunitajiet lokali billi jitwaqqfu strumenti ta' komunikazzjoni u konsultazzjoni usa' u aktar iffukati, inkluż permezz tal-midja lokali (televiżjoni lokali, radju u ġurnali online u stampati); jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħloq portal speċjali fuq l-internet dedikat għall-Istrateġija tal-Baħar Baltiku li jaġixxi bħala forum għall-iskambju tal-esperjenzi dwar proġetti attwali u futuri ta' gvernijiet ċentrali u lokali, NGOs u entitatijiet oħra attivi fil-Baħar Baltiku;

18. Ifakkar r-riżultati tal-esperjenza meħuda mill-Istrateġija tal-Baħar Baltiku fil-forma ta' trasparenza tal-proċess għat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż l-allokazzjoni tal-finanzjament tal-UE;

19. Inħeġġeġ l-impenn politiku bil-għan li tittejjeb il-fiduċja taċ-ċittadini u tal-partijiet interessati kemm fl-awtoritajiet politiċi kif ukoll fl-awtoritajiet lokali;

20. Jiddikjara li l-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġiji ta' ħruġ fiskali adottati / li għandhom jiġu adottati mill-Istati Membri jiddependu parzjalment mill-abilità, il-kapaċità u mil-livell ta' tħejjija tal-atturi muniċipali li jintervjenu fis-swieq tax-xogħol reġjonali b'inizjattivi ta' proġetti li jistimulaw id-domanda lokali tal-forza tax-xogħol, u b'hekk tinħoloq il-bażi għal tkabbir intelliġenti u li jirrispetta l-ambjent, tittejjeb il-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni ta' mal-fruntieri ta' Stati Membri differenti, u jiġi żgurat żvilupp fit-tul tan-netwerk Ewropew tat-trasport bl-ilma; Jiġbed l-attenzjoni għad-disproporzjon f'termini ta' żvilupp ekonomiku u innovazzjoni li jeżisti fir-reġjun tal-Baħar Baltiku u għall-ħtieġa li jiżdied il-potenzjal taż-żoni kollha, inklużi dawk l-aktar żviluppati, billi dawn jistgħu jgħinu jmexxu 'l quddiem ir-reġjuni lanqas vantaġġati; jindika l-ħtieġa ta' promozzjoni ta' żoni ġodda ta' żvilupp u innovazzjoni potenzjali u li tittieħed l-opportunità li jintuża l-valur miżjud tal-Istrateġija tal-Baħar Baltiku u tal-istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danjubu;

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

21. Jitlob għall-iżvilupp tal-infratstruttura tal-enerġija, għall-effiċjenza fl-enerġija u għal enerġiji rinnovabbli sabiex ikun jista' jiġi stabbilt suq integrat li jiffunzjona kif suppost;

22. Jieħu nota tal-previżjonijiet fuq medda medja ta' żmien u fit-tul li jindikaw li r-Reġjuni t'Isfel tal-Ewropa - inklużi l-Istati Membri li jinsabu fix-Xlokk tal-Ewropa - se jintlaqtu ħażin b'mod partikolari mill-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima; jinsab konvint li l-Istrateġija għad-Danubju għandha rwol importanti xi twettaq f'dan ir-rigward, u għandha tkun iddisinjata bil-ħsieb u l-objbjettiv li ttaffi l-effetti negattivi marbuta mat-tibdil tal-klima fir-regjuni Danubjani, filwaqt li jitqiesu r-rwol u n-natura kumplessi tan-netwerk tax-xmajjar (il-provvista tal-ilma, l-aspetti ekoloġiċi, l-infrastruttura tat-trasport, l-irrikazzjoni u d-dimensjoni agrikola, l-ispeċijiet u l-flora protetti, eċċ.);

23. Jenfassizza li l-Ewropa Ċentrali, minn lat ekoloġiku, hija waħda miż-żoni l-aktar għanja imma fl-istess ħin l-aktar vulnerabbli tal-Ewropa, ikkaratterizzata min ekosistema ta' kumplessità ekoloġika għolja u valur kbir li għaldaqstant titlob livell għoli ta' ħarsien. L-Istrateġija Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju timmira li toħloq Reġjun tad-Danubju prosperu li jkun abitabbli, sostenibbli u fl-istess ħin żviluppat billi timmaniġġja r-riskji ambjentali bħalma huma l-għargħar u t-tniġġis industrijali, filwaqt li tippriserva l-kwalità u l-kwantità tar-riżervi tal-ilma taħt kontroll u tiżgura l-użu sostenibbli tagħhom, filwaqt li jiġu ppriservati l-bijodiversità, il-pajsaġġ u l-kwalità tal-arja u tal-ħamriji; Jisħaq li l-ħarsien tal-ambjent fil-baċin tax-xmara Danubju huwa aspett importanti li se jistumula l-argrikoltura responsabbli u l-iżvilupp agrikolu tar-reġjun; jitlob li jkun hemm titjib fl-istatus ekoloġiku tax-xmara Danubju, u għal miżuri li biex jitnaqqas it-tniġġis u biex ma jibqax jintrema aktar żejt u aktar sustanzi tossiċi u dannużi fiha; jenfasizza li status ekoloġiku tajjeb tad-Danubju huwa prerekwiżit tal-attività umana kollha tul ix-xmara u jirrakomanda li l-miri ambjentali għandhom ikunu kkunsidrati b'mod partikolari;

24. Jinsab konvint li miżuri mmirati lejn il-konservazzjoni tal-kapaċità naturali taż-żamma tal-għargħar tal-baċin tad-Danubju u u jevitaw ir-rikorrenza tal-għargħar u l-aktar xierqa biex jissodisfaw is-sensittività u l-vulnerabbiltà unika tar-reġjun tad-Danubju; Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-flus tal-UE ma jintefaqx fuq proġetti li mhumiex konsistenti mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE;

25. Jenfasizza l-interdipendenza ekonomika tal-istati fir-reġjun tad-Danubju u jenfasizza l-importanza li jsir investiment fl-ITC u fl-iżvilupp tal-Intrapriżi ż-Żgħar u ta' daqs Medju u fid-deipartimenti ta' riċerka tagħhom u fil-promozzjoni tal-innovazzjoni, l-intraprendenza, u t-tkabbira ta' ekonomija tal-għarfien sabiex jiġi żgurat żvilupp sostenibbli u effiċjenti;

26. Jenfasizza li l-investiment u l-iżvilupp ekonomiku intelliġenti jirrappreżentaw oqsma promettenti ħafba ta' tkabbir ekonomiku u li teknoloġiji ħodor u l-modernizzazzjoni ekoloġika, bħalma huma l-effiċjenza mtejba tal-enerġja u l-immaniġġjar aħjar tal-iskart jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun u għat-tnaqqis tal-impatti ambjentali negattivi tal-attività ekonomika;

27. Jirrikonoxxi r-rwol importanti li twettaq l-Istrateġija għad-Danubju fil-promozzjoni tal-ekonomija ħadra, l-innovazzjoni ħadra u f'sens aktar wiesa' r-riċerka u l-innovazzjoni mmirata lejn il-ħolqien ta' ekonomija baxxa fil-karbonju kompetittiva u ġdida, u preżenza aktar qawwija ta' approċċi li jirrispettaw l-ambjent fl-iżvilupp ta' proġetti ta' kooperazzjoni industrijali transkonfinali; iħeġġeġ lill-Istati li minnhom tgħaddi x-xmara Danubju biex jagħti l-ogħla prijorità lil faċilitajiet idroloġiċi u tal-ittestjar tal-kwalità tal-ilma kondiviżi;

28. Jenfasizza l-importanza li jkunu promoss it-turiżmu sostenibbli fir-reġjun, filwaqt jieħu nota tal-potenzjal ekonomika tal-passaġġ ċikliku tul id-Danubju kollha, u tal-istabbilizzazzjoni tad-Danubju bħala destinazzjoni turistika Ewropea u biex tiġi żviluppata ditta għar-Reġjun tad-Danubju;

29. Isostni l-istabbiliment ta' netwerks għall-iżvilupp tan-negozji u kopri għall-promozzjoni tal-kummerċ non-governali li jistgħu jikkoordinaw u jippromwovu opportunitajiet futuri għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni bejn il-kumpaniji - speċjalment l-SMEs - ir-riċerka, l-unversitajiet u l-awtoritajiet pubbliċi sabiex tissaħħ il-potenzjal ta' gruppi ta' innovazzjoni reġjonali bbażati fuq l-għarfien u biex taghti spinta lill-kompetittività reġjonali;

30. Jenfasizza li l-mezzi ta' trasport kollha għandhom jiġu aġġornati għall-istandards tal-UE u li mezzi tat-trasport favur l-ambjent bħalma huma t-trasport bil-ferrovija u t-trasport fuq ilmijiet navigabbli interni għandhom jieħdu prijorità meta xieraq filwaqt li jkun qed isir l-ippjanar tas-sistema tat-trasport tar-reġjun b'rispett sħiħ għall-elementi relevanti kollha tal-acquis tal-UE applikabbli;

31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu l-prestazzjoni tal-infrastruttura u tal-ekonomija tar-reġjun tad-Danubju u biex ilestu l-implimentazzjoni tal-Proġetti ta' Prijorità TEN-T relatati mar-Reġjun tad-Danubju fil-ħin u b'mod sostenibbli għall-ambjent; b'kinsiderazzzjoni għar-reviżjoni tal-linjigwida TEN-T, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-ħtieġa li jiġi żviluppati sistemi tat-trasport fir-reġjun tad-Danubju;

32. Jenfasizza tliet livell importanti ta' żvilupp infrastrutturali fejn l-approċċ koordinat tal-Istrateġija tad-Danubju jista' jiffaċilità s-sinerġiji: (i) il-kuritur multi-modali tul ix-xmara Danubju (proġett ta' prijorità TEN-T 18), (ii) interkonnessjonijiet bejn l-kuritur multi-modali tad-Danubju u l-Istati Membri tal-viċinat (proġetti ta' prijorità TEN-T relatati mar-reġjun tad-Danubju), (iii) imblokki transkonfinali fuq netwerks TEN-T, nazzjonali u reġjonali;

33. Jenfasizza li "Id-dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Iżvilupp tan-navigazzjoni ta' ilmijiet interni u l Ħarsien tal-Ambjent fil-Baċin tax-Xmara Danubju" ġie żviluppat mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Ħarsiem tax-Xmara Danubju, il-Kummissjoni tad-Danubju u l-Kummissjoni Internazzjonali tal-Baċir tax-Xmara Sava u li toffri konsulenza ġenerali għall-proġetti ta' infrastruttura tan-navigazzjoni ta' ilmijiet sabiex jiġu indirizzati kemm dawk li jippjanaw tekniċi kif ukoll partijiet interessati li jixtiequ jkunu involuti fl-iżvilupp ta' proċess għall-ippjanar ta' navigazzjoni ta' ilmijiet, u li dawn il-linji gwida jeħtieġu tim ta' ppjanar integrat biex jevalwa l-ħtieġijiet u biex jipproponu l-akbar għadd ta' miżuri win-win possibbli għat-titjib kemm tan-navigazzjoni kif ukoll tal-istatus ekoloġiku; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tirrispetta l-impenji skont id-Dikjarazzjoni Konġunta;

34. Iqis li, b'konformità mal-prinċipju ta' ko-modalità effiċjenti u l-innovazzjoni, it-taħlita ta' portijiet interni mtejba u l-loġistika, in-navigazzjoni interna u t-trasport ferrovjarju tipprovdi potenzjal konsiderevoli għall-żivilupp ekonomiku wkoll għall pajjiż ġirien tal-UE fir-reġjun tad-Danubju u tista' tgħin biex jitnaqqsu l-imblokki tat-trasport;

35. Jenfasizza l-ħtieġa li jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' bastimenti nodfa u effikaċi skont is-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku b'attenzjoni partikolari fir-rigward tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni u d-disinn, l-ekoeffiċjenza u t-tagħmir tal-bastimenti;

36. Jenfasizza li, peress li huma marbuta mill-kanal Main-Danube, ir-Rhine u d-Danubju jgħaqqdu direttament ħdax-il pajjiż mill-Baħar tat-Tramuntana sal-Baħar l-Iswed għal tul ta' 3 500 km u jenfasizza l-ħtieġa li l-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju testendi lejn ir-reġjun tal-Baħar l-Iswed; jirrimarka li l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun tad-Danubju se jkompli jsaħħaħ l-importanza ġeostrateġika tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed;

37. Jinkoraġġixxi s-sedqa tal-ambjent kulturali tad-Danubju billi jiġi promoss id-djalogu kulturali, jiġu appoġġati programmi ta' skambju universitarji u proġetti taż-żgħażagħ ibbażati fuq il-kooperazzjoni transnazzjonali, jitrawwem turiżmu sostenibbli, u jitħares il-wirt storiku u l-wirt arkitettorali;

38. Jenfasizza l-ħtieġa vitali li jkun hemm kooperazzjoni fil-proġetti kulturali bil-għan li jiġu appoġġjati d-djalogu u l-fehim interkulturali fost il-pajjiżi tar-Reġjuni tad-Danubju; jenfasizza f'dan ir-rigward l-involviment attiv taż-żgħażagħ permezz ta' faċilitajiet kulturali u edukattivi bil-għan li jinħolqu netwerks multinazzjonali;

39. Iħeġġeġ l-allokazzjoni ta' aktar riżorsi għall-proġetti u għal netwerks ta' proġetti għal gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari Roma;

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

40. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm approċċ ikkoordinat bil-ħsieb li jsir użu aktar effiċjenti tal-fondi disponibbli kollha tal-UE fil-pajjiżi tar-Reġjun tad-Danubju ħalli l-għanijiet tal-Istrateġija jkunu jistgħu jitwettqu sal-aħjar livelli possibbli; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jkun hemm flessibilità biżżejjed bil-għan li jkun jista' jsir l-iżvilupp tal-proġetti marbuta mal-Istrateġija għad-Danubju fi ħdan il-Programmi Operazzjonali eżistenti;

41. Jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fir-regolament ġenerali dwar il-Fondi Strutturali li se jkun hemm abbażi ta' dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni territorjali, li jkunu ċari u li jikkunsidraw il-kulturi amministrattivi differenti u ma jimponux piżijiet amministrattivi żejda fuq il-benefiċjarji, sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati u r-reġjuni u l-iżvilupp ta' aktar strateġiji ta' azzjoni komuni li jistgħu jseddqu l-attrazzjoni tar-reġjun fil-livell Ewropew u dak internazzjonali u li wara jistgħu jikkostitwixxu mudell għall-kooperazzjoni transkonfinali;

42. Jiġbed l-attenzjoni għall-azzjoni ta' Preparazzjoni eżistenti - "Id-definizzjoni tal-mudell ta' Governanza għar-Reġjun tad-Danubju tal-UE - koordinazzjoni aħjar u aktar effettiva" u jistieden lill-Kummisjoni u lill-Istati Membri biex jużaw dan il-baġit kif suppost biex jiffinanzjaw attivitajiet relatati mad-definizzjoni tal-mudell ta' governanza meħtieġ mill-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju.; jenfasizza kemm hu importanti li tiġi pprovduta l-għajnuna teknika meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet u l-proġetti mwettqa fil-qafas tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju. jikkunsidra li l-ispejjeż tal-assitenza teknika għadhom ikunu rikonoxxuti aħjar u kkunsidrati waqt l-ippjanar tal-qafas finanzjarju għall-Istrateġija u li l-ammont ipprovdut għall-assistenza għandu jkun disponibbli għas-sħab jekk jintuża għal raġunijiet u azzjonijiet ikkoordinati fl-livell makroreġjonali;

43. Jilqa' t-tħabbira tal-koordinaturi taż-żona ta' prijorità tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju li saret mill-Kummissjoni Ewropea fit-3 ta' Frar 2011 jikkunsidra li mil-lum 'il quddiem il-pajjiżi u l-oqsma ta' xogħol prijoritarji ewlenin tar-reġjuni u tal-pajjiżi għandhom imexxu l-implimantazzjoni tal-Istrateġija billi jaqblu fuq programme ta' xogħol, jidentifikaw sorsi ta' finanzjament, isaħħu l-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi u r-reġjuni f'dak il-qasam partikolari u jniedu l-azzjonijiet l-aktar immedjati biex jgħinu r-reġjun tad-Danubju jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal ekonomiku tiegħu u, b'mod speċjali, jirrispettaw l-iskadenza għall-implimentazzjoni tal-prġetti ewlenin f'dak il-qasam partikolari;

44. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-ħtieġa li ssir analiżi interim tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju, biex tipprepara strumenti konkreti u kriterji għall-evalwazzjoni tal-proġetti abbażi ta' indikaturi li jippermettu li jsir paragun;

45. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tanalizza l-ewwel riżultati u esperjenzi b'konnessjoni mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju li, flimkien mal-Istrateġija tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku, se tgħin biex jiġu identifikati s-sorsi u l-metodi possibbli għall-finanzjament ta' strateġiji għal makroreġjonali fi ħdan il-qafas eżistenti;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tgħarraf u tikkonsulta regolarment lill-Parlament Ewropew dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tad-Danubju;

47. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-istituzzjonijiet rilevanti oħra.

# L-istat tad-dritt fir-Russja

P7_TA(2011)0066

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar l-istat tad-dritt fir-Russja**

(2012/C 188 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja u dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja, b'mod partikolari r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-qtil ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, ([1]), tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar il-konklużjonijiet tas-samit UE-Russja (il-31 ta' Mejju – l-1 ta' Ġunju 2010) ([2]), u tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Tramuntana tal-Kawkażu (il-Federazzjoni Russa) u dwar il-prosekuzzjoni kriminali kontra Oleg Orlov ([3]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Federazzjoni Russa, min-naħa l-oħra (PCA), kif ukoll in-negozjati li jinsabu għaddejjin dwar ftehim ġdid bejn l-UE u r-Russja,

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja għal-2009 adottat f'Diċembru 2010, b'referenza speċjali għall-każ Magnitsky,

— wara li kkunsidra l-konsultazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, id-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Dritt u r-Responsabilità tal-Individwi, Gruppi u Organi tas-Soċjetà li Jippromwovu u Jipproteġu d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali Universalment Rikonoxxuti,

— wara li kkunsidra s-Sħubija għall-Modernizzazzjoni varata fis-samit UE-Russja f'Mejju 2010 f'Rostov-na-Don u l-impenn meħud mit-tmexxija Russa favur l-istat tad-dritt bħala bażi fundamentali għall-modernizzazzjoni tar-Russja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Unjoni Ewropea tibqa' kommessa li tapprofondixxi u tiżviluppa aktar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja skont il-prinċipji minquxa fis-Sħubija għall-Modernizzazzjoni, imsejsa fuq impenn profond favur prinċipji demokratiċi, rispett għad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem kif ukoll għall-istat tad-dritt,

B. billi, bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), kif ukoll bħala firmatarju tad-dikjarazzjonijiet tan-NU, ir-Russja kkommettiet ruħha għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-istat ta' dritt,

C. billi bosta proċessi u proċedimenti ġudizzjarji matul l-aħħar snin tefgħu dubji fuq l-indipendenza u l-imparzjalità tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji tal-Federazzjoni Russa,

D. billi l-komunità internazzjonali, inkluża l-UE, qajmet tħassib dwar it-tieni sentenza maqtugħa fuq Mikhail Khodorkovsky u Platon Lebedev fit-30 ta' Diċembru 2010 fit-tieni proċess dwar assi tal-kumpanija Yukos,

([1]) ĠU C 224 E, 17.9.2009, p. 27.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0234.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2010)0390.

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

E. billi Borsi Nemtsov u madwar 70 persuna oħra ġew arrestati f'Moska fil-31 ta' Diċembru 2010, wara dimostrazzjoni tal-oppożizzjoni,

F. billi ġurnalisti indipendenti, attivisti tas-soċjetà ċivili, avukati u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem spiss sfaw vittmi ta' theddidiet u atti vjolenti, billi l-leġiżlazzjoni kontra l-estremisti u d-dispożizzjonijiet il-ġodda tal-liġi dwar is-Servizz Federali tas-Sigurtà (FSB) mhumiex ċari u, b'riżultat ta' dan, spiss jintużaw biex ikiddu lill-NGOs, il-minoritajiet reliġjużi u l-organizzazzjonijiet medjatiċi,

G. billi l-każijiet tal-ġurnalisti Anna Politkovskaya, Natalia Estemirova u Anastasiya Baburova u l-mewt tal-avukat Sergei Magnitsky kienu għadhom ma ġewx solvuti mill-awtoritajiet Russi,

H. billi l-President Russu Medvedev f'bosta okkażjonijiet wiegħed li se jsaħħaħ l-istat tad-dritt, filwaqt li stqarr li l-kompitu tiegħu hu li joħloq qrati moderni assolutament indipendenti li jixirqu għal-livell tal-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż,

1. Jafferma mill-ġdid il-konvinzjoni tiegħu li r-Russja għadha sieħba importanti tal-Unjoni Ewropea fil-bini ta' kooperazzjoni sostenibbli bbażata fuq id-demokrazija u l-istat tad-dritt;

2. Jikkundanna bil-qawwa l-attakk terroristiku fl-ajruport Domodevodo ta' Moska u jesprimi l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi u s-solidarjetà tiegħu ma' dawk li sfaw midruba fl-attakk; jenfasizza l-ħtieġa li l-awtoritajiet Russi jirrispondu għal dan l-attakk b'mod legali u meqjus, u jħallu s-sistema ġudizzjajra Russa taħdem b'mod liberu u indipendenti biex tipprosegwixxi u tikkundanna l-persuni responsabbli għall-attakk;

3. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar rapporti ta' proċessi motivati politikament, proċeduri inġusti u nuqqasijiet ta' investigazzjoni ta' delitti serji bħall-qtil, il-fastidju u l-kedd u atti oħra ta' vjolenza; iħeġġeġ lill-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi Russi jwettqu dmirijiethom b'mod effikaċi, imparzjali u indipendenti ħalli min wettaq l-atti jressquh quddiem il-ġustizzja;

4. Jesprimi tħassib serju dwar il-verdett fit-tieni proċess u l-kundanna ta' Mikhail Khodorkovsky u Platon Lebedev; jenfasizza li tqajmu kwistjonijiet ġudizzjarji serji dwar dan il-proċess u dwar proċessi preċedenti kontra dawn iż-żewġ persuni,u jitlob li jsir rieżami ġudizzjarju li għandu jitwettaq bi rbit mal-appell pendenti kontra l-verdett; jesiġi li l-awtoritajiet Russi jagħmlu ħilithom kollha biex itejbu s-sistema ġudizzjarja, bi qbil mal-wegħdiet tal-President Medvedev li se jiżgura aktar ġustizzja u trasparenza;

5. Iħeġġeġ lill-Ombudsman tal-Federazzjoni Russa jikkummissjona rieżami tal-akkużi u l-proċedimenti li jinsabu għaddejjin kontra r-rebbieħ tal-Premju Sakharov tal-Parlament Ewropew għal-Liberta tal-Ħsieb għall-2009, is-Sur Oleg Orlov; ifakkar li ma saret l-ebda investigazzjoni effikaċi dwar il-qtil ta' Natalia Estemirova, mexxejja ewlenija ta' Memorial fiċ-Ċeċnja;

6. Jiddeplora t-tħarbit ta' dimostrazzjonijiet paċifiċi li jsiru fl-aħħar jum ta' kull xahrejn bi rbit mal-Artikolu 31 tal-Kostituzzjoni Russa, kif ukoll l-arresti ripetuti ta' protagonisti tal-oppożizzjoni, bħal fil-każ ta' Boris Nemtsov;

7. Iħeġġeġ lill-Presidenti tal-Kunsill u l-Kummissjoni, kif ukoll lir-Rappreżentant Għoli, ikomplu jsegwu l-każijiet mill-qrib u jqajmu dawn il-kwistjonijiet f'formati u laqgħat differenti mar-Russja, b'mod partikolari waqt is-Samit UE-Russja li ġej;

8. Ifakkar lill-Kunsill u lir-Rappreżentant Għoli dwar il-firxa sħiħa ta' miżuri adegwati li jistgħu japplikaw meta jkunu affrontati b'abbużi sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem u b'nuqqassijiet ta' rispett tal-istat tad-dritt;

9. Jistieden lill-UE u lir-Russja jintensifkaw in-negozjati dwar PCA ġdid, vinkolanti u komprensiv, u jtenni l-appoġġ qawwi tiegħu għal ftehim wiesa' li jinkludi l-kwistjonijiet tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet fundamentali; jenfasizza l-importanza l-funzjonament effikaċi tal-ġudikatura u t-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni jkunu żgurati;

10. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-għadd konsiderevoli ta' każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja, inkluż tad-dritt għall-għaqda paċifika, u jenfasizza l-importanza ta' djalogu kontinwu dwar id-drittijiet tal-bniedem bħala parti mill-Konsultazzjonijiet UE-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'attenzjoni speċifika għall-passi konkreti meħuda mill-awtoritajiet Russi bil-għan li jiżguraw is-sikurezza tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

11. Jenfasizza li rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u għall-istat tad-dritt se jtejbu l-immaġni u l-kredibilità tar-Russja fid-dinja, b'mod partikolari fir-rigward tar-relazzjonijiet tagħha mal-Unjoni Ewropea, li huma importanti u għandhom jiżviluppaw fi sħubija strateġika, fid-dawl tad-dipendenza reċiproka u d-diversi interessi kondiviżi taż-żewġ partijiet, partikolarment fir-rigward tal-kooperazzjoni fl-oqsma tal-politika, is-sigurtà, l-ekonomija u l-enerġija, imma wkoll rigward ir-rispett għall-prinċipji u l-proċeduri demokratiċi, għall-istat tad-dritt u għad-drittijiet bażiċi tal-bniedem;

12. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta b'urġenza lill-Parlament valutazzjoni dwar jekk il-miżuri ġudizzjarji li ttieħdu kontra l-kumpanija Yukos u kontra l-eżekuttivi tagħha humiex kompatibbli mar-rekwiżiti applikabbli għar-Russja rigward l-ambizzjoni tagħha ta' sħubija sħiħa fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

13. Jirrimarka li r-Russja, bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa, ikkommettiet ruħha li tirrispetta bis-sħiħ standards Ewropej rigward id-demokrażija, id-drittijiet fundamentali u dawk tal-bniedem u l-istat tad-dritt; jistieden lill-awtoritajiet Russi, f'dan ir-rigward, jikkonformaw mas-sentenzi kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u jimplimentaw miżuri biex jirrettifikaw ksur f'każijiet individwali, inkluż billi jiżguraw li jsiru investigazzjonijiet effikaċi u billi jżommu responsabbli lil min iwettaq tali ksur, u jadottaw miżuri ġenerali biex jimplimentaw is-sentenzi, inkluż permezz tat-twettiq ta' tibdil fil-politiki u tibdil legali biex ma jħallux li każijiet ta' ksur ta' dan it-tip jerġgħu jseħħu fil-ġejjieni;

14. Itenni t-talba tiegħu li l-konsultazzjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tiġi intensifikata u ssir aktar effikaċi u orjentata lejn ir-riżultati, bil-parteċipazzjoni tal-Ministeri Russi tal-Ġustizzja, tal-Intern u tal-Affarijiet Barranin sew fi Brussell kif ukoll f'Moska u bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-Parlament Ewropew fil-livelli kollha; ifakkar lir-Rappreżentant Għoli dwar id-deċiżjoni baġitarja tal-Parlament li jitwaqqaf forum tas-soċjetà ċivili;

15. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni joffru lir-Russja għajnuna u għarfien espert prattiċi biex isaħħu l-indipendenza tal-ġudikatura u tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u jtejbu l-kapaċità tas-sistema ġudizzjarja li tilqa' għall-pressjoni politika u ekonomika; jenfasizza r-rieda tal-unjoni Ewropea li tikkontribwixxi għat-twaqqif ta' programm ta' appoġġ ġudizzjarju ta' dan it-tip, u li tikkontibwixxi għall-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod speċjali dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, tal-persunal tal-infurzar tal-liġi, tal-prosekuturi u tal-imħallfin;

16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-gvern u l-parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurta u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

## L-Istrateġija Enerġetika tal-Bank Dinji

P7_TA(2011)0067

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar l-istrateġija enerġetika tal-Bank Dinji għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw**

(2012/C 188 E/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-Koerenza tal-Politiki tal-UE għall-Iżvilupp u l-kunċett ta' "Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp u iktar" ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2008 dwar il-Fond Globali għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija u għall-Enerġija Rinnovabbli ([2]),

— wara li kkunsidra l-pakkett dwar il-klima u l-enerġija adottat minnu fis-17 ta' Diċembru 2008,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-1 ta' April 2004 dwar ir-Reviżjoni dwar l-Industriji Estrattivi, ikkummissjonata mill-Bank Dinji ([3]),

— wara li kkunsidra r-"Rapport tal-Iżvilupp Dinji għall-2010 dwar l-Iżvilupp u l-Bidla fil-Klima",

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-aċċess għal servizzi enerġetiċi moderni jikkostitwixxi prerekwiżit għall-qerda tal-faqar u għall-iżvilupp ekonomiku, u billi d-dritt għall-enerġija jfisser li s-servizzi enerġetiċi għandhom ikunu affidabbli, ekonomikament aċċessibbli, speċjalment għall-fqar, u distribwiti b'mod ekwu sabiex jitneħħa d-distakk bejn iż-żoni urbani u dawk rurali,

B. billi madwar 1,5 biljun ruħ attwalment huma mingħajr aċċess għall-elettriku, li minnhom erbgħa minn kull ħamsa jgħixu fl-Afrika Sub-Saħarjana u fl-Asja tan-Nofsinhar, l-aktar f'żoni rurali u billi kważi 2,4 biljun ruħ għadhom jużaw fjuwil tradizzjonali li ġej mill-bijomassa għat-tisjir u għat-tisħin, li jikkawża problemi gravi ta' saħħa u l-mewt ta' 1.9 miljun ruħ fis-sena mit-tniġġis f'ambjent fil-magħluq, kif ukoll ħsara ambjentali li tirriżulta minn użu insostenibbli tar-riżorsi naturali ([4]),

C. Billi l-programmi konvenzjonali ta' elettrifikazzjoni taż-żoni rurali ffinanzjati mill-Bank Dinji ma rnexxilhomx, b'mod ġenerali, jilħqu l-persuni fqar li jgħixu f'żoni rurali, u billi t-teknoloġiji sostenibbli mhux kollegati man-netwerk jistgħu jkunu partikolarment adatti biex jipprovdu servizzi tal-elettriku f'żoni rurali minħabba n-natura deċentralizzata tagħhom,

D. billi skont ix-xenarju ta' riferiment fil-Prospettivi Enerġetiċi Dinjin għall-2008 (World Energy Outlook 2008) tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, id-domanda dinjija għall-enerġija primarja se tiżdied b'45 % sal-2030 u l-pajjiżi mhux membri tal-OECD se jirrappreżentaw 87 % ta' dik iż-żieda minħabba żvilupp ekonomiku rapidu; billi, fl-istess xenarju, din iż-żieda rapida fid-domanda għall-enerġija fil-pajjiżi mhux membri tal-OECD mistennija tikkontribwixxi madwar 97 % tal-emissjonijiet addizzjonali tas-$CO_2$,

E. billi l-Bank Dinji bħalissa qiegħed iħejji strateġija enerġetika ġdida, li mistennija titlesta f'nofs l-2011, li taspira għal kontributi minn diversi partijiet interessati u li l-kunċett tagħha ta' provvista enerġetika effiċjenti, ekonomikament aċċessibbli u nadifa għat-tnaqqis tal-faqar u għat-tkabbir ekonomiku huwa element essenzjali,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0174.
([2]) ĠU C 66E, 20.3.2009, p. 35.
([3]) ĠU C 103E, 29.4.2004, p. 819.
([4]) UNDP u WHO (2008): Is-Sitwazzjoni tal-Aċċess għall-Enerġija fil-Pajjiżi li qed jiżviluppaw., New York.

F. billi fl-2008, il-Bank Dinji impenja ruħu li jikkonċentra nofs l-investimenti tiegħu fuq teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju sal-2011 ([1]),

G. billi l-provvista ta finanzjament għas-settur privat mill-banek multilaterali ta' żvilupp (MDBs) żdied b'għaxar darbiet mill-1990; billi din iż-żieda hija partikolarment rilevanti fil-fergħa li għandha x'taqsam mas-settur privat tal-Bank Dinji, il-Korporazzjoni Finanzjarja Internazzjonali (IFC), li t-total tas-self u tal-investiment tagħha żdied aktar mid-doppju bejn l-2003 u l-2008,

1. Jilqa' l-istrateġija enerġetika u jfakkar li għandha tittratta partikolarment il-mod kif l-aċċess għas-servizzi enerġetiċi jista' jeħles lin-nies mill-faqar, filwaqt li jaġevola l-bidla lejn triq ta' żvilupp enerġetiku sostenibbli f'termini ambjentali; iħeġġeġ lill-Bank Dinji jsegwi approċċ fir-rigward tal-iżvilupp tas-settur privat li jwassal għal benefiċċju massimu lill-fqar, filwaqt li jittratta t-tibdil fil-klima; jenfasizza li l-fatturi ambjentali u soċjali, kemm f'livell nazzjonali kif ukoll f'livell tal-komunitajiet lokali, għandhom jitqiesu f'analiżi komprensiva tal-kosti-benefiċċji tal-għażliet fil-qasam enerġetiku;

2. Josserva li s-self ta' fjuwils fossili għadu jiżvolġi rwol dominanti fil-portafoll enerġetiku totali tal-Bank Dinji, minkejja żidiet reċenti fis-self favur inizjattivi fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-investimenti fi fjuwils fossili qegħdin isiru wkoll permezz ta' intermedjarji finanzjarji u li dan mhuwiex qed jitqies mill-Bank fiċ-ċifri annwali tiegħu għas-settur enerġetiku; josserva wkoll bi tħassib li l-Bank għadu jagħmel ammont kbir ta' investiment f'impjanti tal-enerġija mħaddma bil-faħam, u b'hekk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jibqgħu marbuta ma' enerġija bbażata fuq il-faħam għad-deċennji li ġejjin;

3. Jilqa', konformement mal-impenji meħuda mill-mexxejja tal-G-20 f'Pittsburgh f'Settembru 2009 li ġġeddu f'Ġunju 2010 f'Toronto, l-objettiv strateġiku tal-Bank Dinji tat-tneħħija progressiva tas-self għal proġetti bbażati fuq fjuwils fossili sal-2015;

4. Jinkoraġġixxi lill-Bank Dinji jagħti prijorità lill-aċċess għall-enerġija fuq skala żgħira u fuq livell lokali, partikolarment fil-pajjiżi l-anqas żviluppati tal-Afrika u tal-Asja;

5. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-Bank Dinji jqis l-enerġija minn digi idroelettriċi kbar u mill-bijofjuwils bħala enerġija nadifa; jenfasizza, b'mod partikolari, it-twissijiet mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-theddida tal-bijofjuwils għall-provvista tal-ikel;

6. Jistieden lill-Bank Dinji jiddetieġi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' normi u standards innovattivi bil-għan li jiġu protetti d-drittijiet tal-komunitajiet u jiġi garantit li dawn għandhom aċċess għal u jibbenefikaw minn żviluppi tas-settur enerġetiku dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u sorsi enerġetiċi rinnovabbli;

7. Josserva bi tħassib li volum kbir ta' finanzjamenti multilaterali pprovduti lill-intermedjarji finanzjarji mhuwiex ikkontrollat sew; jenfasizza fuq il-bżonn li jiġu definiti rekwiżiti ċari li għandhom jiġu sodisfatti mill-intermedjarji finanzjarji biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament multilaterali; huwa tal-opinjoni li dawn għandhom jinkludu objettivi ta' żvilupp preċiżi (lil hinn mir-rendiment finanzjarju), kif ukoll salvagwardji soċjali u ambjentali b'saħħithom kif stipulati fil-protokolli u fit-trattati internazzjonali;

8. Jenfasizza l-importanza tal-internalizzazzjoni tal-ispejjeż marbutin mat-tibdil fil-klima; jappella għall-użu tal-approċċ tal-kalkolu taċ-ċiklu tal-ħajja ambjentali fil-proċess tal-kontabilità bil-għan li ssir valutazzjoni effikaċi tal-alternattivi disponibbli fil-qasam enerġetiku;

9. Jisħaq fuq il-bżonn ta' diversifikazzjoni tal-portafoll enerġetiku, fid-dawl tal-problemi li jirriżultaw minn dipendenza eċċessiva fuq sors enerġetiku wieħed għall-ġenerazzjoni tal-enerġija bħall-fjuwils fossili importati jew l-enerġija idroelettrika (meta żminijiet ta' nixfa twal jissarrfu f'riservi vojta tal-ilma li jnaqqsu drammatikament il-kapaċità ġenerattiva); iħeġġeġ lill-Bank Dinji jżid l-investiment tiegħu fl-enerġiji rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, iżda jżomm milli jinvesti fi proġetti idroelettriċi kbar, li l-impatt soċjali u ambjentali negattiv tagħhom, li jirriżulta fost oħrajn mill emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra mir-riservi tal-ilma, għandu jiġi vvalutat kif suppost qabel ma jingħataw il-finanzjament; jenfasizza li d-digi idroelettriċi ż-żgħar huma iktar sostenibbli u ekonomikament vijabbli mill-impjanti idroelettriċi l-kbar;

([1]) Grupp tal-Bank Dinji (2008) Qafas Strateġiku dwar l-Iżvilupp u t-Tibdil fil-Klima.

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

10. Jiddispjaċih li l-Bank Dinji jippromwovi l-aktar mudell enerġetiku fuq skala kbira u orjentat lejn l-esportazzjoni minkflok jagħti sostenn lil proġetti enerġetiċi deċentralizzati u fuq skala żgħira li spiss huma ixraq u aktar effikaċi biex jissodisfaw l-eżiġenzi ta' bażi fiż-żoni rurali; iħeġġeġ lill-Bank Dinji jagħti sostenn lill-proġetti enerġetiċi alternattivi deċentralizzati u fuq skala żgħira, filwaqt li jieħu kont tal-eżiġenzi tal-komunitajiet lokali u r-realtajiet ekonomiċi ta' pajjiżi differenti, u jiffissa objettivi speċifiċi u linji gwida ta' monitoraġġ biex jiggarantixxi li s-self relatat mal-enerġija jibbenefikaw minnu l-fqar;

11. Iqis li l-aħjar mod kif jiġu solvuti kompromessi potenzjali huwa li jiġu eżaminati s-sigurtà tal-provvista, ir-riperkussjonijiet fuq is-saħħa, l-ambjent u l-impatti ekonomiċi fuq il-komunitajiet lokali u l-iżvilupp u t-trasferiment ta' teknoloġija meħtieġa kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell lokali bil-għan li jkun garantit aċċess għat-teknoloġiji sostenibbli għas-sorsi enerġetiċi rinnovabbli;

12. Jisħaq fuq il-bżonn li jiġu żviluppati regoli dwar ir-rapportar u l-iżvelar li jippermettu trasparenza massima; jinsisti li l-Bank Dinji jidentifika biċ-ċar u jiżvela pubblikament il-benefiċċji speċifiċi għall-iżvilupp qabel jiġi impenjat il-finanzjament; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-prinċipju tal-"kunsens ħieles, preliminari u infurmat" (FPIC), kif stipulat fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, mhuwiex rikonoxxut fil-qafas tal-istandards tar-rendiment tal-IFC;

13. Jinkoraġġixxi lill-Bank Dinji jorjenta l-istrateġija enerġetika tiegħu lejn il-kummerċjalizzazzjoni u l-kompetittività tal-proġetti li għandhom x'jaqsmu mat-teknoloġiji sostenibbli bis-saħħa ta' finanzjament innovattiv u ta' programmi ta' żvilupp istituzzjonali għall-promozzjoni ta' taħlita ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija u enerġija rinnovabbli bħala għażla vijabbli u attraenti;

14. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-iżvilupp tat-teknoliġiji nodfa fil-pajjiżi l-fqar huwa marbut mat-trasferiment tat-teknoloġija, li jeħtieġ l-identifikazzjoni tal-ostakli saljenti għat-tixrid tat-teknoloġiji ħodor fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima, kif ukoll li jiġu kkunsidrati flessibilitajiet ġodda fir-rigward tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Bank Dinji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Ewropa 2020 (Kunsill tar-Rebbiegħa 2011)

P7_TA(2011)0068

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar l-Istrateġija Ewropa 2020**

(2012/C 188 E/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv",

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: l-avvanz tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi",

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza wara l-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tas-17–18 ta' Ġunju 2010,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza wara l-laqgħat tal-Kunsill Ewropew li saru f'Marzu 2000, 2001, 2005, 2006 u 2007 u f'Diċembru 2009,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Ġunju 2010 dwar il-governanza ekonomika ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar il-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali: rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri u l-inizjattivi li għandhom jittieħdu (rapport ta' nofs il-perjodu) ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu permanenti għall-kriżijiet biex tiġi protetta l-istabilità finanzjarja taż-żona tal-euro ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Linji Gwida Ġenerali għall-Politika Ekonomika tal-Istati Membri u tal-Unjoni, adottata fis-7 ta' Lulju 2010,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-istrateġija Ewropa 2020 għandha tgħin lill-Ewropa tirkupra mill-kriżi u toħroġ aktar b'saħħitha, permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv imsejjes fuq ħames miri ewlenin tal-UE fir-rigward tal-promozzjoni tal-impjiegi, it-titjib tal-kondizzjonijiet għall-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp, it-titjib tal-livelli edukattivi u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-faqar,

***Il-governanza tal-Istrateġija Ewropa 2020 għandha tissaħħaħ***

1. Jenfasizza li l-azzjonijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 għandhom importanza kruċjali għall-prospetti futuri taċ-ċittadini Ewropej kollha, peress li jipprovdu impjiegi sostenibbli, tkabbir ekonomiku fit-tul u progress soċjali; jibża' li l-Istrateġija Ewropa 2020 mhux se tkun tista' tissodisfa dak li wegħdet minħabba l-istruttura ta' governanza dgħajfa tagħha u għaldaqstant iħeġġeġ b'mod qawwi lill-Kunsill isaħħaħ il-metodu Komunitarju; itenni l-importanza li l-objettivi tal-Istrateġija UE 2020 jiġu integrati fil-qafas tal-governanza ekonomika u jitlob biex is-Simestru Ewropew isir parti mill-pakkett ta' governanza leġiżlattiv, waqt li jiġu inklużi l-parlamenti nazzjonali u s-sħab soċjali minn stadju bikri sabiex jitrawmu r-responsabilità demokratika, is-sjieda u l-leġittimità; jisħaq fuq il-fatt li l-kisba tal-Istrateġija Ewropa 2020 hi essenzjali u mhux fakultattiva;

2. Jikkunsidra li l-Istħarriġ Annwali tat-Tkabbir u l-qafas tas-Simestru Ewropew huma għodda kruċjali għal koordinament mtejjeb tal-politiki ekonomiċi; jenfasizza, madankollu, li dawn m'għandhomx jieħdu post u lanqas inaqqsu l-importanza tal-għodda eżistenti prevista mit-Trattat, b'mod partikulari l-Linji Gwida Ġenerali għall-Politika Ekonomika u l-linji gwida għall-impjiegi tal-Istati Membri, fejn il-Parlament huwa involut u kkonsultat ħafna; jenfasizza l-ħtieġa għal konsistenza mal-kisba tal-ħames miri ewlenin għall-Istrateġija Ewropa 2020 miftehma mill-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni bl-intenzjoni li jiġi żgurat is-suċċess tagħha;

*Il-baġit tal-UE u l-baġits nazzjonali għandhom jirriflettu aħjar l-ambizzjonijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020*

3. Jenfasizza li l-Istrateġija Ewropa 2020 trid tnaqqas id-distakk bejn l-ambizzjonijiet iddikjarati tagħha, ir-riżorsi disponibbli u l-metodoloġija użata; jitlob li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss jirrifletti l-ambizzjonijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara d-dimensjoni baġitarja tal-Inizjattivi Emblematiċi, minħabba li dawn il-pjanijiet ta' azzjoni prijoritarja jinvolvu l-politiki kollha ffinanzjati permezz tal-baġit tal-UE; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummisjosni tressaq proposti dwar it-twaqqif ta' riżorsi proprji ġodda sabiex l-Unjoni tingħata riżorsi finanzjarji reali u awtonomi;

4. Jenfasizza li l-Istrateġija Ewropa 2020 tirrikjedi riformi u investimenti pubbliċi u privati sostanzjali ħafna u minn kmieni f'firxa estensiva ta' proġetti; jinnota li dawn jirrikjedu l-mobilizzazzjoni kemm tal-istrumenti u d-dħul innovattivi eżistenti, kif ukoll dawk ġodda;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0224.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0376.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2010)0491.

5. Jitlob b’insistenza li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jipproduċu qafas ta’ finanzjament kredibbli, u li l-Kunsill Ewropew jikkunsidra l-ħtiġijiet ta’ finanzjament bħala parti mir-rieżami tiegħu dwar il-governanza ekonomika; jikkunsidra li l-finanzjament tal-Istrateġija Ewropa 2020 jirrikjedi sett miftiehem ta’ inizjattivi politiċi, li jkunu jinvolvu lill-istituzzjonijiet Ewropej, bħall-BEI u l-BERŻ; jenfasizza, barra minn hekk, li l-finanzjament mis-settur privat se jkun indispensabbli u jirrikjedi oqfsa legali li jindirizzaw ir-riskji fit-tul involuti;

6. Jinsab konvint li, bil-qafas politiku korrett u b’riżorsi tal-baġit adegwati, l-agrikoltura u l-forestrija jistgħu jiżvolġu rwol importanti fi strateġija Ewropea ġenerali mfassla biex tiggarantixxi l-irkupru ekonomiku, filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxu għas-sikurezza tal-ikel fl-UE u madwar id-dinja, jikkonservaw il-pajsaġġ rurali li jirrappreżenta 90 % tat-territorju tal-UE, jiżguraw benefiċċji ambjentali u jagħtu kontribut importanti għat-tfittxija għal sorsi alternattivi tal-enerġija;

7. Jikkunsidra li politika ta’ koeżjoni b’saħħitha u ffinanzjata sew li tiġbor fiha r-reġjuni Ewropej kollha għandha tkun element kumplimentari fundamentali tal-Istrateġija Ewropa 2020; hu tal-fehma li din il-politika, bl-approċċ orizzontali tagħha, hija prekundizzjoni biex l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 jintlaħqu b’suċċess, kif ukoll biex tinkiseb il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali;

*Att kuraġġuż dwar is-Suq Uniku u dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-ħolqien tal-impjiegi*

8. Jikkunsidra li l-Istati Membri għandhom jiġu inkoraġġiti jagħtu l-ogħla prijorità lill-ġlieda kontra l-qgħad u lill-prevenzjoni tal-esklużjoni fit-tul mis-suq tax-xogħol fil-Programmi tagħhom ta’ Riforma Nazzjonali; jemmen li dan għandu jingħaqad ma’ miżuri biex ikunu żgurati aktar ħolqien ta’ impjiegi, impjiegi aħjar u livelli għoljin ta’ impjiegi ta’ kwalità għolja fuq żmien medju u twil;

9. Jisħaq fuq ir-rwol vitali ta’ approċċ olistiku għat-tnedija mill-ġdida tal-Att dwar is-Suq Uniku biex jiġu żgurati rendiment ekonomiku aħjar u dimensjoni soċjali mssaħħa filwaqt li terġa’ tinbena l-fiduċja billi ċ-ċittadin jitqiegħed fil-qalba tas-Suq Uniku; jemmen li, biex tirnexxi t-tnedija mill-ġdida tas-Suq Uniku, huma kruċjali gwida komprensiva mill-ogħla livell politiku u l-appoġġ mill-Kunsill Ewropew;

10. Jiġbed l-attenzjoni għar-rwol li r-Regolamentazzjoni Intelliġenti tista’ tiżvolġi fit-titjib tal-qafas regolatorju li fih joperaw in-negozji; jemmen li l-proposti li jinsabu fiha jistgħu jgħinu biex jinħoloq ambjent kummerċjali b’saħħtu li jiffaċilita t-tkabbir u l-innovazzjoni, iżda jinnota li s-sħab kollha fil-proċess leġiżlattiv iridu jassumu r-responsabbiltà biex jipproduċu regolamenti aktar effikaċi u anqas ta’ piż;

11. Jesprimi d-diżappunt tiegħu li, sentejn wara l-adozzjoni tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar, il-Kummissjoni għadha nieqsa f’dawk li huma azzjonijiet u inizjattivi konkreti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jippromwovu ambjent aktar favorevoli għall-intrapriżi ż-żgħar u ta’ daqs medju; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu l-użu trasparenti ta’ proċeduri ta’ akkwist pubbliku prekummerċjali għat-teknoloġiji innovattivi u “ħodor”;

12. Jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni għal koperazzjoni msaħħa fir-rigward tat-twaqqif ta’ privattiva Ewropea u jitlob li tiġi adottata malajr mill-Parlament u l-Kunsill;

13. Jinsisti li l-ugwaljanza bejn is-sessi hija mira ewlenija biex tintlaħaq l-ambizzjoni tal-EU 2020; isejjaħ għaldaqstant għal parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fis-suq tax-xogħol u għall-inklużjoni sħiħa ta’ ħaddiema nisa fit-taħriġ vokazzjonali; isejjaħ ukoll għal aġenda sabiex tinqered id-differenza eżistenti fil-ħlas bejn in-nisa u l-irġiel;

***Inizjattivi emblematiċi***

*Kummenti ġenerali*

14. Jenfasizza li l-kontenut attwali tal-Istrateġija Ewropa 2020, bħall-miri ewlenin, il-proposti emblematiċi, l-konġestjonijiet u l-indikaturi għadhom ta’ natura ġenerali ħafna; jenfasizza li dan is-sett ta’ inizjattivi jista’ jinkiseb biss permezz ta’ impenji konkreti mill-Istati Membri fil-Programmi tagħhom ta’ Riforma Nazzjonali u proposti leġiżlattivi konkreti u konsistenti;

*L-Inizjattiva Emblematika, "Unjoni ta' Innovazzjoni"*

15. Jilqa' l-inizjattiva emblematika dwar "Unjoni ta' Innovazzjoni" bħala mutur fundamentali biex jinkisbu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, li tindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin bħas-sigurtà tal-enerġija u tal-ikel, it-tibdil fil-klima, is-saħħa u popolazzjoni li qed tixjiħ; ifakkar li l-mira ta' 3 % tikkonsisti minn sehem ta' 2 % (infiq privat) u sehem ta' 1 % (infiq pubbliku); jinnota li għad fadal nuqqasijiet partikulari fil-qasam tal-infiq għar-riċerka privata li jistgħu jintgħelbu biss billi l-ambjent regolatorju jiġi adattat għall-kumpaniji, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; jilqa', għaldaqstant, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ttejjeb il-kundizzjonijiet ta' qafas għall-innovazzjoni tan-negozji, b'mod partikulari fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali;

16. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ, jiġi stimolat u jiġi żgurat il-finanzjament tar-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp fl-UE permezz ta' żieda sinifikanti fl-infiq relevanti wara l-2013; jindika l-importanza li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju jkollhom aċċess għall-Programm Qafas u l-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni; jitlob Regolament Finanzjarju rivedut biex jiffaċilita l-applikazzjonijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju; jenfasizza n-nuqqas ta' fondi għal strumenti kruċjali għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-użu li ġa ġew adottati, bħall-Pjan tat-Teknoloġija Enerġetika Strateġika; jenfasizza l-kontribut importanti li jagħti l-Programm Qafas għar-Riċerka għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; jindika l-kontribut importanti li jagħtu l-fondi strutturali biex jistimolaw ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni fil-livell nazzjonali u reġjonali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jinħolqu sinerġiji bejn il-finanzjament strutturali u dak tal-Programm Qafas;

17. Jemmen li mhumiex is-sussidji li l-kumpaniji Ewropej innovattivi jeħtieġu, iżda aktar libertà u aċċess aħjar għall-kapital ta' riskju; jikkunsidra li l-Unjoni Ewropea għandha takkomoda din il-ħtieġa billi tespandi l-prodotti permanenti għall-kondiviżjoni tar-riskji offruti mill-Bank Ewropew tal-Investiment via l-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji; jikkunsidra li hemm potenzjal sinifikanti mhux sfruttat għall-promozzjoni tal-innovazzjoni permezz tal-akkwist pubbliku;

*L-Inizjattiva Emblematika, "Żgħażagħ Mobbli"*

18. Jilqa' l-inizjattiva emblematika, "Żgħażagħ Mobbli"; jinsisti li l-kwalità u l-aċċess għal edukazzjoni relevanti huma prerekwiżit kostanti għal ekonomija tas-suq soċjali sostenibbli; jenfasizza, konsegwentement, li jekk l-Istati Membri jimmiraw li jiksbu l-miri komuni tal-iżvilupp ekonomiku u dawk stabbiliti għall-edukazzjoni, l-investiment proprju se jkun kruċjali fis-sistemi edukattivi u ta' taħriġ tagħhom, inkluż fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; jiddispjaċih madankollu, li l-inizjattiva emblematika ma tindirizzax xi suġġetti fundamentali, bħall-parteċipazzjoni fis-soċjetà jew il-faqar taż-żgħażagħ; jitlob għal proposti iktar b'saħħithom dwar l-inklużjoni;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiffinanzja b'mod xieraq il-programmi eżistenti dwar il-mobilità u ż-żgħażagħ bħal Tagħlim tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo, Comenius, Grundtwig), Żgħażagħ fl-Azzjoni u Marie Curie; jemmen li dan jagħti kontribut importanti għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ u biex tintlaħaq rata ta' impjiegi ta' 75 %;

20. Jenfasizza li l-inizjattiva Żgħażagħ Mobbli ma tistax taffronta waħedha r-rata allarmanti ta' qgħad fost iż-żgħażagħ madwar l-Ewropa kollha; jistieden lill-Istati Membri kollha jistabilixxu, bħala parti mill-Programmi tagħhom ta' Riforma Nazzjonali, strateġija nazzjonali biex jaffrontaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ u jiżguraw li ż-żgħażagħ ikollhom aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ; jenfasizza li l-politiki dwar iż-żgħażagħ għandhom jitqiesu b'rabta mal-politiki dwar l-edukazzjoni, l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali; jappoġġa bil-qawwa l-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Garanzija Ewropea għaż-Żgħażagħ u jħeġġeġ lill-Kunsill jadottaha mill-iktar fis possibbli;

*L-Inizjattiva Emblematika, "Aġenda Diġitali għall-Ewropa"*

21. Jilqa' l-proposti ambizzjużi tal-Kummissjoni dwar "l-Aġenda Diġitali", imma jħeġġeġ lill-Kummissjoni tħaffef l-adozzjoni tal-proposti relatati mas-suq diġitali uniku, bħal dawk dwar il-kummerċ elettroniku, il-proprjetà intellettwali, il-fiduċja u s-sigurtà fuq l-internet, ir-roaming u l-awtentikazzjoni elettronika; jitlob lill-partijiet kollha jagħmlu l-ewwel politika dwar l-ispettru tar-radju realtà; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żviluppata ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-kontenut u l-għerf, "il-ħames libertà";

22. Jisħaq li midja pluralista u indipendenti hi pilastru tad-demokrazija Ewropea; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tissalvagwardja l-pluraliżmu medjatiku; jemmen li l-protezzjoni tal-privatezza tikkostitwixxi valur fundamentali u jitlob li d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data tiġi adattata għall-ambjent diġitali attwali sabiex jiġi żgurat li kull ċittadin ikollu l-kontroll tad-data personali tiegħu;

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

*L-Inizjattiva Emblematika, "Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi"*

23. Jilqa' l-inizjattiva emblematika tal-Istrateġija Ewropa 2020 dwar Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi u jheġġeġ lill-Kummissjoni tkompli b'ħidmitha dwar il-formulazzjoni ta' politiki konkreti biex tiżgura tranżizzjoni għal ekonomija li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti u bbażata fuq enerġija rinnovabbli; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa parametri ta' riferiment konkreti u tiżgura li jintlaħqu l-miri miftehma u li jistgħu jiġu mmonitorati fi ħdan il-qafas tas-Simestru Ewropew għall-koordinament politiku tal-Istrateġija Ewropa 2020; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi mmodernizzata u aġġornata l-infrastruttura Ewropea tal-enerġija, li jiġu żviluppati grids intelliġenti u jinbnew interkonnessjonijiet, li huma meħtieġa għat-twettiq tas-suq intern tal-enerġija, it-tisħiħ tas-sigurtà tal-provvista, l-ilħuq tal-miri tagħna rigward l-enerġija u l-klima u t-tħaffif tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni;

24. Ifakkar li l-effiċjenza fl-enerġija hija l-mod l-aktar kost-effettiv biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, tittejjeb is-sigurtà tal-enerġija u l-kompetittività u jitnaqqsu l-kontijiet enerġetiċi tal-konsumatur, kif ukoll biex jinħolqu l-impjiegi; jisħaq fuq il-fatt li ma jidhirx li l-Istati Membri qed jagħmlu biżżejjed sforzi biex jilħqu l-mira ta' 20 % fl-effiċjenza tal-enerġija; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jintensifikaw il-miżuri u jilħqu l-livell ta' din il-mira vitali li impenjaw ruħhom għaliha fl-2007; jitlob lill-Kummissjoni tifformula miżuri, flimkien mal-Istati Membri, sabiex tiżgura li l-mira tintlaħaq kif rikjest mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar "Ir-reviżjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza fl-Użu tal-Enerġija" (ir-rapport Bendsten) u "Lejn Strateġija ġdida dwar l-Enerġija għall-Ewropa 2011-2020" (ir-rapport Kolarska Bobinska);

25. Jiddispjaċih li din il-komunikazzjoni emblematika ma tattribwixxix biżżejjed importanza għall-effiċjenza tar-riżorsi bħala priorità politika globali tal-UE; jinsisti li hemm bżonn li l-UE tibda t-tranżizzjoni lejn ekonomija ta' riċiklaġġ, waqt li tiżgura t-tnaqqis fil-produzzjoni tal-iskart u l-valur tal-użu mill-ġdid tar-riżorsi; jisħaq fuq il-fatt li s-sostenibilità ambjentali tiddependi minn tnaqqis fl-użu tar-riżorsi; jistieden lill-Kummissjoni tfassal sett ta' indikaturi sabiex ikunu jistgħu jiġu mmonitorati fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali;

*L-Inizjattiva Emblematika, "Politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni"*

26. Jitlob li jkun hemm approċċ olistiku, ibbilanċjat u li jħares 'il quddiem għall-politika industrijali tal-UE, li tkun immirata lejn l-iżvilupp ta' bażi industrijali b'saħħitha, kompetittiva, koerenti, effiċjenti u ddiversifikata, u fejn il-politiki dwar l-innovazzjoni, ir-riċerka, il-kompetizzjoni, is-Suq Uniku, il-kummerċ u l-ambjent ikunu kkoordinati; jikkunsidra li l-objettivi fundamentali għandhom ikunu l-promozzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi u l-kompetittività internazzjonali tal-impriżi Ewropej, ir-ristrutturar intelliġenti u d-djalogu mal-impjegati, ekonomija sostenibbli u għażla libera fl-għażliet teknoloġiċi u l-mobilità tar-riċerkaturi; jitlob li jiġu applikati minnufih il-prinċipji ta' regolamentazzjoni intelliġenti fil-valutazzjonijiet tal-impatt indipedenti, inklużi "prova ta' kompetittività" għal-leġiżlazzjoni l-ġdida, test li jqis l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju sabiex jiġi żgurat ambjent regolatorju aktar favorevoli għan-negozji ż-żgħar u anqas piżijiet amministrattivi, prova ta' sostenibilità b'mod konformi mal-objettivi tal-UE fil-qasam tal-klima, l-enerġija, l-effiċjenza tar-riżorsi u r-riċiklaġġ, u "kontrolli tas-saħħ" *ex post* għal-leġiżlazzjoni eżistenti;

27. Jisħaq fuq il-fatt li l-politiki tal-UE dwar it-trasport u l-enerġija li jkompru l-infrastruttura u s-servizzi huma fundamentali biex jinkisbu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 jisħaq fuq il-fatt li s-settur tat-trasport se jiżgura li s-suq tal-UE jżomm postu bħala żona ta' produzzjoni altament kwalifikata, permezz tad-dekarbonizzazzjoni tal-modi kollha ta' trasport, l-implimentazzjoni taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea u t-tlestija tal-Ajru Uniku Ewropew; jitlob li jkun hemm Strateġija Ewropea dwar il-Materja Prima effikaċi sabiex jittejbu l-aċċessibilità u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-enerġija waqt li l-materjali kritiċi jiġu żgurati permezz tal-iżvilupp tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles u s-sħubiji strateġiċi; jitlob għal aċċess imtejjeb b'mod sinifikanti għall-finanzjament fl-innovazzjoni u l-infrastrutturi, speċifikament għall-grids intelliġenti, it-teknoloġiji "ħodor" is-saħħa diġitali, in-Netwerks Trans-Ewropej u l-proġetti b'valur miżjud pruvat li ma jistgħux jiġu ffinanzjati mis-suq; jitlob, f'dan ir-rigward, li jittieħdu passi biex jiġu esplorati l-opportunitajiet li joffru l-Bond Proġettwali;

*L-Inizjattiva Emblematika, '"Aġenda għal kapaċitajiet u impjiegi ġodda"*

28. Jenfasizza l-fatt li s-sistemi ta' protezzjoni soċjali b'saħħithom jipprevjenu l-esklużjoni fit-tul; jinsisti li l-investiment fil-politiki dwar suq tax-xogħol attiv u opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ biex kulħadd ikun jista' jikseb kapaċitajiet ġodda huma essenzjali biex jitnaqqas il-qgħad; jisħaq fuq l-importanza tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u t-tnedija mill-ġdid tas-Suq Uniku f'dan ir-rigward; jappoġġja, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tal-qafas Ewropew tal-kwalifiki u l-inizjattiva leġiżlattiva ppjanata għar-riforma tal-kwalifiki professjonali biex ikun żgurat ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali;

29. Jilqa' 'l-Aġenda għal kapaċitajiet u impjiegi ġodda'; jinnota li l-flessigurtà ġiet implimentata b'suċċess f'ċerti pajjiżi, imma jwissi li l-kunċetti ta' flessigurtà ma jistgħux jisfruttaw il-potenzjal tagħhom fl-Istati Membri bi ftit possibilitajiet ta' tisħiħ tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali minħabba limitazzjonijiet baġitarji u żbilanċji makroekonomiċi, u jikkunsidra li t-tnaqqis tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol irid jinkiseb billi tingħata s-sigurtà xierqa għall-ħaddiema taħt kull forma ta' kuntratt, speċjalment il-gruppi vulnerabbli; ifakkar lill-Kummissjoni ma titraskurax il-bżonn li tiġi żgurata tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn suq tax-xogħol aktar sostenibbli u l-potenzjal enormi ta' impjiegi sostenibbli; jishaq fuq il-fatt li kwalunkwe riforma tas-suq tax-xogħol tista' biss tiġi introdotta b'suċċess billi jintlaħaq grad għoli ta' kunsens soċjali permezz ta' ftehimiet mas-sħab soċjali;

*L-Inizjattiva Emblematika, "'Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar'"*

30. Ifakkar li l-Istrateġija Ewropa 2020 tinkludi mira biex tal-anqas 20 miljun persuna li huma f'qagħda ta' faqar u esklużjoni soċjali jew li qed jirriskjaw li jispiċċaw f'din il-qagħda, jitneħħew minn dan l-istat; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Klawżola Soċjali Orizzontali (Artikolu 9, TFUE) biex jiżguraw li l-politiki kollha jikkontribwixxu aktar milli jdgħajfu l-għan tat-tnaqqis tal-faqar;

31. Jistieden lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jindirizzaw il-faqar tat-tfal permezz tal-miżuri xierqa, b'tali mod li t-tfal ma jkunux ristretti fl-iżvilupp personali tagħhom u ma jkunux sottoprivileġġati meta jidħlu fil-ħajja professjonali;

32. Jilqa' l-proposti għal Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, iżda jitlob għal azzjonijiet iktar konkreti biex ikun hemm l-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari t-tisħiħ tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni Soċjali, bħala strateġija integrata li tinvolvi l-partijiet interessati nazzjonali u lokali, inklużi dawk li jesperjenzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali; itenni t-talba tiegħu għal aġenda aktar estensiva għall-promozzjoni ta' xogħol diċenti, l-iżgurar tad-drittijiet tal-ħaddiema madwar l-Ewropa u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-affrontar tal-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni, l-ġlieda kontra l-faqar ta' dawk li għandhom xogħol;

*

* *

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew u lill-Kummissjoni.

---

## L-implimentazzjoni tal-linji gwida għall-politiki dwar l-impjieg tal-Istati Membri

P7_TA(2011)0069

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri**

(2012/C 188 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għal politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri: It-Tieni Parti tal-Linji Gwida Integrati tal-Istrateġija Ewropa 2020 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-12 ta' Jannar 2011 dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: l-avvanz tar-rispons komprensiv tal-UE għall-kriżi (COM(2011)0011), u l-Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi anness magħha,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2010)0309.

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi tat-12 ta' Jannar 2011 (COM(2011)0006),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/707/UE tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 148 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, wara l-adozzjoni tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, il-Kummisjoni pproponiet li l-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi adottati fl-2010 għandhom jinżammu għall-2011,

B. billi l-kriżi ekonomika attwali għadha qed tippreżenta sfidi fil-forma ta' qgħad u esklużjoni soċjali li kulma jmur qed jiżdiedu,

C. billi hemm interrelazzjoni qawwija bejn l-irkupru ekonomiku u t-tkabbir, l-impjiegi, il-ġlieda kontra l-faqar u l-inklużjoni soċjali,

D. billi l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi u l-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri huma fost l-istrumenti ewlenin imfassla biex jorjentaw il-politiki tal-UE u tal-Istati Membri favur sforzi biex jintlaħqu l-objettivi u l-miri ta' Ewropa 2020,

E. billi hemm ħtieġa urġenti li jiżdiedu l-isforzi fil-livelli kollha, bl-involviment tas-sħab soċjali u ta' partijiet interessati oħra, biex jiġi żgurat li l-linji gwida għall-impjiegi jiġu implimentati kif suppost, bil-ħsieb li tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, tiġi żviluppata forza tax-xogħol kwalifikata u jittejbu l-kwalità u l-prestazzjoni tas-sistemi edukattivi u tat-taħriġ,

***It-tisħiħ tal-governanza u t-tkabbir fil-livell tal-ambizzjonijiet fl-ilħuq tal-għanijiet ta' Ewropa 2020***

1. Iqis li, fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni li l-linji gwida għall-impjiegi adottati fl-2010 jinżammu għall-2011, ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma saru l-għodda ewlenija ta' sorveljanza u orjentazzjoni makroekonomika; jikkundanna n-nuqqas li l-Parlament jiġi involut f'dan il-proċess u n-nuqqas ta' dibattitu dwaru;

2. Iqis li l-isfidi ewlenin li qed jaffaċċjaw l-UE u l-Istati Membri fir-rigward tal-impjiegi u tal-qgħad għandhom jiġu riflessi kif xieraq fil-proċess futur dwar l-iżbilanċi makroekonomiċi, fil-qafas tal-politika tal-linji gwida Ewropej għall-impjiegi;

3. Iqis li l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u l-qafas previst mis-Simestru Ewropew huma għodod kruċjali għal koordinament imsaħħaħ tal-politiki ekonomiċi u għalhekk huma parti importanti mir-reazzjoni tal-Unjoni għall-kriżi; jinnota, madankollu, li dawn l-għodod għandhom jitħaddmu b'mod li jkun konsistenti mal-ħtieġa ta' proċessi demokratiċi u jappoġġaw, u mhux iservu biex jissostitwixxu jew inaqqsu l-importanza tal-għodod eżistenti previsti fit-Trattat, b'mod partikolari l-linji gwida ekonomiċi ġenerali u l-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, li l-Parlament irid ikun involut mill-qrib fihom u, fil-każ ta' dawn tal-aħħar, ikkonsultat dwarhom; jitlob li dawn l-għodod jiġu integrati fil-qafas tas-Simestru Ewropew u li tingħata attenzjoni partikolari sabiex jiġi żgurat li l-importanza tagħhom ma tonqosx, bil-ħsieb li jintlaħaq l-objettiv tal-Kummissjoni u tal-Kunsill li jiżdiedu s-sjieda u r-responsabilità demokratika;

4. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, meta jagħtu pariri politiċi lill-Istati Membri, biex jirrispettaw il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tad-djalogu soċjali fil-qasam tal-pagi u tal-pensjonijiet, kif ukoll li, bi qbil mal-Artikolu 153(5) TFUE, jirrispettaw il-kompetenzi tal-Istati Membri u tas-sħab soċjali skont il-prattiki nazzjonali f'dawn l-oqsma;

([1]) ĠU L 308, 24.11.2010, p. 46.

5. Iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-istrateġija Ewropa 2020 u s-sistema Ewropea msaħħa ta' governanza ekonomika jkunu effikaċi u demokratikament leġittimi; jenfasizza li dan jagħmel essenzjali li l-Parlament ikun involut b'mod ġenwin u f'waqtu tul il-proċeduri kollha ta' sorveljanza u koordinament tal-politika; jikkundanna n-nuqqas ta' referenza għar-rwol tal-Parlament fil-proċess fl-iskeda ta' żmien proposta fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir;

6. Jistieden lill-Istati Membri jinvolvu aktar mill-qrib u jikkonsultaw regolarment mal-parlamenti nazzjonali, mas-sħab soċjali, mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u mas-soċjetà ċivili; iqis li n-nuqqas attwali ta' informazzjoni dwar il-proċeduri ta' konsultazzjoni fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma għandu jiġi indirizzat;

7. Jinnota l-indikazzjoni preliminari tal-miri nazzjonali tal-Istati Membri għall-impjiegi; jesprimi tħassib serju dwar in-nuqqas ta' ambizzjoni f'dan ir-rigward, u b'mod partikolari dwar il-fatt li fl-aħjar xenarju possibbli, l-eżitu kollettiv stmat jonqos milli jilħaq, b'aktar minn żewġ punti perċentwali, il-mira emblematika tal-UE u l-impenn li tintlaħaq rata ta' persuni li jaħdmu ta' 75 % sal-2020;

8. Jistieden lill-Istati Membri jerġgħu jikkunsidraw il-miri nazzjonali tagħhom għall-impjiegi, biex il-mira emblematika tal-UE tkun tista' tintlaħaq, u li jieħdu dawn il-miri bis-serjetà daqs kemm jieħdu bis-serjetà l-miri tagħhom ta' konsolidament fiskali;

9. Jistieden lill-Istati Membri, barra minn hekk, jagħtu attenzjoni speċjali lil sottogruppi speċifiċi, bħaż-żgħażagħ, in-nisa, il-persuni b'diżabilità u l-ħaddiema aktar anzjani, u li jistabbilixxu miri nazzjonali għalihom;

10. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma għamlux hekk biex jistabbilixxu l-miri nazzjonali tagħhom dwar l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar u biex jindirizzaw il-problema tal-ħaddiema foqra; jistieden lill-Istati Membri, meta jkunu qed jagħmlu dan, jiżguraw li l-mira ambizzjuża li kien hemm qbil dwarha fil-Kunsill Ewropew tintlaħaq u li l-interazzjoni bejn il-miri, speċjalment dawk dwar l-impjiegi u l-edukazzjoni u t-taħriġ u dwar l-inklużjoni soċjali u l-faqar, titqies kif jixraq;

***L-iżgurar li l-linji gwida għall-impjiegi jiġu implimentati***

11. Jinnota li l-prospettivi ta' tkabbir ekonomiku dgħajjef jillimitaw il-possibilitajiet għall-ħolqien tal-impjiegi u tax-xogħol;

12. Jistieden lill-Kunsill Ewropew biex il-kwistjonijiet tal-impjiegi ma jagħmilhomx sekondarji meta jqis ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir fis-sens li l-konsolidament fiskali rigoruż jagħmlu l-ewwel prijorità għall-perjodu 2011/2012;

13. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li l-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiksbu riżultati fl-oqsma kollha prijoritarji, inkluż iż-żieda fil-livelli ta' persuni li jaħdmu u t-tnaqqis tal-qgħad, l-isfruttament tal-potenzjal tal-impjiegi ta' ekonomija ġdida b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, l-iżvilupp ta' forza tax-xogħol kwalifikata, il-promozzjoni tal-kwalità tal-impjiegi u tat-tagħlim tul il-ħajja kif ukoll il-faċilitazzjoni tal-bilanċ bejn il-ħajja professjonali u dik tal-familja; iqis li dawn l-isforzi għandhom jiġu riflessi fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma finali;

14. Jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-Fondi Strutturali, u b'mod partikolari tal-Fond Soċjali Ewropew, biex wieħed jikkontrobatti l-effetti tal-kriżi fuq l-impjiegi; iqis li l-użu ta' dawn il-Fondi għandu jkun orjentat favur l-għoti ta' appoġġ lill-gruppi li għandhom l-aktar diffikultajiet kbar sabiex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew jibqgħu fih;

15. Iqis ukoll li, minbarra l-implimentazzjoni ta' miżuri tas-suq tax-xogħol aktar effikaċi, huwa essenzjali li jkun hemm interazzjoni aktar mill-qrib bejn il-qasam tal-politika tal-impjiegi, dak soċjali u oħrajn, b'mod partikolari l-politiki makroekonomiċi, tar-riċerka u l-iżvilupp, tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, jekk il-miri ta' Ewropa 2020 għandhom jintlaħqu;

***Intensifikazzjoni tal-azzjoni biex ikun hemm aktar impjiegi ta' kwalità aħjar***

16. Jistieden lill-Istati Membri, fil-Programmi Nazzjonali tagħhom ta' Riforma, jagħtu l-akbar prijorità liż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-indirizzar tal-qgħad u l-prevenzjoni ta' esklużjoni fit-tul mis-suq tax-xogħol;

17. Iqis li għandha ssir ħafna aktar enfasi fuq il-kwalità tal-impjiegi u x-xogħol diċenti u fuq politiki ekonomiċi orjentati għall-provvista fi sforz biex tingħata spinta lid-domanda fis-suq tax-xogħol;

18. Iqis, b'rabta ma' dan, li huma meħtieġa sforzi biex isir użu aħjar mill-potenzjal taż-żgħażagħ, inklużi dawk li jieqfu jmorru l-iskola qabel iż-żmien, in-nisa, l-anzjani, l-iżvantaġġati u l-persuni b'diżabilità, il-migranti u l-membri tal-minoranzi etniċi, inklużi r-Roma; jistieden lill-Istati Membri jadattaw is-swieq tax-xogħol tagħhom għall-ħtiġijiet u l-ħiliet ta' dawn il-gruppi f'kull stadju ta' ħajjithom;

19. Jenfasizza l-importanza ta' politiki li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni taż-żgħażagħ mill-iskola għax-xogħol; jenfasizza li r-riskju li dawk li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien jaffaċċjaw il-faqar huwa prevedibilment għoli; jenfasizza li kwalunkwe forma ta' xogħol flessibbli jew temporanju użat f'dan il-kuntest għandu jinkorpora d-dritt għat-taħriġ u l-aċċess għas-sigurtà soċjali u għandu jgħin lin-nies jagħmlu t-tranżizzjoni f'impjiegi b'aktar sigurtà;

20. Jistieden lill-Istati Membri jkomplu jiżviluppaw il-politiki meħtieġa biex aktar nisa jiddaħħlu fis-suq tax-xogħol u jinżammu fih, inkluż billi jittejjeb il-forniment ta' faċilitajiet ta' kura għall-but ta' kulħadd u ta' kwalità għolja u arranġamenti tax-xogħol flessibbli biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' min jieħu ħsieb il-familja;

21. Jenfasizza l-importanza ta' politiki mmirati ta' attivazzjoni u tal-akkwist ta' ħiliet fl-appoġġ ta' dawk li m'għandhomx kwalifiki jew li għandhom kwalifiki baxxi, li ntlaqtu l-aktar mill-kriżi u li jaffaċċjaw l-ogħla riskju ta' qgħad fit-tul;

22. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu l-importanza dovuta lill-għoti ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u lit-tagħlim tul il-ħajja u lir-rikonoxximent tal-kwalifiki;

23. Jistieden lill-Istati Membri jinvestu aktar fil-faċilitazzjoni tal-mobilità okkupazzjonali u ġeografika, fit-tisħiħ tal-għodod meħtieġa biex jiġu analizzati l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol u fir-riforma tas-sistemi edukattivi u tat-taħriġ li jistgħu jgħinu biex jingħeleb in-nuqqas ta' adegwatezza tal-ħiliet;

24. Jenfasizza l-importanza ta' politiki għall-impjiegi li jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi, pereżempju permezz ta' appoġġ għall-SMEs u għall-impjiegi indipendenti u l-promozzjoni tal-intraprenditorjat;

***It-teħid ta' azzjoni deċiżiva fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali***

25. Iqis li huwa essenzjali li l-Istati Membri jieħdu azzjoni issa biex jiġu rispettati l-impenji li saru biex jiżdiedu l-livelli ta' persuni li qed jaħdmu, jittejbu l-ħiliet tal-persuni, jinħolqu opportunitajiet ta' xogħol, jitnaqqas il-faqar u tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali;

26. Jenfasizza li s-sistemi ta' protezzjoni soċjali kellhom rwol rikonoxxut fl-istabbilizzazzjoni tal-ekonomija u fit-taffija tal-impatt soċjali tal-kriżi; jistieden għalhekk lill-Istati Membri, b'mod partikolari meta jkun meħtieġ konsolidament fiskali, biex jiżguraw li s-sistemi ta' protezzjoni soċjali jkomplu jipprovdu appoġġ adegwat u jagħtu sehemhom fis-salvagwardja u fit-titjib tal-ħiliet u tal-impjegabilità, biex il-kapital uman ikun jista' jitħares u jissaħħaħ u jittieħed vantaġġ sħiħ mill-irkupru;

27. Jenfasizza li skambji effikaċi tal-aħjar prattika u tal-esperjenza bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u t-tnaqqis tal-faqar huma vitali u jgħinu jiffaċilitaw l-ilħuq tal-miri tat-tnaqqis tal-faqar ta' Ewropa 2020;

*

* *

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Żieda fil-prezzijiet tal-ikel

P7_TA(2011)0071

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar iż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel**

(2012/C 188 E/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2011 dwar ir-rikonoxximent tal-agrikoltura bħala settur strateġiku fil-kuntest tas-sigurtà tal-ikel ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar id-dħul ġust għall-bdiewa: Katina tal-provvista alimentari fl-Ewropa li taħdem aħjar ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2010 dwar il-futur tal-Politika Agrikola Komuni wara l-2013 ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar l-agrikoltura tal-UE u t-tibdil fil-klima ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2009 dwar il-prezzijiet tal-ikel fl-Ewropa ([5]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (COM(2008)0450),

— wara li kkunsidra t-tmien rakkomandazzjonijiet tal-G20 ippubblikati mir-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-dritt għall-ikel fid-29 ta' Jannar 2011,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titlu "Naffrontaw l-isfidi fis-swieq tal-prodotti bażiċi u dawk marbuta mal-materja prima" tat-2 ta' Frar 2011 (COM(2011)0025),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Maputo dwar l-Agrikoltura u s-Sigurtà tal-Ikel iffirmata fl-2003, fejn il-gvernijiet Afrikani impenjaw ruħhom li jallokaw minimu ta' 10 % tal-baġits nazzjonali annwali tagħhom għall-agrikoltura,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-prezzijiet tal-ikel laħqu l-ogħla livelli tagħhom għas-seba' xahar konsekuttiv bejn l-2010 u 2011, u laħqu l-ogħla livelli minn mindu l-FAO bdiet tkejjel il-prezzijiet tal-ikel fl-1990; billi ż-żidiet fil-prezzijiet tal-prodotti saru fattur ta' destabbilizzazzjoni fl-ekonomija globali u wasslu għal irvellijiet u kunflitti f'għadd ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-aktar reċentament fl-Alġerija, fit-Tuneżija u fl-Eġittu,

B. billi l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) tistma li l-għadd ta' persuni fid-dinja li m'għandhomx biżżejjed ikel laħaq id-925 miljun fl-2010, u ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel flimkien ma' skarsezzi imprevedibbli fil-provvista jistgħu iwasslu sabiex dan in-numru jiżdied; billi 29 pajjiż fid-dinja qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet marbuta mal-provvista tal-ikel u jinsabu fil-bżonn ta' assistenza alimentari esterna,

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0006.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0302.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2010)0286.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2010)0131.
([5]) ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 180.

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

C. billi l-volatilità riċenti fil-prezzijiet tal-ikel u tal-prodotti bażiċi qajmet tħassib kbir dwar il-funzjonament tal-provvista alimentari Ewropea u dinjija; billi ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel laqtet l-iżjed lill-aktar popolazzjonijiet u pajjiżi vulnerabbli kemm fil-pajjiżi żviluppati kif ukoll f'dawk li qed jiżviluppaw; billi l-prezzijiet għolja tal-ikel qed iwassli miljuni ta' nies f'sitwazzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, filwaqt li qegħdin jheddu s-sigurtà dinjija tal-ikel għal medda twila ta' żmien; billi, skont il-FAO, is-sigurtà tal-ikel tinkludi d-dritt għall-ikel u l-aċċessibilità għal alimentazzjoni tajba għas-saħħa għal kulħadd,

D. billi l-karestija u l-faqar għadhom jeżistu fl-Unjoni Ewropea; billi 79 miljun persuna fl-UE għadhom jgħixu taħt il-linja tal-faqar (60 % tad-dħul medju tal-pajjiż li fih tgħix il-persuna); u billi fix-xitwa li għaddiet 16-il miljun ċittadin tal-UE ngħataw għajnuna alimentari minn istituzzjonijiet tal-karità; billi s-sigurtà tal-ikel hija kwistjoni ċentrali għall-Ewropa u teħtieġ koordinament bejn diversi oqsma politiċi settorjali fil-livell tal-UE u lil hinn minnu, jiġifieri l-PAK, il-politika tal-enerġija, ir-riċerka, il-kummerċ u l-iżvilupp,

E. billi t-tnaqqis ekonomiku globali u ż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel u tal-fjuwil ġabu għall-agħar is-sitwazzjoni tal-ikel f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment fil-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDC), biex b'hekk parzjalment reġġgħu lura l-progress li sar fl-aħħar għaxar snin fir-rigward tat-tnaqqis tal-faqar,

***Il-fatturi li jikkontribwixxu għaż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel***

F. billi produzzjoni globali suffiċjenti tal-ikel tista' tiġi regolarment ipperikolata minħabba firxa ta' fatturi li jinkludu avvenimenti ta' temp estrem bħall-għargħar u n-nixfiet, li qed ikunu determinati dejjem aktar mit-tibdil fil-klima; id-disponibilità limitata tar-riżorsi naturali u d-domanda li kulma jmur qed tikber għal ikel minn popolazzjonijiet li qed jiżdiedu; rabtiet mill-qrib bejn l-enerġija u s-sigurtà tal-ikel fl-isfond ta' livell baxx ħafna ta' stokkijiet globali tal-ikel; produzzjoni li qed tikber ta' bijofjuwils, it-tmigħ li kulma jmur qed jiżdied ta' ċereali lill-bhejjem; aktar spekulazzjoni fil-prodotti tal-ikel; dipendenza li qed tikber fuq l-importazzjonijiet tal-ikel f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw minħabba kunflitti jew politiki tas-sigurtà tal-ikel li ma rnexxewx,

G. billi l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq il-biedja, l-iktar it-tnaqqis fil-produzzjoni tal-uċuħ minħabba nuqqasijiet ripetuti ta' ilma, nixfiet jew, f'kuntrast ma' dan, għargħar u valangi, jaffettwa serjament l-attivitajiet agrikoli fl-UE u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li t-tnejn li huma qed jonqsu b'mod sinifikanti li jilħqu livelli ta' awtosuffiċjenza fir-rigward ta' diversi prodotti bażiċi agrikoli,

H. billi l-isfida hija li jiġi prodott "aktar b'inqas", b'enfasi fuq il-produzzjoni sostenibbli, minħabba l-pressjoni fuq ir-riżorsi naturali; billi t-tisħiħ tal-produzzjoni agrikola fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw se żżid ir-reżistenza u l-adattabilità għax-xokkijiet mil-lat tal-ikel,

I. billi l-volatilità riċenti qajmet tħassib dwar il-funzjonament tal-katini tal-provvista alimentari Ewropej u dinjija; billi l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Katina tal-provvista alimentari fl-Ewropa li taħdem aħjar" (COM(2009)0591) tidentifika problemi serji fil-katina tal-provvista bħall-abbuż tas-saħħa tax-xerrej dominanti, prattiki inġusti fil-kuntratti (inklużi ħlasijiet li jsiru tard), modifiki kuntrattwali unilaterali, ħlasijiet bil-quddiem għall-aċċess għan-negozjati, aċċess limitat għas-suq, nuqqas ta' informazzjoni dwar il-formazzjoni tal-prezzijiet u d-distribuzzjoni tal-marġnijiet tal-qligħ tul il-katina alimentari, marbutin mill-qrib maż-żieda fil-konċentrazzjoni fis-setturi tal-produzzjoni, tal-bejgħ bl-ingrossa u tal-bejgħ bl-imnut; billi l-katina tal-provvista għandha tiġi kkunsidrata fit-totalità tagħha fl-analiżi tal-prezzijiet tal-ikel u tal-evoluzzjoni tagħhom; billi s-settur tal-ikel huwa frammentat u l-katina tal-provvista hija twila u kumplessa ħafna, u tinkludi fiha ħafna intermedjarji,

***Il-volatilità tal-prezzijiet, id-dħul tal-bdiewa, l-għajnuna lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw***

J. billi ċ-ċaqliq fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi jista' jsir fattur iktar aċċentwat u regolari tas-suq dinji; billi prezzijiet ogħla tal-ikel mhux awtomatikament jirriżultaw fi dħul ogħla għall-bdiewa, primarjament minħabba l-ħeffa li biha jiżdiedu l-ispejjeż għall-irziezet u minħabba d-diverġenza li dejjem qed tiżdied bejn l-ispejjeż tal-produttur u l-prezzijiet għall-konsumatur, billi s-sehem tad-dħul għall-bdiewa mill-katina tal-provvista tal-ikel naqas konsiderevolment, filwaqt li kien hemm żieda kostanti fil-profitti tal-proċessuri u tal-bejjiegħa bl-imnut; billi l-prezzijiet tal-konsumatur irreġistraw żieda; u billi tal-anqas 30 % tal-ikel kollu prodott globalment jinħela f'punti differenti tul il-katina alimentari,

K. billi matul dawn l-aħħar tliet deċennji s-sehem tal-għajnuna għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li tmur għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali naqas drammatikament; billi l-investiment f'sistemi alimentari sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw naqas minħabba bidla fil-prijoritajiet favur produzzjoni orjentata lejn l-esportazzjoni, u dan kompla jdgħajjef il-kapaċitajiet lokali ta' produzzjoni u distribuzzjoni ta' ikel fi kwantitajiet suffiċjenti bi prezzijiet ġusti; billi ħafna mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw mhumiex qed jirrealizzaw il-potenzjal tagħhom ta' produzzjoni tal-ikel; billi ostakolu serju għal produzzjoni agrikola akbar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw huwa li l-bdiewa ż-żgħar spiss ma jkollhomx aċċess għal mikrokreditu għal investiment, xi kultant minħabba l-fatt li l-art ma tkunx tagħhom,

L. billi meded kbar ta' art, partikolarment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inxtraw minn kumpaniji internazzjonali, spiss mingħajr il-kunsens tas-sidien tal-artijiet; billi din l-art mhux dejjem tintuża għall-produzzjoni tal-ikel, iżda tista' tintuża għall-produzzjoni ta' prodotti bażiċi ddestinati għall-esportazzjoni bħall-injam; billi żviluppi bħal dawn jheddu l-potenzjal tal-produzzjoni tal-ikel tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

***Il-ħtieġa li tittejjeb is-sigurtà tal-ikel***

1. Jafferma li s-sigurtà globali tal-ikel hija kwistjoni tal-akbar urġenza għall-UE u għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jitlob li jkun hemm azzjoni immedjata u kontinwa biex tkun żgurata s-sigurtà tal-ikel għaċ-ċittadini tal-UE u fil-livell globali; jenfasizza li l-ikel għandu jkun disponibbli għall-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli, filwaqt li fl-istess ħin ikun żgurat livell ta' għajxien ġust għall-bdiewa;

2. Jemmen li d-dritt għall-ikel huwa dritt bażiku u fundamentali tal-bniedem u jinkiseb biss meta kulħadd, f'kull ħin, ikollu aċċess fiżiku u ekonomiku għal ikel xieraq, sikur (fir-rigward tas-saħħa) u nutrittiv biex jissodisfa l-ħtiġijiet u l-preferenzi alimentari tiegħu għal ħajja attiva u mimlija saħħa;

3. Jisħaq fuq il-fatt li settur agrikolu b'saħħtu u sostenibbli fl-UE kollha u ambjent rurali sostenibbli u prosperuż, żgurat minn PAK b'saħħitha, huma komponenti vitali sabiex tingħeleb l-isfida tas-sigurtà tal-ikel; jenfasizza l-importanza tal-PAK bħala l-mezz li jiżgura l-produzzjoni tal-ikel fl-UE;

4. Jiddikjara li l-UE għandha d-dmir li tiżgura s-sigurtà tal-ikel għaċ-ċittadini tagħha u li t-tkomplija tal-attività tal-biedja fl-UE hija importanti ferm f'dan ir-rigward; jiġbed l-attenzjoni rigward id-dħul tal-biedja li qed jonqos fl-UE, minħabba l-ispejjeż tal-produzzjoni li qed jiżdiedu u l-volatilità tal-prezzijiet, li għandhom impatt negattiv fuq il-ħila tal-bdiewa li jżommu l-produzzjoni; jenfasizza l-ispejjeż li jkollhom iġarrbu l-bdiewa Ewropej biex jissodisfaw l-ogħla standards ambjentali, tas-sikurezza tal-ikel, tal-benessri tal-annimali u tax-xogħol fid-dinja; jisħaq fuq il-fatt li l-bdiewa għandhom jiġu kkumpensati għal dawn l-ispejjeż addizzjonali u talli jipprovdu beni pubbliċi lis-soċjetà;

***L-isfidi tat-tibdil fil-klima***

5. Huwa konxju mill-isfida kbira li jġib it-tibdil fil-klima għall-kisba tas-sigurtà tal-ikel, speċjalment permezz ta' żieda fil-frekwenza u fl-iskala ta' fenomeni klimatiċi, bħan-nixfiet, l-għargħar, in-nirien u l-maltempati, li se jnaqqsu r-redditu tal-produzzjoni agrikola u tar-riżorsi naturali; huwa mħasseb dwar l-azzjonijiet unilaterali li ttieħdu minn pajjiżi jew reġjuni milquta minn fenomeni klimatiċi u r-riperkussjonijiet ta' tali miżuri fuq is-swieq globali; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni marbuta mat-tibdil fil-klima fl-Istati Membri; jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' miżuri ta' adattament għalih li jkollhom l-għan li jżidu s-sostenibilità ambjentali u ekonomika; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri adegwati ta' prevenzjoni tar-riskju u ta' mmaniġġjar tar-riskju biex jillimitaw il-konsegwenzi negattivi tad-diżastri naturali fuq il-produzzjoni agrikola;

6. Jitlob azzjoni koordinata u kooperazzjoni aħjar rigward it-tibdil fil-klima bejn l-UE u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari t-trasferiment tat-teknoloġija u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet; jenfasizza li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima għandha tiġi integrata fil-politiki kollha rilevanti tal-UE, inkluża l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u li t-taħriġ għandu jikkonċentra fuq l-adattament klimatiku u prattiki tajba ta' ġestjoni tal-art, bħall-ġestjoni tal-ħamrija u tal-ilma, bil-għan li jiġi evitat telf ta' art kultivabbli minħabba l-erożjoni tal-ħamrija jew is-salinizzazzjoni;

***Għajnuna għall-iżvilupp imtejba***

7. Jirrimarka li l-agrikoltura hija setttur ewlieni fil-parti l-kbira tal-pajjiżi li qed jizviluppaw, li jiddependu sew fuq prodotti bażiċi primarji, li huma partikolarment vulnerabbli għal varjazzjonijiet fil-prezzijiet;

8. Jistieden lill-UE tappoġġa l-iżvilupp rurali, iżżid l-investiment fl-agrikoltura u fis-sigurtà tal-ikel, u li tqis b'mod partikolari l-bżonnijiet tal-ikel urġenti, il-biedja fuq skala żgħira u programmi tal-protezzjoni soċjali; jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp tal-agrikoltura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u tal-allokazzjoni ta' sehem xieraq tal-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE lis-settur agrikolu; jiddispjaċih li kien hemm tnaqqis kbir ħafna fil-livell ta' għajnuna għall-iżvilupp allokat għall-agrikoltura mis-snin tmenin "l hawn u jilqa" b'sodisfazzjon ir-rikonoxximent tal-ħtieġa li din it-tendenza tinbidel;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-agrikoltura f'għajnuna għall-iżvilupp li tkun immirata, effikaċi u mmaniġġjata b'mod trasparenti, inkluża l-għajnuna lill-bdiewa biex ikollhom aċċess għas-swieq; jappella għal żidiet sinifikanti fl-ammont ta' għajnuna għall-iżvilupp allokata għall-agrikoltura u għal investiment fit-taħriġ, f'servizzi ta' divulgazzjoni msaħħa u fir-riċerka deċentralizzata fil-qasam tal-agrikoltura għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bil-għan li l-bdiewa jkunu mgħammra b'tekniki sostenibbli biex jipproduċu b'mod iktar effikaċi filwaqt li jipproteġu l-ambjent tagħhom biex jiggarantixxu sigurtà alimentari fit-tul, megħjuna minn sostenn pubbliku adegwat, bħal aċċess għas-self, għal mikrokreditu mhux bi skop ta' profitt u għaż-żerriegħa;

10. Jistieden lill-UE u lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jippromwovu s-sjieda tal-art bħala għodda għat-tnaqqis tal-faqar u l-garanzija tas-sigurtà tal-ikel, billi jissaħħu d-drittijiet ta' proprjetà u jkun iffaċilitat l-aċċess għall-mikrokreditu mhux bi skop ta' profitt għall-bdiewa, in-negozji żgħar u l-komunitajiet lokali; jenfasizza l-importanza ta' investimenti ġodda fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' bdiewa żgħar, f'teknoloġiji għall-ġestjoni tal-ilma aktar effiċjenti u fl-istabbiliment mill-ġdid tan-nutrijenti tal-ħamrija għal-livelli li kienu fihom qabel;

11. Jindika li huwa neċessarju li jiġu introdotti metodi aħjar ta' produzzjoni agrikola fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inklużi teknoloġiji li ma jiswewx ħafna flus, li tiġi pprovduta riċerka fl-agrikoltura, u li tiżdied il-produttività, biex titjieb is-sostenibilità u jittaffew l-effetti negattivi tan-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel;

12. Jindika li l-għajnuna umanitarja għall-ikel għandha tikkorrispondi għall-bżonnijiet, għall-isfidi u għar-restrizzjonijiet strutturali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw; f'dan ir-rigward jenfasizza li huwa importanti li l-għajnuna għall-ikel tikkunsidra l-produzzjoni lokali, id-distribuzzjoni, it-trasport u l-kapaċitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni ta' dawn il-pajjiżi, biex b'hekk jingħata kontribut għall-iżvilupp tal-pedamenti għas-sigurtà tal-ikel fit-tul tagħhom;

***Id-dħul tal-produtturi u l-aċċess għall-fatturi tal-produzzjoni***

13. Jinnota li fost il-fatturi li jinfluwenzaw l-aktar il-mekkaniżmu tat-trażmissjoni tal-prezzijiet u d-differenza bejn il-prezzijiet tal-produtturi u tal-konsumaturi nsibu: żieda fil-konċentrament tul il-katina tal-provvista tal-ikel, il-livell tal-ipproċessar tal-prodotti, żidiet fil-prezzijiet marbutin ma' fatturi ta' spejjeż esterni oħra u spekulazzjoni fil-prodotti agrikoli;

14. Jinnota li l-ispejjeż tal-produzzjoni agrikola qegħdin jogħlew b'rata aktar mgħaġġla mill-prezzijiet tal-prodotti agrikoli; jinsab imħasseb li dan jista' jirriżulta fi tnaqqis tal-produzzjoni tal-azjendi agrikoli, u dan ikompli jaggrava l-kriżi tal-ikel fl-UE u fid-dinja; Jenfasizza li l-konċentrazzjoni fis-settur tal-fatturi tal-produzzjoni għandha effetti devastanti fuq is-sostenibilità tal-biedja, filwaqt li trawwem id-dipendenza fuq għadd limitat ta' korporazzjonijiet għax-xiri taż-żerriegħa u l-fertilizzanti speċjalizzati; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura, fil-kuntest ta' konsolidament akbar, li s-suq tal-fatturi tal-produzzjoni jopera liberament, biex b'hekk jikkontribwixxi għall-provvista tal-ikel;

15. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-livelli ta' dħul baxx tal-azjendi agrikoli fl-UE; jafferma li inqas dħul minħabba spejjeż ta' produzzjoni li qed jogħlew u l-volatilità tal-prezzijiet għandu impatt negattiv fuq l-abilità tal-bdiewa li jżommu l-produzzjoni fl-istess livelli u li konsegwenza ta' dan il-bdiewa ma jibbenefikawx minn żidiet fil-prezzijiet tal-ikel; jemmen bil-qawwa li s-sikurezza alimentari tkun kompromessa jekk dawn il-kwistjonijiet ma jiġux indirizzati b'mod suffiċjenti;

***Il-produzzjoni tal-ikel u tal-enerġija***

16. Ifakkar li s-sigurtà tal-enerġija u tal-ikel huma marbutin mill-qrib ħafna; jagħraf li l-ispejjeż tal-enerġija huma fattur ewlieni fid-determinazzjoni tal-livell tal-profitabilità tal-agrikoltura, li huwa settur li fil-parti l-kbira tiegħu jiddependi miż-żejt; jinkoraġġixxi miżuri li jkunu ta' inċentiv għall-bdiewa biex isiru aktar effiċjenti fir-rigward tal-enerġija u jiżviluppaw sorsi alternattivi ta' provvista ta' enerġija; jistieden lill-UE u lill-gvernijiet nazzjonali jniedu kampanji u jwettqu modifiki strutturali biex inaqqsu kemm jista' jkun il-ħela tal-ikel;

17. Iqis, madankollu, li l-isforzi akbar biex jiġu żviluppati sorsi tal-enerġija rinnovabbli u biex jintlaħqu l-miri tal-2020 iridu jqisu l-impatt fuq il-produzzjoni u l-provvista tal-ikel; jisħaq fuq il-bilanċ delikat involut biex tingħeleb l-isfida ikel/fjuwil;

***Ir-riċerka***

18. Jenfasizza l-importanza ta' riċerka ffinanzjata minn fondi pubblici li tgħin biex tippromwovi s-sigurtà tal-ikel; jitlob li jkun hemm investiment fir-riċerka mhux biss f'teknoloġiji ġodda iżda wkoll f'sistemi ta' biedja komprensivi u sostenibbli li se jservu l-għan tas-sigurtà tal-ikel għal perjodu ta' żmien twil; jenfasizza f'dan ir-rigward ir-rwol ta' pijunier li wieħed jista' jkollu f'dan il-qasam, pereżempju, permezz ta' pjattaforma teknoloġika tal-UE għar-riċerka agrikola ekoloġika;

***It-trasparenza fis-suq tal-prodotti bażiċi u l-azzjoni kontra l-ispekulazzjoni***

19. Jilqa' t-tentattivi attwali biex jiżdied l-għarfien dwar il-formazzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti bażiċi relatati mal-ikel fil-livell internazzjonali (b'mod partikolari l-inizjattiva tal-Presidenza Franċiża tal-G20 u t-tielet Samit ta' Berlin tal-Ministri għall-Agrikoltura); jitlob lill-Kummissjoni tipprova tiċċara aktar il-fatturi kollha li jaffettwaw il-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi relatati mal-ikel kemm fuq perjodi qosra kif ukoll fuq perjodi twal ta' żmien, b'mod partikolari rigward kemm l-interazzjoni bejn il-forom kollha ta' spekulazzjoni u l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi agrikoli, kif ukoll il-konnessjoni bejn is-swieq tal-enerġija u l-prezzijiet tal-ikel; iqis li analiżi dettaljata bħal din tal-mekkaniżmi li jitħaddmu fil-formazzjoni tal-prezzijiet tal-ikel tippermetti aktar lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE biex jieħdu miżuri infurmati u adattati biex jimmitigaw l-effetti tal-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tal-ikel;

20. Jinnota l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Naffrontaw l-isfidi fis-swieq tal-prodotti bażiċi u dawk marbuta tal-materja prima" u jilqa' l-attenzjoni li sal-lum il-ġurnata ngħatat lill-kwestjoni min-naħa tal-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi flussi aħjar ta' informazzjoni li jipprovdu data f'waqtha u ta' kwalità dwar l-iżviluppi fis-swieq, filwaqt li titqies il-kwistjoni tad-disturbi tal-istokkijiet; jenfasizza, madankollu, li flussi mtejba ta' informazzjoni waħedhom mhumiex soluzzjoni biex tiġi indirizzata l-volatilità fis-swieq; jemmen li jaf jinħtieġ approċċ aktar b'saħħtu biex jindirizza din il-kwestjoni, b'mod partikolari biex tiżdied it-trasparenza fis-swieq tal-prodotti bażiċi; jenfasizza l-problemi li jiffaċċjaw il-bdiewa fi żminijiet ta' volatilità estrema tas-suq u tal-prezzijiet; jiġbed l-attenzjoni għad-diffikultajiet li jiffaċċjaw il-bdiewa biex jippruvaw jippjanaw minn qabel fi żmenijiet ta' volatilità estrema; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tintroduċi b'urġenza miżuri effikaċi u b'saħħithom biex jindirizzaw il-volatilità fis-swieq agrikoli; jemmen li dan ikun fattur determinanti ewlieni sabiex jiġi żgurat li l-produzzjoni tinżamm fl-istess livelli fl-Unjoni Ewropea;

21. Jenfasizza li mhux possibbli li tittieħed azzjoni effikaċi kontra varjazzjonijiet kbar fil-prezzijiet mingħajr livelli xierqa ta' stokkijiet ta' intervent jew stokkijiet strateġiċi; iqis għalhekk li r-rwol ta' strumenti ta' intervent fis-suq irid ikun parti ewlenija fil-PAK tal-futur;

22. Jitlob iktar trasparenza, informazzjoni ta' kwalità aħjar u l-provvista ta' informazzjoni fil-ħin dwar ir-riżervi u l-istokks tal-prodotti bażiċi relatati mal-ikel, u l-formazzjoni tal-prezzijiet fuq livell internazzjoni, kif mitlub fil-Komunikazzjoni riċenti mill-Kummissjoni "Naffrontaw l-isfidi fis-swieq tal-prodotti bażiċi u dawk marbuta mal-materja prima"; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi neċessarji biex tiġġieled l-eċċessi tal-ispekulazzjoni fuq is-swieq tal-prodotti bażiċi; jenfasizza li dawn il-passi għandhom jittieħdu bħala parti mill-isforzi biex jiġu rregolati s-swieq finanzjarji fl-livell dinji u f'dak tal-UE;

23. Iħeġġeġ lill-G20 biex jikkoordina l-ħolqien ta' mekkaniżmi preventivi kontra varjazzjonijiet eċċessivi fil-prezzijiet u biex jaħdem lejn regolamentazzjoni, imfassla speċifikament biex tindirizza l-kriżijiet agrikoli u tal-ikel; jistieden lill-G20 jiżgura l-konverġenza tar-regolamentazzjoni tal-prodotti bażiċi relatati mal-ikel u mal-agrikoltura u jinvolvi pajjiż li mhumiex parti mill-G20; jitlob li s-soluzzjonijiet sabiex tiġi indirizzata l-volatilità eċċessiva tal-prezzijiet ikunu koordinati fuq livell internazzjonali; jitlob li l-abbużi u l-manipulazzjonijiet tal-prezzijiet agrikoli jiġu miġġielda fuq livell internazzjonali, peress li dawn iqiegħdu f'riskju s-sigurtà dinjija tal-ikel; jikkundanna l-attivitajiet abbużivi tal-ispekulaturi fir-rigward tal-prodotti bażiċi globali, il-materja prima agrikola u l-enerġija li jenfasizzaw il-volatilità tal-prezzijiet tal-ikel u jaggravaw il-kriżi globali tal-ikel;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi proposti adegwati fir-rieżamijiet li ġejjin tad-Direttiva dwar l-Istrumenti Finanzjarji (MiFID) u d-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq biex tindirizza l-elementi ta' tħassib fis-swieq tal-prodotti bażiċi relatati mal-ikel u mal-agrikoltura;

25. Jappoġġa, f'dan il-kuntest, reviżjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-istrument finanzjarji, li għandha tipprovdi kummerċ aktar trasparenti; ifakkar li l-istrumenti finanzjarji għandhom ikunu ta' servizz għall-ekonomija u jgħinu l-produzzjoni agrikola tegħleb il-kriżijiet u l-fenomeni klimatiċi, filwaqt li fl-istess ħin l-ispekulazzjoni m'għandhiex tithalla thedded azjendi agrikoli li mingħajrha jkunu effiċjenti;

26. Jenfasizza r-rwol importanti previst attwalment għall-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS) fis-sorveljanza tas-swieq tal-prodotti bażiċi; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrifletti dwar il-possibbiltà li tagħti lill-AETS aktar setgħat biex tipprevjeni l-manipulazzjoni u l-abbużi fis-swieq tal-prodotti bażiċi;

27. Huwa favur azzjoni Ewropea aktar b'saħħitha biex tiġi ttrattata l-problema tal-manipulazzjoni tal-prezzijiet, anke permezz ta' mandat maħruġ għar-regolaturi u għall-korpi ta' sorveljanza biex jillimitaw l-ispekulazzjoni abbużiva; jemmen li d-derivattivi tal-prodotti bażiċi huma differenti minn derivattivi finanzjarji oħrajn; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li t-trattament ta' derivattivi tal-prodotti bażiċi tal-ikel ikun ristrett kemm jista' jkun għal investituri marbuta direttament mas-swieq agrikoli;

28. Iqis li sistema dinjija mmirata ta' stokkijiet tal-ikel reġjonali u lokali deċentralizzati (kemm stokkijiet ta' emerġenza biex inaqqsu l-ġuħ, kif ukoll stokkijiet reġjonali użati biex jirregolaw il-prezzijiet ta' prodotti bażiċi u biex itaffu l-ġuħ fi żminijiet ta' żidiet f'daqqa fil-prezzijiet) tkun ta' benefiċċju billi tgħin biex jiġi ffaċilitat il-kummerċ dinji meta l-prezzijiet jogħlew f'daqqa, b'mod li wieħed jilqa' għall-protezzjoniżmu rikorrenti u jtaffi l-pressjoni fis-swieq dinjija tal-ikel; iqis li dawn l-istokkijiet għandhom jiġu ġestiti fil-livelli l-aktar adegwati, inkluż mill-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali u minn korp ta' koordinament taħt l-awspiċji tal-FAO tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod li tiġi sfruttata kemm jista' jkun l-esperjenza miksuba mill-FAO u mill-Programm Dinji tal-Ikel tan-NU;

### *Il-kummerċ*

29. Jitlob li n-negozjaturi tal-UE jintegraw kwistjonijiet mhux kummerċjali bħala parti min-negozjati tad-WTO, biex jiżguraw li l-importazzjonijiet agrikoli minn pajjiżi terzi jipprovdu lill-konsumaturi Ewropej bl-istess garanziji f'termini ta' ħarsien ambjentali, benessri tal-annimali, sikurezza u kwalità tal-ikel li jipprovdu l-bdiewa tal-UE; jerġa jafferma l-appoġġ tiegħu għall-ilħuq ta' ftehim ibbilanċjat u f'waqtu fil-livell tad-WTO, bħala element essenzjali biex ikun hemm sigurtà globali tal-ikel; ifakkar f'dan il-kuntest li ostakoli unilaterali mhux raġonevoli għall-kummerċ jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' effiċjenza tal-provvista globali tal-ikel; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-ftehimiet kummerċjali internazzjonali u bilaterali jipprovdu lill-bdiewa Ewropej futur sostenibbli u jżommu l-livelli ta' produzzjoni tal-ikel fl-UE, iħarsu l-biedja fuq skala żgħira u jwaqqfu l-aċċess globali għall-ikel milli jitqiegħed f'riskju;

30. Jitlob li l-gvernijiet nazzjonali, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-FAO, ma jadottawx miżuri ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, peress li dawn joħolqu aktar inċertezza fis-swieq u jaffettwaw ħażin is-swieq dinjin, u għalhekk għandhom il-potenzjal li jgħollu aktar il-prezzijiet fil-livell globali;

*

* *

31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## Ġlied fil-fruntiera bejn it-Tajlandja u l-Kambodja

P7_TA(2011)0072

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar il-ġlied fuq il-fruntiera bejn it-Tajlandja u l-Kambodja**

(2012/C 188 E/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta' Jannar 2005 [1], l-10 ta' Marzu 2005 [2], id-19 ta' Jannar 2006 [3], il-15 ta' Marzu 2007 [4] u l-21 ta' Ottubru 2010 [5] dwar il-Kambodja u r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar it-Tajlandja [6] u tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kambodja, Laos u l-Vjetnam [7],

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja tal-15 ta' Ġunju 1962 fil-każ dwar it-tempju ta' Preah Vihear (il-Kambodja v. it-Tajlandja),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1954 għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Kulturali fil-Każ ta' Kunflitt Armat, li ġie iffirmat kemm mit-Tajlandja kif ukoll mill-Kambodja,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-ASEAN tal-5 ta' Frar 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, Catherine Ashton, tas-7 ta' Frar 2011,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mis-Segretarju Ġenerali tan-NU, Ban Ki-moon, tas-7 ta' Frar 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, mill-bidu ta' Frar 2011, kien hemm ġlied bejn il-forzi armati tat-Tajlandja u l-Kambodja fuq il-fruntiera Kambodjana-Tajlandiża, inkluż viċin it-tempju ta' Preah Vihear,

B. billi l-ġlied fuq il-fruntiera bdew wara li qorti Kambodjana tat sentenza ta' massimu ta' tmien snin ħabs lil żewġ ċittadini Tajlandiżi, wara li sabithom ħatja ta' spjunaġġ u dħul illegali wara li daħlu fiż-żona tal-fruntiera kkontestata f'Diċembru 2010, u billi s-sentenza kienet eżatt wara l-konklużjoni b'suċċess tas-seba' laqgħa tal-Kummissjoni Konġunta bejn it-Tajlandja u l-Kambodja, fit-3 u l-4 ta' Frar 2011, li matulha ż-żewġ pajjiżi kienu qablu li jestendu l-kooperazzjoni fl-oqsma kollha u li jagħmlu laqgħa tal-Kummissjoni Konġunta dwar id-Demarkazzjoni tal-Fruntiera tal-Art fit-Tajlandja fil-futur qarib,

Ċ. billi t-tempju ta' Preah Vihear kien ilu ċ-ċentru ta' tilwim rikorrenti dwar il-fruntiera bejn it-Tajlandja u l-Kambodja għal dawn l-aħħar mitt sena,

D. billi l-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-15 ta' Ġunju 1962, li t-tempju ta' Preah Vihear jinsab fit-territorju li jaqa' taħt is-sovranità tal-Kambodja,

---

(1) ĠU C 247 E, 6.10.2005, p. 161.
(2) ĠU C 320 E, 15.12.2005, p. 280.
(3) ĠU C 287 E, 24.11.2006, p. 334.
(4) ĠU C 301 E, 13.12.2007, p. 258.
(5) Testi adottati, P7_TA(2010)0389.
(6) Testi adottati, P7_TA(2010)0195.
(7) ĠU C 285 E, 22.11.2006, p. 129.

E. billi t-tempju ta' Preah Vihear, li ġie elenkat mill-UNESCO bħala sit ta' Wirt Dinji fis-7 ta' Lulju 2008, allegatament saritlu ħsara minħabba l-bombardamenti li seħħew matul il-ġlied riċenti fuq il-fruntiera,

F. billi l-komunità internazzjonali għandha responsabilità speċjali biex iżżomm il-monumenti elenkati fuq il-lista ta' Wirt Dinji tal-UNESCO,

G. billi r-rapporti jgħidu li kien hemm imwiet u sfaw midruba suldati u persuni ċivili fuq iż-żewġ naħat, u li eluf ta' persuni ċivili fiż-żona tal-madwar kellhom jiġu evakwati,

H. billi, skont bosta rapporti tal-aħbarijiet, hemm possibilità li intuża munizzjon tat-tip "cluster", u billi la t-Tajlandja u lanqas il-Kambodja ma rratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon tat-tip "Cluster",

I. billi minħabba li s-sitwazzjoni fuq il-fruntiera bejn it-Tajlandja u l-Kambodja qed tmur għall-agħar, qed jiġu mhedda l-paċi u l-istabilità fir-reġjun,

J. billi l-Indoneżja, li għandha l-presidenza attwali tal-ASEAN, żidiet l-isforzi diplomatiċi tagħha biex tgħin liż-żewġ naħat jilħqu soluzzjoni temporanja biex b'hekk jingħata inċentiv għal mekkaniżmi bilaterali biex jintlaħqu l-objettivi tad-demarkazzjoni tal-fruntieri u tal-paċi ġenerali fl-inħawi; billi l-presidenza tal-ASEAN qed tħeġġeġ liż-żewġ pajjiżi jkollhom laqgħat skont il-qafas eżistenti tal-Kummissjoni Konġunta bejn it-Tajlandja u l-Kambodja dwar id-Demarkazzjoni tal-Fruntiera tal-Art,

K. billi l-Karta tal-ASEAN tipprevedi l-istabbiliment ta' mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim li jżid l-iskop tal-assistenza fis-soluzzjoni tat-tilwim bilaterali,

L. billi d-Direttur-Ġenerali tal-UNESCO, Irina Bokova, esprimiet il-ħsieb tagħha li tibgħat missjoni biex tevalwa l-istat tat-tempju Preah Vihear,

1. Jikkundanna l-ġlied fuq il-fruntiera bejn il-forzi armati tar-Renju tal-Kambodja u r-Renju tat-Tajlandja u jħeġġeġ lill-partijiet kollha biex kemm jista' jkun irażżnu lilhom infushom, u jieħdu l-passi neċessarji biex inaqqsu t-tensjoni, jerġgħu jibdew id-djalogu tagħhom bl-għan li jsolvu d-differenzi tagħhom b'mod paċifiku, u jaċċettaw l-assistenza tal-ASEAN u tan-Nazzjonijiet Uniti;

2. Jiddeplora l-imwiet matul il-ġlied reċenti fuq il-fruntiera u jesprimi l-kondoljanzi sinċieri tiegħu lill-familji tal-vittmi;

3. Iħeġġeġ liż-żewġ gvernijiet jiżguraw li l-persuni ċivili li sfaw spustati minħabba l-ġlied bl-armi jingħataw l-għajnuna li jeħtieġu;

4. Jistieden liż-żewġ pajjiżi jirrispettaw id-deċiżjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja u jilħqu riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt rigward iż-żona tal-fruntiera qrib it-tempju Preah Vihear;

5. Jistieden liż-żewġ pajjiżi jiżguraw li l-azzjonijet tagħhom ma jiksrux l-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Kulturali fil-Każ ta' Kunflitt bl-Armi, li jipprojbixxi kwalunkwe użu ta' proprjeta kulturali li tinsab fi ħdan it-territorju proprju tagħhom, jew fi ħdan it-territorju ta' Partijiet Kontraenti Għoljin oħra, li x'aktarx jesponiha għall-qerda jew għall-ħsara fil-każ ta' kunflitt bl-armi, u jesiġi li ma jsir l-ebda att ostili dirett kontra tali proprjetà;

6. Jistieden lill-awtoritajiet tat-Tajlandja u lil dawk tal-Kambodja jimxu skont it-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fix-Xlokk tal-Ażja u, b'mod partikolari mal-prinċipji fundamentali dwar ir-riżoluzjzjoni tad-differenzi jew tat-tilwim b'mezzi paċifiċi, ir-rinunzja għall-użu tal-forza jew għat-theddid tal-użu tagħha, u kooperazzjoni effettiva fost il-Partijiet Kontraenti Għoljin;

7. Jilqa' l-isforzi magħmula mill-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Indoneżja, Marty Natalegawa, bħala President tal-ASEAN, biex jiffaċilita d-djalogu bejn iż-żewġ pajjiżi ħalli l-kunflitt ikun jista' jiġi solvut b'mod paċifiku;

8. Jilqa' l-fatt li t-Tajlandja u l-Kambodja qablu li jieħdu sehem f'laqgħa urġenti tal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Ażja biex jiddiskutu l-kunflitt fuq il-fruntiera;

9. Jilqa' d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tal-UNESCO li jibgħat mibgħut speċjali b'missjoni ta' faċilitazzjoni lejn Bangkok u Phnom Penh; iħeġġeġ liż-żewġ partijiet fit-tilwima jikkooperaw ma' kwalunkwe missjoni tal-UNESCO mibgħuta biex tivvaluta l-ħsara kkawżata fit-tempju Preah Vihear;

10. Jistieden liż-żewġ pajjiżi jsibu soluzzjoni li tħalli aċċess dirett mit-territorji rispettivi tagħhom għat-tempju Preah Vihear, u ma jtellfux liċ-ċittadini tal-pajjiż l-ieħor li jkunu deħlin fit-tempju jew fiż-żona tal-fruntiera;

11. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-użu allegat ta' munizzjon tat-tip "cluster" u jistieden liż-żewġ naħat biex taħt l-ebda ċirkustanza ma jużaw dan it-tip ta' munizzjon;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjonijiet Esterni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lill-Gvern tar-Renju tal-Kambodja, lill-Gvern tar-Renju tat-Tajlandja, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lid-Direttur Ġenerali tal-UNESCO u lill-gvernijiet tal-Istati Membri tal-ASEAN.

---

## Jemen: il-piena tal-mewt lil minorenni li jwettqu reati, partikolarment il-każ ta' Muhammed Taher Thabet Samoum

P7_TA(2011)0073

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar il-Jemen: il-persekuzzjoni tat-trasgressuri minorenni, b'mod partikulari l-każ ta' Muhammed Taher Thabet Samoum**

(2012/C 188 E/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2010 dwar is-sitwazzjoni fil-Jemen ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC) u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), li l-Jemen huwa firmatarju tagħhom,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, b'mod partikolari dik mod partikolari dik tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-Jum Dinji kontra l-Piena tal-Mewt ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-16 ta' Diċembru 2010 dwar ir-Rapport Annwali 2009 dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-UE dwar il-kwistjoni ([3]),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Strateġija tal-Komunità Ewropea għall-Jemen għall-perjodu 2007-2013,

([1]) ĠU C 341 E, 16.12.2010, p. 14.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0351.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2010)0489.

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 65/206 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (AĠNU) tat-21 ta' Diċembru 2010 fejn intalab moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt, u r-Riżoluzzjoni 62/149 tal-AĠNU tat-18 ta' Diċembru 2007 dwar moraturju fuq l-użu tal-piena tal-mewt u r-Riżoluzzjoni 63/168 tal-AĠNU tat-18 ta' Diċembru 2008 fejn ntalbet l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 62/149 tal-AĠNU,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Lixandra tal-2008 fejn il-gvernijiet tal-pajjiżi tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq intalbu jippromulgaw moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet ta' mewt bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt,

— wara li kkunsidra l-verżjoni riveduta u aġġornata tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt, adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Ġunju 2008,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fil-Jemen, bħal ma ġara f'pajjiżi Gharab oħra, b'mod partikulari t-Tuniżija u l-Eġittu, il-manifestanti rħewlha għat-toroq f'dawn l-aħħar ġimgħat biex jitolba aktar demokrazija u riformi statali; billi ħafna minn dawk li qed jipprotestaw ġew attakkati jew arrestati mill-forzi tas-sigurtà,

B. billi Muhammed Taher Thabet Samoum ingħata s-sentenza tal-mewt f'Settembru 2001 mill-Qorti Kriminali f'Ibb, wara li ġie kkundannat għal qtil li allegatament wettaq f'Ġunju 1999, meta suppost kien taħt it-18-il sena; billi fin-nuqqas ta' ċertifikat ta' twelid, is-sentenza tal-mewt tiegħu ġiet ikkonfermata minn qorti tal-appell f'Mejju 2005 u mill-Qorti Suprema f'April 2010 u minn dakinhar ġiet irratifikata mill-President tal-Jemen; billi inizjalment kien ippjanat li Muhammed Taher Thabet Samoum jiġi ġġustizzjat nhar it-12 ta' Jannar 2011, imma ngħata proroga temporanja mill-Avukat Ġenerali tal-Jemen,

C. billi Fuad Ahmed Ali Abdulla ngħata s-sentenza tal-mewt wara li ġie kkundannat għal qtil li allegatament wettaq waqt li kien għadu taħt it-18-il sena, għalkemm din is-suppożizzjoni nċaħdet mill-qorti; billi l-eżekuzzjoni tal-mewt tiegħu, ippjanata għad-19 ta' Diċembru 2010, ġiet sospiżi wara li l-komunità internazzjonali, b'mod partikulari l-UE, u l-avukat tiegħu, għamlu rappreżentazzjonijiet,

D. billi l-piena tal-mewt hija l-iktar kastig krudili, inuman u degradanti, kastig li jikser id-dritt għall-ħajja, kif imħaddan fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

E. billi l-Jemen hu Stat firmatarju għall-UNCRC u l-ICCPR, li t-tnejn li huma espliċitament jipprojbixxu l-iġġustizzjar ta' dawk ikkundannati għal reati mwettqa meta kienu taħt it-18-il sena, u billi l-impożizzjoni tal-piena tal-mewt fuq it-trasgressuri minorenni hi pprojbita espliċitament ukoll mill-Artikolu 31 tal-Kodiċi Penali tal-Jemen,

F. billi, fl-2010, fil-Jemen, ġew iġġustizzjati diversi persuni; billi hemm mijiet ta' priġunieri li ngħataw sentenza tal-mewt fil-Jemen, skont rapporti mill-organizzazzjoni għad-drittijiet tal-bniedem,

G. billi l-Jemen m'għandux il-mezzi xierqa biex jistabbilixxi l-età tal-akkużati mingħajr ċertifikati tat-twelid, inklużi l-faċilitajiet u l-persunal forensiċi meħtieġa,

H. billi għad hemm thassib serju dwar l-iżviluppi fil-Jemen fir-rigward tad-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-indipendenza tal-ġudikatura; billi kien hemm każijiet ta' persekuzzjoni ta' ġurnalisti u ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; billi s-sitwazzjoni tan-nisa hi partikolarment diffiċli, ikkaratterizzat b'aċċess dejjem aktar dgħajjef għall-edukazzjoni u nuqqas ta' parteċipazzjoni attiva fil-ħajja politika,

I. billi l-Unjoni Ewropea hija impenjata b'mod qawwi li taħdem favur l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt kullimkien u qed tagħmel ħilitha biex dan il-prinċipju jiġi aċċettat universalment,

J. billi fl-2010 pajjiż wieħed biss ġie rrapportat li ġġustizzja trasgressur minorenni, b'differenza minn tliet pajjiżi fl-2009; billi l-Jemen għamel progress sinifikanti lejn il-projbizzjoni tal-użu tal-piena tal-mewt kontra trasgressuri minorenni; billi dan il-fatt iqajjem tamiet kbar li l-iġġustizzjar ta' trasgressuri minorenna daqt isir illegali mad-dinja kollha skont il-liġi u fil-prattika,

1. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar il-problemi politiċi u soċjoekonomiċi fil-Jemen, problemi li ilhom jeżistu, u jitlob li jsiru sforzi konsiderevoli mill-komunità internazzjonali biex il-kriżi attwali ma tibqax teskala;

2. Jesprimi s-solidarjetà mal-manifestanti li qed jitolbu riformi demokratiċi u kundizzjonijiet tal-għajxien aħjar; jilqa', f'dan il-kuntest, it-tħabbira tal-President Saleh li fl-2013 se jħalli postu, u jistieden lill-awtoritajiet iwaqqfu kull vjolenza kontra dawk li qed jipprotestaw b'mod paċifiku u jeħilsu lill-manifestanti kollha li esprimew id-dissens tagħhom paċifikament;

3. Jikkunanna l-eżekuzzjonijiet ta' mewt kollha, kull fejn iseħħu, u għal darb'oħra jenfasizza li l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt tikkontribwixxi għat-tisħiħ tad-dinjità tal-bniedem u l-iżvilupp progressiv tad-drittijiet tal-bniedem;

4. Jistieden lill-President u lill-awtoritajiet tal-Jemen iwaqqfu l-eżekuzzjoni tal-mewt ta' Muhammed Taher Thabet Samoum, u jistieden lill-awtoritajiet tal-Jemen jikkommutaw is-sentenzi tal-mewt imposti fuq Muhammed Taher Thabet Samoum u Fuad Ahmed Ali Abdulla;

5. Jistieden lill-Gvern tal-Jemen jieqaf jiġġustizzja lil individwi għal reati li allegatament ikunu wettqu meta kienu taħt it-18-il sena, kastig li jikser kemm il-leġiżlazzjoni tal-Jemen, kif ukoll l-obbligi tal-Jemen skont il-ftehimiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

6. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Jemen jikkonformaw mal-Artikolu 31 tal-Kodiċi Penali tal-Jemen li jistipula li għandhom jingħataw sentenzi mhux kapitali għal reati mwettqa minn persuni taħt it-18-il sena;

7. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Jemen jirrispettaw is-salvagwardji legali rikonoxxuti internazzjonalment dwar il-minorenni, bħall-ICCPR u l-UNCRC;

8. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Jemen jintroduċu reġistrazzjoni universali tat-twelid u jtejbu l-proċeduri biex tiġi stabbilita l-età tal-akkużati li ma jkollhom ċertifikati tat-twelid;

9. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal riformi fil-Jemen, kif talbu daqstant manifestanti fit-toroq, sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet ta' għajxien għall-popolazzjoni u jiġu ggarantiti elezzjonijiet liberi u ġusti, rispett għad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikulari l-libertà medjatika u d-dritt għal proċess ġust, u trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa;

10. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, b'mod partikulari wara t-twaqqif tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, jimplimentaw malajr approċċ ikkoordinat u komprensiv tal-UE lejn il-Jemen;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummisjoni/ ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, is-SEAE, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-President tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, lill-gvernijiet tal-istati membri tan-NU u lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika tal-Jemen.

**Il-Ħamis 17 ta’ Frar 2011**

## Uganda: l-omiċidju ta’ David Kato

P7_TA(2011)0074

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Frar 2011 dwar l-Uganda: il-qtil ta’ David Kato**

(2012/C 188 E/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-obbligi u l-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk li jinsabu fil-konvenzjonijiet tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, li jiggarantixxu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u li jipprojbixxu d-diskriminazzjoni,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta’ Sħubija bejn il-membri tal-Grupp tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmat f’Cotonou fit-23 ta’ Ġunju 2000 (il-Ftehim ta’ Cotonou) u rivedut f’Ouagadougou fit-23 ta’ Ġunju 2010 u l-klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem li jinsabu fih, b’mod partikolari l-Artikolu 8,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6, 7 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jobbligaw lill-UE u lill-Istati Membri li jħarsu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u li jipprovdu mezz sabiex ikunu miġġielda d-diskriminazzjoni u l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari l-Artikolu 21 tagħha, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali,

— wara li kkunsidra l-attivitajiet kollha tal-UE li jirrigwardaw il-ġlieda kontra l-omofobija u d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-omofobija, il-protezzjoni tal-minoritajiet u l-politiki antidiskriminatorji,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-17 ta’ Diċembru 2009 dwar l-Uganda: abboz ta’ leġiżlazzjoni antiomosesswali ([1]) u tas-16 ta’ Diċembru 2010 dwar l-Unganda: l-hekk imsejjaħ “Abbozz ta’ Liġi Bahati” u d-diskriminazzjoni kontra l-popolazzjoni LGBT ([2]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mir-Rappreżentant Għoli/Viċi President għall-Affaijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà, Catherine Ashton u tal-President tal-Parlament Ewropew, Jerzy Buzek dwar il-Jum Internazzjonali Kontra l-Omofobija, is-17 ta’ Mejju 2010,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tat-28 ta’ Settembru 2010 mill-Assemblea Parlamentari AKP dwar il-koeżistenza paċifika tar-reliġjonijiet u l-importanza mogħtija lill-fenomenu tal-omosesswalità fis-shubija AKP-UE,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-6 ta’ Diċembru 2010 magħmula bi tweġiba għad-Dikjarazzjoni tal-AKP minn Membri tal-UE tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE mill-PPE, S&D, ALDE, il-Verts/ALE u l-Gruppi GUE/NGL tal-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE tat-3 ta’ Diċembru 2009 dwar l-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni soċjali u kulturali taż-żgħażagħ,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122(5) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU C 286 E, 22.10.2010, p. 25.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0495.

A. billi fis-26 ta' Jannar 2011 David Kato Kisule, difensur tad-drittijiet tal-bniedem u persuna prominenti fil-grupp għad-drittijiet tal-persuni leżbjani u omosesswali Sexual Minorities Uganda u tal-komunità ġenerali tal-persuni leżbjani, omosesswali, bisesswali u transġeneru (LGBT) fl-Uganda, ġie maqtul brutalment fl-Uganda,

B. billi David Kato preċedentement kien ħa azzjoni legali u rebaħ il-kawża kontra l-ġurnal lokali "Rolling Stone", li fid-9 ta' Ottubru u fil-15 ta' Novembru 2010 kien elenka l-ismijiet, id-dettalji personali ta' 'l fuq minn mitt persuna bir-ritratt tagħhom, li allegatament huma omosesswali, inkluż David Kato, filwaqt li xewwex lill-qarrejja biex jagħmlulhom ħsara jew jgħallquhom,

C. billi fit-3 ta' Jannar 2011 il-Qorti Suprema tal-Uganda iddikjarat f'sentenza li l-ġurnal lokali *Rolling Stone* kiser id-dritt kostituzzjonali fundamentali taċ-ċittadini kollha għad-dinjità u l-privatezza, billi speċifikat li anki l-leġiżlazzjoni attwali tal-Uganda kontra l-omosesswalità ma tistax tinftiehem li taqbel mal-vjolenza jew mal-qtil ta' persuni omosesswali; billi, wara r-rebħa fil-Qorti, David Kato kkundanna żżieda fit-theddid u l-fastidju,

D. billi l-President Konġunt tal-Assemblea Parlamentari, il-President tas-Sottokumitat tal-Parlament Ewropew dwar id-Drittijiet tal-bniedem, il-President tal-Parlament Ewropew, il-kapijiet tal-Missjoni tal-UE f'Kampala, il-President u s-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem u mexxejja oħra tal-komunità internazzjonali taw ġieħ lil David kato bħala difensur tad-drittijiet tal-bniedem u talbu lill-awtoritajiet tal-Unganda biex iġibu lill-awturi tad-delitti quddiem il-ġustizzja,

E. billi l-parlament Ewropew, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi internazzjonali u l-Istati uniti u r-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-UE ripetutament esprimew it-tħassib tagħhom rigward is-sitwazzjoni tal-persuni LGBT fl-Uganda, id-diskriminazzjoni u l-persekuzzjoni kontinwi, kif ukoll it-tixwix għall-mibegħda kontra l-persuni LGBT minn persuni pubbliċi u privati u organizzazzjonijiet fl-Uganda,

F. billi li li kif jifforma parti minnu David Kato oppona pubblikament l-Abbozz ta' Liġi Kontra l-Omosesswalità mressaq minn David Bahati MP fil-25 ta' Settembru 2009 quddiem il-Parlament tal-Uganda jipprovdi l-ikkastigar tal-atti omosesswali bi priġunerija ta' bejn seba' snin u l-għomor il-ħabs jew il-piena tal-mewt; billi l-abbozz ta' liġi jipprovdi li n-nuqqas li wieħed jiżvela l-omosesswalità tat-tfal jew ta' pazjent ikun ikkastigat b'massimu ta' tliet snin priġunerija; billi l-abbozz ta' liġi għadu qed jiġi kkunsidrat,

G. billi l-persuni LGBT fl-Uganda, kif ukoll dawk il-persuni li l-ritratti u d-dettalji tagħhom dehru fir-"Rolling Stone" u li nqraw sussegwentement fuq ir-radju u t-televiżjoni, issa huma fil-periklu ġenwin li jiġu ppersegwitati, u bil-parti l-kbira tal-każi issa jinsabu mingħajr dar, mingħajr xogħol u kostretti jevitaw postijiet pubbliċi, u jkollhom jinħbew mill-għajnejn tal-pubbliku,

H. billi fl-Afrika l-omosesswalità hija legali fi 13-il pajjiż biss u hija reat kriminali fi 38 pajjiż; billi l-Mawritanja, is-Somalja, is-Sudan u n-Niġerja tat-Tramuntana jikkastigaw l-omosesswalità bil-piena tal-mewt; billi mexxejja politiċi u reliġjużi estremi, fost l-oħrajn, ixewxu l-vjolenza kontra l-persuni LGBT, filwaqt li l-awtoritajiet jittolleraw u ma jikkastigawx delitti fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali, u billi d-diskriminazzjoni, l-arresti arbitrarji u l- maltrattament fuq il-bażi tal-orjentament sesswali dejjem qed jiżdiedu,

1. Jikkundanna bil-qawwa l-qtil vjolenti tad-difensur tad-driitijiet tal-bniedem mill-Uganda, David Kato Kisule;

2. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Uganda jagħmlu investigazzjoni fil-fond u imparzjali dwar il-qtil u jġibu lill-awturi tad-delitt quddiem il-ġustizzja, u li jagħmlu dan fir-rigward ta' kwalunkwe att ta' persekuzzjoni, diskriminazzjoni u vjolenza kontra persuni LGBT u gruppi oħra ta' minoritajiet; jistieden lill-awtoritajiet tal-Uganda jinvestigaw individwi li pubblikament sejħu għall-qtil ta' David Kato, kif ukoll l-organizzazzjonijiet, ir-rwol u l-iffinanzjar tagħhom;

3. Jiddispjaċih li l-awtoritajiet tal-Uganda ma għandhom xejn xi jgħidu dwar il-fehmiet diskriminatorji espressi dwar il-persuni omosesswali, u jiġbed l-attenzjoni lejn l-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali u l-Ftehim Cotonou, b'mod partikolari d-dmir li jipproteġu lill-persuni kollha – indipendentement mill-orjentament sesswali jew l-identità sesswali tagħhom – minn theddid jew vjolenza kontrihom;

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

4. Itenni l-ħtieġa, wara li kkunsidra l-elezzjonijiet ġenerali u presidenzjali previsti għat-18 ta' Frar 2011, li wieħed jitkellem pubblikament kontra kull azzjoni dixxiplinarja kontra l-omosesswalità u li jiġu adottati miżuri xierqa biex jitwaqqfu l-kampanji omofobiċi fil-ġurnali u kull komunikazzjoni li xxewwex il-mibegħda kontra komunità ta' minorità jew kull ġustifikazzjoni għal tali azzjoni li tkun ibbażata fuq l-orjentament sesswali jew tal-ġeneru;

5. Jistieden lill-Gvern tal-Uganda jiżgura li l-persuni LGBT u l-gruppiminoritarji l-oħra kollha fl-Uganda jkunu mħarsa b'mod adegwat mill-vjolenza, u jieħu azzjoni fil-pront kontra kull theddida jew diskors ta' mibegħda li aktarx ixewwex il-vjolenza u d-diskriminazzjoni kontrihom jew l-ostilità lejhom;

6. Jikkundanna b'mod korrispondenti, u għal dawb'oħra, l-Abbozz ta' Liġi Kontra l-Omosesswalità, u jistieden lill-Parlament tal-uganda jiddikriminalizza l-omosesswalità u jiċħad l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt taħt kwalunkwe ċirkustanza; jingħaqad mal-appell tal-10 ta' Diċembru 2010 mis-Segretarju Ġenerali tal-NU Ban Ki-moon għad-dikriminalizzazzjoni universali tal-omosesswalità;

7. Jikkundanna kwalunkwe tentattiv li tiġi inċitata l-mibegħda u tiġi promossa l-vjolenza kontra kull grupp minoritarju, inkluż abbażi tal-orjentament sesswali jew tal-ġeneru; jingħaqad mas-sejħa mill-organizzazzjoni ta' David kato (SMUG), u minn organizzazzjonijiet oħra, biex l-awtoritajiet, il-mexxejja politiċi u reliġjużi u l-midja jieħfu milli jiddemonizzaw il-minoritajiet sesswali u milli joħolqu klima ta' vjolenza kontra l-persuni LGBT;

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu l-attivisti LGBT fil-programmi ta' appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-organizzazzjonijiet kollha mhux governattivi fl-Uganda biex jaħdmu flimkien mal-Koalizzjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Uganda, inklużi l-organizzazzjonijiet LGBT;

9. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw li l-politika barranija tagħhom, inkluża l-politika ta' kooperazzjoni u ta' żvilupp tagħhom, rigward pajjiżi terzi, b'relazzjoni kemm mal-awtoritajiet u l-NGOs, tikkunsidra b'mod xieraq is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-gruppi minoritarji kollha inklużi l-persuni LGBT, u biex jiżguraw li jsir progress tanġibbli f'dan il-qasam; jistiedem lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jagħmlu użu sħiħ mit-Toolkit għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tat-Tgawdija tad-Drittijiet tal-Bniedem kollha mill-Persuni Leżbjani, Omosesswali, Bisesswali u Transġeneru (LGBT) fir-relazzjonijiet kollha tagħhom mal-Uganda filwaqt li jipprovdu protezzjoni sħiħa tal-attivisti LGBT fl-Uganda, u jappoġġaw l-attivitajiet tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi dawn il-kwistjonijiet fil-Pjan Direzzjonali kontra l-omofobija, li l-Parlament Ewropew talabha tfassal ([1]);

10. Jinsab imħassab bil-kbir, li d-donaturi internazzjonali, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet umanitarji u t-tobba jkollhom jikkunsidraw mill-ġdid jew itemmu l-attivitajiet tagħhom f'ċerti oqsma, f'każ li tgħaddi l-liġi u jinnota li l-Ġermanja ddeċidiet li tirtira nofs l-USD 33 miljun f'għajnuna barranija mwiegħda lill-Malawi, minħabba l-kriminalizzazzjoi tal-omosesswalità u r-restrizzjoni tal-libertà tal-istampa, deċiżjoni segwita mir-rifjut tal-Istati Uniti li jgħaddu USD 350 miljun f'għajnuna barranija lill-Malawi mingħajr aktar diskussjonijiet dwar il-liġijiet li joħolqu restrizzjonijiet fuq il-libertajiet individwali;

11. Itenni l-impenn tiegħu għad-drittijiet universali tal-bniedem u jfakkar il-fatt li l-orjentament sesswali hi kwestjoni li taqa' fl-ambitu tad-dritt individwali għall-privatezza kif garantit mil-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, skont liema liġi l-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni għandhom jiġu mħarsa, filwaqt li tiġi ggarantita l-libertà tal-espressjoni u jfakkar lill-awtoritajiet tal-Uganda dwar l-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali u skont il-Ftehim ta' Cotonou, li jitlob għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;

12. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Istituzzjonijiet Ewropej itennu l-prinċipju li persuni li jinsabu f'periklu ta' persekuzzjoni għandhom jitqiesu għall-għoti ta' status ta' refuġjat;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-President tar-Repubblika tal-Uganda, lill-Ispeaker tal-Parlament tal-Uganda, lill-Assemblea Leġiżlattiva tal-Afrika tal-Lvant u lill-istituzzjonijiet u lill-Unjoni Afrikana u l-istituzzjonijiet tagħha.

---

([1]) Par. 7 tar-Riżoluzzjoni P7_TA(2011)0019 tad-19 ta' Jannar 2011.

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Proċedura b'kumitati assoċjati u r-referenza lura lill-Kumitat (interpretazzjoni tal-Artikoli 50 u 56)

P7_TA(2011)0060

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-proċedura b'kumitati assoċjati u r-referenza lura lill-kumitat f'każ ta' ċaħda ta' proposta tal-Kummissjoni (interpretazzjoni tal-Artikoli 50 u 56 tar-Regoli ta' Proċedura)**

(2012/C 188 E/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra tal-15 ta' Frar 2011 tal-president tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 211 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. jiddeċiedi li jżid l-interpretazzjoni li ġejja għall-Artikolu 50:

"Id-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti li tiġi applikata l-proċedura b'kumitati assoċjati tapplika fl-istadji kollha tal-proċedura in kwistjoni.

Il-jeddijiet marbuta mal-istatus ta' 'kumitat resonsabbli' għandhom jitwettqu mill-kumitat ewlieni. Fit-twettiq ta' dawn il-jeddijiet, il-kumitat ewlieni għandu jirrispetta l-prerogattivi tal-kumitat assoċjat, b'mod partikolari l-obbligu ta' kooperazzjoni leali fir-rigward tal-kalendarju u l-jedd tal-kumitat assoċjat li jiddetermina l-emendi li jiġu ppreżentati lill-Parlament fil-qasam ta' kompetenza esklussiva tiegħu.

Fil-każ li l-kumitat ewlieni ma jagħrafx il-prerogattivi tal-kumitat assoċjat, id-deċiżjonijiet meħuda minn tal-ewwel jibqgħu validi, imma tal-aħħar ikun jista jqiegħed l-emendi direttament fuq il-Mejda quddiem il-Parlament, fil-limiti tal-kompetenzi esklussivi tiegħu.";

2. jiddeċiedi li jżid l-interpretazzjoni li ġejja għall-Artikolu 56(3):

"Wara referenza lura lill-kumitat skont il-paragrafu 3, il-kumitat ewlieni għandu, qabel ma jieħu id-deċiżjoni tiegħu dwar il-proċedura, jippermetti li kumitat assoċjat skont l-Artikolu 50 jagħmel l-għażliet tiegħu dwar l-emendi li huma rilevanti għall-kompetenza esklussiva tiegħu, b'mod partikolari l-għażla ta' emendi li għandhom jiġu ppreżentati mill-ġdid lill-Parlament.

L-iskadenza stabbilita skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 għandha tapplika għat-tqegħid fuq il-Mejda, bil-fomm jew bil-miktub, tar-rapport tal-kumitat reponsabbli. Dan ma jaffettwax l-istabbiliment mill-Parlament tal-mument opportun sabiex jitkompla l-eżami tal-proċedura in kwistjoni.";

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' tagħrif.

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Emenda tal-Ftehim KE/Afrika t'Isfel dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni ***

P7_TA(2011)0043

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta'deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (10297/2010 – C7-0190/2010 – 2010/0119(NLE))**

(2012/C 188 E/16)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (10297/2010),

— wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (07437/2008),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 217 u l-Artikoli 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0190/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0018/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Afrika t'Isfel.

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

## Ftehimiet bejn l-UE, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja (Mekkaniżmi Finanzjarji 2009-2014 u importazzjoni lejn l-UE ta' ċertu ħut u prodotti tas-sajd 2009-2014) ***

P7_TA(2011)0044

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanżjarju taż-ŻEE għall-perjodu 2009-2014, Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja dwar Mekkaniżu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu 2009-2014, Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Islanda, li jikkonċerna dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea ta' ċertu ħut u prodotti tas-sajd għall-perijodu 2009-2014, u Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u n-Norveġja, li jikkonċerna dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea ta' ċertu ħut u prodotti tas-sajd għall-perijodu 2009-2014 (09902/2010 – C7-0225/2010 – 2010/0129(NLE))**

(2012/C 188 E/17)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (09902/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-2009-2014, l-abbozz ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-2009-2014, l-abbozz ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Islanda li jikkonċerna dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea ta' ċertu ħut u prodotti tas-sajd għall-perjodu 2009-2014 u l-abbozz ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u n-Norveġja li jikkonċerna dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea ta' ċertu ħut u prodotti tas-sajd għall-perjodu 2009-2014 (09899/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 217 u 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0225/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0372/2010),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Islanda, tal-Liechtenstein u tan-Norveġja.

## Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federali tal-Brażil dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ***

P7_TA(2011)0045

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kusill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (13988/2010 – C7-0335/2010 – 2009/0115(NLE))**

(2012/C 188 E/18)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (13988/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (12922/2009),

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni mressqa mill-Kunsill skont l-Artikolu 100(2), l-Artiklu 218(8), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0335/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0004/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil.

---

## Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 ***

P7_TA(2011)0046

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplimentari relatati mal-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sal-2013 (07853/2010 – C7-0101/2010 – 2009/0148(NLE))**

(2012/C 188 E/19)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (07853/2010),

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplimentari relatati mal-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sal-2013 (15954/2009),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni sottomessa mill-Kunsill skont l-Artikoli 77(2)(d) l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), punt (v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0101/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0007/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein.

## L-adeżjoni tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-UE u l-KE dwar l-assoċjazzjoni tal-Isvizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ***

P7_TA(2011)0047

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen (06077/2010– C7-0141/2010 – 2006/0251(NLE))**

(2012/C 188 E/20)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill (06077/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen (16462/2006),

— wara li kkunsidra r-rikjesta għall-kunsens ippreżentata mill-Kunsill skont it-termini tal-Artikoli 16, l-Artikolu 74, l-Artikolu 77(2), l-Artikolu 79(2), punti (a) u (c), l-Artikolu 82(1), punti (b) u (d), l-Artikolu 87(2), l-Artikolu 87(3), l-Artikolu 89, l-Artikolu 114, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0141/2010),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-8 ta’ Lulju 2008 [1] dwar il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2006)0752),

— wara li kkunisdra l-Artikoli 91 u 90(8) u tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0008/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat ta’ Liechtenstein.

(1) ĠU C 294 E, 3.12.2009, p. 99.

## L-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera dwar iddeterminazzjoni tal-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta’ talba għal asil imressqa fi Stat Membru jew fl-Isvizzera ***

P7_TA(2011)0048

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta’ Frar 2011 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta’ Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-ħatra tal-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta’ talba għal asil imressqa fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (06242/2010 – C7-0140/2010 – 2006/0252(NLE))**

(2012/C 188 E/21)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (06242/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-ħatra tal-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta’ talba għal asil imressqa fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (16470/2006),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 78(2), punt (e) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0140/2010),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-8 ta’ Lulju 2008 [1] dwar il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2006)0754),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

(1) ĠU C 294 E, 3.12.2009, p. 100.

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0013/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Isvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein.

---

## Ftehim bejn l-UE u l-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għal permanenzi qosra għad-detenturi ta' passaporti ordinarji ***

P7_TA(2011)0049

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar ir-rinunzja għall-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji (16364/2010 – C7-0400/2010 – 2010/0228(NLE))**

(2012/C 188 E/22)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (16364/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar ir-rinunzja għall-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji (13712/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2)(a) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0400/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0011/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil.

---

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

## Ftehim bejn l-UE u l-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għal permanenzi qosra għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, ta' servizz jew uffiċjali ***

P7_TA(2011)0050

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal permanenzi qosra għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, ta' servizz jew uffiċjali (16362/2010 – C7-0399/2010 – 2010/0222(NLE))**

(2012/C 188 E/23)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (16362/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal permanenzi qosra għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, ta' servizz jew uffiċjali (13708/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2)(a) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0399/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0010/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil.

---

## Id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ ***III

P7_TA(2011)0052

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ and li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (PE-CONS 00063/2010 – C7-0015/2011 – 2008/0237(COD))**

(2012/C 188 E/24)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (PE-CONS 00063/2010 – C7-0015/2011),

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-16 ta' Lulju 2009 (1),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari (2) dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2008)0817),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari (3) dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (4),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-emendi tal-Parlament għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (COM(2010)0469),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fit-tieni qari,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(13) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 69 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A7-0020/2011),

1. Japprova t-test konġunt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

(1) ĠU C 317, 23.12.2009, p. 99.
(2) ĠU C 184 E, 8.7.2010, p. 312.
(3) Testi adottati tas-6.7.2010, P7_TA(2010)0256.
(4) ĠU C 122 E, 11.5.2010, p. 1.

# Standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief (LCVs) ġodda ***I

P7_TA(2011)0053

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief (LCVs) ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi għal użu ħafif (COM(2009)0593 – C7-0271/2009 – 2009/0173(COD))**

(2012/C 188 E/25)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2009)0593),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0271/2009),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Lulju 2010 ([1]),

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0287/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) Għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

## P7_TC1-COD(2009)0173

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi għal użu ħafif**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 510/2011.)*

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

# Kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja ***

P7_TA(2011)0054

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja (05538/2011 – C7-0044/2011 – 2010/0384(NLE))**

(2012/C 188 E/26)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza koperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja (05538/2011),

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 329(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0044/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 74g u 81(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0021/2011),

A. billi fis-sena 2000 il-Kummissjoni adottat proposta għal-Regolament tal-Kunsill dwar il-privattiva Komunitarja (COM(2000)0412); billi dik il-proposta kien fiha sitt kapitoli: (i) Kapitolu I dwar dispożizzjonijiet ġenerali, (ii) Kapitolu II dwar il-liġi tal-privattivi, (iii) Kapitolu III dwar it-tiġdid, l-iskadenza u l-invalidità tal-privattiva Komunitarja, (iv) Kapitolu IV dwar il-ġurisdizzjoni u l-proċedura fl-azzjonijiet legali li għandhom x'jaqsmu mal-privattiva Komunitarja, (v) Kapitolu V dwar l-impatt fuq il-liġi nazzjonali u (vi) Kapitolu VI dwar id-dispożizzjonijiet finali,

B. billi dik il-proposta kienet ibbażata fuq l-Artikolu 308 tat-Trattat KE, li kien jirrikjedi konsultazzjoni mal-Parlament u vot unanimu fil-Kunsill,

C. billi fil-pożizzjoni tiegħu tal-10 ta' April 2002 dwar il-proposta għar-Regolament tal-Kunsill dwar il-privattiva Komunitarja ([1]) l-Parlament, filwaqt li aġixxa skont il-proċedura ta' konsultazzjoni, approva l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata,

D. billi malajr kien sar ċar li xi Stati Membri kellhom problemi speċifiċi li kienu jagħmluhielhom impossibbli li jaċċettaw ir-regolament propost; billi, b'mod partikolari, ċerti Stati Membri ma setgħux jaċċettaw l-arranġamenti ta' traduzzjoni għall-privattiva Komunitarja, li wassal biex il-Kunsill ikkonkluda li, minħabba l-kwistjoni tar-reġim tat-traduzzjoni, il-Kunsill ma setax jilħaq ftehim politiku dwar il-proposta tal-Kummissjoni, minħabba nuqqas ta' kunsens unanimu,

E. billi fid-9 ta' Jannar 2006 l-Kummissjoni nediet konsultazzjoni dwar il-politika tal-ġejjieni dwar il-privattivi fl-Ewropa li għaliha l-Parlament kien irrisponda billi adotta riżoluzzjoni fit-12 ta' Ottubru 2006 ([2]),

F. billi d-diskussjonijiet fil-Kunsill tnedew mill-ġdid wara l-adozzjoni fit-3 ta'April 2007 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tas-sistema tal-privattivi fl-Ewropa (COM(2007)0165),

([1]) ĠU C 127 E, 29.5.2003, p. 519.
([2]) ĠU C 308 E, 16.12.2006, p. 169.

G. billi fl-4 ta' Diċembru 2009 l-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar il-karatteristiċi ewlenin tas-sistema futura tal-privattivi bbażata fuq żewġ pilastri: (i) il-ħolqien ta' sistema unifikata ta' litigazzjoni dwar il-Privattivi, u (ii) il-ħolqien ta' privattiva tal-UE – strument legali għall-għoti ta' privattivi li jkunu validi madwar l-UE kollha; billi l-Kunsill ikkunsidra li dawn il-konklużjonijiet għandhom jiffurmaw parti mill-ftehim finali ġenerali dwar pakkett ta' miżuri għal Sistema Msaħħa dwar il-Privattivi fl-Ewropa li tkun tinkludi l-ħolqien ta' Qorti tal-Privattivi Ewropej u tal-UE (EEUPC), il-privattiva tal-UE, inkluż ir-regolament separat dwar l-arranġamenti tat-traduzzjoni, sħubija msaħħa bejn l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u l-uffiċċji ċentrali tal-proprjetà industrijali tal-Istati Membri, u, safejn meħtieġ, emendi għall-Konvenzjoni dwar il-Privattiva Ewropea,

H. billi d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009 ġab miegħu bidla fil-bażi legali għall-ħolqien tal-privattiva tal-UE billi introduċa l-Artikolu 118 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), skont liema: "Fil-qafas tal-istabbiliment jew tal-funzjonament tas-suq intern, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu l-miżuri dwar il-ħolqien ta' drittijiet Ewropej sabiex tiġi assigurata protezzjoni uniformi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali madwar l-Unjoni u dwar l-istabbiliment ta' sistemi ta' awtorizzazzjoni, ta' koordinazzjoni u ta' kontroll ċentralizzati fil-livell tal-Unjoni.",

I. billi skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 118 TFUE l-privattiva tal-UE bħala dritt Ewropew ta' proprjetà intellettwali tista' tiġi stabbilita skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja; billi, madankollu, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 118 TFUE, għall-istabbiliment tal-arranġamenti tal-lingwa għal dawn id-drittijiet, trid tiġi segwita proċedura leġiżlattiva speċjali li tkun tirrikjedi l-unanimità fi ħdan il-Kunsill,

J. billi wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona l-Kummissjoni kkonfermat il-proposta tagħha għas-sena 2000 ([1]); billi sabiex iħaffef il-proċedura u jippermetti lill-Kunsill jittrasponi formalment il-konklużjonijiet tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2009 f'pożizzjoni tal-Kunsill, li jkun il-pass li jmiss fil-proċedura leġislattiva ordinarja, il-Parlament, fil-5 ta' Mejju 2010 dwar il-konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa - "omnibus" (COM(2009)0665) ([2]) ikkonferma l-pożizzjoni tal-2002 tiegħu fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari; billi l-Kunsill ma ttrasponiex il-konklużjonijiet tiegħu f'pożizzjoni u, għaldaqstant, l-ebda ħidma oħra dwar il-privattiva tal-UE ma tista' titwettaq fuq il-bażi tal-proposta tal-Kummissjoni tas-sena 2000,

K. billi fit-30 ta' Ġunju 2010 l-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-arranġamenti għat-traduzzjoni tal-privattivi tal-Unjoni Ewropea (COM(2010)0350), li hija bbażata fuq il-ħidma li saret fuq ir-reġim attwali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattiva,

L. billi minkejja sforzi kunsiderevoli u għadd ta' rawnds ta' negozjati mwettqa mill-Kunsill fl-2010, ġie ikkonfermat waqt il-laqgħa tal-Kunsill (Kompetittività) tal-10 ta' Diċembru 2010 li kienu jeżistu diffikultajiet li ma jistgħux jingħelbu, li jagħmluha impossibbli, fil-mument u fil-futur prevedibbli, li jkun hemm deċiżjoni dwar l-arranġamenti għat-traduzzjoni li tirrikjedi l-unanimità, u li l-objettivi tar-Regolamenti proposti biex tiġi stabbilita protezzjoni tal-privattiva unitarja fl-Unjoni Ewropea kollha ma setgħux jintlaħqu f'perjodu raġonevoli billi jkunu applikati d-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattati,

M. billi diversi Stati Membri wrew li kienu lesti jikkunsidraw il-possibilità li jistabilixxu privattiva unitarja fi ħdan il-qafas tal-kooperazzjoni msaħħa,

N. billi, iktar minn disa' Stati Membri wrew l-intenzjoni li jistabbilixxu kooperazzjoni msaħħa bejniethom fil-qasam tal-ħolqien tal-protezzjoni tal-privattiva unitarja billi ressqu talba lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 329(1) TFUE u wara l-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja,

O. billi l-Parlament ivverifika l-konformità mal-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u l-Artikoli 326 sa 334 TFUE,

([1]) COM(2009)0665.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2010)0126.

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

P. billi, skont l-Artikolu 20 TUE, minimu ta' disa' Stati Membri jistgħu jistabbilixxu kooperazzjoni msaħħa bejniethom fil-qafas tal-kompetenzi mhux esklużivi tal-Unjoni, filwaqt li jużaw l-istituzzjonijiet tagħha u jeżerċitaw dawn il-kompetenzi billi japplikaw id-dispożizzjonijiet tat-Trattati b'mod ġuridikament konsistenti, suġġett għal-limiti u skont l-arranġamenti stipulati f'dak l-Artikolu kif ukoll fl-Artikoli 326 sa 334 TFUE,

Q. billi l-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja mhux inkluż fil-lista ta' oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni stipulati fl-Artikolu 3(1) TFUE; billi l-bażi legali għall-ħolqien ta' drittijiet Ewropej ta' proprjetà intellettwali huwa l-Artikolu 118 TFUE, li għandu referenza speċifika għall-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, waħda mill-kompetenzi maqsuma tal-Unjoni skont l-Artikolu 4 TFUE; billi, għaldaqstant, il-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja, inkluż l-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni, jaqa' fil-qafas tal-kompetenza mhux esklussiva tal-Unjoni,

R. billi, b'mod partikulari, din il-kooperazzjoni msaħħa tista' titqies li testendi l-objettivi tal-Unjoni, li tħares l-interessi tagħha u ssaħħaħ il-proċess ta' integrazzjoni tagħha fis-sens tal-Artikolu 20 TFUE, fid-dawl tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni fir-rigward tal-proposta tagħha għal regolament dwar l-arranġamenti għat-traduzzjoni għall-privattiva tal-Unjoni Ewropea, imsemmija hawn fuq, li rrimarkat dwar in-nuqqas ta' privattiva unitarja li tipprovdi protezzjoni madwar l-UE kollha u dwar is-sistema frammentata ta' privattivi li rriżultat minħabba f'hekk; billi din il-frammentazzjoni hija kkawżata mill-ispejjeż għolja u l-kumplessità tal-validifikazzjoni tal-privattivi Ewropej fl-Istati Membri individwali, li kapaċi jammontaw għal 40 % tal-ispejjeż totali tal-proċess tal-kisba tal-privattivi fl-Ewropa; billi l-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja għal grupp ta' Stati Membri jtejjeb il-livell ta' protezzjoni tal-privattivi billi jagħmilha possibbli li tinkiseb protezzjoni uniformi tal-privattivi fit-territorji kollha tal-Istati Membri parteċipanti u jelimina l-ispejjeż u l-kumplessità għal dawk it-territorji, u b'hekk jistimula l-avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi u l-funzjonament tas-suq intern,

S. billi jidher ċar mill-anteċedenti ta' din l-inizjattiva li d-deċiżjoni proposta qed titressaq wara li falla kull tentattiv ieħor u li l-Unjoni, fis-sħuħija tagħha, ma tistax tilħaq l-objettivi tal-kooperazzjoni f'perjodu raġonevoli,

T. billi r-rekwiżiti tal-Artikoli 326 sa 334 TFUE wkoll huma ssodisfati; billi l-kooperazzjoni msaħħa se tiffaċilita l-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi telimina l-ostakoli possibbli għall-moviment liberu tal-prodotti, tgħin biex jiġu miġġielda l-vjolazzjonijiet tal-privattivi, possibilment iżżid l-għadd ta' investituri li jfittxu l-protezzjoni tal-privattivi madwar l-Unjoni, tipprovdi aċċess indaqs għall-protezzjoni tal-privattiva unitarja lill-investituri, kumpaniji innovattivi u detenturi ta' privattivi kollha, kemm jekk ikunu ġejjin mill-Istati Membri parteċipanti kif ukoll minn dawk mhux parteċipanti, tipprovdi strument ieħor disponibbli għad-detenturi kollha ta' privattivi fl-Unjoni, ittejjeb il-kundizzjonijiet ta' qafas għan-negozji innovattivi madwar l-Unjoni, u telimina, fost l-Istati Membri parteċipanti, il-frammentazzjoni attwali fejn jeżistu "konfini" tad-dritt tal-privattivi bejn l-Istati Membri,

U. billi, b'mod partikulari, il-koperazzjoni msaħħa f'dan il-qasam tikkonforma mat-Trattati u mad-dritt tal-Unjoni peress li mhux se taffettwa l-acquis, ladarba, sal-lum, numru żgħir biss ta' atti legali tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 288 TFUE ġew adottati, u l-ebda wieħed minnhom ma kien ikopri l-ħolqien ta' dritt Ewropew ta' proprjetà intellettwali li jagħti protezzjoni uniformi madwar l-Unjoni; billi, ħlief għall-eċċezzjoni tad-Direttiva 98/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 1998 dwar il-protezzjoni legali ta' l-invenzjonijiet bijoteknoloġiċi [1], ma teżisti l-ebda approssimazzjoni tal-liġi sostantiva dwar il-privattivi fuq livell tal-Unjoni Ewropea, u billi r-Regolament (KE) Nru 1610/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 dwar il-ħolqien ta' ċertifikat supplimentari ta' ħarsien għall-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti [2] u r-Regolament (KE) Nru 469/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 6 ta' Mejju 2009 dwar iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali [3] jikkonċernaw estensjonijiet tal-perjodu tal-privattivi għal tipi speċifiċi ta' kwistjonijiet dwar il-privattivi; billi l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-privattivi ma tikkawżax diskriminazzjoni peress li l-aċċess għall-privattiva unitarja jkun miftuħ għall-utenti tas-sistema tal-privattivi mill-Unjoni kollha,

(1) ĠU L 213, 30.7.1998, p. 13.
(2) ĠU L 198, 8.8.1996, p. 30.
(3) ĠU L 152, 16.6.2009, p. 1.

V. billi l-kooperazzjoni msaħħa se tirrispetta d-drittijiet, kompetenzi u obbligi tal-Istati Membri mhux parteċipanti, sakemm il-possibilità li tinkiseb protezzjoni tal-privattiva unitarja fit-territorji tal-Istati Membri parteċipanti ma taffettwax id-disponibilità jew il-kundizzjonijiet tal-protezzjoni tal-privattivi fit-territorji tal-Istati Membri mhux parteċipanti,

W. billi l-Artikolu 328(1) TFUE jipprevedi li l-kooperazzjoni msaħħa għandha tkun miftuħa f'kull mument għall-Istati Membri kollha li jixtiequ jipparteċipaw; billi l-Kummissjoni u l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa għandhom jippromwovu mill-bidu, u jibqgħu jippromwovu u jħeġġu l-parteċipazzjoni tal-ogħla numru ta' Stati Membri possibbli,

X. billi l-approvazzjoni tal-Parlament tikkonċerna l-kooperazzjoni msaħħa u ma tippreġudikax liema Stati Membri se jieħdu sehem fiha,

Y. billi l-Artikolu 333(2) TFUE jippermetti lill-Kunsill (jew, aktar preċiżament, dawk il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw lill-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa) jadotta deċiżjoni li tistipula li huwa jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, minflok il-proċedura leġiżlattiva speċjali prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 118 TFUE, li kienet tgħid li l-Parlament jiġi biss ikkonsultat,

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill mingħajr preġudizzju dwar liema huma l-Istati Membri parteċipanti;

2. Jistieden lill-Kunsill jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 333(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li tistipola li, meta jiġi għal proposta għal Regolament tal-Kunsill li timplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien tal-protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti għal-lingwa għad-drittijiet Ewropej tal-proprjetà industrijali skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 118 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa jaġixxi skont il-proċedura leġislattiva ordinarja;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Kontaminazzjoni radjoattiva tal-ikel ***I

P7_TA(2011)0055

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika (riformulazzjoni) (COM(2010)0184 – C7-0137/2010 – 2010/0098(COD))**

(2012/C 188 E/27)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari – tfassil mill-ġdid)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2010)0184),

— wara li kkunsidra l-konsultazzjoni tal-Parlament mill-Kunsill (C7-0137/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-Artikolu 168(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Settembru 2010 [1],

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 għal użu iktar strutturat tat-teknika tar-riformulazzjoni tal-atti legali [2],

— wara li kkunsidra l-ittra tad-29 ta' Ġunju 2010 mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 87, 55 u 37 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0001/2011),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt, filwaqt li jqis ir- rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C 48, 15.2.2011, p. 160.
[2] ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

## P7_TC1-COD(2010)0098

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Frar 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* li jistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika (tfassil mill-ġdid)**

IL- KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ***dwar il-Funzjonament tal-Unjoni*** Ewropea ▌, u b'mod partikolari l-Artikolu ***168(4)(b)*** tiegħu,

**[Emenda 32]**

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

[1] ĠU C 48, 15.2.2011, p. 160.

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 3954/87 tat-22 ta' Diċembru 1987 li jistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara aċċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika ([3]) ġie emendat b'mod sostanzjali ([4]). Peress li jridu jsiru iżjed emendi, l-imsemmi Regolament għandu jiġi riformulat għal iktar ċarezza, flimkien mar-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 944/89 tat-12 ta' April 1989 li jistabbilixxi l-livelli massimi permessi ta' kontaminazzjoni radjoattiva f'oġġetti tal-ikel ta' importanza minuri wara inċident nukleari jew kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika ([5]) u Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 770/90 tad-29 ta' Marzu 1990 li jistabbilixxi l-livelli massimi permessi ta' kontaminazzjoni radjoattiva f'għalf wara inċident nukleari jew f'xi każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika ([6]).

▌

[Emenda 2]

*(2)* ***F'konformità mal-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), għandu jiġi żgurat li jkun hemm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni.***

[Emenda 3]

(3) Fit-2 ta' Frar 1959, il-Kunsill adotta Direttivi ([7]) li jistabbilixxu standards bażiċi ta' sigurtà li t-test tagħhom kien sostitwit b'dak tad-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti ([8]). L-Artikolu 50(2) ta' dik id-Direttiva Stati Membri għandhom jistabbilixxu livelli ta' intervent meta jinqala' inċident.

(4) Wara l-inċident tal-istazzjon tal-enerġija nukleari ta' Chernobyl fis-26 ta' April 1986, kwantità konsiderevoli ta' materjali radjoattivi ħarġet fl-atmosfera, li kkontaminat ikel u għalf f'ħafna pajjiżi Ewropej f'livelli sinifikanti fil-qasam tas-saħħa. ***Il-ħamrija ġiet ikkontaminata wkoll b'partikoli radjoattivi, u dan wassal għal żieda fir-radjoattività tal-oġġetti tal-ikel tal-imsaġar u agrikoli miksuba miż-żoni affettwati.***

[Emenda 4]

(5) Ġew adottati miżuri ([9]) biex jassiguraw li ċerti prodotti agrikoli jidħlu biss fl-Unjoni skond arranġamenti komuni li jħarsu s-saħħa tan-nies waqt li jżommu n-natura unikifikata tas-suq u jevitaw distorsjoni tal-kummerċ.

*(6)* ***Livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem huwa wieħed mill-objettivi li l-Unjoni trid tikseb meta tiddefinixxi u timplimenta l-politika tagħha. L-Artikolu 168(4)(b) tat-TFUE jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri komuni fil-qasam veterinarju li jkollhom bħala objettiv dirett il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem. L-Istati Membri huma responsabbli li jimmonitoraw il-konformità mal-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva stipulati f'dan ir-Regolament, l-aktar permezz tas-sorveljanza tal-istandards ta' sikurezza tal-prodotti tal-ikel u tal-għalf.***

[Emenda 5]

([1]) ĠU C […], […], p. […].
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011.
([3]) ĠU L 371, 30.12.1987, p. 11.
([4]) Ara l-Anness IV.
([5]) ĠU L 101, 13.4.1989, p. 17.
([6]) ĠU L 83, 30.3.1990, p. 78.
([7]) ĠU 11, 20.2.1959, p. 221/59.
([8]) ĠU L 159, 29.06.1996, p. 1.
([9]) Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1707/86 (ĠU L 146, 31.5.1986, p. 88) (KEE) Nru 3020/86, (ĠU L 280, 1.10.1986, p. 79), (KEE) Nru 624/87 (ĠU L 58, 28.2.1987, p. 101) u (KEE) Nru 3955/87 (ĠU L 371, 30.12.1987, p. 14).

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

(7) Jeħtieġ li titwaqqaf sistema li tippermetti ***lill-Unjoni***, wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika li jista' jwassal jew li jkun wassal għal kontaminazzjoni radjoattiva sinifikanti ta' ikel u għalf, li tistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazjoni radjoattiva ***sabiex tiżgura li jkun hemm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika***.

**[Emenda 6]**

(8) Il-Kummissjoni għandha tkun mgħarrfa b'inċident nukleari jew b'livelli għolja mhux tas-soltu ta' radjoattività permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (87/600/Euratom) tal-14 ta' Diċembru 1987 dwar arranġamenti tal-Komunità għal bdil malajr ta' informazzjoni f'każ ta' emerġenza radjoloġika [1], jew permezz tal-Konvenzjoni IAEA tas-26 ta' Settembru 1986 dwar notifika malajr ta' inċident nukleari.

(9) Il-Kummissjoni għandha ▌ minnufih ***tapplika l-livelli*** massimi permissibbli stabbiliti minn qabel ***ta' kontaminazzjoni radjuattiva għal inċident jew emerġenza radjoloġika nukleari partikolari***.

**[Emenda 7]**

***(10) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-adattament għall-progress tekniku tal-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjoattiva tal-prodotti tal-ikel u tal-għalf, u tal-lista ta' prodotti tal-ikel ta' importanza minuri. Hija ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, anke fuq livell ta' esperti.***

**[Emenda 8]**

▌

**[Emenda 9]**

(11) ***Il-livelli*** massimi permissibbli ***ta' kontaminazzjoni radjuattiva għandhom jiġu riveduti regolarment sabiex*** iqisu kif imiss ***l-avvanzi u*** l-pariri xjentifiċi l-iktar riċenti li jkun hemm fil-mument fuq livell internazzjonali, ▌jirriflettu l-ħtieġa li jserrħu moħħ il-pubbliku ***u jipprovduh b'livell għoli ta' protezzjoni,*** u jevitaw li jkun hemm diverġenzi fil-prattika regolatorja internazzjonali.

**[Emenda 10]**

***(12) Il-livelli ta' radjoattività kkawżati minn kontaminazzjoni wara li jkun seħħ inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika għandhom jitqiesu flimkien mal-livelli naturali ta' radjoattività diġà preżenti, li infushom jistgħu jisbqu l-limiti ta' sikurezza stabbiliti.***

**[Emenda 11]**

***(13) L-Annessi I, II u III għandhom iqisu l-effett tad-degradazzjoni parzjali tal-iżotopi radjoattivi matul il-ħajja ta' fuq l-ixkaffa tal-oġġetti tal-ikel priservati. Abbażi tat-tip ta' kontaminazzjoni, per eżempju kontaminazzjoni b'iżotopi tal-jodju, ir-radjoattività tal-ikel ippriservat għandha tiġi ssorveljata b'mod kostanti.***

**[Emenda 12]**

▌

**[Emendi 13, 14 u 15]**

[1] ĠU L 371, 30.12.1987, p. 76.

(14) Oġġetti tal-ikel li għandhom jiġu kkunsidrati ta' importanza minuri, huma dawk ta' importanza minuri fid-dieta li jagħtu biss kontribut marġinali lill-konsum tal-ikel tal-popolazzjoni. ▌

**[Emenda 16]**

(15) ***Għandhom japplikaw il-prinċipji ġenerali tal-liġi dwar l-ikel kif stipulati fl-Artikoli 5 sa 21 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel (***[1]***).*** Il-konformita' mal-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva għandha tkun suġġetta għal verifiki adegwati ***u għal kontrolli uffiċjali mill-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament,***

**[Emenda 17]**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistabblixxi l-proċedura biex jitqiesu l-livelli massimi permissibli ta' kontaminazjoni radjoattiva ta' ikel u għalf li jistgħu jitqiegħdu fis-suq wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika li jista' jwassal jew li jkun wassal għal kontaminazjoni radjoattiva sinifikanti ta' ikel u għalf.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "oġġetti tal-ikel" tfisser prodotti li jistgħu jittieklu mill-bniedem minnufih jew wara pproċessar;

(b) "għalf" tfisser prodotti li jistgħu jittieklu biss mill-annimali.

Artikolu 2

1. Fil-każ li l-Kummissjoni tirċievi - partikolarment skond l-arranġamenti tal-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika għal bdil malajr ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika jew skond il-Konvenzjoni IAEA tas-26 ta' Settembru 1986, dwar notifika malajr ta' inċident nukleari - informazjoni uffiċjali dwar inċidenti nukleari jew kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika, li turi li l-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva għall-ikel stabbiliti f'Anness I jew il-livelli massimi permissibbli għall-għalf stabbiliti fl-Anness III, jistgħu jintlaħqu jew li jkunu ntlaħqu, hija għandha tadotta minnufih ***deċiżjoni li tiddikjara li seħħ inċident nukleari jew emerġenza radjoloġika u tapplika*** dawk il-livelli massimi permissibbli.

**[Emenda 18]**

2. It-terminu ta' validità ***tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1*** m'għandux jaqbeż it-tliet xhur ▌.

**[Emenda 19]**

***3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat ta' esperti xjentifiċi indipendenti dwar is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-ikel. Il-membri tal-kumitat għandhom jintgħażlu skont kriterji xjentifiċi. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kompożizzjoni tal-kumitat ta' esperti u d-dikjarazzjoni tal-interessi tal-membri tiegħu.***

**[Emenda 20]**

▌

**[Emendi 21 u 22]**

[1] ***ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.***

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

Artikolu 3

Sabiex ***tqis*** kull informazzjoni xjentifika ġdida li tkun disponibbli***, jew, jekk ikun meħtieġ wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika***, il-Kummissjoni għandha ***tadatta l-Annessi I, II u III permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 4 u soġġetti għall-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5 u 6***.

▌

**[Emenda 23]**

***Artikolu 4***

***Eżerċizzju tad-delega***

***1. Is-setgħa biex tadotta l-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 3 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn … (1). Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tas-setgħa ddelegata mhux aktar tard minn sitt xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa tiġġedded awtomatikament għal perjodi bl-istess tul taż-żmien, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jirrevokaha skont l-Artikolu 5.***

***2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

***3. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 5 u 6.***

**[Emenda 24]**

***Artikolu 5***

***Revoka tad-delega***

***1. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3 tista' tiġi rrevokata mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi kwalunkwe mument.***

***2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delega tas-setgħa għandha tagħmel ħilitha biex tgħarraf lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni aħħarija, billi tindika s-setgħa ddelegata li tista' tkun soġġetta għal revoka u r-raġunijiet li jista' jkun hemm għal revoka.***

***3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ minnufih jew f'data aktar tard fiha speċifikata. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***

**[Emenda 25]**

***Artikolu 6***

***Oġġezzjonijiet għall-atti ddelegati***

***1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att iddelegat fi żmien perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika.***

***Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.***

(1) ***OJ: Daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

***2. Jekk, meta jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att iddelegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data mniżżla fih.***

***L-att iddelegat jista' jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħol fis-seħħ qabel jiskadi dak il-perjodu, jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jkunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tagħhom li ma joġġezzjonawx.***

***3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għall-att iddelegat fi żmien il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjoni għall-att iddelegat.***

**[Emenda 26]**

Artikolu 7

1. Oġġetti tal-ikel u għalf li ma jkunux skond il-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva stabbiliti fl-Annessi I u III m'għandhomx jitqiegħdu fis-suq.

***Dan*** ir-Regolament, ***għandu japplika wkoll għal*** oġġetti tal-ikel jew għalf importati minn pajjiżi terzi***, dawk li jkunu fi tranżitu doganali u dawk li jkunu maħsuba għall-esportazzjoni***.

**[Emenda 27]**

2. Kull Stat Membru għandu jagħti lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment każi fejn ma jitharsux il-livelli massimi permissibbli ***ta' kontaminazzjoni radjuattiva***. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik l-informazzjoni lill-Istati Membri l-oħra.

***3. L-Istati Membri għandhom jimmoniterjaw il-konformità mal-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva fit-territorju tagħhom. Għal dak il-fini l-Istati Membri għandhom iħaddmu sistema ta' kontrolli uffiċjali tal-prodotti tal-ikel u tal-għalf, u jwettqu attivitajiet oħrajn li jkunu xierqa fiċ-ċirkustanzi, inkluż tgħarrif lill-pubbliku dwar is-sikurezza u r-riskji tal-prodotti tal-ikel u tal-għalf, skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.***

**[Emenda 28]**

***4. Sa Marzu 2012, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar kemm ikun xieraq mekkaniżmu biex jiġu kkumpensati bdiewa li l-prodotti tal-ikel tagħhom ġew kontaminati 'lil hinn mill-livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjuattiva u għaldaqstant ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq. Dak il-mekkaniżmu għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Dak ir-rapport għandu, jekk ikun xieraq, ikun akkumpanjat b' proposta leġislattiva li twaqqaf tali mekkaniżmu.***

Artikolu 8

Lista ta' oġġetti tal-ikel ta' importanza minuri hija mniżżla f'Anness II.

▌

**[Emenda 29]**

***Artikolu 9***

***1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta, sa Marzu tal-2012, rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ix-xerqien tal-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva stipulati fl-Annessi I u III, u dwar l-adegwatezza li tinżamm lista ta' prodotti tal-ikel ta' importanza minuri, kif stipulat fl-Anness II.***

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

***2. Dak ir-rapport għandu, b'mod partikulari, jeżamina l-konformità tal-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva mal-limitu ta' doża effikaċi ta' 1 mSv/y fir-rigward tal-membri tal-pubbliku skont il-kundizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 96/29/Euratom u għandu jqis l-inklużjoni possibbli ta' radjonuklidi relevanti oħra fl-Annessi I u III. Fil-valutazzjoni tal-livelli massimi permissibbli, ir-rapport għandu jiffoka fuq il-protezzjoni tal-aktar gruppi tal-popolazzjoni li huma vulnerabbli, b'mod partikulari t-tfal, u jistudja jekk ikunx xieraq li, abbażi ta' hekk, jiġu ffissati livelli massimi permissibbli għall-kategoriji kollha tal-popolazzjoni.***

**[Emenda 30]**

Artikolu 10

Ir-Regolament (Euratom) Nru 3954/87 u Regolamenti tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 944/89 u Nru 770/90 huma mħassra.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl- għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

ANNESS I

**[Emenda 31]**

LIVELLI MASSIMI PERMISSIBBLI TA' KONTAMINAZZJONI RADJUATTIVA GĦAL OĠĠETTI TAL-IKEL (Bq/Kg)

| | Oġġetti tal-ikel (1) | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Ikel tat-trabi (2) | Prodotti tal-ħalib (3) | Oġġetti oħra tal-ikel ħlief oġġetti minuri tal-ikel (4) | Oġġetti likwidi tal-ikel (5) |
| Iżotopi ta' strontium, l-aktar Sr-90 | 75 | 125 | 750 | 125 |
| Iżotopi tal-jodju, l-aktar I-131 | 150 | 500 | 2 000 | 500 |
| Iżotopi ta' elementi tal-plutonju u tat-trans-plutonjuli jarmu-Alpha, l-aktar Pu-239, Am-241 | 1 | 20 | 80 | 20 |
| In-nuklidi l-oħra kollha li għandhom nofs ħajja akbar minn 10t'ijiem, l-aktar Cs-134, Cs-137 (6) | 400 | 1 000 | 1 250 | 1 000 |

(1) Il-livell massimu permissibbli applikabbli għal prodotti konċentrati jew imnixxfa huma ikkalkulati fuq il-bażi tal-prodott rikostitwit bħala lest għal konsum. Stati Membri jistgħu wkoll jagħmlu rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet ta' tidwib sabiex ikunu assigurati li l-livelli massimi permissibbli stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu osservati.

(2) Ikel tat-trabi hu definit bħala ***formuli tat-trabi, inklużi l-ħalib fit-trab għat-trabi, il-ħalib fi trab ta' segwitu u*** prodotti tal-ikel ***ekwivalenti*** intenzjonati ***għat-tfal*** żgħar ***taħt l-età ta' tnax il-xahar***, li jilħqu, fihom infushom, il-ħtiġijiet nutrizzjonali ta' din il-kategorija ta' persuna u li jkunu mqiegħda għal bejgħ bl-imnut f'pakketti li jkunu identifikabbli b'mod ċar u bit-tikketta "preparazzjoni ta' ikel għat-trabi".

(3) (Prodotti mill-ħalib huma definiti bħala dawk il-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM li ġejjin, inklużi, fejn xieraq, kwalunkwe aġġustamenti li jistgħu isirulhom aktar tard: 0401, 0402(ħlief 0402 29 11).

(4) Oġġetti minuri tal-ikel u livelli massimi permissibbli korrispondenti li jiġu applikati lilhom huma stipulati fl-Anness II.

(5) Oġġetti tal-ikel likwidi kif definiti fl-intestatura 2009 u f'kapitolu 22 tan-nomeniklatura magħquda. Valuri huma kalkulati billi jittieħed akkont tal-konsum tal-ilma tal-vit u l-istess valuri għandhom ikunu applikati għal fornizzjoni ta' ilma tax-xorb fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

(6) Karbon 14, tritju u potassa 40 ma humiex inklużi f'dan il-grupp.

ANNESS II

Lista ta' oġġetti tal-ikel ta' importanza minuri

Għall-oġġetti tal-ikel ta' importanza minuri stabbiliti f'Anness II, il-livelli massimi permessi ta' kontaminazzjoni radjuattiva li għandhom jiġu applikati huwa 10 darbiet dawk li japplikaw għall-"oġġetti oħra tal-ikel għajr l-oġġetti tal-ikel ta' importanza minuri" ffissati fl-Anness I.

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 0703 20 00 | It-tewm (frisk jew imkessaħ) |
| 0709 59 50 | It-tartuf (faqqiegħ) (frisk jew imkessaħ) |
| 0709 90 40 | Il-kappar (frisk jew imkessaħ) |
| 0711 90 70 | Il-kappar (ippriservat proviżorjament, imma mhux tajjeb għall-konsum immedjat f'dan l-istat) |
| ex 0712 39 00 | It-tartuf (faqqiegħ) (imnixxef, sħiħ, imqatta', imfellel, imfarrak jew fi trab, imma mhux imħejji iktar) |
| 0714 | Il-kassava, l-ararut, id-dqiq tal-ararut, il-qaqoċċ ta' Ġerusalemm, il-patata ħelwa u għeruq u tuberi simili b'kontenut għoli tal-lamtu jew tal-inulin, friski jew imqadda, sew jekk imfella u sew jekk le jew fil-għamla ta' bocci; il-laħam tas-sagu |
| 0814 00 00 | Il-qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettiħ (inkluż id-dulliegħ), friska, iffriżata, imqadda jew proviżorjament ippriservata fis-salmura, fl-ilma bil-kubrit jew f'xi soluzzjoni priservattiva oħra |
| 0903 00 00 | Il-Maté |

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 0904 | Il-bżar tar-razza Piper; il-frott niexef jew mgħaffeg tar-razza Capricum jew tar-razza Pimenta |
| 0905 00 00 | Il-Vanilla |
| 0906 | Il-kannella u l-fjuri tas-siġra tal-kannella |
| 0907 00 00 | It-tewm (sħiħ, snien jew aħdar) |
| 0908 | In-noċimuskata, il-qoxra ta' barra tan-noċimuskata u l-kardamonju |
| 0909 | Iż-żerriegħa tal-aniż, il-badjan, il-bużbież, il-kosbor, il-kemmun jew il-ħlewwa; il-kukku tal-Għorghaes |
| 0910 | Iż-żinżel, iż-żagħfran, it-turmeriku (kurkuma), is-sagħtar, il-weraq tar-rand, il-curry u ħwawar oħra |
| 1106 20 | Id-dqiq, is-smid u t-trab tas-sagu, jew tal-għeruq jew tat-tuberi tal-intestatura Nru 0714 |
| 1108 14 00 | Il-lamtu tal-kassava (Manioc) |
| 1210 | Il-koni tal-ħopp, friski jew imqadda, sew jekk mitħuna u sew jekk le, f'għamla ta' trab jew f'gerbub; il-lupulin |
| 1211 | Pjanti u partijiet ta' pjanti (inklużi ż-żrieragħ u l-frott), tat-tip użati primarjament fil-perfumerija, fil-farmaċija jew fl-insettiċidi, fil-funġiċidi jew għal skopijiet simili, friski jew imqadda, sew jekk imqatta' u sew jekk le, misħuqa jew mitħuna |
| 1301 | Il-gommalakka; il-gomma naturali, it-teżini, it-teżini tal-gomma u oleoreżini (eżempju, balsamiċi |
| 1302 | Is-sugu u l-estratti tal-ħxejjex tal-ikel; is-sustanzi pektiċi, pektinati u pektati; l-agar-agar u l-mucillaġni u materjal ieħor li jgħaqqad, sew jekk modifikat u sew jekk le, derivati minn prodotti tal-ħxejjex tal-ikel |
| 1504 | Ix-xaħmijiet u ż-żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew ta' mammali marini, sew jekk raffinati u sew jekk le, imma mhux modifikati kimikament |
| 1604 30 | Il-kavjar u s-sostituti tal-kavjar |
| 1801 00 00 | Iż-żerriegħa tal-kawkaw, sħiħa jew imfarrka, nejja jew inkaljata |
| 1802 00 00 | Il-qoxra tal-kawkaw, il-qoxra ta' barra, il-ħliefa jew ħela ieħor tal-kawkaw |
| 1803 | Il-pejst tal-kawkaw/kokotina, sew jekk bix-xaħam u sew jekk le |
| 2003 20 00 | It-tartuf (faqqiegħ) (imħejji jew ippriservat għajr milli fil-ħall jew fl-aċidu aċetiku) |
| 2006 00 | Il- ħaxix, frott, il-ġewż, il-qoxra tal-ġewż u partijiet oħra tal-pjanti, ippriservati biz-zokkor (bl-ilma mneħħi, miksija biz-zokkor maħlul jew ikkristalizzati) |
| 2102 | Il-ħmira (attiva jew inattiva); u mikrorganiżmi oħra ta' ċellula waħda, mejta (imma ma jinkludux vaċċini tal-intestatura Nru 3002); baking powder imħejji |
| 2936 | Il-provitamini u l-vitamini, naturali jew riprodotti b'sintesi (inklużi l-konċentrati naturali), id-derivattivi tagħhom użati primarjament bħala vitamini, u taħlitiet ta' dawn l-imsemmija, sew jekk f'xi solventi u sew jekk le |
| 3301 | Iż-żjut essenzjali (sewwa jekk mingħajr terpentini u sewwa jekk le), inklużi l-konkreti u l-assoluti; ir-reżinojdi, l-oleoresin estratti; il-konċentrati ta' żjut essenzjali f'xaħmijiet, jew fi żjut li jgħaqqdu, f'xama' u simili, miksuba b'infloraġġ jew bil-maċerazzjoni; il-prodotti sekondarji terpeniċi mid-deterpenazzjoni taż-żjut essenzjali, id-distillati akwei u s-soluzzjonijiet akwei taż-żjut essenzjali. |

ANNESS III

Livelli massimi permessi ta' kontaminazzjoni radjoattiva (kasju 134 u kasju 137) fl-oġġetti tal-ikel

| Annimali | Bq/kg [1] [2] |
|---|---|
| Qżieqeż | 1 250 |
| Tjur, ħrief, għoġla | 2 500 |
| Oħrajn | 5 000 |

[1] Dawn il-livelli massimi permissibbli huma intenzjonali li jikkontribwixxu għall-osservanza tal-livelli massimi permessi għall-għalf; waħedhom ma jiggarantixxux din l-osservanza fiċ-ċirkostanzi kollha u ma jnaqqsux il-ħtieġa għal sorveljanza tal-livelli ta' kontaminazzjoni fi prodotti li jkunu ġejjin mill-annimali destinati għall-konsum mill-bnedmin.
[2] Dawn il-livelli massimi permissibbli japplikaw għal għalf li jkun lest għall-konsum.

ANNEX IV

Regolamenti mħassra

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87 | (ĠU L 371, 30.12.1987, p. 11) |
| Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 2218/89 | (ĠU L 211, 22.7.1989, p. 1) |
| Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 944/89 | (ĠU L 101, 13.4.1989, p. 17) |
| Regolament tal- Kummissjoni (Euratom) Nru 770/90 | (ĠU L 83, 30.3.1990, p. 78) |

ANNEX V

Tabella Ta' Korrelazzjoni

| Regolament (Euratom) Nru 3954/87 | Regolament (Euratom) Nru 944/89 | Regolament (Euratom) Nru 770/90 | Dan ir-Regolament |
|---|---|---|---|
| Artikoli 1 u 2 | | | Artikoli 1 u 2 |
| Artikolu 5 | | | Artikolu 3 |
| | | | Artikolu 4 |
| | | | Artikolu 5 |
| | | | Artikolu 6 |
| Artikolu 6(1) l-ewwel u t-tieni sentenza | | | Artikolu 7(1) l-ewwel u t-tieni subparagrafu |
| Artikolu 6(2) | | | Artikolu 7(2) |
| | Artikolu 1 | | Artikolu 8 |
| | Artikolu 2 | | Anness II |
| | | Artikolu 1 | Artikolu 2(1) |
| | | | Artikolu 9 |
| | | | Artikolu 10 |

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

| Regolament (Euratom) Nru 3954/87 | Regolament (Euratom) Nru 944/89 | Regolament (Euratom) Nru 770/90 | Dan ir-Regolament |
|---|---|---|---|
| Artikolu 8 | | | Artikolu 11 |
| Anness | | | Anness I |
| | Anness | | Anness II |
| | | Anness | Anness III |
| | | | Anness IV |
| | | | Anness V |

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

## Prodotti mediċinali foloz ***I

P7_TA(2011)0056

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/83/KE rigward il-prevenzjoni tad-dħul ta' prodotti mediċinali fil-katina legali tal-provvista li huma foloz fir-rigward ta' identità, storja jew sors (COM(2008)0668 – C6-0513/2008 – 2008/0261(COD))**

(2012/C 188 E/28)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2008)0668),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0513/2008),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill intitolata "Konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fuq il-proċeduri interistituzzjonali ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddejjin bħalissa" (COM(2009)0665),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3), l-Artikolu 114 u l-Artikolu 168(4)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Lulju 2009 [1],

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-7 ta' Ottubru 2009 [2],

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-21 ta' Diċembru 2010, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0148/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif stabbilita hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta tagħha b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C 317, 23.12.2009, p. 62.
[2] ĠU C 79, 27.3.2010, p. 50.

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

## P7_TC1-COD(2008)0261

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' Frar 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, rigward il-prevenzjoni tad-dħul fil-katina legali tal-provvista ta' prodotti mediċinali falsifikati**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2011/62/UE)*

## Il-klawżola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Korea ***I

P7_TA(2011)0061

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawżola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Korea (COM(2010)0049 – C7-0025/2010 – 2010/0032(COD))**

(2012/C 188 E/29)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0049),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294 u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0025/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tat-22 ta' Diċembru 2010 li l-pożizzjoni tal-Parlament tiġi approvata, skont l-Artikolu 294(4) tat-trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0210/2010),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif imniżżel hawn taħt [1];

2. Japprova l-istqarrija konġuneta mill-Parlament u l-Kummissjoni annessa ma din ir-Riżoluzzjoni;

3. Jieħu nota tal-istqarrija tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-Riżoluzzjoni;

4. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

[1] Din il-pożizzjoni tieħu post l-emendi adottati fis-7 ta' Settembru 2010 (Testi adottati, P7_TA(2010)0301)

---

## P7_TC1-COD(2010)0032

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-17 ta' Frar 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Korea**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 511/2011)*

---

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

ANNESS I

**Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim fl-ewwel qari bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-Regolament dwar is-Salvagwardja.

Kif previst fir-Regolament, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea u se tkun lesta li tiddiskuti mal-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-Ftehim.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni lejn dan li ġej:

a) Il-Kummissjoni se timmonitora mill-qrib l-implimentazzjoni mill-Korea tal-impenji tagħha dwar kwistjonijiet regolatorji, inklużi b'mod partikolari l-impenji relatati mar-regolamenti tekniċi fis-settur tal-karozzi. Il-monitoraġġ għandu jinkludi l-aspetti kollha tal-ostakli mhux tariffarji u r-riżultati tiegħu għandhom jiġu dokumentati u rrapurtati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

b) Il-Kummissjoni se tagħti wkoll importanza partikolari lill-implimentazzjoni effettiva tal-impenji dwar ix-xogħol u l-ambjent tal-Kapitolu 13 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tfittex il-parir tal-Grupp Konsultattiv Domestiku, li se jinkludi rappreżentanti mill-organizzazzjonijiet tan-negozju, l-unjons u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi. L-implimentazzjoni tal-Kapitolu 13 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles għandu jiġi dokumentat kif xieraq u għandu jintbagħat rapport dwaru kif xieraq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Il-Kummissjoni taqbel ukoll dwar l-importanza li tiġi provduta protezzjoni effettiva fil-każ ta' żiediet f'salt fl-importazzjoni f'setturi sensittivi, inklużi dak tal-karozzi żgħar. Il-monitoraġġ tas-setturi sensittivi għandu jinkludi l-karozzi, it-tessuti u t-tagħmir elettroniku għall-konsumatur. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li s-settur tal-karozzi żgħar jista' jitqies bħala suq relevanti għall-iskop ta' investigazzjoni ta' salvagwardja.

Il-Kummissjoni tinnota li l-għażla ta' żoni ta' proċessar għal barra fil-Peniżola Koreana, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tal-Protokoll dwar ir-Regoli ta' Oriġini, se tirrikjedi ftehim internazzjonali bejn il-Partijiet li għalih il-Parlament Ewropew ikun irid jagħti l-kunsens tiegħu. Il-Kummissjoni se żżomm lill-Parlament infurmat bis-sħiħ dwar id-deliberazzjonijiet mill-Kumitat dwar iż-Żoni ta' Proċessar għal barra fil-Peniżola Koreana.

Finalment, il-Kummissjoni tinnota wkoll li jekk minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali tiddeċiedi li testendi t-tul tal-investigazzjoni skont l-Artikolu 5(3), hi se tiżgura li tali żmien estiż ma jaqbiżx id-data ta' skadenza ta' ebda miżura provviżorja introdotta skont l-Artikolu 7.

ANNESS II

**Dikjarazzjoni konġunta**

Il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew jaqblu dwar l-importanza ta' koperazzjoni mill-qrib fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea u r-Regolament ta' Salvagwardja. Għal dan il-għan huma jaqblu fuq dan li ġej:

— Fil-każ li l-Parlament Ewropew jadotta rakkomandazzjoni biex jibda investigazzjoni ta' salvagwardja, il-Kummissjoni se teżamina bir-reqqa jekk ġewx sodisfatti l-kundizzjonijiet skont ir-Regolament għal inizjazzjoni *ex officio*. Fil-każ li l-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet ma ġewx sodisfatti, hi se tippreżenta rapport lill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew li jinkludi spjegazzjoni tal-fatturi kollha relevanti għall-inizjazzjoni ta' investigazzjoni bħal din.

— Fuq talba mill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lilu dwar kwalunkwe tħassib speċifiku relatat mal-implimentazzjoni mill-Korea tal-impenji tagħha dwar miżuri mhux tariffarji jew dwar il-Kapitolu 13 (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli) tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles.

# L-għoti ta' garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal proġetti barra mill-UE ***I

P7_TA(2011)0062

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal proġetti barra mill-Unjoni Ewropea (COM(2010)0174 – C7-0110/2010 – 2010/0101(COD))**

(2012/C 188 E/30)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2010)0174),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 209 u 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0110/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, il-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0019/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

## P7_TC1-COD(2010)0101

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-17 ta' Frar 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru .../2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal proġetti barra mill-Unjoni Ewropea**

**[Emenda 1, sakemm mhux indikat mod ieħor]**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 209 u 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-proposta leġiżlattiva lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Flimkien mal-missjoni ċentrali tiegħu li jiffinanzja l-investiment fl-Unjoni Ewropea, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) mill-1963 wettaq operazzjonijiet ta' finanzjament barra l-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-politiki esterni tal-UE. Dan jippermetti li fondi baġitarji tal-UE disponibbli għar-reġjuni esterni jiġu kkumplimentati mis-saħħa finanzjarja tal-BEI għall-benefiċċju tal-pajjiżi ***riċeventi. Meta jidħol f'dawn l-operazzjonijiet ta' finanzjament, il-BEI jikkontribwixxi għall-prinċipji ta' gwida ġenerali u l-objettivi politiċi tal-Unjoni, inkluż l-iżvilupp tal-pajjiżi terzi u l-prosperità tal-Unjoni f'ċirkostanzi ekonomiċi globali li nbidlu. L-operazzjonijiet tal-BEI bħala appoġġ għall-politika esterna tal-Unjoni iridu jkomplu jitwettqu f'konformità mal-prinċipji ta' prattika bankarja soda.***

***(2) L-Artikolu 209 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropew (TFUE), flimkien mal-Artikolu 208 TFUE, jistipula li l-BEI għandu jikkontribwixxi, skont it-termini stipulati fl-Istatut tiegħu, għall-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jiġu promossi l-objettivi tal-politika ta'kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni.***

(3) Bil-ħsieb li tiġi sostnuta l-azzjoni esterna tal-Unjoni, u biex il-BEI ikun jista' jiffinanzja investiment barra mill-Unjoni mingħajr ma jaffettwa l-pożizzjonament kreditarju tiegħu, il-biċċa l-kbira tal-operazzjonijiet tiegħu fir-reġjuni esterni bbenefikaw minn garanzija baġitarja tal-UE amministrata mill-Kummissjoni.

(4) Riċentement, il-garanzija tal-UE ġiet stabbilita għall-perjodu 2007-2011 permezz tad-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-għotja ta' garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għall-proġetti barra mill-Komunità ([2]).

(5) Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni (il-"Fond ta' Garanzija"), li ġie stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni (verżjoni kkodifikata) ([3]), jipprovdi riżerva ta' likwidità għall-baġit tal-UE kontra t-telf fuq operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI u azzjonijiet esterni oħra tal-UE.

(6) Kif rikjest mid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE, il-Kummissjoni u l-BEI ħejjew analiżi ta' nofs it-terminu tal-finanzjament estern tal-BEI, abbażi ta' valutazzjoni esterna indipendenti sorveljata minn grupp ta' direzzjoni ta' "persuni għorrief", analiżi permezz ta' konsulenza esterna, u valutazzjonijiet speċifiċi prodotti mill-BEI. Nhar it-12 ta' Frar 2010, il-grupp ta' direzzjoni ressaq rapport quddiem il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-BEI bil-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

([1]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011.
([2]) ĠU L 190, 22.7.2009, p. 1.
([3]) ĠU L 145, 10.6.2009, p. 10.

(7) Ir-rapport tal-grupp ta' direzzjoni kkonkluda li l-garanzija tal-UE għall-BEI huwa strument politiku effiċjenti u b'saħħtu b'influwenza finanzjarja u politika qawwija u li din il-garanzija għandha tinżamm ħalli tkopri r-riskji ta' natura politika jew sovrana. Ġew proposti ċerti emendi għad-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE biex jiġi żgurat li jkun hemm valur miżjud u effiċjenza massimi fl-operazzjonijiet esterni tal-BEI.

***(8) Meta jitfassal il-qafas finanzjarju multiannwali, l-ammonti koperti mill-garanzija tal-UE għandhom jiġu miżjuda b'mod sostanzjali sabiex titkabbar l-effikaċja u l-viżibilità tal-azzjoni tal-UE lil hinn mill-fruntieri tagħha b'konformità mat-Trattat ta' Lisbona.*** [Emenda 2]

***(9) Il-lista tal-pajjiżi eliġibbli jew potenzjalment eliġibbli għal finanzjament mill-BEI kopert mill-garanzija tal-UE hija stabbilita fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni u ġiet estiża meta mqabbla mal-lista fl-Anness I għad-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE.***

(10) L-ammonti koperti mill-garanzija tal-UE f'kull reġjun għandhom ikomplu jirrappreżentaw limiti massimi għall-finanzjament mill-BEI skont il-garanzija tal-UE u mhux miri li l-BEI jiġi rikjest li jissodisfa.

***(11) L-estensjoni tal-mandat estern tal-BEI għal pajjiżi ġodda mingħajr ir-reviżjoni tal-limiti massimi għall-finanzjament tal-BEI kopert mill-garanzija tal-UE de facto tnaqqas l-ammont ta' self tal-BEI disponibbli għal kull pajjiż taħt il-mandat estern tiegħu. Sabiex jiġi evitat li tiddgħajjef l-azzjoni tal-BEI fil-pajjiżi fejn jintervjeni l-BEI, dawn il-limiti massimi għandhom ikunu aġġustati skont dan.***

(12) Barra mil-limiti massimi reġjonali, il-mandat fakultattiv ta' EUR 2 000 000 000 għandu jiġi attivat u allokat bħala pakkett li jsostni l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI fil-qasam tat-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha madwar ir-reġjuni koperti mill-mandat. Il-BEI jista' jikkontribwixxi permezz tal-għarfien espert u r-riżorsi tiegħu, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, ħalli jsostni lill-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll lis-settur privat biex dawn jindirizzaw l-isfida tal-bidla fil-klima u jużaw bl-aħjar mod possibbli l-finanzjament disponibbli. Għal proġetti ta' taffija u adattament, ir-riżorsi tal-BEI ▌ għandhom jiġu kkumplimentati ***sa kemm ikun possibbli*** minn fondi konċessjonali disponibbli skont il-baġit tal-UE, permezz tat-taħlit effiċjenti u konsistenti ta' għotjiet u self għal finanzjament konness mal-bidla fil-klima fil-kuntest tal-assistenza esterna tal-UE. ***F'dan ir-rigward, huwa xieraq li r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandu jkollu rapport dettaljat dwar l-istrumenti finanzjarji użati għall-iffinanzjar ta' dawn il-proġetti, li jidentifikaw l-ammonti ta' finanzjament tal-BEI li jaqgħu taħt il-mandat fakultattiv u l-ammonti korrispondenti ta' għotjiet u self.***

***(13) L-eliġibbiltà li pajjiż jirċievi finanzjament tal-BEI għat-taffija tal-bidla fil-klima taħt il-garanzija tal-UE tista' tiġi ristretta għall-pajjiżi li skont il-Kunsill ma impenjawx irwieħhom biex jilħqu miri adegwati marbuta mat-tibdil fil-klima. Il-Kunsill jista' jimponi tali restrizzjonijiet qabel ma l-BEI jimpenja fondi għall-pajjiżi rispettivi skont il-mandat tal-bidla fil-klima. Il-Kunsill għandu jikkonsulta lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Kummissjoni qabel jieħu deċiżjoni biex jimponi restrizzjonijiet.***

***(14) Il-BEI għandu jipprepara għall-implimentazzjoni potenzjali, ta' finanzjament tal-mikrokreditu sabiex itejjeb l-aċċess ta' dawk l-aktar fil-bżonn għall-finanzjament bankarju, bil-għan tal-iżvilupp ta' mikroproġetti li joħolqu l-ġid u t-tnaqqis tal-faqar.*** [Emenda 3]

***(15) Il-BEI għandu jitħalla jinvesti mill-ġdid il-kapital ta' riskju u r-riflussi tas-self speċjali minn operazzjonijiet preċedenti, bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni, biex jiffinanzja operazzjonijiet ġodda tal-istess ordni ħalli jassisti lil pajjiżi sħab, kif propost mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1638/2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija*** [1].

[1] ***COM(2008)0308.***

(16) Għandha tiġi pprovduta xi flessibbiltà fir-rigward tal-allokazzjoni reġjonali skont il-Mandat dwar il-Bidla fil-Klima biex tippermetti għall-aktar aċċettazzjoni effettiva u mħaffa tal-finanzjament disponibbli fil-perjodu ta' 3 snin 2011-2013***, waqt li jsir kull sforz possibbli biex tiġi żgurata*** distribuzzjoni bbilanċjata fir-reġjuni ***tul il-perjodu***, abbażi tal-prijoritajiet stabbiliti għall-għajnuna esterna skont il-Mandat Ġenerali.

(17) ▌Il-valutazzjoni sabet li minkejja l-operazzjonijiet tal-BEI imwettqa fil-perjodu kopert mill-valutazzjoni (2000-2009) kienu ġeneralment konformi mal-politiki esterni tal-UE, ir-rabta bejn l-għanijiet politiċi tal-UE u l-implimentazzjoni operattiva tagħhom mill-BEI għandha tissaħħaħ u ssir aktar espliċita u strutturata.

(18) Biex titqawwa l-koerenza tal-mandat, tissaħħaħ il-konċentrazzjoni tal-attività ta' finanzjament estern tal-BEI fuq il-politiki ta' appoġġ tal-UE, u għall-benefiċċju massimu tal-benefiċjarji, din id-Deċiżjoni għandha tiffissa għanijiet orizzontali ta' livell għoli fil-mandat għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fil-pajjiżi kollha eliġibbli, fuq is-sies tal-aspetti komparattivement b'saħħithom tal-BEI f'oqsma fejn fl-imgħoddi dan ta xhieda ta' ħidma pożittiva. Fir-reġjuni kollha koperti minn din id-Deċiżjoni, il-BEI għandu għalhekk jiffinanzja proġetti fl-oqsma tat-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha, l-infrastruttura soċjali u ekonomika (notevolment fit-trasport, l-enerġija inkluża l-enerġija rinovabbli, ***ir-riċerka u l-iżvilupp dwar sorsi ġodda ta' enerġija,*** is-sigurtà tal-enerġija, ***l-infrastruttura tal-enerġija,*** l-infrastruttura ambjentali inklużi l-ilma u s-sanità, kif ukoll it-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), u l-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs). ***Għandu jitfakkar li titjib tal-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament jista' jiżvolġi rwol essenzjali fl-istimolu tal-iżvilupp ekonomiku u fil-ġlieda kontra l-qgħad.*** F'dawn l-oqsma, l-integrazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi msieħba, inkluża l-integrazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi preadeżjonali, il-pajjiżi ġirien u l-Unjoni, għandha tkun għan bażiku tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI. ***Il-BEI jista' jappoġġja l-preżenza tal-UE fil-pajjiżi sħab permezz ta' investiment barrani dirett li jikkontribwixxi għall-promozzjoni tat-trasferiment tat-teknoloġija u tal-għerf jew taħt il-garanzija tal-UE għall-investimenti fl-oqsma msemmija hawn fuq, jew b'riskju tiegħu stess.***

***(19) Biex jiġu stabbiliti b'mod effikaċi relazzjonijiet mal-SMEs, il-BEI għandu jikkoopera mal-istituzzjonijiet finanzjarji intermedjarji lokali fil-pajjiżi eliġibbli, b'mod partikulari biex jiżgura li parti mill-benefiċċji finanzjarji se jiġu mgħoddija lill-klijenti tagħhom, biex jivverifikaw il-proġetti tal-klijenti fir-rigward tal-għanijiet tal-iżvilupp tal-UE u li jipprovdu valur miżjud meta mqabbel mal-finanzjament tas-suq. L-attivitajiet tal-intermedjarji finanzjarji f'appoġġ għall-SMEs għandhom ikunu trasparenti għalkollox u jiġu rrappurtati regolarment lill-BEI.*** ▌

(20) ***Filwaqt li l-qawwa tal-BEI tibqa' l-karattru distint tiegħu bħala bank ta' investiment, skont din id-deċiżjoni,*** il-BEI għandu ***jinkwadra l-impatt fuq*** l-iżvilupp ***tal-operazzjonijiet esterni tiegħu*** f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni ***u taħt il-kontroll tal-Parlament Ewropew skont il-prinċipji*** tal-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp ***kif ukoll dawk stipulati fl-Artikolu 208 TFUE, flimkien mal-prinċipji tal-effikaċja tal-għajnuna deskritti fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005 u l-Aġenda għall-Azzjoni ta' Accra tal-2008.*** Dan għandu jiġi implimentat permezz ta' għadd ta' mezzi konkreti, b'mod partikolari billi tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li jivvaluta l-aspetti ***ambjentali***, soċjali u tal-iżvilupp tal-proġetti, inklużi r-riskji konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem u l-kunflitti, u billi titħeġġeġ il-konsultazzjoni lokali ***mal-awtoritajiet pubbliċi u mas-soċjetà ċivili. Meta jkun qed iwettaq id-diliġenza dovuta fir-rigward tal-proġett, il-BEI għandu jobbliga lill-promotur tal-proġett iwettaq konsultazzjonijiet lokali u jiżvela r-riżultati lill-pubbliku.*** Barra minn hekk, għandu jżid il-konċentrazzjoni tiegħu fuq oqsma fejn għandu għarfien espert minn operazzjonijiet ta' finanzjament fl-Unjoni u li jqawwu l-iżvilupp fil-pajjiż inkwistjoni, bħal, ***inter alia, l-aċċess tal-SMEs u l-mikroentitajiet għas-servizzi finanzjarji***, bħall-infrastruttura ambjentali inklużi l-ilma u s-sanità, it-trasportazzjoni sostenibbli u t-taffija tal-bidla fil-klima, partikolarment bl-enerġija rinovabbli. ***Il-finanzjament jista' wkoll jinkludi proġetti b'appoġġ tas-saħħa u l-edukazzjoni, partikolarment fl-infrastruttura, fejn hemm valur miżjud ċar.*** Il-BEI għandu kull ma jmur isaħħaħ ukoll l-attività tiegħu b'appoġġ ▌ għall-adattament għall-bilda fil-klima, billi fejn ikun xieraq jaħdem b'kooperazzjoni ma' Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali (IFI) u istituzzjonijiet finanzajrji bilaterali Ewropej (EBFIs). Dan ikun jeħtieġ aċċess għal riżorsi konċessjonali u żieda, ***f'perjodu ta' żmien raġonevoli***, fir-riżorsi umani ***speċjalizzati*** dedikati għall-attivitajiet esterni tal-BEI. L-attività tal-BEI għandha tkun kumplimentari għall-għanijiet u

l-prijoritajiet tal-UE relatati mat-tiswir istituzzjonali u r-riformi settorjali. Fl-aħħar nett, il-BEI għandu jiddefinixxi l-indikaturi ta' prestazzjoni li huma marbuta mal-aspetti tal-iżvilupp ***u tal-ambjent*** tal-proġetti u r-riżultati tagħhom.

(21) Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-funzjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni (Rappreżentant Għoli), inħolqot bil-għan li żżid l-impatt u l-koerenza tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni. ▌

***(22) F'dawn l-aħħar snin kien hemm ukoll twessigħ u tisħiħ tal-politiki tar-relazzjonijiet esterni tal-*** Unjoni***. Dan kien speċjalment il-każ għall-Istrateġija ta' Qabel l-Adeżjoni, għall-Politika tal-Viċinat Ewropew, għall-Istrateġija tal-UE għall-Ażja Ċentrali, għall-isħubiji mġedda mal-Amerika Latina u max-Xlokk tal-Ażja, kif ukoll għas-Sħubija Strateġika tal-*** Unjoni ***mar-Russja, iċ-Ċina u l-Indja. Dan jista' jingħad ukoll għall-politika tal-iżvilupp tal-*** Unjoni***, li issa ġiet estiża biex tinkludu l-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw. Mill-2007, ir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni ġew sostnuti wkoll permezz ta' strumenti finanzjarji ġodda, jiġifieri l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA), l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI), l-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) IATE u l-Istrument għall-Istabbiltà.***

***(23) Fid-dawl tal-ħolqien tas-SEAE u wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni u l-BEI għandhom jemendaw il-Memorandum ta' Ftehim dwar il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fir-reġjuni msemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1016/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra kontra telf minn self u garanziji għal self għall-proġetti barra mill-Komunità (***[1]***), u, jekk ikun il-każ, u bl-approvazzjoni tar-Rappreżentant Għoli, jestendu l-Memorandum ta' Ftehim il-ġdid biex jinkludi s-SEAE, l-aktar fir-rigward tad-djalogu regolari u sistematiku bejn il-BEI u l-Kummissjoni fuq livell strateġiku, li għandu jinkludu wkoll lis-SEAE, u aspetti oħrajn li jaqgħu taħt il-kompetenza tas-SEAE.***

(24) L-attività tal-BEI fil-pajjiżi Preadeżjonali ▌sseħħ fil-qafas stabbilit fis-Sħubijiet Adeżjonali u Ewropej li ffissaw il-prijoritajiet għal kull pajjiż, u għall-Kosovo ([2]), bil-ħsieb li jiġi rreġistrat progress fit-tqarrib lejn l- Unjoni, u li jipprovdu qafas għall-assistenza mill-UE. Il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAP) huwa l-qafas politiku tal-UE għall-Balkani tal-Punent. Dan huwa msejjes fuq sħubija progressiva, li fiha l- Unjoni toffri konċessjonijiet kummerċjali, assistenza ekonomika u finanzjarja u relazzjonijiet kuntrattwali permezz tal-Ftehimiet ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAAs). L-assistenza finanzjarja preadeżjonali, permezz tal-IPA, tgħin lill-kanditati u l-kanditati potenzjali jithejjew għall-obbligi u l-isfidi tal-isħubija fl- Unjoni. Din l-assistenza ssostni l-proċess ta' riformi, inklużi t-tħejjijiet għall-eventwalità li dawn il-pajjiżi jsiru membri. Din tiffoka fuq it-tiswir istituzzjonali, il-konformità mal-acquis communautaire, ▌it-tħejjija għall-politiki u l-istrumenti tal-UE ***u l-promozzjoni ta' miżuri biex tintlaħaq il-konverġenza ekonomika***.

***(25) Fit-twettiq tal-Artikolu 290(3) TFUE, il-BEI għandu jagħmel ħiltu biex jappoġġa indirettament il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tal-2015 fir-reġjuni kollha fejn ikun attiv.***

(26) L-attività tal-BEI fil-pajjiżi tal-Viċinat għandha sseħħ fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, li skontha l-Unjoni timmira li tiżviluppa relazzjoni speċjali mal-pajjiżi ġirien bil-ħsieb li tistabbilixxi żona ta' prosperità u relazzjonijiet tajbin fost il-pajjiżi ġirien, abbażi tal-valuri tal- Unjoni, ***bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem***, u kkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u fis-sliem msejsa fuq il-kooperazzjoni. Biex tikseb dawn l-għanijiet l-Unjoni u s-sħab tagħha jimplimentaw Pjanijiet ta' Azzjoni bilaterali maqbula flimkien li jiddefinixxu ġabra ta' prijoritajiet li jinkludu kwistjonijiet politiċi u tas-sigurtà, affarijiet kummerċjali u ekonomiċi, problemi ambjentali ***u soċjali*** u l-integrazzjoni tan-netwerk tat-trasport u l-enerġija ***bħall-proġett tal-pipeline tal-gass Nabucco u proġetti ta' pipelines tal-gass oħrajn, li huwa ta' interess partikolari għall-*** Unjoni. L-Unjoni għall-Mediterran, ***l-istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku***, is-Shubija tal-Lvant, u s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed huma inizjattivi reġjonali u multilaterali li jikkumplimentaw il-Politika Ewropea tal-Viċinat bil-għan li jrawmu l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-grupp rispettiv ta' pajjiżi msieħba ġirien li jiffaċċjaw sfidi komuni u/jew jaqsmu ambjent ġeografiku komuni. L-Unjoni għall-Mediterran ***għandha l-għan li tniedi mill-ġdid il-proċess ta' integrazzjoni Ewro-Mediterranja billi tappoġġja l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali konġunt u solidari fuq iż-żewġ xtut tal-Mediterran, u*** tappoġġja żvilupp soċjoekonomiku aħjar, is-solidarjetà, l-integrazzjoni reġjonali, l-iżvilupp sostenibbli u t-tiswir tal-għarfien, b'enfasi fuq il-ħtieġa li tiżdied il-kooperazzjoni finanzjarja għall-appoġġ reġjonali u l-proġetti transnazzjonali. ***L-Unjoni għall-Mediterran tappoġġja, b'mod***

([1]) ***ĠU L 414, 30.12.2006, p. 95.***

([2]) ***Skont ir-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.***

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

***partikolari, il-ħolqien ta' highways marittimi u tal-art, it-tneħħija tat-tniġġis fil-Mediterran, il-pjan għall-enerġija solari fil-Mediterran, l-Inizjattiva għall-Iżvilupp tan-Negozju fil-Mediterran, il-protezzjoni ċivili u l-università Ewro-Mediterranja. L-istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku tappoġġja ambjent sostenibbli u żvilupp ekonomiku u soċjali ottimali fir-reġjun tal-Baħar Baltiku***. L-Isħubija tal-Lvant għandha l-għan li toħloq il-kundizzjonijiet neċessarji biex titħaffef l-assoċjazzjoni politika u titkompla l-integrazzjoni ekonomika bejn l- Unjoni u l-pajjiżi Msieħba tal-Lvant, ***li ma jistax jinkiseb sakemm il-pajjiżi Msieħba tal-Lvant kollha ma jaderixxux għall-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.*** Il-Federazzjoni Russa u l-Unjoni għandhom Sħubija Strateġika fuq firxa wiesgħa, distinata mill-Politika Ewropea tal-Viċinat u espressa permezz tal-Ispazji Komuni u r-Rotot ta' Direzzjoni. ***Dawn huma kumplimentati*** fil-livell multilaterali mid-Dimensjoni tat-Tramuntana li tipprovdi qafas għall-kooperazzjoni bejn l-UE, ir-Russja, in-Norveġja u l-Islanda.

(27) L-attività tal-BEI fl-Amerika Latina għandha sseħħ fil-qafas tal-Isħubija Strateġika tal- Unjoni, l-Amerika Latina u l-Karibew. Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Settembru 2009 "L-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina: Parteċipanti Globali fi Sħubija" ([1]), il-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni lejn l-Amerika Latina huma t-tħeġġiġ tal-integrazzjoni reġjonali u l-qirda tal-faqar u l-inugwaljanza soċjali ħalli jitħeġġu s-sostenibbiltà ekonomika u l-iżvilupp soċjali. Dawn l-għanijiet politiċi għandhom jitrawmu b'kunsiderazzjoni tal-livell differenti tal-iżvilupp tal-pajjiżi Latin Amerikani. Id-djalogu bilaterali għandu jiġi segwit f'oqsma ta' interess komuni għall- Unjoni u l-Amerika Latina, inklużi l-ambjent, it-tibdil fil-klima, it-tnaqqis tar-riskju tad-diżastri u l-enerġija, ix-xjenza, ir-riċerka, l-edukazzjoni ogħla, it-teknoloġija u l-innovazzjoni.

(28) Il-BEI għandu jkun attiv fl-Asja kemm fl-ekonomiji emerġenti dinamiċi kif ukoll fil-pajjiżi inqas għonja. F'dan ir-reġjun divers, l- Unjoni qed tapprofondixxi s-sħubija strateġika tagħha maċ-Ċina u l-Indja u qed isir progress fin-negozjati biex jissawru ftehimiet ġodda ta' sħubija u kummerċ ħieles mal-pajjiżi tax-Xlokk tal-Asja. Fl-istess waqt, il-kooperazzjoni fl-iżvilupp għadha punt importanti fl-aġenda tal- Unjoni mal-Asja; l-istrateġija tal-UE għall-iżvilupp fir-reġjun Asjatiku għandha l-għan li teqred il-faqar billi ssostni tkabbir ekonomiku sostenibbli fuq sisien wesgħin, tħeġġeġ ambjent u kundizzjonijiet li jippromwovu l-kummerċ u l-integrazzjoni fir-reġjun, issaħħaħ il-governanza, iżżid l-istabilità politika u soċjali, u ssotni l-kisbiet tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju tal-2015. Qed jiddaħħlu fis-seħħ b'mod konġunt politiki li jindirizzaw sfidi komuni, bħat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli, is-sigurtà u l-istabilità, il-governanza u d-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-prevenzjoni tad-diżastri naturali u umani u r-rispons għalihom.

(29) L-istrateġija tal-UE għal sħubija ġdida mal-Asja Ċentrali adottata mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2007 saħħet id-djalogu reġjonali u bilaterali u l-kooperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali fir-rigward ta' kwistjonijiet ewlenin li jħabbat wiċċu magħhom dan ir-reġjun, fosthom it-tnaqqis tal-faqar, l-iżvilupp sostenibbli u l-istabilità. L-implimentazzjoni tal-istrateġija rreġistrat avvanzi importanti fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u d-demokrazija, l-edukazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku, il-kummerċ u l-investiment, l-enerġija u t-trasport u l-politiki ambjentali.

(30) L-attività tal-BEI fl-Afrika t'Isfel għandha sseħħ fil-qafas tad-Dokument Strateġiku għal Pajjiż bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel. L-oqsma ewlenin identifikati mid-Dokument Strateġiku huma l-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-kapaċità għat-twassil tas-servizzi u l-koeżjoni soċjali. L-attivitajiet tal-BEI fl-Afrika t'Isfel seħħew f'kumplimentarjetà għolja mal-programm ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp tal-Kummissjoni, jiġifieri permezz tal-konċentrazzjoni tal-BEI fuq l-appoġġ għas-settur privat u l-investimenti fl-espansjoni tal-infrastruttura u s-servizzi soċjali (id-djar, il-ġenerazzjoni tal-elettriku***, il-proġetti tat-tisfija tal-ilma tax-xorb*** u l-infrastruttura muniċipali). L-analiżi ta' nofs it-terminu tad-Dokument Strateġiku għal Pajjiż fir-rigward tal-Afrika t'Isfel sejħet għal tisħiħ tal-azzjonijiet fil-qasam tal-bidla fil-klima permezz ta' attivitajiet li jsostnu il-ħolqien ta' impjiegi li jirrispettaw l-ambjent.

([1]) COM(2009)0495.

(31) Bil-għan li titjieb il-koerenza tal-appoġġ ġenerali tal-Unjoni fir-reġjuni kkonċernati, għandhom ***jinstabu*** opportunitajiet biex jiġi kkombinat il-finanzjament tal-BEI mar-riżorsi baġitarji tal-Unjoni kif jixraq, fl-għamla ta' garanziji, ta' kapital ta' riskju, ta' sussidju għar-rati tal-interess u ta' kofinanzjament fl-investiment, flimkien ma' għajnuna teknika għall-preparazzjoni u l-implimentazzjoni, permezz tal-IPA, l-ENPI, l-Istrument għall-Istabilità, l-EIDHR u d-DCI. ***Kull meta sseħħ kombinazzjoni tal-iffinanzjar tal-BEI ma' riżorsi baġitarji oħra tal-UE, id-deċiżjonijiet ta' ffinanzjar kollha għandhom jidentifikaw b'mod ċar ir-riżorsi li jridu jkunu involuti. Ir-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li saru taħt din id-Deċiżjoni irid ikollu lista dettaljata tar-riżorsi baġitarji u l-istrumenti finanzjarji użati f'kombinazzjoni mal-finanzjament tal-BEI. Fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju multiannwali li jmiss, għandha tiġi stabbilita sinerġija akbar bejn dawn l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE u l-mandat estern tal-BEI.***

(32) Fil-livelli kollha, mill-ippjanar strateġiku 'l fuq (upstream) sal-iżvilupp tal-proġetti 'l isfel (downstream), għandu jiġi żgurat li l-operazzjonijiet ta' finanzjament estern mill-BEI jkunu konformi mal-politiki esterni tal-UE u jsostnuhom u mal-għanijiet ta' livell għoli stipulati f'din id-Deċiżjoni. Bil-ħsieb li tiżdied il-koerenza fl-azzjonijiet esterni tal-UE, għandu jkompli jissaħħaħ id-djalogu dwar il-politika u l-istrateġija bejn il-Kummissjoni, is-SEAE u l-BEI. Għall-istess għan, għandu jkun hemm kooperazzjoni mtejba u skambju reċiproku bikri tal-informazzjoni bejn il-BEI, il-Kummissjoni ***u s-SEAE*** fil-livell operattiv. ***L-uffiċċji tal-BEI barra l-Unjoni għandhom, fejn dan ikun xieraq, ikunu ġewwa d-delegazzjonijiet tal-Unjoni sabiex titrawwem din il-kooperazzjoni waqt li jinqasmu l-ispejjeż operattivi.*** L-iskambju bikri tal-opinjonijiet bejn il-BEI, il-Kummisjoni u l-EEAS, skont kif ikun jixraq, għandu importanza partikolari fil-proċess tat-tħejjija tad-dokumenti tal-ipprogrammar ħalli jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn ***l-attivitajiet ta' dawn it-tliet korpi tal-UE***.

(33) Il-miżuri prattiċi għar-rabta tal-għanijiet tal-Mandat Ġenerali u l-implimentazzjoni tagħhom *għandhom* jiġu ffissati fil-linji gwida operattivi reġjonali ▌***. Sabiex jiġu żviluppati dawn il-linji gwida, li għandhom jiġu applikati b'mod ġenerali u jikkumplimentaw din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib*** mal-BEI ***u, fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-mandat tiegħu,*** mas-SEAE***, għandha tingħata l-poter li tadotta atti delegate bi qbil mal-Artikolu 290 TFUE. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet adegwati matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell espert. Dawn*** il-linji gwida għandhom bħala punt tat-tluq iqisu l-qafas politiku usa' tal-UE għal kull reġjun, jirriflettu l-istrateġiji tal-UE għall-pajjiżi u jimmiraw li jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI ikun kumplimentari għall-politiki, programmi u strumenti ta' assistenza korrispondenti tal-UE fir-reġjuni differenti. Il-linji gwida għandhom jiġu pprovduti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-qafas tal-eżerċizzju ta' rappurtar annwali tal-Kummissjoni dwar il-mandat estern tal-BEI.

(34) Il-BEI għandu jħejji, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni, programm multiannwali indikattiv tal-ammont ippjanat ta' firem tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI sabiex jiġi żgurat ippjanar baġitarju xieraq għall-proviżjon tal-Fond ta' Garanzija ***u biex tkun żgurata l-kompatibbiltà tat-tbassir tas-self tal-BEI mal-livelli massimi stabbiliti f'din id-Deċiżjoni***. Il-Kummissjoni għandha tqis dan il-pjan fil-programmazzjoni tal-baġit regolari tagħha trażmess lill-awtorità baġitarja.

(35) ***Sa nofs l-2012***, il-Kummissjoni għandha ***tipproponi, abbażi tal-esperjenza pożittiva eżistenti, l-istabbiliment*** ta' "Pjattaforma tal-Unjoni għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp" bil-ħsieb li tottimizza ***u tirrazzjonalizza*** l-funzjonament tal-mekkaniżmi għal ***iktar*** taħlit tal-għotjiet mas-self fir-reġjuni esterni. ***Din il-proposta għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni tal-impatt li tistabbilixxi l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' pjattaforma bħal din.*** Fir-riflessjonijiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-BEI***, lill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ)*** u lill-istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali u multilaterali Ewropej l-oħrajn. ***Għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha toħloq grupp ta' ħidma kompost minn rappreżentanti tal-Istati Membri, Membri tal-Parlament Ewropew, il-BEI u, jekk ikun meħtieġ, istituzzjonijiet oħra attivi fil-qasam tal-kooperazzjoni u l-iżvilupp tal-UE.*** Pjattaforma ta' dan it-tip ***għandha*** tħeġġeġ***, taħt id-direzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, is-sinerġiji, l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-ippjanar strateġiku,*** l-arranġamenti ta' dipendenza reċiproka, imsejsa fuq il-vantaġġ komparattiv tal-istituzzjonijiet differenti filwaqt li jiġu rispettati r-rwol u l-prerogattivi

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fl-implimentazzjonijiet tal-baġit tal-UE u tas-self ***mill-istituzzjonijiet finanzjarji***. ***Pjattaforma ta' dan it-tip tkun partikolarment siewja fil-finanzjament ta' proġetti orjentati lejn l-iżvilupp jew proġetti maħsuba biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima.***

***(36) Il-BEI għandu jitħeġġeġ jagħmel analiżi ta' tqabbil bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji biex gradwalment jaqsam l-attivitajiet esterni kollha tiegħu fuq bażi ġeografika sabiex jadatta aħjar għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull żona u jippromwovi l-parteċipazzjoni u l-qsim tar-responsabilità tal-pajjiżi sieħba tal-ġestjoni prattika tal-fondi u fil-monitoraġġ finanzjarju tal-proġetti involuti. Skont ir-riżultati tal-analiżi msemmija hawn fuq, il-BEI għandu jqis li jibda dan il-proċess billi jaqsam l-attivitajiet Mediterranji tiegħu, li s'issa kienu miġbura flimkien fil-Faċilità Ewro-Mediterranja ta' Investiment u Sħubija (FEMIP), permezz tal-ħolqien ta' istituzzjoni finanzjarja Ewro-Mediterranja għall-kożvilupp, li għaliha l-BEI jibqa' l-azzjonist ewlieni. Fil-każ speċifiku tal-Mediterran, din il-bidla istituzzjonali tippermetti lill-BEI itejjeb l-effettività tal-azzjoni tiegħu fil-pajjiżi tal-Mediterran, iżżid il-viżibilità tiegħu, u jipprovdi iktar appoġġ finanzjarju għall-inizjattivi ta' prijorità tal-*** Unjoni ***għall-Mediterran. Il-BEI għandu wkoll jiġi appoġġat mill-programm "Investi fil-Mediterran", li jwitti t-triq lejn networking effettiv man-negozji u ma' dawk involuti fis-soċjetà ċivili fil-pajjiżi sħab.***

(37) Il-BEI għandu jitħeġġeġ iżid l-operazzjonijiet tiegħu ***u jiddiversifika l-istrumenti finanzjarji tiegħu*** barra l- Unjoni mingħajr ir-rikors għall-garanzija tal-UE ***u b'hekk l-użu tal-garanzija jista' jkun riservat għall-pajjiżi u l-proġetti li jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ta' aċċess sfavorevoli u fejn il-garanzija għalhekk tipprovdi iktar valur miżjud. Il-BEI konsegwentement, u dejjem bil-għan li jappoġġja l-objettivi*** tal-politika esterna ***tal-UE, għandu jżid l-ammonti mislufa għar-riskju proprju tiegħu,*** u dan partikolarment fil-pajjiżi preadeżjonali u l-pajjiżi tal-viċinat u fil-pajjiżi tal-grad ta' investiment f'reġjuni oħra, imma anki fil-pajjiżi fil-grad ta' subinvestiment meta l-BEI jkollu l-garanziji adatti minn partijiet terzi. Il-BEI, ***bi ftehim*** mal-Kummissjoni, għandu jiżviluppa politika li permezz tagħha jiddeċiedi bejn l-allokazzjoni ta' proġetti taħt il-mandat tal-garanzija tal-UE jew ta' finanzjament b'riskju għall-BEI innifsu. Politika ta' dan it-tip tkun b'mod partikolari tqis l-affidabbiltà kreditarja tal-pajjiżi u l-proġetti inkwistjoni. ***Meta l-mandat estern jiġġedded għall-perjodu ta' wara l-2013, din il-politika għandha tkun riveduta u l-lista tal-pajjiżi eliġibbli għall-garanzija eżaminata mill-ġdid filwaqt li jiġu kkunsidrati l-implikazzjonijiet dwar il-provvediment tal-Fond ta' Garanzija għal Azzjoni Esterna.***

***(38) Fejn ikollu l-garanziji xierqa, il-BEI għandu jitħeġġeġ li jżid l-operazzjonijiet tiegħu għall-entitajiet pubbliċi subsovrani fil-pajjiżi li fihom jopera.***

(39) Il-BEI għandu jespandi l-firxa tal-istrumenti ta' finanzjament ġodda u innovattivi offruti, inkluż permezz ta' aktar konċentrazzjoni fuq l-iżvilupp ta' strumenti ta' garanzija. Barra minn hekk, il-BEI għandu jitħeġġeġ jipprovdi self fil-muniti lokali u joħroġ bonds fis-swieq lokali, sakemm il-pajjiżi msieħba jdaħħlu fis-seħħ ir-riformi strutturali neċessarji, b'mod partikolari fis-settur finanzjarju, kif ukoll miżuri oħra li jiffaċilitaw l-attività tal-BEI.

(40) Biex jiġi żgurat li l-Bank jissodisfa r-rekwiżiti tal-mandat fir-reġjuni u s-sottoreġjuni kollha, ***għandhom*** jiġu ddedikati biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji għall-attivitajiet esterni ***tiegħu***, ***b'limiti ta' żmien raġonevoli***. Dan ikun jinkludi b'mod partikolari li jkollu kapaċità suffiċjenti biex isostni l-għanijiet tal-UE ta' kooperazzjoni fl-iżvilupp, li jikkonċentra aktar fuq il-valutazzjoni ex ante tal-aspetti ambjentali, soċjali u tal-iżvilupp tal-attivitajiet tiegħu, u li jissorvelja b'mod effettiv il-proġetti waqt li jkunu qegħdin jiġu implimentati. ***Għandhom jinżammu l-opportunitajiet ta' aktar titjib tal-effiċjenza u l-effikaċja, u għandha ssir ħidma attiva biex jinstabu s-sinerġiji.***

(41) Fl-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu barra l- Unjoni li jaqgħu taħt l-ambitu ta' din id-Deċiżjoni, il-BEI għandu jagħmel ħiltu ***iktar biex*** itejjeb il-koordinament u l-kooperazzjoni mal-IFI u l-EBFIs ▌, fejn ikun rilevanti, inkluż, fejn jixraq il-kooperazzjoni fuq il-kundizzjonalità tas-settur u d-dipendenza reċiproka fuq il-proċeduri, l-użu tal-kofinanzjament konġunt u l-parteċipazzjoni f'inizjattivi globali, bħalma huma dawk li jippromwovu l-koordinament u l-effikaċja tal-għajnuna. ***It-tali koordinazzjoni u kooperazzjoni għandhom jagħmluha possibbli li jiġu evitati proġetti li jirkbu fuq xulxin u kompetizzjoni mhux mixtieqa f'relazzjoni ma' proġetti ffinanzjati mill-UE. Dawn*** l-isforzi għandhom jissejsu fuq ir-reċiproċità. ***Il-finanzjament tal-BEI implimentat permezz ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' IFI u istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali oħrajn jeħtieġlu jirrispetta l-prinċipji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.***

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

*(42)* ***B'mod partikolari, fil-pajjiżi ta' intervent komuni lil hinn mill-*** Unjoni***, il-BEI għandu jtejjeb il-kooperazzjoni tiegħu mal-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej l-oħrajn. Ġie konkluż Memorandum ta' Ftehim tripartitiku bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-BERŻ, li jkopri l-pajjiżi kollha ta' operazzjoni komuni barra mill-*** Unjoni***. Dan il-Memorandum huwa mistenni li jipprevjeni lill-BEI u lill-BERŻ milli jikkompetu ma' xulxin u għandu jippermetti li jaġixxu b'mod kumplimentari billi jimmassimizza l-vantaġġi kumparattivi rispettivi tagħhom. Il-Memorandum għandu jipprovdi wkoll għall-konverġenza fi żmien raġonevoli tal-proċeduri tagħhom. Matul iż-żmien, għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-istabbiliment ta' rabtiet eqreb bejn dawn iż-żewġ banek b'kapital fil-maġġoranza Ewropew, bil-għan li jiġu ottimizzati l-istrumenti Ewropej għall-finanzjament tal-azzjoni esterna.***

(43) Ir-rappurtar u t-trażmissjoni tal-informazzjoni mill-BEI lejn il-Kummissjoni għandhom jissaħħu ħalli jippermettu lill-Kummissjoni ttejjeb ir-rapport annwali tagħha lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI imwettqa skont din id-Deċiżjoni. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jivvaluta l-konformità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI ma' din id-Deċiżjoni, b'kunsiderazzjoni tal-linji gwida operattivi, u bl-inklużjoni ta' taqsimiet dwar il-valur miżjud ***tal-BEI, bħall-appoġġ għall-politiki esterni u r-rekwiżiti ta' mandat tal-UE, il-kwalità tal-operazzjonijiet iffinanzjati u t-trasferiment ta' benefiċċji finanzjarji lill-klijenti,*** u taqsimiet dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni, ***il-BERŻ,*** IFI oħra u donaturi bilatarali, inkluż il-kofinanzjament. ***Ir-rapport għandu jkun fih ukoll l-analiżi tal-BEI tas-sostenibilità ekonomika, finanzjarja, ekoloġika u soċjali fit-tfassil u l-monitoraġġ tal-proġetti ffinanzjati. Għandu jinkludi wkoll sezzjoni speċifika ddedikata għall-evalwazzjoni dettaljata tal-miżuri meħuda mill-BEI biex jirrispetta l-mandat attwali*** kif stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE***, u li jagħti attenzjoni partikolari lill-operazzjonijiet tal-BEI li jużaw mezzi finanzjarji li jinsabu f'ċentri finanzjarji offshore. Fl-operazzjonijiet tal-finanzjament tiegħu, il-BEI għandu jiżgura li l-politiki lejn ġurisdizzjonijiet irregolati b'mod dgħajjef jew mhux kooperattivi, huma implimentati b'mod adegwat biex jikkontribwixxu għall-ġlieda internazzjonali kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni rigward l-aspetti soċjali u tal-iżvilupp tal-proġetti. Ir-rapport għandu jkun pubbliku, biex is-soċjetà ċivili u l-pajjiżi benefiċjarji jkunu jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom.*** Fejn ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jinkludi referenzi għal bidliet sinifikanti fiċ-ċirkustanzi li jkunu jiġġustifikaw aktar emendi għall-mandat qabel tmiem il-perjodu. ***Dan ir-rapport għandu b'mod partikolari jinkludi lista dettaljata tal-finanzjament tal-BEI skont din id-Deċiżjoni flimkien mar-riżorsi finanzjarji kollha tal-UE u ta' donaturi oħra, b'hekk tingħata lista dettaljata tal-kxif finanzjarju tal-operazzjonijiet ta' finanzjament.***

(44) L-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom ikomplu jiġu ġestiti skont ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI stess, inklużi l-miżuri ta' kontroll xierqa u miżuri mittieħda biex tiġi evitata l-evażjoni fiskali, kif ukoll permezz tar-regoli u tal-proċeduri rilevanti li jikkonċernaw il-Qorti tal-Awdituri u l-Uffiċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF),

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

### Garanzija tal-UE

1. L-Unjoni Ewropea għandha tagħti lill-Bank tal-Investiment Ewropew (BEI) garanzija baġitarja tal-UE għall-operazzjonijiet imwettqa barra l-UE (il-garanzija tal-UE). Il-garanzija tal-UE għandha tingħata bħala garanzija kumplessiva fir-rigward ta' ħlasijiet li ma jaslux għand il-BEI, minkejja li huma dovuti lejh, b'rabta ma' self u garanziji fuq self għall-proġetti ta' investiment tal-BEI li huma eliġibbli skont il-paragrafu 2. ***L-attivitajiet ta' finanzjament tal-BEI għandhom jikkonformaw mal-prinċipji ta' gwida ġenerali, u jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi u tal-politika tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.***

2. Is-self u l-garanziji fuq self tal-BEI għall-proġetti ta' investiment imwettqa f'pajjiżi koperti minn din id-Deċiżjoni, li jkunu ngħataw skont ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI innifsu***, fosthom id-dikjarazzjoni tal-BEI dwar l-istandards soċjali u ambjentali,*** u b'appoġġ għall-għanijiet ta' politika esterna rilevanti tal- Unjoni, fejn il-finanzjament mill-BEI ikun ngħata skont ftehim iffirmat li la jkun skada u lanqas ġie kanċellat (operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI) huma eliġibbli għall-garanzija tal-UE.

**Il-Ħamis 17 ta’ Frar 2011**

3. Il-garanzija tal-UE għandha tiġi ristretta għal 65 % tal-ammont aggregat tal-krediti maħruġa u l-garanziji pprovduti taħt l-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI, bl-ammonti rimborżati mnaqqsa, flimkien mal-ammonti relatati kollha.

4. Il-garanzija tal-UE għandha tkopri l-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI ffirmati matul perjodu li beda fl-1 ta’ Frar 2007 u li jintemm fil-31 ta’ Diċembru 2013. Loperazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI ffirmati skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/847/KE tal-4 ta’ Novembru 2008 dwar l-eliġibilità tal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali skont id-Deċiżjoni 2006/1016/KE li tagħti garanzija Komunitarja lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal self għal proġetti barra mill-Komunità ([1]) u d-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE għandhom ikomplu jibbenefikaw mill-garanzija tal-UE skont din id-Deċiżjoni.

5. Jekk, mal-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 4, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jkunux adottaw deċiżjoni li tagħti garanzija tal-UE ġdida lill-BEI għall-operazzjonijiet ta’ finanzjament tiegħu barra l-Unjoni abbażi ta’ proposta mressqa mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 19, dan il-perjodu għandu awtomatikament jiġi estiż b’sitt xhur.

Artikolu 2

Limiti massimi tal-mandat

1. Il-limitu massimu tal-operazzjonijiet ta’ finanzjament tal-BEI koperti minn garanzija tal-UE, matul il-perjodu 2007-2013, bit-tnaqqis tal-ammonti kanċellati, ma għandux jaqbeż ***EUR 29 567 000 000***, maqsumin f’żewġ partijiet:

(a) Mandat Ġenerali ta’ ***EUR 27 567 000 000***;

(b) Mandat tal-Bidla fil-Klima ta’ EUR 2 000 000 000.

2. Il-Mandat Ġenerali għandu jinqasam f’limiti massimi reġjonali obbligatorji u sottolimiti massimi indikati kif jistabbilixxi l-Anness I. Fi ħdan il-limiti massimi reġjonali, il-BEI għandu progressivament jiżgura li jkun hemm distribuzzjoni bilanċjata bejn il-pajjiżi fir-reġjuni koperti mill-Mandat Ġenerali.

3. L-Operazzjonijiet ta’ Finanzjament mill-BEI skont il-Mandat Ġenerali għandhom ikunu dawk li jsegwu l-għanijiet iffissati fl-Artikolu 3 ta’ din id-Deċiżjoni.

4. Il-Mandat tal-Bidla fil-Klima għandu jkopri l-operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI fil-pajjiżi kollha koperti minn din id-Deċiżjoni, fejn dawn it-tipi ta’ operazzjonijiet ta’ finanzjament mill-BEI jsostnu l-għan politiku ewlieni tal-UE li tiġi indirizzata l-bidla fil-klima permezz ta’ proġetti ta’ sostenn fit-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha li jikkontribwixxu lejn l-għan kumplessiv tal-Konvenzjoni ta’ Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla fil-Klima (UNFCCC), b’mod partikolari billi jiġu evitati jew jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet li jikkawżaw l-effett serra fl-oqsma tal-enerġija rinovabbli, l-effiċjenza tal-enerġija u t-trasport sostenibbli, jew billi tiżdied il-flessibbiltà għall-impatti negattivi tal-bidla fil-klima fuq il-pajjiżi, is-setturi u l-komunitajiet vulnerabbli. Il-Mandat tal-Bidla fil-Klima għandu jiġi implimentat b’kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni, billi jikkombina ***kemm jista’ jkun*** il-finazjament mill-BEI mal-fondi baġitarji tal-UE. ***L-eliġibbiltà ta’ pajjiżi li fihom il-BEI jiffinanzja t-taffija tat-tibdil fil-klima taħt il-garanzija tal-UE tista’ tiġi ristretta qabel ma l-BEI jalloka fondi għall-pajjiżi li skont il-Kunsill ma impenjawx ruħhom favur miri adegwati marbuta mat-tibdil fil-klima. Qabel ma jieħu tali deċiżjoni l-Kunsill għandu jikkonsulta lis-SEAE u lill-Kummissjoni. Il-mandat fakultattiv m’għandux jitqies bħala kontribuzzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri għall-fondi “fast-start” li ntlaħaq ftehim dwarhom fil-UNFCCC COP f’Kopenhagen f’Diċembru 2009.***

***5. Kriterji adegwati għal dak li jikkwalifika bħala “teknoloġija nadifa” fil-prinċipju għandhom jiġu orjentati lejn l-effiċjenza enerġetika u teknoloġiji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet.***

([1]) ĠU L 301, 12.11.2008, p. 13.

6. Fil-każ tal-Mandat tal-Bidla fil-Klima, madankollu, il-BEI għandu jagħmel ħiltu biex jiżgura li jkun hemm distribuzzjoni bilanċjata tal-operazzjonijiet ta' finanzjament iffirmati fir-reġjuni kollha koperti mill-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, sa tmiem il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(4). B'mod partikolari, il-BEI se jiżgura li r-reġjun imsemmi fil-punt A tal-Anness II ma jirċevix iktar minn 40 % tal-ammont allokat għal dan il-Mandat, ir-reġjun fil-punt B mhux iktar minn 50 %, ir-reġjun fil-punt C mhux iktar minn 30 % u r-reġjun fil-punt D mhux iktar minn 10 %. ***B'mod ġenerali, il-Mandat tal-Bidla fil-Klima għandu jintuża biex jiffinanzja proġetti li huma marbuta mill-qrib mal-kompetenzi tal-qofol tal-BEI, li jżidu l-valur u li jimmassimizzaw l-effett rigward l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.***

***7. Kemm il-Mandat Ġenerali u l-Mandat tal-Bidla fil-Klima jridu jiġu mmaniġġjati skont il-prinċipji ta' prattika bankarja soda.***

Artikolu 3

L-għanijiet tal-Mandat Ġenerali

1. Il-garanzija tal-UE għandha tingħata għall-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li jsostnu ***kwalunkwe mill-għanijiet*** ġenerali li ġejjin:

(a) ***l-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'mod partikolari l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u medji;***

(b) l-iżvilupp tal-infrastruttura soċjali u ekonomika, inklużi t-trasport, l-enerġija, l-infrastruttura ambjentali u t-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT);

(c) ***it-taffija tal-bidla fil-klima u l-adattament għaliha, kif imfissra fl-Artikolu 2(4).***

***Kontribuzzjoni indiretta li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-faqar permezz ta' tkabbir inklussiv kif ukoll ta' żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli għandha tkun objettiv għall-iffinanzjar tal-BEI fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw*** [1]. **[Emenda 5]**

***2. Konformement mal-objettivi tal-UE u internazzjonali relatati mal-bidla fil-klima, il-BEI għandu, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jippreżenta sal-2012 strateġija dwar kif għandu jiżdied progressivament u kostantement il-perċentwal ta' proġetti li jippromwovu t-tnaqqis ta' emissjonijiet ta'*** $CO_2$ ***u kif għandhom jitneħħew il-proġetti ta' ħsara għall-ilħuq tal-objettivi tal-UE relatati mal-klima.***

***3. B'mod aktar ġenerali, l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom jikkontribwixxu għall-prinċipji ġenerali li jiggwidaw l-azzjoni esterna tal-*** Unjoni***, kif inhi msemmija fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li tikkonsolida u tappoġġja d-demokrazija u l-istat tad-dritt, il-jeddijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet ambjentali internazzjonali li l-*** Unjoni ***hija parti minnhom. Fir-rigward tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'mod partikolari, l-attenzjoni għandha tingħata lill-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali globali, l-integrazzjoni gradwali u bla xkiel tagħhom fl-ekonomija dinjija, il-kampanja kontra l-faqar, kif ukoll il-konformità mal-objettivi approvati mill-*** Unjoni ***fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti oħra. Il-BEI għandu jippromwovi aċċess ugwali għas-servizzi finanzjarji, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati bħall-minoranzi, il-bdiewa u n-nisa. Biex jissodisfa dawn ir-rekwiżiti b'mod xieraq, il-korpi governattivi tal-BEI għandhom jiżguraw li r-riżorsi tal-BEI, inkluż il-persunal, jiżdiedu f'perjodu raġonevoli ta' żmien.***

4. L-integrazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi msieħba, inkluża l-integrazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi pre-adeżjonali, il-pajjiżi ġirien u l-UE, għandha tkun għan bażiku tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fi ħdan l-oqsma koperti mill-paragrafu 1.

5. Il-BEI għandu progressivament iżid l-attività tiegħu fis-setturi soċjali, bħas-saħħa u l-edukazzjoni.

[1] ***Kif definiti fil-lista tal-OECD tar-reċipjenti ODA (li jinkludu l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati, il-Pajjiżi bi Dħul Baxx kif ukoll il-Pajjiżi bi Dħul Medju).***

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

Artikolu 4

Pajjiżi koperti

1. Il-lista tal-pajjiżi eliġibbli jew potenzjalment eliġibbli għal finanzjament mill-BEI kopert mill-garanzija tal-UE hija stabbilita fl-Anness I.

2. Għall-pajjiżi elenkati fl-Anness II u mmarkati b'"*" u għal pajjiżi oħrajn mhux elenkati fl-Anness II, l-eliġibbiltà għal finanzjament mill-BEI kopert mill-garanzija tal-UE għandha tiġi deċiża mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi ta' każ b'każ skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

3. Il-garanzija tal-UE għandha tkopri biss operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI mwettqa f'pajjiżi eliġibbli li jkunu kkonkludew ftehim ta' qafas mal-BEI li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet legali li taħthom dawn l-operazzjonijiet għandhom jitwettqu.

4. Fil-każ ta' tħassib serju fuq il-politiki dwar is-sitwazzjoni ekonomika jew politika ***u l-politiki*** f'xi pajjiż speċifiku, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jiddeċiedu li jissospendu finanzjament ġdid mill-BEI kopert mill-garanzija tal-UE f'dak il-pajjiż skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

5. Il-garanzija tal-UE ma għandhiex tkopri l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI f'xi pajjiż speċifiku meta l-ftehim dwar tali operazzjonijiet kien iffirmat wara l-adeżjoni tal-pajjiż fl-UE.

Artikolu 5

Il-kontribut tal-operazzjonijiet tal-BEI għall-politiki tal-UE

1. Il-Kummissjoni għandha ***tadotta, permezz ta' atti ddelegati, skont l-Artikolu 6 u skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 7 u 8,*** linji gwida operattivi reġjonali, żviluppati ***b'kooperazzjoni mill-qrib mal-BEI u mas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna (SEAE)***, għall-finanzjament mill-BEI skont din id-Deċiżjoni. Fit-tfassil ta' dawn il-linji gwida l-Kummissjoni u l-BEI ***għandhom jaħdmu flimkien*** mas-SEAE) fir-rigward ta' kwistjonijiet politiċi, ***li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu***. Il-linji gwida operattivi għandhom l-għan li jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI isostni l-politiki tal-UE, u għandhom iqisu bħala punt tat-tluq il-qafas politiku reġjonali usa' tal-UE ffissat mill-Kummissjoni u l-EEAS, kif jixraq. ***Barra minn hekk***, il-linji gwida se jiżguraw li l-finanzjament mill-BEI ikun jikkomplementa l-politiki, programmi u strumenti ta' assistenza korrispondenti mill-UE fir-reġjuni differenti, b'kunsiderazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tad-deċiżjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Kunsill ***u l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp***. Fi ħdan il-qafas stabbilit mill-linji gwida operattivi, il-BEI għandu jiddefinixxi l-istrateġiji korrispondenti ta' finanzjament u jiżgura li dawn jiġu implimentati.

2. Il-konsistenza tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI mal-linji politiċi u l-għanijiet politiċi esterni tal- Unjoni għandha tiġi sorveljata skont l-Artikolu 13. ***Il-BEI għandu jiżviluppa indikaturi tal-prestazzjoni fir-rigward tal-aspetti tal-iżvilupp, tal-ambjent u tad-drittijiet tal-bniedem tal-proġetti ffinanzjati kif ukoll għandu jqis l-indikaturi rilevanti skont id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna, biex tiġi ffaċilitata s-sorveljanza.***

3. Operazzjoni ta' finanzjament mill-BEI m'għandhiex tkun inkluża taħt il-kopertura tal-garanzija tal-UE fil-każ li l-Kummissjoni tagħti opinjoni negattiva fuq operazzjoni bħal din fi ħdan il-qafas tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-BEI.

***4. Għal kull proġett li hija tapprova, il-Kummissjoni għandha tippubblika opinjoni motivata li tispjega kif il-proġett jirrispetta d-diversi komponenti ta' din id-Deċiżjoni u, b'mod partikulari, kif hija tappoġġja l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-*** Unjoni***, filwaqt li teskludi l-punti kunfidenzjali.***

*Artikolu 6*

*Eżerċizzju tad-delega*

***1. Is-setgħa biex tadotta atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 5 għandha tingħata lill-Kummissjoni għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(4) ta' din id-Deċiżjoni.***

***2. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

***3. Is-setgħa biex tadotta atti ddelegati tingħata lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 7 u 8.***

***Artikolu 7***

***Revoka tad-delega***

***1. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 5 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.***

***2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna biex jiġi deċiż jekk tiġix irrevokata delega ta' setgħa għandha tagħmel ħilitha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni f'perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, filwaqt li tindika s-setgħa ddelegata li tista' tkun suġġetta għar-revoka u r-raġunijiet possibbli għar-revoka.***

***3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ minnufih jew f'data oħra speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***

***Artikolu 8***

***Oġġezzjonijiet għall-atti ddelegati***

***1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' joġġezzjona għal att iddelegat fi żmien perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika.***

***Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jittawwal b'xahrejn.***

***2. Jekk, meta jintemm il-perjodu msemmi fil-Paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att iddelegat, għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fih.***

***L-att iddelegat jista' jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħol fis-seħħ qabel ma jintemm dak il-perjodu jekk kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.***

***3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għall-att iddelegat sal-perjodu msemmi fil-Paragrafu 1, m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex oġġezzjonat għall-att iddelegat.***

Artikolu 9

Il-valutazzjoni tal-BEI tal-aspetti relatati mal-iżvilupp tal-proġetti

1. Il-BEI għandu japplika diliġenza dovuta qawwija***, fil-waqt li tiġi vverifikata l-preżenza ta' konsultazzjoni pubblika lokali,*** fuq l-aspetti relatati mal-iżvilupp tal-proġetti koperti mill-garanzija tal-UE. Ir-regoli u l-proċeduri tal-BEI innifsu għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet neċessarji dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali u soċjali tal-proġetti u tal-aspetti konnessi mal-jeddijiet tal-bniedem, sabiex jiżguraw li dawk il-proġetti li jkunu sostenibbli ekonomikament, finanzjarjament, ambjentalment u soċjalment biss jiġu sostnuti skont din id-Deċiżjoni. ***Il-Kummissjoni għandha tinkludi bażi aggregata fir-rapport annwali lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill valutazzjoni tad-dimensjoni tal-iżvilupp tal-attivitajiet tal-BEI, ibbażata fuq id-diliġenza dovuta li ssir fuq il-proġetti koperti bil-garanzija tal-UE.***

Fejn jixraq, il-valutazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni ta' kif il-kapaċitajiet tal-benefiċjarji tal-finanzjament mill-BEI jistgħu jiġu msaħħa mill-ġdid tul iċ-ċiklu kollu tal-proġett b'għajnuna teknika.

2. Barra mill-valutazzjoni ex-ante tal-aspetti relatati mal-iżvilupp, il-BEI ***għandu jitlob lill-promoturi tal-proġett sabiex jagħmlu*** monitoraġġ ***bir-reqqa*** tul l-implimentazzjoni ***u t-twettiq*** tal-proġett, inter alia, fir-rigward tal-impatt tal-proġett fuq l-iżvilupp***, u fuq id-drittijiet ambjentali u d-drittijiet tal-bniedem. Il-BEI għandu jivvaluta l-informazzjoni pprovduta mill-promoturi tal-proġett. Is-sorveljanza tal-BEI għandha tinkludi, fejn possibbli, il-prestazzjoni tal-intermedjarji finanzjarji b'appoġġ tal-SMEs. Ir-riżultati tal-monitoraġġ għandhom jiġu żvelati, meta dan ikun possibbli.***

***3. Il-BEI għandu jippreżenta lill-Kummissjoni rapporti annwali li jivvalutaw l-impatt tal-operazzjonijiet finanzjati tul is-sena fuq l-iżvilupp. Ir-rapporti għandhom ikunu bbażati fuq indikaturi tal-prestazzjoni imsemmijin fl-Artikolu 5(2). Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-rapporti dwar l-iżvilupp tal-BEI fil-qafas tal-eżerċiżju tar-rappurtar annwali stabbilit fl-Artikolu 13 u jkunu disponibbli għall-pubbliku sabiex il-persuni interessati, inklużi s-soċjetà ċivili u l-pajjiżi riċeventi, ukoll ikunu jistgħu jesprimu l-pożizzjoni tagħhom dwar il-kwistjoni. Il-Parlament Ewropew għandu jiddiskuti r-rappporti annwali, filwaqt li jqis l-opinjonijiet tal-partijiet interessati kollha.***

Artikolu 10

Kooperazzjoni mal-Kummissjoni u s-SEAE

1. Il-konsistenza tal-azzjonijiet esterni tal-BEI mal-għanijiet tal-politika esterna tal-UE għandha tissaħħaħ, bil-ħsieb li jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn il-finanzjament mill-BEI u r-riżorsi baġitarji tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-linji gwida operattivi msemmija fl-Artikolu 5 kif ukoll permezz ta' djalogu regolari u sistematiku u l-iskambju bikri tal-informazzjoni dwar:

(a) dokumenti strateġiċi ppreparati mill-Kummissjoni u/jew s-SEAS kif jixraq, bħal dokumenti ta' strateġija tal-pajjiż jew reġjonali, programmi indikattivi, pjanijiet ta' azzjoni u dokumenti ta' qabel l-adeżjoni;

(b) il-pjanijiet għall-proġetti u dokumenti ta' ppjanar strateġiku tal-BEI;

(c) aspetti politiċi u operattivi oħra.

2. Din il-kooperazzjoni se titwettaq abbażi ta' reġjun reġjun, fejn jitqiesu r-rwol tal-BEI kif ukoll il-politiki tal-UE f'kull reġjun.

Artikolu 11

Kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet ***ta' finanzjament pubbliku*** oħrajn

1. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għandhom dejjem iżjed jitwettqu, ▌ f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew istituzzjonijiet bilaterali finanzjarji Ewropej oħra sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji, il-kooperazzjoni u l-effiċjenza u sabiex jiġi żgurat qsim ***prudenti u*** raġonevoli tar-riskji u kundizzjonalità tal-proġett u tas-settur koerenti***, sabiex tkun minimizzata d-duplikazzjoni possibbli tal-ispejjeż u l-irduppjar mhux meħtieġ.*** **[Emenda 4]**

2. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ffaċilitata permezz ta' koordinament imwettaq speċjalment fil-kuntest ta' Memoranda ta' Ftehim jew oqfsa ta' kooperazzjoni reġjonali tal-Unjoni oħra, fejn ikun xieraq, bejn il-Kummissjoni, il-BEI, ***il-BERŻ*** u l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u l-istituzzjonijiet bilaterali finanzjarji Ewropej prinċipali li joperaw fir-reġjuni differenti***, waqt li jitqiesu l-kompetenzi tas-SEAS***.

***3. Sa nofs l-2012, il-Kummissjoni għandha tipproponi, abbażi tal-esperjenza pożittiva eżistenti, l-istabbiliment ta' "Pjattaforma tal-Unjoni għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp" bil-ħsieb li tottimizza u tirrazzjonalizza l-funzjonament tal-mekkaniżmi għal iktar taħlit tal-għotjiet mas-self fir-reġjuni esterni. Fir-riflessjonijiet tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-BEI, lill-BERŻ kif ukoll l-istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali u multilaterali Ewropej l-oħrajn. Għal dan il-għan il-Kummissjoni għandha toħloq grupp ta' ħidma kompost minn rappreżentanti tal-Istati Membri, Membri tal-Parlament Ewropew, il-BEI u, jekk ikun meħtieġ, istituzzjonijiet oħra.***

Artikolu 12

Il-kopertura u l-kundizzjonijiet tal-garanzija tal-UE

1. Għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI li jidħol għalihom ma' Stat jew li huma ggarantiti minn Stat, kif ukoll operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI oħra li jidħol għalihom ma' awtoritajiet reġjonali jew lokali jew ma' intrapriżi jew istituzzjonijiet pubbliċi tal-gvern u/jew ikkontrollati mill-gvern, fejn operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI oħra ta' dan it-tip għandhom valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu tal-BEI xierqa meta titqies is-sitwazzjoni tar-riskju tal-kreditu tal-pajjiż ikkonċernat, il-garanzija tal-UE għandha tkopri l-ħlasijiet kollha li ma jaslux għand il-BEI iżda li huma dovuti lilu (il-"Garanzija Komprensiva").

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża huma rappreżentati mill-Awtorità Palestinjana u l-Kosovo ([1]) mill-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Kosovo jew amministrazzjoni maħtura fil-linji gwida reġjonali operazzjonali msemmija fl-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni.

3. Għall-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI għajr dawk indikati fil-paragrafu 1, il-garanzija tal-UE għandha tkopri l-ħlasijiet kollha li ma jaslux għand il-BEI li iżda huma dovuti lilu, fejn in-nuqqas ta' ħlas ikun ġie kkawżat mir-realizzazzjoni ta' wieħed mir-riskji politiċi li ġejjin (il-"Garanzija kontra r-Riskju Politiku"):

(a) nuqqas ta' trasferiment tal-valuta;

(b) esproprjazzjoni;

(c) gwerra jew irvellijiet ċivili;

(d) ġustizzja miċħuda wara ksur ta' kuntratt.

4. Il-BEI għandu, ***bi qbil*** mal-Kummissjoni, jiżviluppa politika ċara u trasparenti għad-deċiżjoni dwar is-sors tal-finanzjament tal-operazzjonijiet li jkunu eliġibbli kemm għall-kopertura tal-garanzija tal-UE kif ukoll għar-riskju ta' finanzjament tal-BEI nnifsu.

***5. Waqt l-eżekuzzjoni tal-garanzija għal operazzjoni speċifika, il-BEI iċedi lill-***Unjoni ***d-debitu sħiħ jew parzjali rigward il-pagamenti li ma jkunux ġew riċevuti b'tali mod li l-Unjoni tkun surrogata fid-drittijiet tal-BEI fir-rigward tal-debituri bil-garanziji kollha relatati.***

Artikolu 13

Ir-rappurtaġġ annwali u l-kontabilità

1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI mwettqa taħt din id-Deċiżjoni. Dan ir-rapport għandu jinkludi stima tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI fuq il-livell ta' ***programm,*** proġettwali, settorjali, nazzjonali jew reġjonali***,*** kif ukoll ***il-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni*** tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI sabiex ikunu ssodisfati l-għanijiet strateġiċi u tal-politika esterna tal- Unjoni***, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għall-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 relatati***. Ir-rapport għandu ***jipprovdi sommrarji tal-proġetti li jkunu qed jitwettqu. Ir-rapport għandu*** b'mod partikolari jivvaluta l-konformità tal-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI ma' din id-Deċiżjoni, b'kunsiderazzjoni tal-linji gwida reġjonali operattivi msemmija fl-Artikolu 5, u għandu jinkludu taqsimiet dwar l-valur miżjud għall-ilħiq tal-għanijiet politiċi tal-Unjoni, ***dwar il-valutazzjoni tal-impatt fuq l-iżvilupp u sa liema punt il-BEI ikkunsidra s-sostenibilità ambjentali u soċjali fit-tfassil u l-monitoraġġ tal-proġetti ffinanzjati,*** kif ukoll dwar il-kooperazzjoni mal-Kummissjoni u istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u istituzzjonijiet bilaterali oħra, inkluż il-kofinanzjament. ***Ir-rapport għandu b'mod partikolari jinkludi lista dettaljata tar-riżorsi finanzjarji kollha tal-Unjoni użati flimkien mal-finanzjament tal-BEI u ta' donaturi oħra, b'hekk tingħata lista dettaljata tal-kxif finanzjarju tal-operazzjonijiet finanzjarji li jkunu saru skont din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, għandu jinkludi wkoll sezzjoni speċifika ddedikata għall-evalwazzjoni dettaljata tal-miżuri meħuda mill-BEI biex jirrispetta l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni*** Nru 633/2009/KE***. Fl-aħħar, il-BEI għandu jibqa' jipprovdi lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni r-rapporti indipendenti ta' valutazzjoni kollha tiegħu li jivvalutaw ir-riżultati prattiċi milħuqa mill-attivitajiet speċifiċi tal-BEI skont il-mandati esterni.***

([1]) ***Skont ir-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.***

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'rapporti annwali dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI mwettqa skont din id-Deċiżjoni fil-livell proġettwali, settorjali, nazzjonali u reġjonali u tas-sodisfar tal-għanijiet strateġiċi u tal-politika esterna tal-UE, inkluża l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u istuzzjonijiet bilaterali oħra***, kif ukoll rapport ta' valutazzjoni tal-impatt fuq l-iżvilupp, kif imsemmi fl-Artikolu 9. Kwalunkwe Memoranda ta' Ftehim bejn il-BEI u IFIs jew istituzzjonijiet bilaterali oħrajn relatat mat-twettiq ta' operazzjonijiet finanzjarji skont din id-Deċiżjoni għandhom jiġu żvelati jew, meta l-iżvelar ma jkunx possibbli, dawn il-memoranda għandhom ikunu nnotifikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bħala parti mir-rappurtar annwali tal-Kummissjoni msemmi fil-paragrafu 1.***

3. Il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'data statistika, finanzjarja u ta' kontabilità dwar kull waħda mill-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI***, kif ukoll kwalunkwe tagħrif addizzjonali,*** meħtieġa biex jiġu ssodisfati d-dmirijiet ta' rappurtaġġ tal-Kummissjoni jew it-talbiet mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif ukoll b'ċertifikat ta' awditur dwar l-operazzjonijiet ta' finanzjament tal-BEI li jkunu għadhom pendenti.

4. Għall-finijiet tal-kontabilità u tar-rappurtaġġ tal-Kummissjoni tar-riskji koperti mill-Garanzija Komprensiva, il-BEI għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'valutazzjoni tar-riskju tal-BEI u b'informazzjoni dwar klassifikazzjoni li tikkonċerna l-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-BEI ma' min jissellef jew ma' persuni obbligati b'garanzija għajr għall-Istati.

5. Il-BEI għandu jipprovdi t-tagħrif imsemmi fil-paragrafi 2, 3 u 4 a spejjeż tiegħu. ***Bħala regola ġenerali, l-BEI għandu wkoll iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku dak t-tagħrif, għajr it-tagħrif kunfidenzjali. It-tagħrif dwar jekk il-proġett huwiex kopert b'din il-garanzija għandu jkun inkluż fis-'sommarju tal-proġett' żvelat fis-sit elettroniku tal-BEI wara l-fażi ta' approvazzjoni.***

***6. Il-BEI għadu jinkludi fir-rapport annwali tiegħu valutazzjoni ta' segwitu dwar l-operat tal-Memorandum ta' Ftehim mal-Ombudsman Ewropew.***

***Artikolu 14***

***Ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx***

***Fl-operazzjonijiet tal-finanzjament tiegħu, il-BEI ma għandux jaċċetta kwalunkwe attività li ssir bi skop illegali, inkluż il-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu, il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni fiskali. B'mod partikolari l-BEI ma għandu jipparteċipa fl-ebda operazzjoni implimentata f'pajjiż eliġibbli permezz ta' ġurisdizzjoni barranija li ma tikkooperaw identifikata bħala tali mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF) u minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħrajn.***

***Artikolu 15***

***Prospettivi għall-kooperazzjoni u żvilupp tal-finanzjament***

***Il-Kummissjoni għandha, flimkien mal-BEI, toħloq grupp ta' ħidma sabiex jiddiskuti l-prospettivi tal-kooperazzjoni u l-finanzjament għall-iżvilupp li joriġinaw mill-*** Unjoni ***sabiex jiġu rieżaminati l-prattiki eżistenti u jiġu ssuġġeriti tibdiliet fl-organizzazzjoni u l-koordinament tal-għajnuna għall-iżvilupp u ż-żieda fl-effiċjenza u l-effikaċja tagħha. Il-grupp ta' ħidma għandu jinkludi, kif jixraq, rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-Parlament Ewropew, ta' istituzzjonijiet ta' finanzjament Ewropej oħra, u għandu jikkonsulta, kif jixraq, lis-soċjetà ċivili, lis-settur privat u lill-esperti minn pajjiżi bi storja pożittiva bħala riċeventi ta' għajnuna għall-iżvilupp. Il-grupp ta' ħidma għandu jippreżenta r-rapport tiegħu flimkien ma' rakkomandazzjonijiet qabel il-31 ta' Diċembru 2012.***

Artikolu 16

L-irkupru tal-ħlasijiet magħmula mill-Kummissjoni

1. Fejn il-Kummissjoni tagħmel ħlas skont il-garanzija tal-UE, il-BEI, f'isem u fl-interess tal-Kummissjoni, għandu jsegwi l-irkupru tal-klejms għall-ammonti mħallsa.

2. Il-BEI u l-Kummissjoni għandhom jidħlu fi ftehim li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri ddettaljati li jirrelataw mal-irkupru tal-klejms mhux aktar tard mill-konklużjoni tal-ftehim li jissemma fl-Artikolu 17.

***3. F'ġieħ it-trasparenza, il-Kummissjoni għandha tippubblika fis-sit elettroniku tagħha d-dettalji kollha relatati ma' kull każ ta' rkupru fl-ambitu tal-ftehim ta' garanzija msemmi fl-Artikolu 17.***

4. ***Pagamenti u rkupri fl-ambitu tal-ftehim ta' garanzija tal-UE li jkunu attribwibbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu vverifikati mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.***

Artikolu 17

Ftehim ta' garanzija

Il-BEI u l-Kummissjoni għandhom jidħlu fi ftehim ta' garanzija li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet u l-proċeduri dettaljati li jirrelataw mal-garanzija tal-UE ***u għandhom jinfurmaw lill-Parlament Ewropew skont dan***.

***Artikolu 18***

***Kontroll mill-Qorti tal-Awdituri***

***Il-garanzija tal-Unjoni lill-BEI hija soġġetta għal kontroll mill-Qorti tal-Awdituri.***

Artikolu 19

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill għall-istabbiliment tal-garanzija tal-UE skont il-Qafas Finanzjarju li jmiss, kif jixraq.

Artikolu 20

Rapportar finali

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta ***lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*** rapport finali dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2014.

Artikolu 21

Revoka

Id-Deċiżjoni Nru 633/2009/KE ġiet revokata.

Artikolu 22

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

ANNESS I

LIMITI MASSIMI REĠJONALI TAL-MANDAT ĠENERALI

A. Pajjiżi f'fażi ta' preadeżjoni: ***EUR 9 166 000 000***;

B. Pajjiżi koperti mill-istrument tal-Viċinat u tas-Sħubija: ***EUR 13 664 000 000***;

maqsuma fis-sottolimiti massimi indikattivi li ġejjin:

(i) pajjiżi Mediterranji: ***EUR 9 700 000 000***;

(ii) Ewropa tal-Lvant, Kawkasu t'Isfel u Russja: ***EUR 3 964 000 000***;

C. Asja u Amerika Latina: ***EUR 3 837 000 000***;

maqsuma fis-sottolimiti massimi indikattivi li ġejjin:

(i) Amerika Latina: EUR 2 800 000 000;

(ii) Asja (inkluża Asja Ċentrali): ***EUR 1 037 000 000***;

D. Repubblika tal-Afrika t'Isfel: EUR 900 000 000.

Fi ħdan ***il-limiti massimi*** tal-Mandat Ġenerali, il-korpi regolatorji tal-BEI jistgħu jiddeċiedu li jallokaw mill-ġdid ammont sa ***20 % tal-limiti massimi*** reġjonali bejn ***ir-reġjuni***.

---

ANNESS II

REĠJUNI U PAJJIŻI ELIĠIBBLI JEW POTENZJALMENT ELIĠIBBLI

A. Pajjiżi f'fażi ta' preadeżjoni

1. Pajjiżi kandidati

Kroazja, Turkija, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja***, Repubblika tal-Islanda***.

2. Pajjiżi kandidati potenzjali

Albanija, Bosnja-Ħerzegovina, Montenegro, Serbja, Kosovo skont ir-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ▌.

B. Pajjiżi koperti mill-istrument tal-Viċinat u tas-Sħubija

1. Pajjiżi Mediterranji

Alġerija, Eġittu, Xatt tal-Punent u Strixxa ta' Gaża, Iżrael, Ġordan, Libanu, Libja, Marokk, Sirja, Tuneżija.

2. Ewropa tal-Lvant, Kawkasu t'Isfel u Russja

Ewropa tal-Lvant: Repubblika tal-Moldova, Ukraina, Bjelorusssja ***(*)*** [1];

Kawkasu t'Isfel: Armenja, Ażerbajġan, Ġeorġja;

Russja.

[1] ***Il-bidu tal-operazzjonijiet tal-BEI fil-Bjelorussja se jibqa' marbut mal-progress tal-pajjiż lejn id-demokrazija konformement mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-17 ta' Novembru 2009 dwar il-Bjelorussja u mar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta-10 ta' Marzu 2010 dwar is-sitwazzjoni tas-soċjetà ċivili u l-minoranzi nazzjonali fil-Bjelorussja (ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 37). Il-Kummissjoni sejra tinnotifika lill-BEI meta dawk il-kundizzjonijiet ikunu ntlaħqu u b'mod parallel se tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

C. Asja u Amerika Latina

1. Amerika Latina

Arġentina, Bolivja, Brażil, Ċilì, Kolombja, Kosta Rika, Kuba (*), Ekwador, El Salvador, Gwatemala, Ħonduras, Messiku, Nikaragwa, Panama, Paragwaj, Perù, Urugwaj, Venezwela.

2. Asja

Asja (għajr Asja Ċentrali): Afganistan (*), Bangladexx, Butan (*), Brunej, Kambodja (*), Ċina (inklużi r-Reġjuni Amministrattivi Speċjali ta' Ħong Kong u Makaw), Indja, Indoneżja, Iraq, Korea t'Isfel, Laos, Malasja, Maldive, Mongolja, Nepal, Pakistan, Filippini, Singapor, Sri Lanka, Tajwan (*), Tajlandja, Vjetnam, Jemen.

Asja Ċentrali: Kazakistan, Kirgiżistan, Taġikistan, Turkmenistan, Uzbekistan.

D. Afrika t'Isfel: Repubblika tal-Afrika t'Isfel.

---

## Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea ***

P7_TA(2011)0063

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (08505/2010 – C7-0320/2010 – 2010/0075(NLE))**

(2012/C 188 E/31)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (08505/2010),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (08530/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 91, Artikolu 100(2), Artikolu 167(3), Artikolu 207 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) (v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0320/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0034/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Korea.

---

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

# Il-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi *

P7_TA(2011)0070

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-Politika tal-Impjiegi tal-Istati Membri (COM(2011)0006 – C7-0033/2011 – 2011/0007(CNS))**

(2012/C 188 E/32)

(Proċedura leġislattiva speċjali – konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2011)0006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 148(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0033/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0040/2011),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kunsill biex jinnotifika lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jibdel it-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsulta lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali

4. Itenni t-talba għamel żmien ilu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiżguraw li l-Parlament jingħata ż-żmien meħtieġ, u fi kwalunkwe każ mhux anqas minn ħames xhur, biex jesprimi l-opinjonijiet tiegħu dwar il-Linji Gwida Integrati (Linji Gwida Ġenerali dwar Politika Ekonomika u Linji Gwida dwar l-Impjiegi) fil-qafas tas-Semestru Ewropew u biex jaqdi r-rwol konsultattiv tiegħu kif definit fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat rigward ir-reviżjoni tal-linji gwida tal-Istati Membri dwar l-impjiegi, li għandu jseħħ fl-2014;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

2012/C 188 E/15 Proċedura b'kumitati assoċjati u r-referenza lura lill-Kumitat (interpretazzjoni tal-Artikoli 50 u 56)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-proċedura b'kumitati assoċjati u r-referenza lura lill-kumitat f'każ ta' ċaħda ta' proposta tal-Kummissjoni (interpretazzjoni tal-Artikoli 50 u 56 tar-Regoli ta' Proċedura) 65

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 15 ta' Frar 2011**

2012/C 188 E/16 Emenda tal-Ftehim KE/Afrika t'Isfel dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta'deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (10297/2010 – C7-0190/2010 – 2010/0119(NLE)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 67

2012/C 188 E/17 Ftehimiet bejn l-UE, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja (Mekkaniżmi Finanzjarji 2009-2014 u importazzjoni lejn l-UE ta' ċertu ħut u prodotti tas-sajd 2009-2014) ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanż-jarju taż-ŻEE għall-perjodu 2009-2014, Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja dwar Mekkaniżu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu 2009-2014, Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Islanda, li jikkonċerna dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea ta' ċertu ħut u prodotti tas-sajd għall-perijodu 2009-2014, u Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u n-Norveġja, li jikkonċerna dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea ta' ċertu ħut u prodotti tas-sajd għall-perijodu 2009-2014 (09902/2010 – C7-0225/2010 – 2010/0129(NLE)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 68

2012/C 188 E/18 Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federali tal-Brażil dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kusill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (13988/2010 – C7-0335/2010 – 2009/0115(NLE)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 69

2012/C 188 E/19 Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu bejn l-2007 u l-2013 ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplimentari relatati mal-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sal-2013 (07853/2010 – C7-0101/2010 – 2009/0148(NLE)) . . . . 69

MT

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

2012/C 188 E/20 L-adeżjoni tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-UE u l-KE dwar l-assoċjazzjoni tal-Isvizzera fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen (06077/2010– C7-0141/2010 – 2006/0251(NLE)) ..... 70

2012/C 188 E/21 L-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera dwar iddeterminazzjoni tal-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għal asil imressqa fi Stat Membru jew fl-Isvizzera ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-ħatra tal-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għal asil imressqa fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (06242/2010 – C7-0140/2010 – 2006/0252(NLE)) ..... 71

2012/C 188 E/22 Ftehim bejn l-UE u l-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għal permanenzi qosra għad-detenturi ta' passaporti ordinarji ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar ir-rinunzja għall-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti ordinarji (16364/2010 – C7-0400/2010 – 2010/0228(NLE)) ..... 72

2012/C 188 E/23 Ftehim bejn l-UE u l-Brażil dwar l-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għal permanenzi qosra għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, ta' servizz jew uffiċjali ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil dwar eżenzjoni mill-viża għal permanenzi qosra għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, ta' servizz jew uffiċjali (16362/2010 – C7-0399/2010 – 2010/0222(NLE)) ..... 73

2012/C 188 E/24 Id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ ***III

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ and li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (PE-CONS 00063/2010 – C7-0015/2011 – 2008/0237(COD)) ..... 73

2012/C 188 E/25 Standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief (LCVs) ġodda ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief (LCVs) ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi għal użu ħafif (COM(2009)0593 – C7-0271/2009 – 2009/0173(COD)) ..... 74

P7_TC1-COD(2009)0173

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi għal użu ħafif ..... 75

2012/C 188 E/26 Kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja (05538/2011 – C7-0044/2011 – 2010/0384(NLE)) ..... 76

MT

2012/C 188 E/27 Kontaminazzjoni radjoattiva tal-ikel ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika (riformulazzjoni) (COM(2010)0184 – C7-0137/2010 – 2010/0098(COD)) . . . . . 79

P7_TC1-COD(2010)0098

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Frar 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 *tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* li jistabbilixxi livelli massimi permissibli ta' kontaminazzjoni radjoattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew f'kull każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika (tfassil mill-ġdid) . . . . . 80

ANNESS I . . . . . 87

ANNESS II . . . . . 87

ANNESS III . . . . . 89

ANNEX IV . . . . . 89

ANNEX V . . . . . 89

**L-Erbgħa 16 ta' Frar 2011**

2012/C 188 E/28 Prodotti mediċinali foloz ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/83/KE rigward il-prevenzjoni tad-dħul ta' prodotti mediċinali fil-katina legali tal-provvista li huma foloz fir-rigward ta' identità, storja jew sors (COM(2008)0668 – C6-0513/2008 – 2008/0261(COD)) . . . . . 91

P7_TC1-COD(2008)0261

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-16 ta' Frar 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, rigward il-prevenzjoni tad-dħul fil-katina legali tal-provvista ta' prodotti mediċinali falsifikati . . . . . 92

**Il-Ħamis 17 ta' Frar 2011**

2012/C 188 E/29 Il-klawżola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Korea ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar il-Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawżola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Korea (COM(2010)0049 – C7-0025/2010 – 2010/0032(COD)) . . . . . 93

P7_TC1-COD(2010)0032

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-17 ta' Frar 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Korea . . . . . 93

ANNESS I . . . . . 94

ANNESS II . . . . . 94

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2012/C 188 E/30 L-għoti ta' garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal proġetti barra mill-UE ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal proġetti barra mill-Unjoni Ewropea (COM(2010)0174 – C7-0110/2010 – 2010/0101(COD)) ............ 95

P7_TC1-COD(2010)0101

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fis-17 ta' Frar 2011 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru .../2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropew tal-Investiment kontra telf minn self u garanziji għal proġetti barra mill-Unjoni Ewropea

[Emenda 1, sakemm mhux indikat mod ieħor] ........ 96

ANNESS I ........ 112

ANNESS II ........ 112

2012/C 188 E/31 Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (08505/2010 – C7-0320/2010 – 2010/0075(NLE)) ........ 113

2012/C 188 E/32 Il-linji gwida għall-politiki tal-Istati Membri dwar l-impjiegi *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011 dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-Politika tal-Impjiegi tal-Istati Membri (COM(2011)0006 – C7-0033/2011 – 2011/0007(CNS)) ........ 114

MT

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta' parir konformi |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT